# WERREJ

## A. Protokolli annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa


1. Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea

2. Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità

3. Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea

4. Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

5. Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment

6. Protokoll dwar is-siti tas-sedi ta' l-istituzzjonijiet u ta' ċerti korpi, aġenziji u dipartimenti ta' l-Unjoni Ewropea

7. Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea

8. Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja

9. Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka

10. Protokoll dwar il-proċedura dwar id-*deficit* eċċessiv

11. Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza

12. Protokoll dwar il-Grupp tal-euro

13. Protokoll dwar ċerti disposizzjonijiet rigward ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja

14. Protokoll dwar ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Danimarka fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja

15. Protokoll dwar ċerti kompiti tal-Bank Nazzjonali tad-Danimarka

16. Protokoll dwar is-sistema tal-*franc* tal-Komunità Finanzjarja tal-Paċifiku

17. Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-kwadru ta' l-Unjoni Ewropea

18. Protokoll dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti ta' l-Artikolu III-130 tal-Kostituzzjoni għar-Renju Unit u għall-Irlanda

19. Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda dwar politika rigward il-kontrolli fuq il-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni u rigward il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u l-koperazzjoni tal-pulizija

20. Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka

21. Protokoll dwar ir-relazzjonijiet esterni ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-qsim ta' fruntieri esterni

22. Protokoll dwar l-asil għal ċittadini ta' l-Istati Membri

23. Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti stabbilita bl-Artikolu I-41(6) u bl-Artikolu III-312 tal-Kostituzzjoni

24. Protokoll dwar l-Artikolu I-41(2) tal-Kostituzzjoni

25. Protokoll dwar importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi

26. Protokoll dwar l-akkwist ta' propjetà fid-Danimarka

27. Protokoll dwar is-sistema ta' xandir pubbliku fl-Istati Membri

28. Protokoll dwar l-Artikolu III-214 tal-Kostituzzjoni

29. Protokoll dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

30. Protokoll dwar arranġamenti speċjali għall-Groenlandja

31. Protokoll dwar l-Artikolu 40.3.3 tal-Kostituzzjoni ta' l-Irlanda

32. Protokoll rigward l-Artikolu I-9(2) tal-Kostituzzjoni dwar l-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

33. Protokoll dwar l-Atti u t-Trattati li ssupplimentaw jew emendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

34. Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni

35. Protokoll dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' l-iskadenza tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar

36. Protokoll li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika

B. Annessi għat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa

1. Anness I - Lista prevista fl-Artikolu III-226 tal-Kostituzzjoni

2. Anness II - Pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom japplika t-Titolu IV tal-Parti III tal-Kostituzzjoni

# A. PROTOKOLLI

# ANNESSI MAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

# 1. PROTOKOLL
# DWAR IR-RWOL TAL-PARLAMENTI NAZZJONALI
# TA' L-ISTATI MEMBRI FL-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU li l-mod li bih il-parlamenti nazzjonali jeżerċitaw kontroll fuq il-gvernijiet f'dak li jolqot l-attivitajiet ta' l-Unjoni hija materja ta' l-organizzazzjoni u l-prattika kostituzzjonali partikolari ta' kull Stat Membru;

BIX-XEWQA li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni akbar tal-parlamenti nazzjonali fl-attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropea u li jkabbru l-kapaċità tagħhom biex jesprimu l-opinjonijiet proprji dwar abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej kif ukoll dwar materji oħra li jistgħu jkunu ta' interess partikolari għalihom,

FTEHMU DWAR id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

TITOLU I

INFORMAZZJONI GĦALL-PARLAMENTI NAZZJONALI

ARTIKOLU 1

Id-dokumenti ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni (*green papers* u *white papers* u komunikazzjonijiet) għandhom jintbagħtu direttament mill-Kummissjoni lill-parlamenti nazzjonali hekk kif jiġu pubblikati. Il-Kummissjoni għandha wkoll tibgħat lill-parlamenti nazzjonali l-programm leġislattiv annwali kif ukoll kwalunkwe strument ta' ppjanar leġislattiv jew ta' strateġija ta' politika fl-istess ħin li tibgħathom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

ARTIKOLU 2

L-abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej mibgħuta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandhom jintbagħtu lill-parlamenti nazzjonali.

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej", għandha tfisser proposti mill-Kummissjoni, inizjattivi ta' grupp ta' Stati Membri, inizjattivi tal-Parlament Ewropew, rikjesti mill-Qorti tal-Ġustizzja, rakkomandazzjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew jew rikjesti mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, bl-iskop li jiġu adottati bħala atti leġislattivi Ewropej.

Abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej li jiġu mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu direttament lill-parlamenti nazzjonali mill-Kummissjoni, fl-istess ħin li jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej li jiġu mill-Parlament Ewropew għandhom jintbagħtu direttament lill-parlamenti nazzjonali mill-Parlament Ewropew.

Abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej li jiġu minn grupp ta' Stati Membri, mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandhom jintbagħtu lill-parlamenti nazzjonali mill-Kunsill.

ARTIKOLU 3

Il-parlamenti nazzjonali jistgħu jibgħatu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, opinjoni motivata dwar jekk abbozz ta' att leġislattiv Ewropew josservax il-prinċipju ta' sussidjarjetà, skond il-proċedura stabbilita fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

Jekk l-abbozz ta' att leġislattiv Ewropew jiġi minn grupp ta' Stati Membri, l-President tal-Kunsill għandu jibgħat l-opinjoni jew l-opinjonijiet motivati lill-gvernijiet ta' dawk l-Istati Membri.

Jekk l-abbozz ta' att leġislattiv Ewropew jiġi mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, il-President tal-Kunsill għandu jibgħat l-opinjoni jew l-opinjonijiet motivati lill-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat.

ARTIKOLU 4

Għandu jgħaddi perijodu ta' sitt ġimgħat bejn meta abbozz ta' att leġislattiv Ewropew ikun disponibbli għall-parlamenti nazzjonali fil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni u d-data meta jitpoġġa fuq aġenda provviżorja tal-Kunsill biex jiġi adottat jew biex tiġi adottata posizzjoni skond proċedura leġislattiva. Għandu jkun possibbli li jsiru eċċezzjonijiet f'każijiet ta' urġenza, li r-raġunijiet għaliha għandhom jiġu dikjarati fl-att jew fil-posizzjoni tal-Kunsill. Salv f'każijiet urġenti li għalihom ikunu ingħataw raġunijiet xierqa, ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim fuq abbozz ta' att leġislattiv Ewropew matul dawk is-sitt ġimgħat. Salv f'każijiet urġenti li għalihom ikunu ngħataw raġunijiet xierqa, għandu jgħaddi perijodu ta' għaxart' ijiem bejn meta jitpoġġa abbozz ta' att leġislattiv Ewropew fuq l-aġenda provviżorja tal-Kunsill u l-adozzjoni ta' posizzjoni.

ARTIKOLU 5

L-aġendi u r-riżultati tal-laqgħat tal-Kunsill, inklużi l-minuti tal-laqgħat li fihom il-Kunsill ikun qed jiddiskuti abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej, għandhom jintbagħtu direttament lill-parlamenti nazzjonali, fl-istess ħin li jintbagħtu lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU 6

Meta l-Kunsill Ewropew ikollu l-intenzjoni li jagħmel użu mill-Artikolu IV-444(1) jew (2) tal-Kostituzzjoni, l-parlamenti nazzjonali għandhom ikunu infurmati dwar l-inizjattiva tal-Kunsill Ewropew mill-inqas sitt xhur qabel ma tkun adottata deċiżjoni Ewropea.

## ARTIKOLU 7

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tibgħat ir-rapport annwali tagħha lill-parlamenti nazzjonali, għall-informazzjoni, fl-istess ħin li tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## ARTIKOLU 8

Fejn is-sistema parlamentari nazzjonali ma tkunx unikamerali, l-Artikoli 1 sa 7 għandhom japplikaw għall-kmamar li jikkomponuhom.

# TITOLU II

# KOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI

## ARTIKOLU 9

Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandhom flimkien jiddefinixxu l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' koperazzjoni interparlamentari effettiva u regolari fi ħdan l-Unjoni.

## ARTIKOLU 10

Konferenza ta' l-korpi parlamentari speċjalizzati fl-affarijiet ta' l-Unjoni tista' tissottometti kull kontribuzzjoni li jidhrilha xierqa għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Dik il-konferenza għandha tippromwovi, fost affarijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattika bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, inklużi il-kumitati speċjali tagħhom. Hija tista' wkoll torganizza konferenzi interparlamentari fuq materji speċifiċi, partikolarment sabiex tiddibatti dwar materji ta' politika estera u ta' sigurtà komuni, inkluża l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni. Kontribuzzjonijiet mill-konferenza m'għandhomx jorbtu lill-parlamenti nazzjonali u m'għandhomx jippreġudikaw il-posizzjonijiet tagħhom.

# 2. PROTOKOLL
# DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TA' SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BILLI JIXTIEQU li jsir b'mod li d-deċiżjonijiet jittieħdu qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadini ta' l-Unjoni;

DETERMINATI li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, kif stabbiliti fl-Artikolu I-11 tal-Kostituzzjoni, u kif ukoll li jistabbilixxu sistema għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji,

FTEHMU fuq id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Kull istituzzjoni għandha tassigura r-rispett kontinwu għall-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, kif stabbiliti fl-Artikolu I-11 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 2

Qabel ma tipproponi atti leġislattivi Ewropej, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta fil-wisa'. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, fejn xieraq, iqisu d-dimensjoni reġjonali u lokali ta' l-azzjoni maħsuba. F'każijiet ta' urġenza eċċezzjonali, l-Kummissjoni m'għandhiex tagħmel dawn il-konsultazzjonijiet. Għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni fil-proposta tagħha.

## ARTIKOLU 3

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, il-frażi "abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej", għandha tfisser proposti mill-Kummissjoni, inizjattivi minn grupp ta' Stati Membri, inizjattivi mill-Parlament Ewropew, rikjesti mill-Qorti tal-Ġustizzja, rakkomandazzjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew u rikjesti mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, biex jiġi adottat att leġislattiv Ewropew.

## ARTIKOLU 4

Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozzi tagħha ta' atti leġislattivi Ewropej kif ukoll l-abbozzi emendati tagħha lill-parlamenti nazzjonali fl-istess ħin li tibgħathom lil-leġislatur ta' l-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew għandu jibgħat l-abbozzi tiegħu ta' atti leġislattivi Ewropej kif ukoll l-abbozzi emendati tiegħu lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Kunsill għandu jibgħat abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej li jiġu minn grupp ta' Stati Membri, mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, kif ukoll abbozzi emendati, lill-parlamenti nazzjonali.

Riżoluzzjonijiet leġislattivi tal-Parlament Ewropew u posizzjonijiet tal-Kunsill għandhom, meta jiġu adottati, jintbagħtu mill-Kunsill lill-parlamenti nazzjonali.

ARTIKOLU 5

Abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej għandhom jiġu ġġustifikati fir-rigward tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Kull abbozz ta' att leġislattiv Ewropew għandu jinkludi fih dikjarazzjoni dettaljata li tagħmel possibbli valutazzjoni fir-rigward ta' l-osservanza tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi xi elementi li jagħmlu possibbli l-valutazzjoni ta' l-impatt finanzjarju ta' l-abbozz u, fil-każ ta' liġi kwadru Ewropea, ta' l-implikazzjonijiet tagħha għar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluża, fejn ikun neċessarju, l-leġislazzjoni reġjonali. Ir-raġunijiet li jwasslu għall-konklużjoni li xi mira ta' l-Unjoni tista' tintlaħaq aħjar fil-livell ta' l-Unjoni għandhom jiġu sostanzjati b'indikaturi kwalitattivi u, fejn hu possibbli, kwantitattivi. Abbozzi ta' atti leġislattivi Ewropej għandhom iqisu l-ħtieġa li kwalunkwe piż, kemm finanzjarju kif ukoll amministrattiv, li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq awtoritajiet reġjonali jew lokali, fuq operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, ikun minimizzat u proporzjonat għall-mira li trid tintlaħaq.

ARTIKOLU 6

Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu, fi żmien sitt ġimgħat mid-data meta jirċievu abbozz ta'att leġislattiv Ewropew, jibgħatu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisu li l-abbozz in kwistjoni ma josservax il-prinċipju ta' sussidjarjetà. Kull parlament nazzjonali u kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu jikkonsultaw, meta huwa xieraq, mal-parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat leġislattivi.

Jekk l-abbozz ta' att leġislattiv Ewropew ġej minn grupp ta' Stati Membri, l-President tal-Kunsill għandu jibgħat l-opinjoni lill-gvernijiet ta' dawk l-Istati Membri.

Jekk l-abbozz ta' att leġislattiv Ewropew ġej mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, il-President tal-Kunsill għandu jibgħat l-opinjoni lill-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat.

ARTIKOLU 7

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, kif ukoll, fejn huwa xieraq, il-grupp ta' Stati Membri, l-Qorti tal-Ġustizzja, l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-Bank Ewropew ta' l-Investiment jekk l-abbozz ta' att leġislattiv ġej minnhom, għandhom iqisu l-opinjonijiet motivati ta' parlamenti nazzjonali jew ta' kamra ta' parlament nazzjonali.

Kull parlament nazzjonali għandu jkollu żewġ voti, imqassma fuq il-bażi tas-sistema parlamentari nazzjonali. Fil-każ ta' sistema Parlamentari bikamerali, kull waħda miż-żewgt ikmamar għandu jkollha vot wieħed.

Meta l-opinjonijiet motivati dwar in-nuqqas ta' l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà ta' abbozz ta' att leġislattiv Ewropew jirrappreżentaw għall-anqas terz tal-voti kollha allokati lill-parlamenti nazzjonali skond it-tieni subparagrafu, l-abbozz għandu jiġi rivedut. Dan il-livell minimu għandu jkun ta' kwart fil-każ ta' abbozz ta' att leġislattiv Ewropew sottomess skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-264 tal-Kostituzzjoni dwar l-oqsma tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja.

Wara din ir-reviżjoni, l-Kummissjoni, jew, skond il-każ, il-grupp ta' Stati Membri, l-Parlament Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-Bank Ewropew ta' l-Investiment, jekk l-abbozz ta' att leġislattiv Ewropew ġej minnhom, jistgħu jiddeċiedu li jżommu, jemendaw jew jirtiraw l-abbozz. Għandhom jiġu mogħtija raġunijiet għal din id-deċiżjoni.

ARTIKOLU 8

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea hija kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi rikorsi bbażati fuq il-ksur tal-prinċipji ta' sussidjarjetà, minn att leġislattiv Ewropew, li jinġiebu skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu III-365 tal-Kostituzzjoni minn Stat Membru jew notifikati minnhom skond l-ordinament ġuridiku tagħhom f'isem il-parlament nazzjonali tagħhom jew kamra tiegħu.

Skond ir-regoli previsti fl-imsemmi Artikolu tal-Kostituzzjoni, l-Kumitat tar-Reġjuni jista' ukoll jagħmel rikors bħal dan kontra atti leġislattivi Ewropej, li biex jiġu adottati, l-Kostituzzjoni tipprevedi li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun konsultat dwarhom.

ARTIKOLU 9

Il-Kummissjoni għandha tissottometti kull sena lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali, rapport dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-11 tal-Kostituzzjoni. Dan ir-rapport annwali għandu jiġi mgħoddi wkoll lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

# 3. PROTOKOLL

# DWAR L-ISTATUT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jistabbilixxu l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea previst fl-Artikolu III-381 tal-Kostituzzjoni,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

ARTIKOLU 1

Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea hija kostitwita u teżerċita l-funzjonijiet tagħha skond il-Kostituzzjoni, t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Trattat tal-KEEA u dan l-Istatut.

TITOLU I

L-ISTATUT TA' L-IMĦALLFIN U L-AVUKATI ĠENERALI

ARTIKOLU 2

Qabel ma jassumi l-kariga, kull Imħallef għandu, f'seduta pubblika tal-Qorti tal-Ġustizzja, jaħlef li jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'imparzjalità u skond il-kuxjenza u li jħares is-segretezza tad-deliberazzjonijiet tal-Qorti.

ARTIKOLU 3

L-Imħallfin igawdu l-immunità minn proċedimenti legali kontrihom. Wara li jkunu spiċċaw mill-kariga, jibqgħu jgawdu l-immunità rigward l-atti li jkunu wettqu fil-kariga uffiċjali tagħhom, inklużi l-kliem u l-kitba tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, f'seduta plenarja, tista' tneħħi din l-immunità. Jekk id-deċiżjoni tikkonċerna membru tal-Qorti Ġenerali jew ta' qorti speċjalizzata, l-Qorti għandha tiddeċiedi wara li tkun ikkonsultat lill-qorti kkonċernata.

Meta l-immunità tkun tneħħiet u jittieħdu proċeduri kriminali kontra mħallef, dan jista' jkun ġustizzjat biss minn qorti kompetenti biex tiġġudika l-membri ta' l-ogħla ġudikatura nazzjonali, f'xi wieħed mill-Istati Membri.

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni għandhom japplikaw għall-Imħallfin, għall-Avukati Ġenerali, għar-Reġistraturi u għall-Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-immunità ta' l-Imħallfin minn proċedimenti legali li huma previsti fl-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 4

L-Imħallfin ma jista' jkollhom l-ebda kariga politika jew amministrattiva.

Ma jistgħu jeżerċitaw ebda attività professjonali, bi ħlas jew mingħajr, ħlief bl-eżenzjoni eċċezzjonali mogħtija b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi.

Meta jassumu d-doveri tagħhom, dawn għandhom jintrabtu solennement li kemm matul il-perjodu tal-kariga tagħhom, kif ukoll wara li din tkun intemmet, jirrispettaw l-obbligi marbuta magħha, b'mod partikolari d-doveri ta' l-integrità u d-diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu temmew il-kariga, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.

F'każ ta' dubju dwar dan tiddeċiedi l-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk id-deċiżjoni tikkonċerna membru tal-Qorti Ġenerali jew ta' qorti speċjalizzata, l-Qorti għandha tiddeċiedi wara li tkun ikkonsultat il-qorti kkonċernata.

ARTIKOLU 5

Apparti s-sostituzzjoni normali, jew il-mewt, id-dmirijiet ta' Mħallef jintemmu individwalment meta dan jirriżenja.

Meta Mħallef jirriżenja, l-ittra tar-riżenja għandha tiġi ndirizzata lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tintbagħat lill-President tal-Kunsill. Din in-notifika ġġib magħha li titbattal sedja.

Ħlief fejn ikun japplika l-Artikolu 6, l-Imħallef ikompli fil-kariga sakemm is-suċċessur tiegħu jassumi d-doveri tiegħu.

ARTIKOLU 6

Imħallef jista' jiġi mneħħi mill-kariga tiegħu jew miċħud mid-dritt tiegħu għal pensjoni jew minn vantaġġi oħra minflokha, f'każ biss li, fuq opinjoni unanima ta' l-Imħallfin u ta' l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jkunx iktar fil-pussess tar-rekwiżiti meħtieġa jew ma jissodisfax iktar l-obbligi tal-kariga tiegħu. L-Imħallef ikkonċernat ma jieħux parti f'deliberazzjoni bħal din. Jekk il-persuna kkonċernata tkun membru tal-Qorti Ġenerali jew ta' qorti speċjalizzata, l-Qorti għandha tiddeċiedi wara li tkun ikkonsultat lill-qorti kkonċernata.

Ir-Reġistratur għandu jikkomunika din id-deċiżjoni tal-Qorti lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-President tal-Kummissjoni u għandu jgħarraf biha wkoll lill-President tal-Kunsill.

F'każ ta' deċiżjoni li jitneħħa Mħallef mill-kariga, n-notifika ġġib magħha li titbattal sedja.

## ARTIKOLU 7

Imħallef li l-funzjoni tiegħu tintemm qabel l-iskadenza tal-mandat tiegħu jiġi sostitwit għall-bqija taż-żmien tal-mandat.

## ARTIKOLU 8

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 7 għandhom japplikaw għall-Avukati Ġenerali.

## TITOLU II

## ORGANIZZAZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## ARTIKOLU 9

Meta ssir is-sostituzzjoni parzjali ta' l-Imħallfin, li sseħħ kull tlett snin, jiġu sostitwiti, alternattivament, tlettax u tnax-il Imħallef.

Fis-sostituzzjoni parzjali ta' l-Avukati Ġenerali, li sseħħ kull tliet snin, imiss erba' Avukati Ġenerali kull darba.

ARTIKOLU 10

Ir-Reġistratur jieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li jaqdi dmirijietu b'imparzjalità sħiħa u skond il-kuxjenza u li jħares is-segretezza tad-deliberazzjonijiet.

ARTIKOLU 11

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tipprovdi għas-sostituzzjoni tar-Reġistratur f'każ li dan ma jkunx jista' jattendi.

ARTIKOLU 12

Uffiċjali u impjegati oħra għandhom jiġu addetti mal-Qorti tal-Ġustizzja biex din tkun tista' tiffunzjona. Huma għandhom ikunu responsabbli lejn ir-Reġistratur taħt l-awtorità tal-President.

ARTIKOLU 13

Liġi Ewropea tista' tipprovdi għall-ħatra ta' Assistenti Relaturi, u tistabbilixxi r-regoli dwar is-servizz tagħhom. Din għandha tiġi adottata fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-Assistenti Relaturi jistgħu jiġu msejjħa, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura, biex jipparteċipaw fl-istruzzjoni tal-kawzi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u biex jikkoperaw ma' l-Imħallef Relatur.

L-Assistenti Relaturi għandhom jintgħażlu minn persuni li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li jippossjedu l-kwalifiki legali meħtieġa; huma għandhom jinħatru b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi. Huma jieħdu ġurament quddiem il-Qorti li jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'imparzjalità sħiħa u skond il-kuxjenza, u li jħarsu s-segretezza tad-deliberazzjonijiet.

ARTIKOLU 14

L-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur għandhom joqogħdu fil-lokalità fejn il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha s-sede.

ARTIKOLU 15

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' b'mod permanenti. It-tul tal-ferjat jiġi stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja billi tqis il-ħtiġiet tax-xogħol tagħha.

ARTIKOLU 16

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistitwixxi fi ħdanha awli komposti minn tliet u ħames Imħallfin. L-Imħallfin għandhom jaħtru minn fosthom il-Presidenti ta' l-awli. Il-Presidenti ta' l-awli b'ħames Imħallfin jiġu eletti għal tliet snin. Jistgħu jerġgħu jiġu eletti darba biss.

L-Awla Manja tikkonsisti minn tlettax-il Imħallef. Din tkun presjeduta mill-President tal-Qorti. Il-Presidenti ta' l-awli ta' ħames Imħallfin kif ukoll Imħallfin oħra maħtura skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura jagħmlu wkoll parti mill-Awla Manja.

Il-Qorti tiltaqa' f'Awla Manja meta Stat Membru jew istituzzjoni ta' l-Unjoni, li jkunu parti fil-kawża, hekk jitolbu.

Il-Qorti tiltaqa' bħala Qorti plenarja meta jinġiebu quddiemha rikorsi skond l-Artikolu III-335(2), it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-347, l-Artikolu III-349 jew l-Artikolu III-385(6) tal-Kostituzzjoni.

Barra minn hekk, meta jidhrilha li każ pendenti quddiemha jkun ta' importanza eċċezzjonali, l-Qorti tista' tiddeċiedi, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, li tirreferi l-kawża lill-Qorti plenarja.

ARTIKOLU 17

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi validament biss meta tkun komposta bil-fard.

Id-deċiżjonijiet ta' l-awli komposti minn tlieta jew minn ħames Imħallfin ikunu validi biss jekk mogħtija minn tliet Imħallfin.

Id-deċiżjonijiet ta' l-Awla Manja jkunu validi biss jekk l-Imħallfin sedenti jkunu disgħa.

Id-deċizjonijiet tal-Qorti plenarja jkunu validi biss jekk ikun hemm ħmistax-il Imħallef sedenti.

Fil-każ ta' impediment ta' wieħed mill-Imħallfin ta' awla, Imħallef ta' awla oħra jista' jissejjaħ biex jieħu s-sedja skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

ARTIKOLU 18

Ebda Mħallef jew Avukat Ġenerali ma jista' jieħu sehem fit-trattazzjoni ta' kawża li jista' jkun ħa parti fiha qabel bħala aġent jew konsulent jew ikun aġixxa għal waħda mill-partijiet, jew li jkun ġie msejjaħ biex jippronunzja ruħu bħala membru tal-qorti jew ta' tribunal, ta' Kummissjoni ta' inkjesta jew f'kapaċità oħra.

Jekk, għal xi raġuni speċjali, xi mħallef jew Avukat Ġenerali jikkunsidra li m'għandux jieħu sehem fis-sentenza jew fl-eżami ta' xi kawża partikolari, hu għandu jinforma lill-President. Jekk il-President jikkunsidra li xi Mħallef jew Avukat Ġenerali għal xi raġuni speċjali m'għandux jisma' jew jagħti sentenza f'kawża partikolari, huwa għandu jgħarrfu b'dan.

F'każ ta diffikultà fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, din għandha tiġi deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Parti ma tistax titlob il-bidla fil-komposizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew ta' waħda mill-awli tagħha għar-raġuni la taċ-ċittadinanza ta' Imħallef u lanqas ta' l-assenza mill-Qorti jew mill-awla ta' Mħallef taċ-ċittadinanza ta' dik il-parti.

TITOLU III

PROĊEDURA QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

ARTIKOLU 19

L-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom ikunu rappreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn aġent maħtur għal kull każ. L-aġent jista' jkun assistit minn konsulent jew minn avukat.

L-Istati li huma parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, barra mill-Istati Membri, kif ukoll l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-Assoċazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) prevista f'dak il-Ftehim għandhom ikunu rappreżentati bl-istess mod.

Partijiet oħra għandhom ikunu rappreżentati minn avukat.

Avukat jista' jirrappreżenta jew jassisti parti quddiem il-Qorti biss jekk ikun awtorizzat biex jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Meta jidhru quddiem il-Qorti dawn l-aġenti, l-konsulenti u l-avukati, għandhom igawdu d-drittijiet u l-immunitajiet meħtieġa għall-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

Fir-rigward ta' dawn il-konsulenti u l-avukati li jidhru quddiemha, l-Qorti għandu jkollha s-setgħat li ġeneralment igawdu qrati u tribunali, skond il-kondizzjonijet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

Għalliema ta' l-Università li jkunu ċittadini ta' l-Istati Membri li l-liġi tagħhom tagħtihom id-dritt ta' udjenza għandu jkollhom l-istess drittijiet quddiem il-Qorti li dan l-Artikolu jagħti lill-avukati.

## ARTIKOLU 20

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonsisti f'żewġ partijiet: dik miktuba u dik orali.

Il-proċedura miktuba tikkonsisti fil-komunikazzjoni lill-partijiet u lill-istituzzjonijiet, lill-korpi jew lill-aġenziji ta' l-Unjoni li l-azzjonijiet tagħhom ikunu qed jiġu mistħarrġa, ta' rikorsi, dikjarazzjonijiet dwar il-każ, difiżi u osservazzjonijiet, u ta' repliki, jekk ikun hemm, kif ukoll ta' skritturi u dokumenti miġjuba biex isaħħu l-każ jew ta' kopji awtentikati tagħhom.

Il-komunikazzjonijiet għandhom isiru mir-Reġistratur fl-ordni u fit-termini stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

Il-proċedura orali għandha tikkonsisti fil-qari tar-rapport ippreżentat minn Imħallef li jkun jaġixxi bħala Relatur, fis-smigħ mill-Qorti ta' aġenti, konsulenti u avukati u fis-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, kif ukoll fis-smigħ, jekk ikun hemm, ta' xhieda u esperti.

Meta l-Qorti tqis li l-kawża ma tqajjimx xi punt ġdid ta' dritt, hija tista' tiddeċiedi, wara li tisma' l-Avukat Ġenerali, illi l-kawża tista' tinqata' mingħajr sottomissjoni mill-Avukat Ġenerali.

ARTIKOLU 21

Każ jista' jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' rikors bil-miktub li jintbagħat lir-Reġistratur. Fir-rikors għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz permanenti tar-rikorrent u l-kwalità tal-firmatarju, l-isem tal-parti jew tal-partijiet li kontrihom ikun qed isir ir-rikors, l-materja tal-kwistjoni, l-konklużjonjiet u dikjarazzoni fil-qosor tal-motivi tat-talba.

Ir-rikors għandu jkun akkompanjat, meta jkun il-każ, mill-att li tiegħu jintalab l-annullament jew, fl-ipotesi kontemplata fl-Artikolu III-367 tal-Kostituzzjoni, minn xhieda dokumentata li tiċċertifika d-data meta istituzzjoni tkun ġiet mitluba taġixxi, skond dak l-Artikolu. Jekk dawn id-dokumenti ma jkunux ġew sottomessi mar-rikors, ir-Reġistratur għandu jsejjaħ lill-parti interessata biex tipproduċihom fi żmien raġonevoli, iżda bla ma tkun tista tiġi eċċepita l-iskadenza tat-terminu meta d-dokumenti jinġiebu wara li jkun għalaq iż-żmien li fih kellu jsir ir-rikors.

## ARTIKOLU 22

Il-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 18 tat-Trattat tal-KEEA għandhom jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' rikors li jintbagħat lir-Reġistratur. L-appell għandu jkun fih l-isem u l-indirizz permanenti tar-rikorrent u l-kwalità tal-firmatarju, referenza għad-deċiżjoni li kontriha jkun qed jitressaq l-appell, l-ismijiet tal-partijiet li kontrihom ikun qed isir l-appell, l-oġġett tal-kawża, s-sottomissjonijiet u dikjarazzjoni fil-qosor tal-motivi ta' l-appell.

Mar-rikors għandu jkun hemm kopja awtentikata tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ li tkun qed tiġi kontestata.

Jekk il-Qorti tiċħad ir-rikors, is-sentenza tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ tkun definittiva.

Jekk il-Qorti tannulla d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Arbitraġġ, il-proċedura tista' terġa' tinfetaħ, jekk ikun il-każ, fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-partijiet fil-kawża, quddiem il-Kumitat ta' l-Arbitraġġ. Dan għandu jikkonforma mad-deċiżjonijiet dwar punti ta' dritt mogħtija mill-Qorti.

## ARTIKOLU 23

Fil-każijiet regolati mill-Artikolu III-369 tal-Kostituzzjoni, d-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal nazzjonali li tissospendi l-proċedimenti u tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi notifikata lill-Qorti mill-qorti jew mit-tribunal ikkonċernat. Id-deċiżjoni għandha mbagħad tiġi notifikata mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-partijiet, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija li jkunu adottaw l-att, li l-validità jew l-interpretazzjoni tiegħu tkun qed tiġi kontestata.

Fi żmien xahrejn minn din in-notifika, l-partijiet, l-Istati Membri, l-Kummisjoni u, meta jkun il-każ, l-istituzzjoni, l-korp jew l-aġenzija li jkunu adottaw l-att li l-validità jew l-interpretazzjoni tiegħu tkun qed tiġi kontestata għandhom id-dritt li jissottomettu memoranda dwar il-każ jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti.

Minbarra dan, id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal nazzjonali għandha tiġi notifikata mir-Reġistratur tal-Qorti, lill-Istati li ffirmaw il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, barra lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA prevista f'dak il-Ftehim, li fi żmien xahrejn min-notifika, jistgħu jissottomettu dikjarazzjonijiet dwar il-każ jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti, meta jikkonċerna wieħed mill-oqsma ta' l-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim. Dan il-paragrafu ma japplikax għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' l-applikazzjoni tat-Trattat tal-KEEA.

Meta xi ftehim li għandu x'jaqsam ma' materja speċifika, konkluż mill-Kunsill u pajjiż terz wieħed jew iktar, jipprovdi li dawk il-pajjiżi jkollhom id-dritt li jissottomettu memoranda dwar il-każ jew osservazzjonijiet bil-miktub, meta qorti jew tribunal ta' Stat Membru jagħmel rikors quddiem il-Qorti għal deċiżjoni preliminari dwar xi kwistjoni li taqa' fil-qasam ta' applikazzjoni tal-ftehim, id-deċizjoni tal-qorti jew tat-tribunal nazzjonali li tinkludi dik il-kwistjoni għandha wkoll tiġi notifikata lill-pajjiż terz konċernat. Fi żmien xahrejn min-notifika, dawk il-pajjiżijistgħu jressqu memoranda dwar il-każ jew osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

ARTIKOLU 24

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' titlob lill-partijiet biex jipproduċu d-dokumenti kollha u biex jagħtu l-informazzjoni kollha li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tixtieq. F'każ ta rifjut, għandha tittieħed nota formali.

Il-Qorti tista' wkoll titlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, il-korpi u lill-aġenziji ta' l-Unjoni li ma jkunux parti fil-kawża, illi jagħtu l-informazzjoni kollha li l-Qorti tqis meħtieġa għall-fini tal-proċess.

ARTIKOLU 25

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' f'kull żmien tordna li ssir perizja minn kull persuna, korp, awtorità, kumitat jew organu ieħor li tagħżel hi.

ARTIKOLU 26

Ix-xhieda jistgħu jinstemgħu skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

ARTIKOLU 27

Rigward xhieda li jonqsu li jidhru, l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-poteri li ġeneralment jingħataw lill-qrati u lill-Qorti Ġenerali u tista' timponi pieni ta' flus skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

ARTIKOLU 28

Ix-xhieda u l-esperti jistgħu jinstemgħu bil-ġurament li jittieħed skond il-forma stabbilita fir-Regoli tal-Proċedura jew bil-mod kif stabbilit fil-liġijiet tal-pajjiż tax-xhud jew tal-espert.

ARTIKOLU 29

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tordna li xhud jew espert jinstema' mill-awtorità ġudizzjarja tal-post tar-residenza permanenti tiegħu.

L-ordni tintbagħat għall-eżekuzzjoni lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura. Id-dokumenti riżultanti mill-esekuzzjoni tar-rogatorji għandhom jiġu rritornati lill-Qorti bl-istess kondizzjonijiet.

Il-Qorti tassumi r-responsabbiltà ta' l-ispejjeż, mingħajr preġudizzju għad-dritt li tgħaddihom, jekk ikun il-każ, lill-partijiet.

ARTIKOLU 30

Kull Stat Membru għandu jqis kull ksur tal-ġurament minn xhud jew minn espert bħallikieku r-reat kien kommess quddiem qorti nazzjonali tiegħu f'materji ċivili. Fuq denunzja tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipproċedi kontra l-awturi ta' dak ir-reat quddiem il-qorti kompetenti nazzjonali.

ARTIKOLU 31

Is-smigħ fil-qorti għandu jkun pubbliku, sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq inizjattiva tagħha jew fuq talba tal-partijiet kkonċernati, ma tiddeċiedix mod ieħor għal raġunijiet serji.

ARTIKOLU 32

Waqt is-smigħ il-Qorti tal-Ġustizzja tista' teżamina l-esperti, x-xhieda kif ukoll il-partijiet stess. Madankollu dawn ta' l-aħħar ma jistgħux jindirizzaw lill-Qorti tal-Ġustizzja ħlief permezz tar-rappreżentanti tagħhom.

ARTIKOLU 33

Għal kull smigħ għandu jinżamm verbal iffirmat mill-President u mir-Reġistratur.

ARTIKOLU 34

Il-lista tal-kawżi għandha tiġi ffissata mill-President.

ARTIKOLU 35

Id-deliberazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom ikunu u għandhom jibqgħu sigrieti.

ARTIKOLU 36

Is-sentenzi għandhom ikunu motivati. Għandu jkun fihom l-ismijiet ta' l-Imħallfin li jkunu ħadu parti fid-deliberazzjonijiet.

ARTIKOLU 37

Is-sentenzi għandhom jiġu ffirmati mill-President u mir-Reġistratur. Għandhom jinqraw fil-Qorti bil-miftuħ.

ARTIKOLU 38

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

ARTIKOLU 39

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista', skond proċedura sommarja li tista' tidderoga safejn meħtieġ, minn xi wħud mir-regoli ta' dan l-Istatut u li hija stabbilita minn Regoli tal-Proċedura, jiddeċiedi dwar rikorsi għas-sospensjoni prevista fl-Artikolu III-379(1) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 157 tat-Trattat tal-KEEA, jew jippreskrivi miżuri proviżorji skond l-Artikolu III-379(2) tal-Kostituzzjoni, jew jissospendi l-eżekuzzjoni furzata skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu III-401 tal-Kostituzzjoni jew skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 164 tat-Trattat tal-KEEA.

F'każ ta' impediment tal-President, dan għandu jiġi sostitwit minn Imħallef ieħor skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura.

Id-deċiżjoni tal-President jew ta' l-Imħallef li jkun issostitwih tkun biss ta' karattru proviżorju u bl-ebda mod ma tippreġudika d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-mertu.

ARTIKOLU 40

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jistgħu jintervjenu fil-kawżi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Għandu jkollhom dan l-istess dritt il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni u kwalunkwe persuna oħra li tista' tiġġustifika interess fir-riżultat ta' xi każ miġjub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi ma jistgħux jintervjenu f'kawzi bejn Stati Membri, bejn istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jew bejn Stati Membri u istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu, l-Istati li ffirmaw il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, barra mill-Istati Membri, kif ukoll l-Awtorita ta' Sorveljanza ta' l-EFTA prevista f'dak il-Ftehim, jistgħu jintervjenu fil-kawżi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja meta dawn jirrigwardaw wieħed mill-oqsma ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Rikorsi għal intervent għandu jkollhom bħala oġġett biss is-sostenn tat-talbiet ta' waħda mill-partijiet.

ARTIKOLU 41

Meta l-parti konvenuta, imħarrka skond kif suppost, tonqos milli tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, is-sentenza għandha tingħata fil-kontumaċja tagħha. Tista' ssir opposizzjoni għas-sentenza fi żmien xahar min-notifika tagħha. Salv deċiżjoni kuntrarja tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-opposizzjoni ma għandhiex twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-kontumaċja.

ARTIKOLU 42

L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni u kull persuna oħra fiżika jew ġuridika jistgħu, fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura, jistgħu jagħmlu opposizzjoni tat-terzi kontra sentenzi mogħtija mingħajr ma huma jkunu ġew imsejjħa fil-kawża, meta dawk is-sentenzi jippreġudikaw id-drittijiet tagħhom.

ARTIKOLU 43

F'każ ta' dubju dwar it-tifsir jew il-kamp ta' l-applikazzjoni ta' sentenza, l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpretaha fuq talba ta' xi parti jew ta' xi istituzzjoni ta' l-Unjoni li turi li jkollha interess f'dan.

ARTIKOLU 44

Ir-reviżjoni ta' sentenza tista' tintalab lill-Qorti tal-Ġustizzja biss meta jiġi skopert fatt ta' natura tali li jkollu influwenza deċiżiva u li, qabel ma ngħatat s-sentenza, ma kienx magħruf mill-Qorti u mill-parti li titlob ir-reviżjoni.

Il-proċedura tar-reviżjoni tinfetaħ b'sentenza tal-Qorti li tikkonstata espressament l-eżistenza ta' fatt ġdid, hija u tirrikonoxxi li dan hu ta' karattru li jagħti lok għar-reviżjoni u tiddikjara li għal din ir-raġuni t-talba tkun ammissibbli.

Ebda talba għar-reviżjoni ma tista' ssir wara li jgħaddu għaxar snin mid-data tas-sentenza.

ARTIKOLU 45

Il-perjodi ta' grazzja fuq konsiderazzjonijiet ta' distanza huma stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura.

Ebda dritt ma jintilef bħala riżultat ta' l-iskadenza tat-termini, jekk il-parti interessata tipprova l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.

ARTIKOLU 46

L-azzjonijiet kontra l-Unjoni f'materja ta' responsabiltà non-kontrattwali jiġu preskritti b'ħames snin li jibdew jgħoddu minn meta jiġri l-fatt li jagħti lok għalihom. Il-preskrizzjoni tiġi interrotta bil-preżentazzjoni tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jew b'talba li ssir qabel ir-rikors mill-parti leża lill-istituzzjoni kkonċernata ta' l-Unjoni. F'dan l-aħħar każ, ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fit-terminu ta' xahrejn previst fl-Artikolu III-365 tal-Kostituzzjoni. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-367 tal-Kostituzzjoni għandu japplika.

Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal rikorsi kontra l-Bank Ċentrali Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam ma' responsabbiltà non-kontrattwali.

# TITOLU IV

# IL-QORTI ĠENERALI

## ARTIKOLU 47

L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 9, l-Artikoli 14 u 15, l-ewwel, it-tieni, r-raba' u l-ħames paragrafi ta' l-Artikolu 17 u l-Artikolu 18 japplikaw għall-Qorti Ġenerali u l-membri tagħha.

L-Artikoli 10, 11 u 14 japplikaw għar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali *mutatis mutandis*.

## ARTIKOLU 48

Il-Qorti Ġenerali tikkonsisti minn ħamsa u għoxrin Imħallef.

## ARTIKOLU 49

Il-membri tal-Qorti Ġenerali jistgħu jissejħu biex jeżerċitaw il-funzjoni ta' Avukat Ġenerali.

L-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li jippreżenta pubblikament, bl-imparzjalità kollha u bl-indipendenza kollha, sottomissjonijiet motivati fuq ċerti materji mressqin quddiem il-Qorti Ġenerali bl-iskop li jassistiha fix-xogħol tagħha.

Il-kriterji tal-għażla ta' dawn il-materji, kif ukoll il-modalitajiet biex jiġu nominati l-Avukati Ġenerali, huma stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Membru tal-Qorti li jiġi msejjaħ biex jeżerċita l-funzjoni ta' Avukat Ġenerali f'kawża ma jistax jieħu sehem fid-deċiżjoni ta' dik il-kawża.

ARTIKOLU 50

Il-Qorti Ġenerali tiltaqa' f'awli komposti minn tlieta jew ħames Imħallfin. L-Imħallfin għandhom jaħtru minn fosthom il-Presidenti ta' l-awli. Il-Presidenti ta' l-awli b'ħames Imħallfin jiġu eletti għal tliet snin. Jistgħu jerġgħu jiġu eletti darba biss.

Il-komposizzjoni ta' l-awli u t-tqassim tal-kawżi bejniethom isiru skond ir-Regoli tal-Proċedura. F'ċerti każi, determinati mir-Regoli tal-Proċedura, l-Qorti Ġenerali tista' tiltaqa' f'seduta plenarja jew tkun kostitwita minn Imħallef wieħed.

Ir-Regoli tal-Proċedura jistgħu wkoll jipprovdu li l-Qorti Ġenerali tiltaqa' f'Awla Manja fil-każi u skond il-kondizzjonijiet speċifikati fihom.

ARTIKOLU 51

B'deroga għar-regola stabbilita fl-Artikolu III-358(1) tal-Kostituzzjoni, huma reservati għall-Qorti tal-Ġustizzja dawk ir-rikorsi previsti fl-Artikoli III-365 u III-367 tal-Kostituzzjoni meta dawn huma miġjuba minn Stat Membru:

a) kontra att jew nuqqas ta' azzjoni tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, jew ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet meta jaġixxu flimkien, minbarra:

- deċiżjonijiet Ewropej meħuda mill-Kunsill taħt it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu III-168(2) tal-Kostituzzjoni;

- atti tal-Kunsill adottati skond att tal-Kunsill rigward miżuri ta' difiża kummerċjali fis-sens ta' l-Artikolu III-315 tal-Kostituzzjoni;

- atti tal-Kunsill li bihom il-Kunsill jeżerċita setgħat ta' implimentazzjoni skond l-Artikolu I-37(2) tal-Kostituzzjoni.

b) kontra att jew nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni skond l-Artikolu III-420(1) tal-Kostituzzjoni.

Meta r-rikorsi previsti f'dawn l-istess Artikoli jsiru minn istituzzjoni ta' l-Unjoni kontra att jew nuqqas ta' azzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet meta jaġixxu flimkien, jew mill-Kummissjoni jew minn istituzzjoni tal-Komunitajiet kontra att jew nuqqas ta' azzjoni tal-Bank Centrali Ewropew, il-ġurisdizzjoni hija wkoll riservata għall-Qorti tal-Gustizzja'.

ARTICLE 52

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-President tal-Qorti Ġenerali għandhom jistabbilixxu, bi qbil bejniethom, il-kondizzjonijiet li taħthom l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra addetti mal-Qorti għandhom jagħtu s-servizzi tagħhom lill-Qorti Ġenerali biex jassiguraw il-funzjonament tagħha. Ċerti uffiċjali jew impjegati oħra huma responsabbli lejn ir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti Ġenerali.

ARTIKOLU 53

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali hija regolata bit-Titolu III.

Il-proċedura hija definita u kompletata, kif ikun meħtieġ fir-Regoli tal-Proċedura tagħha. Ir-Regoli tal-Proċedura jistgħu jidderogaw mir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 40 u mill-Artikolu 41 biex jieħdu in konsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-litigazzjoni fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.

B'deroga mir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 20, l-Avukat Ġenerali jista' jippreżenta s-sottomissjonijiet motivati tiegħu bil-miktub.

ARTIKOLU 54

Jekk rikors jew att proċedurali ieħor indirizzat lill-Qorti Ġenerali jiġi preżentat bi żball lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan għandu jgħaddih immedjatament lir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali. Bl-istess mod, jekk rikors jew att proċedurali ieħor indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja jiġi preżentat bi żball lir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, dan għandu jgħaddih immedjatament lir-Reġistratur tal-Qorti.

Meta l-Qorti Ġenerali issib li ma tkunx kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' rikors li jidħol fil-kompetenza tal-Qorti, hi għandha tirreferi dak ir-rikors lill-Qorti. Bl-istess mod, meta l-Qorti ssib li rikors jidħol fil-kompetenza tal-Qorti Ġenerali, hija għandha tirreferi dak ir-rikors lil din ta' l-aħħar, li imbagħad ma tkunx tista' tirrifjuta l-kompetenza tagħha.

Meta jitressqu quddiem il-Qorti u l-Qorti Ġenerali kawżi li jkollhom l-istess oġġett, li fihom titqajjem l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni jew li fihom jiġi sollevat dubju dwar il-validità ta' l-istess att, il-Qorti Ġenerali tista', wara li tisma lill-partijiet, tissospendi l-proċediment sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti, jew, jekk huwa rikors magħmul skond l-Artikolu III-365 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 146 tat-Trattat tal-KEEA, tirrifjuta l-kompetenza tiegħu sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar ir-rikors. Fl-istess ċirkustanzi, l-Qorti tal-Ġustizzja tista' wkoll tiddeċiedi li tissospendi l-proċediment li jkollha quddiemha. F'dak il-każ, għandhom jitkomplew il-proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Meta Stat Membru u istituzzjoni jagħmlu rikors kontra l-istess att, il-Qorti Ġenerali għandha tirrinunzja l-kompetenza tagħha sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar ir-rikors.

## ARTIKOLU 55

Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jikkonkludu l-proċediment, id-deċiżjonijiet li jaqtgħu parzjalment kwistjonijiet fil-mertu, jew li jikkonkludu kwistjoni ta' proċedura dwar eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' inammisibbiltà, għandhom jiġu notifikati mir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali lill-partijiet kollha kif ukoll lill-Istati Membri kollha u lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni anke jekk dawn ma jkunux intervenew fil-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

## ARTIKOLU 56

Jista' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni li minnha jsir l-appell, kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jikkonkludu l-proċediment kif ukoll kontra d-deċiżjonijiet tiegħu li jaqtgħu parzjalment kwistjonijiet fil-mertu, jew li jikkonkludu kwistjoni ta' proċedura dwar eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' inammissibilità.

Dan l-appell jista' jitressaq minn kwalunkwe parti li ma tkunx irnexxiet, parzjalment jew għal kollox, fit-talbiet tagħha. Madankollu, dawk li jintervjenu, ħlief l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, jistgħu jressqu dan l-appell biss meta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tolqothom direttament.

Ħlief fil-każ ta' kawżi bejn l-Unjoni u l-impjegati tagħha, appell jista' wkoll jitressaq minn Stati Membri u istituzzjonijiet ta' l-Unjoni li ma jkunux intervenew fil-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. F'dan il-każ l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ikunu fl-istess posizzjoni bħal dik ta' Stati Membri jew istituzzjonijiet li jkunu għamlu intervent fi prim' istanza.

ARTIKOLU 57

Jista' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jkunu ċaħdu talba għall-intervent fi żmien ġimgħatejn min-notifika tad-deċiżjoni li tiċħad, minn kull persuna li t-talba tagħha tkun ġiet miċħuda.

Il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jappellaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra kull sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija skond l-Artikolu III-379(1) jew (2), jew skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu III-401 tal-Kostituzzjoni jew skond l-Artikolu 157 jew it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 164 tat-Trattat tal-KEEA fi żmien xahrejn min-notifika tagħha.

L-appell previst fl-ewwel żewġ paragrafi għandu jiġi deċiż skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 39.

ARTIKOLU 58

Appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkun limitat għal punti ta' dritt. Jista' jkun ibbażat fuq motivi ta' l-inkompetenza tal-Qorti Ġenerali, ta' ksur tal-proċedura quddiemha li jista' jagħmel ħsara lill-interessi ta' l-appellant kif ukoll ksur tad-dritt ta' l-Unjoni mill-Qorti Ġenerali.

Ma jistax isir appell fuq il-kap ta' l-ispejjeż biss, dwar min ibagħtihom u l-ammonti tagħhom.

ARTIKOLU 59

Fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonsisti f'parti bil-miktub u parti orali. Skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura, l-Qorti tal-Ġustizzja, wara li tkun semgħet lill-Avukat Ġenerali u lill-partijiet, tista' tiddeċiedi mingħajr il-proċedura orali.

ARTIKOLU 60

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-379(1) jew (2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 157 tat-Trattat tal-KEEA, appell ma għandux ikollu effett sospensiv.

B'deroga għall-Artikolu III-380 tal-Kostituzzjoni, d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jannullaw liġi Ewropea jew regolament Ewropew, illi jorbtu fl-intier tagħhom u li huma direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, għandu jkollhom effett biss mid-data ta' l-għeluq tat-terminu previst fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 56 ta' dan l-Istatut jew, jekk jitressaq appell f'dak it-terminu, mid-data taċ-ċaħda ta' l-appell, mingħajr preġudizzju għall-fakultà ta' parti li tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, skond l-Artikolu III-379(1) jew (2) tal-Kostituzzjoni, jew skond l-Artikolu 157 tat-Trattat tal-KEEA għas-sospensjoni ta' l-effetti tal-liġi Ewropea jew tar-regolament Ewropew annullat jew għall-adozzjoni ta' kull miżura proviżorja oħra.

ARTIKOLU 61

Jekk l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Tista' allura tiddeċiedi hija stess il-kawża definittivament, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali biex din tiddeċiedi.

F'każ ta' rinviju, l-Qorti Ġenerali għandha tkun marbuta bil-punti ta' dritt li jkunu ġew deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Meta appell magħmul minn Stat Membru jew minn istituzzjoni ta' l-Unjoni, li ma jkunux intervenew fil-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali jkun fondat, il-Qorti tista', jekk ikun jidhrilha meħtieġ, tindika dawk l-effetti tad-deċiżjoni annullata tal-Qorti Ġenerali li għandhom jiġu kunsidrati definittivi fil-konfront tal-partijiet fil-kawża.

## ARTIKOLU 62

Fil-każijiet previsti fl-Artikolu III-358(2) u (3) tal-Kostituzzjoni, meta l-Avukat Ġenerali Prinċipali jidhirlu li jeżisti riskju serju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt ta' l-Unjoni, huwa jista' jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

Il-proposta għandha ssir fi żmien xahar mill-għoti tad-deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali. Fi zmien xahar minn meta tirċievi l-proposta magħmula mill-Avukat Ġenerali Prinċipali, l-Qorti għandha tiddeċiedi jekk hemmx lok jew le għall-eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni.

## TITOLU V

## DISPOSIZZJONIJIET FINALI

## ARTIKOLU 63

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali għandu jkun fihom id-disposizzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi applikat u, fejn meħtieġ, kompletat dan l-Istatut.

ARTIKOLU 64

In-normi li jirregolaw ir-reġim lingwistiku applikabbli fil-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu stabbiliti b'regolament Ewropew tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu. Dan ir-Regolament għandu jiġi adottat jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja u mal-Parlament Ewropew.

Sakemm dawk ir-regoli jiġu adottati, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali li jirregolaw l-arranġamenti tal-lingwi. B'deroga mill-Artikoli III-355 u III-356 tal-Kostituzzjoni, dawk id-disposizzjonijiet jistgħu jiġu emendati jew imħassra biss bl-approvazzjoni unanima tal-Kunsill.

ARTIKOLU 65

1. B'deroga mill-Artikolu IV-437 tal-Kostituzzjoni, kull emenda għall-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mat-Trattat tal-KEEA, li tiġi adottata fiż-żmien bejn l-iffirmar tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u l-bidu fis-seħħ tiegħu, għandha tibqa' fis-seħħ.

2. Sabiex l-emendi previsti fil-paragrafu 1 jiġu nkorporati fit-termini normativi ta' dan l-Istatut, huma għandhom jiġu kodifikati uffiċjalment b'liġi Ewropea tal-Kunsill, li tkun adottata fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja. Meta din il-liġi kodifikanti Ewropea tibda sseħħ, dan l-Artikolu għandu jitħassar.

# 4. PROTOKOLL
# DWAR L-ISTATUT TAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI U TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jistabbilixxu l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew kif previst fl-Artikoli I-30 u III-187(2), tal-Kostituzzjoni,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## KAPITOLU I

## IS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

### ARTIKOLU 1

### Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

1. Skond l-Artikolu I-30(1) tal-Kostituzzjoni, l-Bank Ċentrali Ewropew flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali jikkostitwixxu s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Il-Bank Ċentrali Ewropew flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkostitwixxu l-Ewrosistema.

2. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom iwettqu dmirijiethom u jwettqu l-attivitajiet tagħhom skond il-Kostituzzjoni u ta' dan l-Istatut.

## KAPITOLU II

## MIRI U KOMPITI TAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

### ARTIKOLU 2

### Miri

Skond l-Artikoli I-30(2) u III-185(1) tal-Kostituzzjoni, l-mira primarja tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun li tinżamm l-istabbilità tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għal din il-mira, huma għandhom jagħtu s-sostenn tagħhom lill-politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' l-Unjoni kif previst fl-Artikolu I-3 tal-Kostituzzjoni. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha taġixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu III-177 tal-Kostituzzjoni.

### ARTIKOLU 3

### Kompiti

1. Skond l-Artikolu III-185(2) tal-Kostituzzjoni, l-kompiti fundamentali li għandhom jitwettqu permezz tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali huma:

a) li tiġi definita u implimentata l-politika monetarja ta' l-Unjoni;

b) li jitwettqu operazzjonijiet ta' kambju konsistenti ma' l-Artikolu III-326 tal-Kostituzzjoni;

ċ) li jinżammu u jiġu amministrati r-riżervi uffiċjali barranin ta' l-Istati Membri;

d) li tiġi promossa l-operazzjoni bla xkiel ta' sistemi ta' pagament.

2. Skond l-Artikolu III-185(3) tal-Kostituzzjoni, l-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-Artikolu ma jippreġudikax id-dritt tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jżommu u jamministraw bilanċi operattivi fil-kambju internazzjonali.

3. Skond l-Artikolu III-185(5) tal-Kostituzzjoni, s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija tajba ta' linji politiċi segwiti mill-awtoritajiet kompetenti f'dak li jirrigwarda is-sorveljanza prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

ARTIKOLU 4

Funzjonijiet konsultattivi

Skond l-Artikolu III-185(4) tal-Kostituzzjoni, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkonsultat:

a) dwar kull att ta' l-Unjoni propost fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu;

b) mill-awtoritajiet nazzjonali dwar kull disposizzjoni leġislattiva abbozzata fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu, imma fil-limiti u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jissottometti opinjonijiet lill-istituzzjonijiet, lill-korpi jew lill-aġenziji ta' l-Unjoni jew lil awtoritajiet nazzjonali dwar materji fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu**.**

ARTIKOLU 5

Ġbir ta' informazzjoni statistika

1. Sabiex iwettaq il-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, l-Bank Ċentrali Ewropew, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali, għandu jiġbor l-informazzjoni statistika meħtieġa jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand operaturi ekonomiċi. Għal dawn il-finijiet għandu jikkopera ma' l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, u ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom iwettqu, sa fejn ikunu jistgħu, l-kompiti previsti fil-paragrafu 1.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippromwovi l-armonizzazzjoni, fejn ikun meħtieġ, tan-normi u l-prattiċi li jirregolaw il-ġabra, l-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-istatistika fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.

4. Il-Kunsill, skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 41, għandu jiddefinixxi l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom l-obbligu li jirrapportaw, ir-regoli ta' kunfidenzjalità u d-disposizzjonijiet adattati biex jinforza l-eżekuzzjoni.

## ARTIKOLU 6

### Koperazzjoni internazzjonali

1. Fil-qasam tal-koperazzjoni internazzjonali li tinvolvi l-kompiti fdati f'idejn is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiddeciedi kif is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun irrappreżentata.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u, bl-approvazzjoni tiegħu, l-banek ċentrali nazzjonali, jistgħu jipparteċipaw f'istituzzjonijiet monetarji internazzjonali.

3. Il-paragrafi 1 u 2 japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-196 tal-Kostituzzjoni.

# KAPITOLU III

# ORGANIZZAZZJONI TAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

## ARTIKOLU 7

### Indipendenza

Skond l-Artikolu III-188 tal-Kostituzzjoni, meta jeżerċitaw il-poteri u jwettqu l-kompiti u jaqdu d-dmirijiet fdati f'idejhom mill-Kostituzzjoni u minn dan l-Istatut, la l-Bank Ċentrali Ewropew, la xi bank ċentrali nazzjonali, u lanqas xi membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom, ma għandu jfittex jew jaċċetta struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jfittxux li jinfluwenzaw il-membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

## ARTIKOLU 8

### Prinċipju ġenerali

Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun iggvernata mill-organi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTIKOLU 9

Il-Bank Ċentrali Ewropew

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew, li skond l-Artikolu I-30(3) tal-Kostituzzjoni għandu personalità ġuridika, jgawdi, f'kull wieħed mill-Istati Membri, l-kapaċità ġuridika l-iktar estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħhom. Jista', b'mod partikolari, jakkwista jew jiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u jista' jkun parti fi proċedimenti legali.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jassigura li l-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taħt l-Artikolu III-185(2), (3) u (5) tal-Kostituzzjoni jiġu implimentati jew minnu stess skond dan l-Istatut jew mill-banek ċentrali nazzjonali skond l-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 14.

3. Skond l-Artikolu III-187(1) tal-Kostituzzjoni, l-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ikunu l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv.

ARTKOLU 10

Il-Kunsill Regolatorju

1. Skond l-Artikolu III-382(1) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill Regolatorju għandu jkun kompost mill-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri mingħajr deroga kif previst fl-Artikolu III-197 tal-Kostituzzjoni.

2. Kull membru tal-Kunsill Regolatorju għandu jkollu vot wieħed. Mid-data meta n-numru tal-membri tal-Kunsill Regolatorju jaqbeż il-21, kull membru tal-Bord Eżekuttiv għandu jkollu vot wieħed u n-numru ta' gvernaturi bid-dritt tal-vot ikun 15. Dan id-dritt tal-vot għandu jiġi mogħti u jgħaddi b'rotazzjoni kif ġej:

a) mid-data meta n-numru ta' gvernaturi jaqbeż il-15, sa ma jilħaq it-22, il-gvernaturi għandhom jiġu mdaħħla f'żewġ gruppi, skond il-grad tad-daqs tas-sehem ta' l-Istat Membru tal-bank ċentrali nazzjonali fil-prodott gross domestiku totali bil-prezzijiet tas-suq u fil-karta tal-bilanċ totali ta' l-istituti finanzjarji monetarji ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. L-ishma fil-prodott gross domestiku totali bil-prezzijiet tas-suq u fil-karta tal-bilanċ totali ta' l-istituti finanzjarji monetarji għandhom jingħataw il-piż ta' 5/6 u 1/6 rispettivament. L-ewwel grupp għandu jkun kompost minn ħames gvernaturi u t-tieni grupp mill-gvernaturi l-oħra. Il-frekwenza tad-dritt tal-vot tal-gvernaturi allokati għall-ewwel grupp m'għandhiex tkun inqas mill-frekwenza tad-dritt tal-vot ta' dawk tat-tieni grupp. Bla ħsara għas-sentenza ta' qabel din, l-ewwel grupp għandu jiġi assenjat erba' voti u t-tieni grupp ħdax-il vot;

b) mid-data meta n-numru ta' gvernaturi jilħaq 22, il-gvernaturi għandhom jiġu allokati għal tliet gruppi skond il-grad bażat fuq il-kriterji stabbiliti fil-punt (a). L-ewwel grupp għandu jkun kompost minn ħames gvernaturi u għandu jkollu erba' voti. It-tieni grupp għandu jkun kompost minn nofs it-total ta' gvernaturi, u kull frazzjoni għandha tiġi mqarrba ma' l-ogħla numru sħiħ li jmiss, u dan il-grupp għandu jkollu tmien voti. It-tielet grupp għandu jkun kompost mill-gvernaturi l-oħra u għandu jkollu tliet voti;

ċ) f'kull grupp, il-gvernaturi għandu jkollhom id-dritt tal-vot għall-istess tul ta' żmien;

d) għall-kalkolu ta' l-ishma fil-prodott gross domestiku totali bil-prezzijiet tas-suq għandu japplika l-Artikolu 29(2). Il-karta tal-bilanċ totali ta' l-istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji għandha tiġi kkalkolata skond il-qafas statistiku applikat fl-Unjoni meta jsir il-kalkolu;

e) kull meta l-prodott gross domestiku totali bil-prezzijiet tas-suq jiġi aġġustat skond l-Artikolu 29(3), jew kull meta jiżdied in-numru tal-gvernaturi, d-daqs u/jew il-komposizzjoni tal-gruppi għandu jiġi aġġustat skond il-prinċipji stabbiliti f'dan il-paragrafu;

f) il-Kunsill Regolatorju, li jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu, kemm dawk li għandhom kif ukoll dawk li m'għandhomx id-dritt tal-vot, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti f'dan il-paragrafu u jista' jiddeċiedi li jiddifferixxi l-bidu tas-sistema tar-rotazzjoni sad-data meta n-numru tal-gvernaturi jaqbeż it-18.

Il-dritt tal-vot għandu jiġi eżerċitat *in persona.* B'deroga minn din ir-regola, r-Regoli ta' Proċedura previsti fl-Artikolu 12(3) jistgħu jistabbilixxu li l-membri tal-Kunsill Regolatorju jistgħu jagħtu l-vot tagħhom permezz ta' telekonferenza. Dawn ir-regoli għandhom jipprovdu wkoll li membru tal-Kunsill Regolatorju li ma jkunx jista' jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Regolatorju għal żmien twil ikun jista' jaħtar persuna oħra minfloku bħala membru tal-Kunsill Regolatorju.

Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' qabel dan ma jippreġudikawx id-drittijiet tal-vot tal-membri kollha tal-Kunsill Regolatorju, kemm dawk li għandhom kif ukoll dawk li m'għandhomx id-dritt tal-vot, taħt il-paragrafu 3, u l-Artikolu 40(2) u (3). Salv meta provdut mod ieħor f'dan l-Istatut, il-Kunsill Regolatorju għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot. Jekk il-voti jirriżultaw indaqs, il-President ikollu l-vot deċiżiv.

Biex jittieħed il-vot fil-Kunsill Regolatorju għandu jkun hemm *quorum* ta' żewġ terzi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot. Jekk dan il-*quorum* ma jintlaħaqx, il-President jista' jlaqqa' seduta straordinarja li fiha jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet mingħajr il-ħtieġa ta' *quorum*.

3. Biex tittieħed kull deċiżjoni skond l-Artikoli 28, 29, 30, 32, 33 u 49, il-voti fil-Kunsill Regolatorju għandhom jiġu peżati skond kemm ikollhom ishma l-banek ċentrali nazzjonali fil-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew. Il-piż tal-voti tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun żero. Deċiżjoni li teħtieg maġġoranza kwalifikata għandha tiġi adottata jekk il-voti favur jirrappreżentaw mill-anqas żewġ terzi tal-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew u jirrappreżentaw mill-anqas nofs l-azzjonisti. Jekk Gvernatur ma jkunx jista' jattendi, hu jista' jaħtar supplent biex jagħti l-vot peżat minfloku.

4. Il-proċeduri tal-laqgħat għandhom ikunu kunfidenzjali. Il-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li jippubblika r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu.

5. Il-Kunsill Regolatorju għandu jiltaqa' mill-anqas 10 darbiet fis-sena.

ARTIKOLU 11

Il-Bord Eżekuttiv

1. Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-382(2) tal-Kostituzzjoni, l-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President, il-Viċi-President u erba' membri oħra.

Il-membri għandhom jiddedikaw il-ħin tagħhom esklużivament għal dmirjiethom. L-ebda membru ma jista' jimpenja ruħu f'xi impjieg ieħor, sew bi ħlas sew bla ħlas, sakemm ma tkunx ingħatat eċċezzjonalment eżenzjoni mill-Kunsill Regolatorju.

2. Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-382(2) tal-Kostituzzjoni, l-President, il-Viċi-President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Regolatorju, minn fost persuni ta' awtorità u ta' esperjenza professjonali rikonoxxuta f'materji monetarji jew bankarji.

Il-mandat tagħhom għandu jkun għal tmien snin u ma jistax jiġġedded.

Ċittadini ta' Stati Membri biss jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv.

3. Il-modalitajiet u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tal-membri tal-Bord Eżekuttiv, u b'mod partikolari s-salarji, l-pensjonijiet u benefiċċji oħra tas-sigurtà soċjali tagħhom, għandhom isiru b'kuntratt mal-Bank Ċentrali Ewropew u għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju fuq proposta ta' Kumitat li jkun fih tliet membri maħtura mill-Kunsill Regolatorju u tliet membri maħtura mill-Kunsill. Il-membri tal-Bord Eżekuttiv m' għandhomx id-dritt tal-vot fuq kwistjonijiet previsti f'dan il-paragrafu.

4. Jekk membru tal-Bord Eżekuttiv ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew ġieb ruħu ħażin b'mod serju, l-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara rikors tal-Kunsill Regolatorju jew tal-Bord Eżekuttiv, iġġiegħlu jirtira.

5. Kull membru tal-Bord Eżekuttiv li jkun preżenti personalment għandu jkollu d-dritt tal-vot u jkollu għal dan l-iskop, vot wieħed. Salv kif provdut xort'oħra, l-Bord Eżekuttiv għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi tal-voti. Jekk il-voti jirriżultaw indaqs, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv. L-arranġamenti għall-votazzjoni għandhom ikunu speċifikati fir-Regoli tal-Proċedura previsti fl-Artikolu 12(3).

6. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni kurrenti tal-Bank Ċentrali Ewropew.

7. Kull post vakanti fil-Bord Eżekuttiv għandu jimtela bil-ħatra ta' membru ġdid skond il-paragrafu 2.

ARTIKOLU 12

Responsabbiltajiet tal-korpi deċiżjonali

1. Il-Kunsill Regolatorju għandu jadotta l-linji gwida u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jiżgura t-twettiq tal-kompiti fdati f'idejn is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taħt il-Kostituzzjoni u dan l-Istatut. Il-Kunsill Regolatorju għandu jifformula l-politika monetarja ta' l-Unjoni li tinkludi, kif xieraq, deċiżjonijiet marbutin ma' miri monetarji intermedji, rati indikattivi ta' imgħax u l-fornitura ta' riservi fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, u għandu jistabbilixxi l-linji gwida meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

Il-Bord Eżekuttiv għandu jimplimenta l-politika monetarja skond il-linji gwida u d-deċiżjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju. Waqt li jagħmel dan, il-Bord Eżekuttiv għandu jagħti l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-banek ċentrali nazzjonali. Barra minn hekk, il-Bord Eżekuttiv jista' jkollu ċerti poteri delegati lilu meta l-Kunsill Regolatorju hekk jiddeċiedi.

Sa fejn huwa meqjus possibbli u xieraq, u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jirrikorri għand il-banek ċentrali nazzjonali biex iwettaq operazzjonijiet li jagħmlu parti mill-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu r-responsabbiltà li jipprepara laqgħat tal-Kunsill Regolatorju.

3. Il-Kunsill Regolatorju għandu jadotta Regoli ta' Proċedura li jistabbilixxu l-organizzazzjoni interna tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-korpi deċiżjonali tiegħu.

4. Il-Kunsill Regolatorju għandu jeżerċita l-funzjonijiet ta' konsulenza previsti fl-Artikolu 4.

5. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu d-deċiżjonijiet previsti fl-Artikolu 6.

## ARTIKOLU 13

### Il-President

1. Il-President jew, fl-assenza tiegħu, l-Viċi-President għandu jippresiedi l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38, il-President jew il-persuna nominata minnu, għandu jirrappreżenta lill-Bank Ċentrali Ewropew esternament.

ARTIKOLU 14

Banek ċentrali nazzjonali

1. Skond l-Artikolu III-189 tal-Kostituzzjoni, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, jkunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni u ma' dan l-Istatut.

2. L-istatuti tal-banek ċentrali nazzjonali għandhom, b'mod partikolari, jipprovdu li l-mandat ta' Gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali ma jkunx inqas minn ħames snin.

Gvernatur jista' biss jitneħħa mill-kariga tiegħu jekk ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew inkella jekk ikun ġieb ruħu ħażin b'mod serju. Jista' jsir rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Gvernatur involut jew mill-Kunsill Regolatorju, għal ksur tal-Kostituzzjoni jew ta' xi regola tal-liġi marbuta ma' l-applikazzjoni tagħha. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu istitwiti fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew min-notifika tagħha lir-rikorrent jew, fin-nuqqas ta' dawn, mill-jum meta r-rikorrent ikun sar jaf biha, skond ma jkun il-każ.

3. Il-banek ċentrali nazzjonali huma parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u għandhom jaġixxu skond il-linji gwida u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura l-osservanza tal-linji gwida u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, u għandu jesiġi li jingħata kull informazzjoni meħtieġa.

4. Il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jwettqu funzjonijiet oħra li ma jkunux dawk indikati f'dan l-Istatut, kemm-il darba l-Kunsill Regolatorju ma jiddeċidiex, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, li dawn ifixklu l-miri u l-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Dawn il-funzjonijiet għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà u għar-riskju tal-banek ċentrali nazzjonali u m'għandhomx jitqiesu bħala parti mill-funzjonijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

ARTIKOLU 15

Obbligu ta' preżentazzjoni ta' rapporti

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfassal u jippubblika rapporti dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għall-inqas kull tliet xhur.

2. Dikjarazzjoni finanzjarja konsolidata tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tiġi ppubblikata kull ġimgħa.

3. Skond l-Artikolu III-383(3) tal-Kostituzzjoni, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jibgħat rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena preċedenti kif ukoll dik kurrenti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

4. Ir-rapporti u dikjarazzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli għall-partijiet interessati mingħajr ħlas.

## ARTIKOLU 16

### Karti tal-flus

Skond l-Artikolu III-186(1) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill Regolatorju għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Unjoni. Il Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu dawn il-karti. Il-karti tal-flus maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu l-uniċi karti tal-flus bi status ta' valuta legali fi ħdan l-Unjoni.

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jirrispetta kemm jista' jkun kull prattika eżistenti fejn għandhom x'jaqsmu l-ħruġ u d-disinn ta' karti tal-flus.

## KAPITOLU IV

## FUNZJONIJIET MONETARJI U OPERAZZJONIJIET TAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

## ARTIKOLU 17

### Kontijiet mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-Banek Centrali Nazzjonali

Sabiex iwettqu l-operat tagħhom, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiftħu kontijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu, entitajiet pubbliċi u parteċipanti oħra fis-suq u jaċċettaw assi, inklużi titoli mniżżla fil-kotba bħala garanzija.

ARTIKOLU 18

Suq miftuħ u Operazzjonijiet ta' kreditu

1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u biex iwettqu l-kompiti tagħhom, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu:

a) joperaw fis-swieq finanzjarji billi jixtru u jbiegħu fil-mument (*spot* u *forward*) jew taħt ftehim ta' rkupru u b'titoli ta' kreditu jew self, u li jkunu trasferibbli sew jekk fil-euro u sew f'muniti oħrajn, kif ukoll f'metalli prezzjużi;

b) imexxu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħra fis-suq, meta is-self ikun ibbażat fuq garanziji adegwati.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ u ta' kreditu li jitwettqu minnu stess jew mill-banek ċentrali nazzjonali, inkluż il-mod kif jitħabbru l-kondizzjonijiet li taħthom dawn jkunu lesti li jidħlu f'negozji bħal dawn.

ARTIKOLU 19

Riżervi minimi

1. Salv l-Artikolu 2, il-Bank Ċentrali Ewropew jista', biex jimxi mal-miri ta' linji politiċi monetarji, jeżiġi mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri illi jkollhom minimu ta' riżerva fil-kontijiet tagħhom mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-banek ċentrali nazzjonali. Regoli dettaljati dwar il-metodi tal-kalkolu u d-determinazzjoni ta' l-ammont meħtieġ jistgħu jkunu stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju. F'każijiet ta' inadempjenza, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu l-jedd li jiġbor imgħax li jkun impost bħala piena u li jimponi sanzjonijiet oħra li jkollhom effett paragunabbli.

2. Biex jiġi applikat dan l-Artikolu, l-Kunsill għandu, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, jiddefinixxi l-bażi għar-riżervi minimi u l-ogħla proporzjonijiet permissibbli bejn dawk ir-riżervi u l-bażi tagħhom, kif ukoll is-sanzjonijiet xierqa f'każijiet ta' inadempjenza.

ARTIKOLU 20

Strumenti oħra ta' kontroll monetarju

Il-Kunsill Regolatorju jista', b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, jiddeċiedi fuq l-użu ta' metodi oħra ta' kontroll monetarju kif iqis xieraq, skond l-Artikolu 2.

Il-Kunsill għandu, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, jiddefinixxi l-limiti sa fejn dawk il-metodi jimponu obbligi fuq terzi.

ARTIKOLU 21

Operazzjonijiet ma' entitajiet pubbliċi

1. Skond l-Artikolu III-181 tal-Kostituzzjoni, *overdrafts* jew tipi oħra ta' faċilità ta' kreditu mal-Bank Ċentrali Ewropew jew mal-banek ċentrali nazzjonali favur l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, gvernijiet ċentrali, awtoritajiet reġjonali, lokali jew pubbliċi oħra, korpi oħra rregolati bil-liġi amministrattiva, jew intrapriżi pubbliċi fi Stati Membri huma pprojbiti. Ix-xiri dirett ta' strumenti ta' kreditu mingħandhom mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-banek ċentrali nazzjonali huwa wkoll pprojbit.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmluha ta' aġenti fiskali għall-entitajiet previsti fil-paragrafu 1.

3. Il-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' proprjetà pubblika li, fil-kuntest tal-provvista ta' riżervi mill-banek ċentrali, għandhom jingħataw l-istess trattament mill-banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew li jingħata lill-istituzzjonijiet ta' kreditu privati.

ARTIKOLU 22

Sistemi ta' kumpensazzjoni u pagament

Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek centrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura li s-sistemi ta' kumpensazzjoni u pagament fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjizi oħra jkunu effiċjenti u sodi.

## ARTIKOLU 23

### Operazzjonijiet esterni

Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu:

a) jistabbilixxu relazzjonijiet ma' banek ċentrali u istituzzjonijiet finanzjarji f'pajjiżi oħra u, fejn ikun xieraq, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;

b) jakkwistaw u jbiegħu *spot* u *forward* kull tip ta' attiv ta' munita estera u metalli prezzjużi; il-frażi "attiv ta' munita estera" għandha tinkludi kull titolu u attiv ieħor fil-munita ta' kull pajjiż jew unitajiet ta' kontijiet u tkun xi tkun il-forma tagħhom;

ċ) jżommu in depożitu u jamministraw l-attiv previst f'dan l-Artikolu;

d) jagħmlu kull tip ta' transazzjoni bankarja f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi operazzjonijiet ta' self u prestiti.

## ARTIKOLU 24

### Operazzjonijiet oħra

Minbarra l-operazzjonijiet li joriġinaw mill-kompiti tagħhom, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali, jistgħu jidħlu f'operazzjonijiet li jkollhom skopijiet amministrattivi għalihom jew għall-ħaddiema tagħhom.

# KAPITOLU V

# SORVELJANZA PRUDENZJALI

## ARTIKOLU 25

### Sorveljanza prudenzjali

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' joffri parir lil u jiġi kkonsultat mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri dwar il-kamp ta' l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' atti li jorbtu legalment ta' l-Unjoni, li jirrigwardaw is-sorveljanza prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

2. Skond kull liġi Ewropea adottata taħt l-Artikolu III-185(6) tal-Kostituzzjoni, l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jwettaq kompiti speċifiċi dwar linji politiċi li jirrigwardaw s-sorveljanza prudenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istituzzjonijiet finanzjarji oħra, barra minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni.

KAPITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI TAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

ARTIKOLU 26

Kontabilità finanzjarja

1. Is-sena finanzjarja tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tibda fl-ewwel jum ta' Jannar u tispiċċa fl-aħħar jum ta' Diċembru.

2. Il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jitlestew mill-Bord Eżekuttiv, skond il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju. Il-kontijiet għandhom jiġu approvati mill-Kunsill Regolatorju u għandhom wara dan jiġu ppubblikati.

3. Għall-finijiet analitiċi u operattivi, l-Bord Eżekuttiv għandu jlesti *balance sheet* ikkonsolidata tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, li tinkludi dak l-attiv u l-passiv tal-banek ċentrali nazzjonali li jaqgħu taħt is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

4. Sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, l-Kunsill Regolatorju għandu jistabbilixxi r-regoli neċessarji biex jiġu standardizzati l-kontijiet u r-rapporti ta' operazzjonijiet li jsiru mill-banek ċentrali nazzjonali.

ARTIKOLU 27

Verifika

1. Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali għandhom jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Regolatorju u approvati mill-Kunsill. L-awdituri għandu jkollhom kull setgħa li jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet kollha tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali u li jiksbu kull informazzjoni dwar it-transazzjonijiet tagħhom.

2. L-Artikolu III-384 tal-Kostituzzjoni għandhom japplikaw biss għal eżami ta' l-effiċjenza operattiva tat-tmexxija tal-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTIKOLU 28

Kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Il-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jkun ta' 5 000 miljun euro. Il-kapital jista' jiżdied b'dawk l-ammonti li jistgħu jiġu stabbiliti b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Regolatorju waqt li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata prevista fl-Artikolu 10(3), fil-limiti u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu l-uniċi sottoskriventi u detenturi tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew. Is-sottoskrizzjoni fil-kapital għandha ssir skond il-kjavi indikata fl-Artikolu 29.

3. Il-Kunsill Regolatorju, li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata skond l-Artikolu 10(3), għandu jiddeċiedi l-ammont tal-kapital li jiġi sottoskritt u l-modalità tal-ħlas.

4. Bla ħsara għall-paragrafu (5), l-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fil-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew ma jistgħux jiġu trasferiti, mirhuna jew issekwestrati.

5. Jekk il-kjavi prevista fl-Artikolu 29 tiġi aġġustata, l-banek ċentrali nazzjonali għandhom jittrasferixxu bejniethom l-ishma mill-kapital sal-limitu meħtieġ biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni ta' l-ishma tal-kapital tkun tikkorrispondi mal-kjavi aġġustata. Il-Kunsill Regolatorju għandu jiddeċiedi l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet ta' dawk it-trasferimenti.

## ARTIKOLU 29

### Kjavi għas-sottoskrizzjoni fil-kapital

1. Il-kjavi għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew, iffissata għall-ewwel darba fl-1998 meta s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali ġiet stabbilita, għandha tiġi determinata billi kull bank ċentrali nazzjonali jingħata piż f'din il-kjavi ekwivalenti għas-somma ta':

— 50% bħala s-sehem tal-popolazzjoni li kellu l-Istat Membru partikolari bħala parti mill-popolazzjoni ta' l-Unjoni fis-sena preċedenti għal dik meta ġiet stabbilita s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali;

— 50% bħala s-sehem tal-prodott gross domestiku ta' l-Istat Membru partikolari bħala parti mill-prodott gross domestiku ta' l-Unjoni skond il-prezzijiet fis-suq kif kienu ġew reġistrati matul l-aħħar ħames snin li jippreċedew is-sena ta' qabel dik meta ġiet stabbilita s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

Il-perċentwali tiġi mqarrba mal-multiplu ta' 0.0001% li jmiss 'l fuq jew l-isfel.

2. L-informazzjoni statistika li għandha tintuża fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni skond ir-regoli stabbiliti mill-Kunsill skond l-Artikolu 41.

3. Il-piżijiet assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali għandhom jiġu aġġustati kull ħames snin wara l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, b'analoġija mal-paragrafu 1. Il-kjavi kif aġġustata għandha tibda tapplika mill-ewwel ġurnata tas-sena ta' wara.

4. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu kull miżura oħra meħtieġa biex dan l-Artikolu jkun jista' jiġi applikat.

ARTIKOLU 30

Trasferiment ta' attiv ta' riżervi barranin lill-Bank Ċentrali Ewropew

1. Salv l-Artikolu 28, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi pprovdut mill-banek ċentrali nazzjonali b'attiv ta' riżerva barranija, bl-esklużjoni ta' muniti ta' l-Istati Membri, tal-euro, tal-posizzjonijiet ta' riżerva fil-Fond Monetarju Internazzjonali u tad-drittijiet speċjali ta' preljev, sa ammont ekwivalenti għal 50 000 miljun euro. Il-Kunsill Regolatorju għandu jiddeċiedi dwar il-proporzjon li jrid jiġi miġbur mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu kull dritt li jżomm in depożitu r-riżervi barranin li jiġu ttrasferiti lilu kif ukoll li jużahom għall-bżonnijiet stabbiliti f'dan l-Istatut.

2. Il-kontribuzzjonijiet ta' kull bank ċentrali nazzjonali għandhom jiġu ffissati skond il-proporzjon tas-sehem tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3. Kull bank ċentrali nazzjonali għandu jiġi akkreditat mill-Bank Ċentrali Ewropew bi dritt ta' preljev ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tiegħu. Il-Kunsill Regolatorju għandu jiddeċiedi d-denominazzjoni u l-ħlas mad-dritt tal-preljev.

4. Il- Bank Ċentrali Ewropew jista' jagħmel talbiet supplimentari għall-attiv ta' riżervi barranin skond il-paragrafu 2, lil hinn mill-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill u skond il-proċeduri indikati fl-Artikolu 41.

5. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jżomm u jamministra posizzjonijiet ta' riżerva tal-Fond Monetarju Internazzjonali u drittijiet speċjali ta' preljev u jilqa' t-talba illi dawn jitqiegħdu fil-fond komuni.

6. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu kull miżura oħra meħtieġa biex dan l-Artikolu jkun jista' jiġi applikat.

ARTICLE 31

Attiv ta' riservi barranin miżmuma
mill-banek ċentrali nazzjonali

1. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jagħmlu negozji biex iwettqu l-obbligi tagħhom lejn organizzazzjonijiet internazzjonali skond l-Artikolu 23.

2. L-operazzjonijiet l-oħra kollha f'attiv ta' riżervi barranin li jibqgħu għand il-banek ċentrali nazzjonali wara t-trasferimenti previsti fl-Artikolu 30, u n-negozji ta' l-Istati Membri bil-bilanċi bankarji tagħhom fir-rati tal-kambju għandhom, meta jaqbżu ċertu limitu li jkun definit fil-parametri tal-paragrafu 3, ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, u dan sabiex tiġi żgurata koerenza mar-rati tal-kambju u l-linji politiċi monetarji u ta' l-Unjoni.

3. Il-Kusill Regolatorju għandu jippubblika linji ta' gwida bl-iskop li jiffaċilita n-negozji bħal dawk.

ARTIKOLU 32

Allokazzjoni ta' l-introjtu monetarju
tal-banek ċentrali nazzjonali

1. L-introjtu li jakkumula għad-disposizzjoni tal-banek ċentrali nazzjonali fit-twettiq tal-funzjoni tal-politika monetarja tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "introjtu monetarju") għandu jiġi allokat fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. L-ammont ta' l-introjtu monetarju ta' kull bank ċentrali nazzjonali għandu jkun daqs l-introjtu annwali tiegħu derivat mill-attiv tiegħu kontra l-flus fiċ-ċirkulazzjoni u l-passiv fid-depożiti għal istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan l-attiv għandu jiġi riżervat mill-banek ċentrali nazzjonali skond linji ta' gwida li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju.

3. Jekk, wara l-bidu tat-tielet stadju, l-istruttura tal-karta tal-bilanċ tal-banek ċentrali nazzjonali, fil-fehma tal-Kunsill Regolatorju, ma tippermettix l-applikazzjoni tal-paragrafu 2, il-Kunsill Regolatorju, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li, b'deroga mill-paragrafu 2, l-introjtu monetarju jrid jiġi kkalkolat skond metodu alternattiv għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

4. L-ammont ta' l-introjtu monetarju ta' kull bank ċentrali nazzjonali għandu jiġi mnaqqas b'ammont ekwivalenti għal kull imgħax imħallas minn dak il-bank ċentrali fuq il-passiv fid-depożitu tiegħu f'istituzzjonijiet ta' kreditu skond l-Artikolu 19.

Il-Kunsill Regolatorju jista' jiddeċiedi li l-banek ċentrali nazzjonali għandhom jingħataw indennizz għal kull ħlas li jkunu għamlu in konnessjoni mall-ħruġ tal-karti tal-flus jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali għal kull telf speċifiku li joriġina mill-operazzjonijiet ta' politika monetarja magħmula għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. L-indennizz għandu jkun f'dik il-forma li tidher xierqa fil-fehma tal-Kunsill Regolatorju. Dawn l-ammonti jistgħu jiġu paċuti kontra l-introjtu monetarju tal-banek ċentrali monetarji.

5. Is-somma ta' l-introjtu monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali għandha tiġi allokata lill-banek ċentrali nazzjonali fi proporzjon ma' l-ishma mħallsa fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew, salv kull deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Regolatorju skond l-Artikolu 33(2).

6. It-tpaċija u s-saldu tal-bilanċi li joħorġu mill-allokazzjoni ta' dħul monetarju għandhom isiru mill-Bank Ċentrali Ewropew skond il-linji ta' gwida stabbiliti mill-Kunsill Regolatorju.

7. Il-Kunsill Regolatorju għandu jieħu kull miżura oħra meħtieġa biex dan l-Artikolu jkun jista' jiġi applikat.

## ARTIKOLU 33

### Allokazzjoni ta' profitt u telf nett tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Il-profitt nett tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi trasferit f'din l-ordni li ġejja:

a) ammont li jiġi stabbilit mill-Kunsill Regolatorju, li ma jistax jaqbeż l-20% tal-profitt nett, għandu jiġi trasferit fil-fond ta' riżerva ġenerali sal-limitu ekwivalenti ta' 100% tal-kapital;

b) il-bqija tal-profitt nett għandu jitqassam bejn l-azzjonisti tal-Bank Ċentrali Ewropew fi proporzjon għall-ishma tagħhom imħallsa.

2. Jekk il-Bank Ċentrali Ewropew, jirreġistra telf dan jista' jiġi kopert mill-fond ta' riżerva ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew u, jekk ikun meħtieġ, wara deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Regolatorju, jitħallas mill-introjtu monetarju tas-sena finanzjarja konċernata fi proporzjon u sa l-ammonti allokati lill-banek ċentrali nazzjonali skond l-Artikolu 32(5).

## KAPITOLU VII

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

### ARTIKOLU 34

### Atti Ġuridiċi

1. Skond l-Artikolu III-190 tal-Kostituzzjoni, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta:

a) Regolamenti Ewropej sa fejn ikun neċessarju biex jiġu implimentati l-kompiti definiti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 22 jew l-Artikolu 25(2) ta' dan l-Istatut u f'każijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej previsti fl-Artikolu 41;

b) d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taħt il-Kostituzzjoni u dan l-Istatut;

ċ) rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet Ewropej tiegħu.

3. Fil-limitu u skond il-kondizzjonijiet adottati mill-Kunsill permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt li jimponi multi jew pagamenti penali perjodiċi fuq intrapriżi għal nuqqas ta' ħarsien ta' l-obbligi taħt ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej tiegħu.

ARTIKOLU 35

Kontroll ġudizzjarju u materji li għandhom x'jaqsmu

1. L-atti jew l-ommissjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ikunu soġġetti għar-reviżjoni jew l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jibda proċeduri fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni.

2. Il-kwistjonijiet bejn il-Bank Ċentrali Ewropew min-naħa l-waħda, u l-kredituri jew id-debituri tiegħu jew kull persuna oħra, min-naħa l-oħra, għandhom ikunu deċiżi mill-qrati nazzjonali kompetenti, ħlief meta l-ġurisdizzjoni tkun ingħatat lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun suġġett għar-regoli dwar ir-responsabbiltà li hemm fl-Artikolu III-431 tal-Kostituzzjoni. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu responsabbli skond il-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li tagħti sentenza skond kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt konkluż minn jew għan-nom tal-Bank Ċentrali Ewropew, kemm jekk dak il-kuntratt ikun irregolat bid-dritt pubbliku kemm bid-dritt privat.

5. Id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tittieħed mill-Kunsill Regolatorju.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi kawżi dwar it-twettiq minn xi bank ċentrali nazzjonali ta' l-obbligi taħt il-Kostituzzjoni u dan l-Istatut. Jekk il-Bank Ċentrali Ewropew jikkunsidra li bank ċentrali nazzjonali jkun naqas milli jissodisfa obbligu taħt il-Kostituzzjoni u dan l-Istatut, huwa għandu jagħti opinjoni motivata dwar il-kwistjoni wara li jagħti lill-bank ċentrali nazzjonali kkonċernat l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. Jekk il-bank ċentrali nazzjonali kkonċernat ma jħarisx l-opinjoni fil-perjodu stabbilit mill-Bank Ċentrali Ewropew, dan ta' l-aħħar jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU 36

### Persunal

1. Il-Kunsill Regolatorju, fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv, għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni f'kull kwistjoni bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-impjegati tiegħu fil-limiti u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kondizzjonijiet tax-xogħol.

ARTKOLU 37

Sigriet professjonali

1. Membri tal-korpi regolatorji u l-impjegati tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali għandhom l-obbligu, anki wara li jkunu spiċċaw mill-funzjonijiet tagħhom, li ma jagħtux informazzjoni li tkun tax-xorta koperta bl-obbligu tas-sigriet professjonali.

2. Il-persuni li għandhom aċċess għal informazzjoni koperta b'att ta' l-Unjoni li jorbot legalment li jimponi obbligu ta' segretezza għandhom ikunu suġġetti għal dak l-obbligu.

ARTIKOLU 38

Firmatarji

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jintrabat legalment ma' terzi, mill-President, jew minn żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv jew bil-firem ta' żewġ membri tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew li jkunu ġew awtorizzati kif xieraq mill-President biex jiffirmaw f'isem il-Bank Ċentrali Ewropew.

## ARTIKOLU 39

### Privileġġi u immunitajiet

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tiegħu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU VIII

## EMENDA TA' L-ISTATUT U REGOLI KOMPLIMENTARI

## ARTIKOLU 40

### Proċeduri simplifikati għall-emendi

1. Skond l-Artikolu III-187(5) tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 5(1), (2) u (3), l-Artikoli 17 u 18, l-Artikolu 19(1), 22, 23, 24 u 26, l-Artikolu 32(2), (3), (4) u (6), l-Artikolu 33(1)(a) u l-Artikolu 36 ta' dan l-Istatut jistgħu jiġu emendati b'liġi Ewropea:

a) jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;

b) jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

2. L-Artikolu 10(2) jista' jiġi emendat b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'mod unanimu, jew fuq rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew. Dawn l-emendi m'għandhomx jibdew iseħħu sakemm ma jkunux approvati mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

3. Rakkomandazzjoni magħmula mill-Bank Ċentrali Ewropew taħt dan l-Artikolu għandha teħtieġ deċiżjoni unanima mill-Kunsill Regolatorju.

ARTIKOLU 41

Regoli komplimentari

Skond l-Artikolu III-187(4) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri previsti fl-Artikolu 4, l-Artikolu 5(4), 19(2), l-Artikolu 20, l-Artikolu 28(1), l-Artikolu 29(2), l-Artikolu 30(4) u l-Artikolu 34(3) ta' dan l-Istatut. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew:

a) jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;

b) jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea.

# KAPITOLU IX

# DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI U OĦRAJN GĦAS-SISTEMA EWROPEA TA' BANEK ĊENTRALI

## ARTIKOLU 42

### Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Deroga kif inhi prevista fl-Artikolu III-197(1) tal-Kostituzzjoni għandha tfisser li l-Artikoli li ġejjin f'dan l-Istatut ma għandhom jagħtu l-ebda dritt u lanqas ma jimponu xi obbligu fuq l-Istat Membru involut: l-Artikoli 3 u 6, l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 12(1), l-Artikolu 14(3), l-Artikoli 16, 18, 19, 20, 22 u 23, l-Artikolu 26(2), l-Artikoli 27, 30, 31, 32, 33, 34 u 50.

2. Il-banek ċentrali ta' l-Istati Membri b'deroga kif indikat fl-Artikolu III-197(1) tal-Kostituzzjoni jikkonservaw il-poteri tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skond il-liġi nazzjonali.

3. Skond l-Artikolu III-197 (2), l-aħħar sub-paragrafu, tal-Kostituzzjoni, "Stati Membri" għandha tinftiehem bħala "Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro" fl-Artikolu 3, l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 19 ta' dan l-Istatut.

4. Fl-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(2) u (3), l-Artikolu 12(1), l-Artikoli 16, 17, 18, 22, 23, 27, 30, 31 u 32, l-Artikolu 33(2) u l-Artikolu 50 ta' dan l-Istatut, "banek ċentrali nazzjonali" għandha tinftiehem bħala "banek ċentrali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

5. Fl-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 33(1), "l-azzjonisti" għandha tinftiehem bħala "banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

6. Fl-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30(2), "kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew" għandha tinftiehem bħala "kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew sottoskritt mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

## ARTIKOLU 43

### Kompiti Transitorji tal-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jassumi l-funzjonijiet li kellu qabel l-Istitut Monetarju Ewropew previsti fl-Artikolu III-199(2) tal-Kostituzzjoni li, minħabba d-derogi ta' xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri, jkunu għad iridu jiġu mwettqa wara l-introduzzjoni tal-euro.

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jagħti pariri fil-preparattivi għall-abrogazzjoni tad-derogi indikati fl-Artikolu III-198 tal-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU 44

### Il-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-187(1) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill Ġenerali għandu jiġi kkostitwit bħala t-tielet korp deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Kunsill Ġenerali għandu jkun magħmul mill-President u l-Viċi-President tal-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali. Il-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jipparteċipaw, mingħajr id-dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

3. Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill Ġenerali huma elenkati fid-dettal fl-Artikolu 46.

ARTIKOLU 45

Funzjonament tal-Kunsill Ġenerali

1. Il-President jew, fl-assenza tiegħu, l-Viċi-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippresjedi l-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-President tal-Kunsill u membru tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

3. Il-President għandu jipprepara l-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

4. B'deroga mill-Artikolu 12(3), il-Kunsill Ġenerali għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

5. Is-Segretarjat tal-Kunsill Ġenerali għandu jiġi pprovdut mill-Bank Ċentrali Ewropew.

ARTICLE 46

Responsabbiltajiet tal-Kunsill Ġenerali

1. Il-Kunsill Ġenerali għandu:

a) jwettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 43;

b) jikkontribwixxi għall-funzjonijiet konsultattivi kif previsti fl-Artikolu 4 u l-Artikolu 25(1).

2. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi:

a) għall-ġbir ta' informazzjoni statistika kif previst fl-Artikolu 5;

b) għall-attivitajiet ta' rappurtaġġ tal-Bank Ċentrali Ewropew kif previsti fl-Artikolu 15;

ċ) għall-istabbiliment tar-regoli meħtieġa għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 26 kif previst fl-Artikolu 26(4);

d) għat-teħid tal-miżuri l-oħra kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 kif previst fl-Artikolu 29(4);

e) għall-istabbiliment tal-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema tal-Bank Ċentrali Ewropew kif previst fl-Artikolu 36.

3. Il-Kunsill Ġenerali għandu jikkontribwixxi għall-preparattivi neċessarji biex jiġu ffissati irrevokabbilment ir-rati tal-kambju tal-muniti ta' l-Istati Membri li għandhom deroga fil-konfront tal-euro kif previst fl-Artikolu III-198(3) tal-Kostituzzjoni.

4. Il-Kunsill Ġenerali għandu jiġi mgħarraf mill-President tal-Bank Ċentrali Ewropew bid-deċiżjonijiet tal-Kunsill Regolatorju.

## ARTIKOLU 47

### Disposizzjonijiet transitorji dwar il-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew

Skond l-Artikolu 29 kull bank ċentrali nazzjonali għandu jingħata piż fil-kjavi għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew. B'deroga mill-Artikolu 28(3), il-banek ċentrali ta' Stati Membri b'deroga ma għandhomx iħallsu l-kapital sottoskritt tagħhom sakemm il-Kunsill Ġenerali, li jaġixxi b'maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew u mill-inqas nofs l-azzjonisti, ma jiddeċiedix li għandha titħallas perċentwali minima bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' l-operat tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## ARTICLE 48

### Ħlas differit tal-kapital, ta' riservi u ta' provvista tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Il-bank ċentrali ta' Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet abrogata, għandu jħallas is-sehem sottoskritt tiegħu mill-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew fl-istess livell bħall-banek ċentrali ta' Stati Membri oħra li l-munita tagħhom hija l-euro, u għandu jittrasferixxi lill-Bank Ċentrali Ewropew attiv f'riservi barranin skond l-Artikolu 30(1). Is-somma li tiġi trasferita għandha tiġi ffissata billi jiġi moltiplikat il-valur tal-euro skond ir-rati ta' kambju kurrenti ta' l-attiv tar-riservi barranin li kienu diġà ġew ittrasferiti lill-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 30(1), fil-proporzjon bejn l-għadd ta' ishma sottoskritti mill-bank ċentrali nazzjonali kkonċernat u l-għadd ta' ishma diġà mħallsa mill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra.

2. B'żieda mal-ħlas li għandu jsir skond il-paragrafu (1), il-bank ċentrali nazzjonali kkonċernat għandu jikkontribwixxi għar-riservi tal-Bank Ċentrali Ewropew, għal dawk il-provvisti ekwivalenti għal riservi, u għall-ammont li jkun għad irid jiġi allokat lir-riservi u l-provvisti li jikkorrispondu għall-bilanċ tal-kont ta' profitt u telf kif jidher sal-31 ta' Diċembru tas-sena qabel l-abrogazzjoni tad-deroga. L-ammont li jitħallas għandu jiġi stabbilit billi jiġi moltiplikat l-ammont tar-riservi, kif previst hawn qabel u kif muri fil-karta tal-bilanċ approvata tal-Bank Ċentrali Ewropew, fil-proporzjon bejn l-għadd ta' ishma sottoskritti mill-bank ċentrali involut u l-għadd ta' ishma diġà mħallsa mill-banek ċentrali l-oħra.

3. Meta pajjiż wieħed jew aktar isiru Stati Membri u l-banek ċentrali nazzjonali rispettivi tagħhom isiru parti mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, l-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-limitu fuq l-ammont ta' assi ta' riserva barranin li jistgħu jiġu trasferiti lill-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiżdiedu awtomatikament. Iż-żieda għandha tiġi ffissata billi jiġu moltiplikati l-ammonti rispettivi kurrenti f'dak iż-żmien fil-proporzjon, fil-kwadru tal-kapital estiż, bejn l-ippeżar tal-banek ċentrali nazzjonali kkonċernati li jkunu se jidħlu u l-ippeżar tal-banek ċentrali nazzjonali li jkunu diġà membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. L-ippeżar ta' kull bank ċentrali nazzjonali fil-kjavi tal-kapital għandu jiġi maħdum b'analoġija ma' l-Artikolu 29(1) u skond l-Artikolu 29(2). Il-perjodi ta' referenza li għandhom jintużaw għall-informazzjoni statistika għandhom ikunu identiċi ma' dawk applikati fl-aħħar aġġustament kwinkwennali ta' l-ippeżar taħt l-Artikolu 29(3).

ARTIKOLU 49

Deroga mill-Artikolu 32

1. Jekk, wara l-bidu tat-tielet stadju, l-Kunsill Regolatorju jiddeċiedi li l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32 timmodifika b'mod sinjifikanti il-posizzjonijiet relattivi ta' introjtu tal-banek ċentrali nazzjonali, l-ammont ta' introjtu li għandu jiġi allokat skond l-Artikolu 32 għandu jitnaqqas b'perċentwali uniformi li m'għandhiex taqbeż is-60% fl-ewwel sena finanzjarja wara l-bidu tat-tielet stadju u għandu jonqos b'mill-inqas 12-il punt perċentwali f'kull sena finanzjarja sussegwenti.

2. Il-paragrafu (1) għandu japplika għal mhux iktar minn ħames snin finanzjarji wara l-bidu tat-tielet stadju.

## ARTIKOLU 50

### Il-bdil ta' karti ta' flus bankarji fil-munita ta' l-Istati Membri

Wara li r-rati tal-kambju jiġu ffissati irrevokabbilment skond l-Artikolu III-198(3) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill Regolatorju għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-karti ta' flus bankarji denominati f'muniti ta' l-Istati Membri b'rati tal-kambju li jkunu ġew iffissati irrevokabbilment, jinbidlu mill-banek ċentrali nazzjonali bil-valur pari tagħhom rispettiv.

## ARTIKOLU 51

### Applikabbiltà tad-disposizzjonijiet transitorji

Jekk Stati Membri jkollhom deroga u sakemm ikun hemm Stati Membri li jkollhom din id-deroga, l-Artikoli 42 sa 47 għandhom japplikaw.

# 5. PROTOKOLL
# DWAR L-ISTATUT TAL-BANK EWROPEW TA' L-INVESTIMENT

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jistabbilixxu l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment previst fl-Artikolu III-393 tal-Kostituzzjoni,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment previst fl-Artikolu III-393 tal-Kostituzzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Bank") qed jiġi hawnhekk kostitwit; huwa għandu jaqdi dmirijietu u jwettaq l-attivitajiet tiegħu skond il-Kostituzzjoni u dan l-Istatut.

ARTIKOLU 2

Il-kompitu tal-Bank għandu jkun dak definit fl-Artikolu III-394 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 3

Skond l-Artikolu III-393 tal-Kostituzzjoni, l-membri tal-Bank għandhom ikunu l-Istati Membri.

ARTIKOLU 4

1. Il-kapital tal-Bank għandu jkun ta' 163 653 737 000 euro, sottoskritt mill-Istati Membri kif ġej:

| | |
|---|---|
| il-Ġermanja | 26 649 532 500 |
| Franza | 26 649 532 500 |
| l-Italja | 26 649 532 500 |
| ir-Renju Unit | 26 649 532 500 |
| Spanja | 15 989 719 500 |
| il-Belġju | 7 387 065 000 |
| l-Olanda | 7 387 065 000 |
| l-Isvezja | 4 900 585 500 |
| id-Danimarka | 3 740 283 000 |
| l-Awstrija | 3 666 973 500 |
| il-Polonja | 3 411 263 500 |
| il-Finlandja | 2 106 816 000 |
| il-Greċja | 2 003 725 500 |
| il-Portugall | 1 291 287 000 |
| ir-Repubblika Ċeka | 1 258 785 500 |
| l-Ungerija | 1 190 868 500 |
| l-Irlanda | 935 070 000 |
| is-Slovakkja | 428 490 500 |
| is-Slovenja | 397 815 000 |
| il-Litwanja | 249 617 500 |
| il-Lussemburgu | 187 015 500 |
| Ċipru | 183 382 000 |
| il-Latvja | 152 335 000 |
| l-Estonja | 117 640 000 |
| Malta | 69 804 000 |

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biss sas-somma ta' sehemhom mill-kapital sottoskritt iżda mhux imħallas.

2. L-ammissjoni ta' membru ġdid għandha ġġib magħha żieda fil-kapital sottoskritt daqs il-kapital li jġib il-membru l-ġdid.

3. Il-Bord tal-Gvernaturi jista', b'mod unanimu, jiddeċiedi li jżid il-kapital sottoskritt.

4. Is-sehem ta' membru fil-kapital sottoskritt ma jistgħax jiġi trasferit, imwiegħed jew impenjat.

ARTIKOLU 5

1. Il-kapital sottoskritt għandu jitħallas mill-Istati Membri sa medja ta' 5% tas-somom stabbiliti fl-Artikolu 4(1).

2. Jekk ikun hemm żieda fil-kapital sottoskritt, il-Bord tal-Gvernaturi b'mod unanimu, għandu jiffissa l-perċentwali li għandha titħallas u l-arranġamenti għall-ħlas. Il-ħlas f'kontanti għandu jsir esklużivament f'euro.

3. Il-Bord tad-Diretturi jista' jitlob il-ħlas tal-bilanċ tal-kapital sottoskritt, f'ammont li jista' jkun meħtieġ biex il-Bank ikun jista' jaqdi l-obbligi tiegħu.

Kull Stat Membru għandu jagħmel dan il-ħlas skond il-proporzjon tas-sehem tiegħu tal-kapital sottoskritt.

ARTIKOLU 6

Il-Bank għandu jitmexxa minn Bord tal-Gvernaturi, Bord tad-Diretturi u Kumitat tat-Tmexxija.

ARTIKOLU 7

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jkun magħmul minn ministri maħtura mill-Istati Membri.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi direttivi ġenerali għall-politika ta' kreditu tal-Bank, skond l-għanijiet ta' l-Unjoni.

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jassigura li dawn id-direttivi jkunu mplimentati.

3. Minbarra dan, il-Bord tal-Gvernaturi għandu:

a) jiddeċiedi jekk għandux iżid il-kapital sottoskritt skond l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5(2);

b) għall-finijiet ta' l-Artikolu 9(1), jiffissa l-prinċipji applikabbli għal operazzjonijiet ta' finanzjament li jkun daħal għalihom fil-qafas tal-kompitu tal-Bank,

ċ) jeżerċita s-setgħat kif provdut fl-Artikoli 9 u 11 dwar il-ħatra u l-irtirar obbligatorju tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-Kumitat tat-Tmexxija, u dawk il-kompetenzi provduti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1);

d) jiddeċiedi dwar l-għoti ta' finanzi għal investiment li jrid isir, parzjalment jew għal kollox, barra t-territorju ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 16(1);

e) japprova r-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi;

f) japprova l-karta tal-bilanċ annwali u l-kont ta' qligħ u telf;

g) japprova r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank;

h) jeżerċita s-setgħat konferiti b'dan l-Istatut.

4. Fil-qafas tal-Kostituzzjoni u ta' dan l-Istatut, il-Bord tal-Gvernaturi, b'mod unanimu, jista' jiddeċiedi dwar is-sospensjoni ta' l-operazzjonijiet u, jekk ikun il-każ, l-istralċ, tal-Bank.

ARTIKOLU 8

1. Salv meta provdut mod ieħor f'dan l-Istatut, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Din il-maġġoranza għandha tirrappreżenta mill-inqas 50% tal-kapital sottoskritt.

Maġġoranza kwalifikata għandha teħtieġ tmintax-il vot favur u 68% tal-kapital sottoskritt.

2. L-astenzjoni mill-preżenza ta' membri jew tar-rappreżentati tagħhom m'għandhiex iżżomm milli sseħħ l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jeħtieġu l-unanimità.

ARTIKOLU 9

1. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi dwar l-għoti ta' finanzjament, speċjalment fil-forma ta' kreditu jew garanziji, u faċilitajiet ta' self; għandu jiffissa r-rati ta' imgħax fuq self mogħti u l-kummissjoni u piżijiet oħra. Jista', fuq il-bażi ta' deċiżjoni meħuda b'maġġoranza kwalifikata, jiddelega xi wħud mill-funzjonijiet tiegħu lill-Kumitat tat-Tmexxija. Għandu jiffissa l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet ta' din id-delega u għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni tagħha.

Il-Bord tad-Diretturi għandu jassigura li l-Bank jitmexxa sewwa; għandu jassigura li l-Bank jitmexxa skond il-Kostituzzjoni, dan l-Istatut u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-Bord tad-Diretturi għandu jissottometti rapport lill-Bord tal-Gvernaturi u għandu jippubblikah wara li jiġi approvat.

2. Il-Bord tad-Diretturi għandu jkun kompost minn sitta u għoxrin direttur u sittax-il direttur supplenti.

Id-diretturi għandhom jinħatru mill-Bord tal-Gvernaturi għal ħames snin, wieħed nominat minn kull Stat Membru. Wieħed għandu jkun nominat ukoll mill-Kummissjoni.

Id-diretturi supplenti għandhom jinħatru mill-Bord tal-Gvernaturi għal ħames snin kif ġej:

— żewġ supplenti nominati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,

— żewġ supplenti nominati mir-Repubblika Franċiża,

— żewġ supplenti nominati mir-Repubblika Taljana,

— żewġ supplenti nominati mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

— supplent wieħed nominat bi qbil bejn ir-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża,

— supplent wieħed nominat bi qbil bejn ir-Renju tal-Belġju, l-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju ta' l-Olanda,

— supplent wieħed nominat bi qbil bejn ir-Renju tad-Danimarka, r-Repubblika Ellenika u l-Irlanda,

— supplent wieħed nominat bi qbil bejn ir-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja, u r-Renju ta' l-Isvezja,

— tliet supplenti nominati bi qbil bejn ir-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika tal-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka,

— supplent wieħed nominat mill-Kommissjoni.

Il-Bord tad-Diretturi għandu jaħtar b'għażla sitt esperti bla dritt ta' vot: tlieta bħala membri u tlieta bħala supplenti.

Il-ħatriet tad-Diretturi u tas-supplenti jistgħu jiġġeddu.

Ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi u d-disposizzjonijiet applikabbli għas-supplenti u għall-esperti maħtura b'għażla.

Il-President tal-Kumitat tat-Tmexxija jew, fl-assenza tiegħu, wieħed mill-Viċi-Presidenti, għandu jippresjedi l-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi iżda m'għandux jivvota.

Il-Membri tal-Bord tad-Diretturi għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza u l-kompetenza tagħhom ma jkun hemm l-ebda dubju. Għandhom ikunu responsabbli biss lejn il-Bank.

3. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jobbliga direttur jirtira biss jekk dan ma jkunx iktar fil-pussess tar-rekwiżiti meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu; Il-Bord għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk ir-rapport annwali ma jiġix approvat, il-Bord tad-Diretturi għandu jirriżenja.

4. Kull post battal li jirriżulta wara mewt, riżenja volontarja, rtirar obbligat jew riżenja kollettiva għandu jimtela skond il-paragrafu 2. Membru għandu jiġi sostitwit għall-bqija tal-mandat tiegħu, ħlief fil-każ fejn ikun qed jiġi sostitwit il-Bord tad-Diretturi sħiħ.

5. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiffissa r-remunerazzjoni tal-membri tal-Bord tad-Diretturi. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu, jistabbilixxi liema attivitajiet huma inkompatibbli mad-doveri ta' direttur jew ta' supplent.

## ARTIKOLU 10

1. Fil-Bord tad-Diretturi kull direttur għandu vot wieħed. Dan jista' jiddelega l-vot tiegħu fil-każijiet kollha, skond il-proċeduri stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Bank.

2. Hlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Istatut, id-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi għandhom jittieħdu minn għall-inqas terz tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot, li jirrappreżentaw mhux inqas minn 50% tal-kapital sottoskritt. Maġġoranza kwalifikata teħtieġ tmintax-il vot u 68% fil-mija tal-kapital sottoskritt. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bank għandhom jistabbilixxu kemm hemm bżonn ta' membri tal-Bord tad-Diretturi biex ikun hemm il-*quorum* meħtieġ għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet.

ARTIKOLU 11

1. Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jkun kompost mill-President u tmien Viċi-Presidenti maħtura għal perjodu ta' sitt snin mill-Bord tal-Gvernaturi fuq proposta tal-Bord tad-Diretturi. Dawn il-ħatriet jistgħu jiġġeddu.

Il-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi b'unanimità, jista' jbiddel l-għadd tal-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija.

2. Fuq proposta tal-Bord tad-Diretturi adottata b'maġġoranza kwalifikata, l-Bord tal-Gvernaturi li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jirtira membru tal-Kumitat tat-Tmexxija.

3. Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jkun responsabbli għax-xogħol kurrenti tal-Bank, taħt l-awtorità tal-President u s-sorveljanza tal-Bord tad-Diretturi.

Huwa għandu jħejji d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, inklużi deċiżjonijiet dwar il-faċilitajiet ta' self u l-għoti ta' finanzjament, speċjalment fil-forma ta' self u garanziji. Għandu jassigura li dawn id-deċiżjonijiet jiġu implimentati.

4. Il-Kumitat tat-Tmexxija, li jaġixxi b'maġġoranza, għandu jadotta opinjonijiet dwar proposti għal faċilitajiet ta' self jew għall-għoti ta' finanzjament, speċjalment fil-forma ta' self u garanziji.

5. Il-bord tal-Gvernaturi għandu jiffissa r-remunerazzjoni tal-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija u għandu jistabbilixxi liema attivitajiet huma inkompatibbli ma' dmirijiethom.

6. Il-President jew, f'każ ta' impediment, wieħed mill-Viċi-Presidenti għandu jirrappreżenta l-Bank f'materji ġudizzjarji u f'materji oħrajn.

7. L-impjegati tal-Bank għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tal-President. Huma jiġu impjegati u ssensjati minnu. Fl-għażla ta' l-impjegati, għandha tittieħed in konsiderazzjoni mhux biss il-kompetenza personali u l-kwalifiki iżda wkoll ir-rappreżentanza ekwa taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jistabbilixxu liema organu hu kompetenti biex jadotta d-disposizzjonijiet applikabbli għall-impjegati.

8. Il-Kumitat tat-Tmexxija u l-impjegati tal-Bank għandhom ikunu responsabbli lejn il-Bank biss u għandhom ikunu indipendenti għal kollox fil-qadi ta' dmirijiethom.

## ARTIKOLU 12

1. Kumitat magħmul minn sitt membri, maħtura fuq bażi tal-kompetenza tagħhom mill-Bord tal-Gvernaturi, għandu jivverifika li l-attivitajiet tal-Bank jaqblu ma' l-aħjar prattika bankarja, u għandu jkun responsabbli għall-verifika tal-kontijiet.

2. Il-Kumitat previst fil-paragrafu 1 għandu, kull sena, jassigura li l-operazzjonijiet tal-Bank tmexxew u l-kotba tiegħu nżammu b'mod xieraq. Għal dan l-iskop, għandu jivverifika li l-operazzjonijiet tal-Bank saru skond il-formalitajiet u l-proċeduri previsti minn dan l-Istatut u r-Regoli tal-Proċedura.

3. Il-Kumitat previst fil-paragrafu 1 għandu jikkonferma li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, kif ukoll kull informazzjoni finanzjarja oħra fil-kontijiet annwali mogħtija mill-Bord tad-Diretturi, jagħtu stampa vera u ġusta tal-posizzjoni finanzjarja tal-Bank f'dak li jirrigwarda l-attiv u l-passiv tiegħu, u f'dak li jirrigwarda r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tiegħu u l-*cash flows* għas-sena finanzjarja kkonċernata.

4. Ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jispeċifikaw il-kwalifiki meħtieġa għall-membri tal-Kumitat u jistabbilixxu l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet għall-attività tal-Kumitat.

ARTIKOLU 13

Il-Bank għandu jitratta ma' kull Stat Membru permezz ta' l-awtorità maħtura minn dak l-Istat. Fit-twettiq ta' l-operazzjonijiet finanzjarji l-Bank għandu jirrikorri għand il-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat jew għand kull istituzzjoni finanzjarja oħra approvata minn dak l-Istat.

ARTIKOLU 14

1. Il-Bank għandu jikkopera ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha li joperaw f'oqsma bħal tiegħu.

2. Il-Bank għandu jfittex li jistabbilixxi kuntatti xierqa fl-interessi tal-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet bankarji u finanzjarji fil-pajjiżi li fihom jopera.

ARTIKOLU 15

Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-Bord tal-Gvernaturi għandu, skond l-istess disposizzjonijiet li rregolaw l-adozzjoni tad-direttivi li stabbilixxa skond l-Artikolu 7, jinterpretahom jew jissupplimentahom.

ARTIKOLU 16

1. Fil-qafas tal-kompitu previst fl-Artikolu III-394 tal-Kostituzzjoni, l-Bank għandu jagħti finanzjament, speċjalment fil-forma ta' self u garanziji lill-membri tiegħu jew lil intrapriżi privati jew pubbliċi għal investimenti li għandhom jitwettqu fit-territorji ta' l-Istati Membri, sakemm ma jkunx hemm fondi disponibbli minn riżorsi oħra, b'kondizzjonijiet raġonevoli.

Madankollu, b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Bord tad-Diretturi, l-Bank jista' jagħti finanzjament għal investimenti li għandhom jitwettqu, għal kollox jew parzjalment, barra t-territorji ta' l-Istati Membri.

2. Kemm jista' jkun, self għandu jingħata biss bil-kundizzjoni li jintużaw ukoll riżorsi oħra ta' finanzjament.

3. Meta jingħata self lil intrapriżi jew xi korp minbarra Stati Membri, l-Bank għandu jagħti s-self bil-kondizzjoni jew li jkun hemm garanzija minn Stat Membru li fit-territorju tiegħu jkun ser isir l-investiment, jew b'garanzija xierqa, jew abbażi tal-posizzjoni finanzjarja soda tad-debitur.

Barra minn hekk, skond il-prinċipji stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi skond l-Artikolu 7(3)(b), u meta l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet prevista fl-Artikolu III-394 tal-Kostituzzjoni hekk titlob, il-Bord tad-Diretturi għandu, b'maġġoranza kwalifikata, jistabbilixxi l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet ta' kull operazzjoni finanzjarja li fiha riskju speċifiku li b'hekk tkun ikkunsidrata bħala attività speċjali.

4. Il-Bank jista' jiggarantixxi self meħud minn intrapriżi pubbliċi jew privati jew korpi oħra biex iwettqu proġetti previsti fl-Artikolu III-394 tal-Kostituzzjoni.

5. Fi kwalunkwe żmien, l-ammont totali ta' self u garanziji mogħtija mill-Bank m'għandux jaqbeż il-250% tal-kapital sottoskritt, tar-riservi, ta' l-ammonti mhux allokati u ta' l-ammonti li jkunu in eċċess fil-kont ta' qligħ u telf tiegħu. Dan l-ammont totali għandu jitnaqqas b'ammont daqs l-ammont sottoskritt (imħallas jew mhux) ta' kull parteċipazzjoni fil-kapital mill-Bank.

L-ammont tal-parteċipazzjonijiet fil-kapital mill-Bank imħallsa m'għandu qatt jaqbeż l-ammont imħallas tal-kapital sottoskritt, tar-riservi tiegħu, ta' l-ammonti mhux allokati u ta' l-ammonti li jkunu in eċċess fil-kont ta' qligħ u telf.

B'eċċezzjoni, għall-attivitajiet speċjali tal-Bank, kif deċiżi mill-Bord tal-Gvernaturi u l-Bord tad-Diretturi skond il-paragrafu 3 għandu jkun hemm allokazzjoni speċifika ta' riserva.

Dan il-paragrafu japplika wkoll għall-kontijiet konsolidati tal-Bank.

6. Il-Bank għandu jipproteġi ruħu kontra riskji ta' kambju billi jinkludi l-klawżoli li jidhirlu xierqa fil-kuntratti ta' self u garanzija.

ARTIKOLU 17

1. Rati ta' imgħax fuq self li jingħata mill-Bank u kummissjoni u piżijiet oħra għandhom jiġu aġġustati skond il-kondizzjonijiet kurrenti fis-suq kapitali u għandhom jiġu kkalkolati b'mod li d-dħul minnhom jippermetti lill-Bank li jaqdi l-obbligi tiegħu, biex ikopri l-ispejjeż u r-riskji tiegħu u biex jibni fond ta' riserva kif provdut fl-Artikolu 22.

2. Il-Bank m'għandux jippermetti tnaqqis fir-rata ta' imgħax. Meta tnaqqis fir-rata ta' imgħax jidher desiderabbli minħabba n-natura ta' l-investiment li jkun qed jiġi ffinanzjat, l-Istat Membru kkonċernat jew xi aġenzija oħra tista' tagħti għajnuna għall-ħlas ta' l-imgħax sakemm dan ikun kompatibbli ma' l-Artikolu III-167 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 18

Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu, l-Bank għandu josserva l-prinċipji li ġejjin:

1. Għandu jassigura li l-fondi tiegħu jintużaw bl-iżjed mod razzjonali fl-interessi ta' l-Unjoni.

Jista' jagħti self jew garanziji biss:

a) meta l-imgħax u l-ammortizzament huma koperti, jew minn qligħ mill-istess negozju fil-każ ta' investimenti minn intrapriżi fis-settur tal-produzzjoni, jew fil-każ ta' investimenti oħra, minn impenn sottoskritt mill-Istat li fih isir l-investiment jew b'xi mod ieħor, u

b) meta t-twettiq ta' l-investiment jikkontribwixxi għal żieda ġenerali tal-produttività ekonomika u jippromwovi l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern.

2. M'għandux jakkwista xi interess f'intrapriża u lanqas jassumi xi responsabbiltà fit-tmexxija tagħha ħlief meta dan ikun meħtieġ biex jissalvagwardja d-drittijiet tal-Bank billi jassigura li jinġabru l-fondi mislufin.

Madankollu, skond il-prinċipji stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi skond l-Artikolu 7(3)(b), u meta l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet prevista fl-Artikolu III-394 tal-Kostituzzjoni hekk titlob, il-Bord tad-Diretturi għandu, b'maġġoranza kwalifikata, jistabbilixxi l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-kapital ta' intrapriża kummerċjali, normalment bħala kompliment għal self jew garanzija, sakemm dan ikun meħtieġ biex jiġi ffinanzjat investiment jew programm.

3. Jista' jiddisponi mill-pretensjonijiet tiegħu fis-suq tal-kapital u jista', għal dan l-iskop, jeħtieġ li d-debituri joħorġu *bonds* u titoli oħrajn.

4. La l-Bank u lanqas l-Istati Membri m'għandhom jimponu kondizzjonijiet li jeħtieġu li fondi mislufa mill-Bank jintnefqu fi Stat Membru speċifiku.

5. Il-Bank jista' jagħti self bil-kondizzjoni li jsiru arranġamenti biex jinħarġu talbiet għall-offerti internazzjonali.

6. Il-Bank m'għandux jiffinanzja, parzjalment jew għal kollox, xi investiment f'territorju ta' Stat li ma jkunx iridu.

7. Bħala kumpliment għall-attività ta' self tiegħu, l-Bank jista' jipprovdi servizzi ta' għajnuna teknika skond il-modalitajiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, u bi qbil ma' dan l-Istatut.

ARTIKOLU 19

1. Kull intrapriża jew entità pubblika jew privata tista' tapplika għal finanzjament direttament mingħand il-Bank. Applikazzjonijiet lill-Bank jistgħu jsiru wkoll jew permezz tal-Kummissjoni jew permezz ta' Stat Membru li fuq it-territorju tiegħu jkun ser isir l-investiment.

2. Applikazzjonijiet magħmula permezz tal-Kummissjoni għandhom jiġu sottomessi għal opinjoni ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu jkun ser isir l-investiment. Applikazzjonijiet magħmula permezz ta' Stat Membru għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni biex tagħti opinjoni. Applikazzjonijiet magħmula direttament minn intrapriża għandhom jiġu sottomessi lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni.

L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom fi żmien xahrejn. Jekk f'dan il-terminu ma tingħatax tweġiba, l-Bank jista' jassumi li m'hemmx oġġezzjoni għall-investiment in kwistjoni.

3. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi dwar operazzjonijiet ta' finanzjament sottomessi lilu mill-Kumitat tat-Tmexxija.

4. Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jeżamina jekk operazzjonijiet ta' finanzjament sottomessi lilu jaqblux mad-dan l-Istatut, speċjalment ma' l-Artikoli 16 u 18. Meta l-Kumitat tat-Tmexxija jkun jaqbel ma' l-operazzjoni ta' finanzjament għandu jissottometti l-proposta kkonċernata lill-Bord tad-Diretturi. Il-Kumitat jista' jissoġġetta l-opinjoni favorevoli tiegħu għall-kondizzjonijiet li jidhirlu meħtieġa. Meta l-Kumitat tat-Tmexxija jkun kontra l-għoti ta' finanzjament għandu jissottometti d-dokumenti rilevanti flimkien ma' l-opinjoni tiegħu lill-Bord tad-Diretturi.

5. Meta l-Kumitat tat-Tmexxija jagħti opinjoni kuntrarja, l-Bord tad-Diretturi ma jistax jagħti l-finanzjament kkonċernat ħlief jekk id-deċiżjoni tiegħu tkun unanima.

6. Meta l-Kummissjoni tagħti opinjoni kuntrarja, l-Bord tad-Diretturi ma jistax jagħti l-finanzjament kkonċernat ħlief jekk id-deċiżjoni tiegħu tkun unanima, u f'dan il-każ id-direttur innominat mill-Kummissjoni għandu jastjeni.

7. Meta kemm il-Kumitat tat-Tmexxija kif ukoll il-Kummissjoni jagħtu opinjoni kuntrarja, l-Bord tad-Diretturi ma jistax jagħti l-finanzjament.

8. Meta operazzjoni ta' finanzjament li għandha x'taqsam ma' investiment approvat trid tiġi ristrutturata biex jiġu mħarsa d-drittijiet u l-interessi tal-Bank, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu bla telf ta' żmien jieħu l-miżuri ta' emerġenza li jidhrulu xierqa, u għandu jirrapporta dan minnufih lill-Bord tad-Diretturi.

ARTIKOLU 20

1. Il-Bank għandu jissellef fis-swieq tal-kapital dawk il-fondi meħtieġa biex iwettaq il-kompitu tiegħu.

2. Il-Bank jista' jissellef fis-swieq tal-kapital ta' l-Istati Membri skond id-disposizzjonijiet legali li japplikaw għal dawk is-swieq.

L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li jkollhom deroga skond it-tifsira ta' l-Artikolu III-197(1) tal-Kostituzzjoni jistgħu jopponu dan biss jekk ikun hemm biża ta' disturbi serji fis-swieq tal-kapital ta' dak l-Istat.

ARTIKOLU 21

1. Il-Bank jista' juża l-fondi kollha disponibbli li ma jkunx jeħtieġ immedjatament biex jaqdi l-obbligi tiegħu kif ġej:

a) jista' jinvesti fis-swieq finanzjarji;

b) bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 18(2), jista' jixtri u jbiegħ titoli;

ċ) jista' jwettaq kull operazzjoni finanzjarja oħra marbuta mal-miri tiegħu.

2. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 23, fl-amministrazzjoni ta' l-investimenti tiegħu, l-Bank m'għandux jidħol għal xi arbitraġġ ta' munita li ma jkunx meħtieġ direttament biex imexxi l-operazzjonijiet ta' self tiegħu jew biex jaqdi dmirijietu fejn għandhom x'jaqsmu l-faċilitajiet tas-self u l-garanziji mogħtija minnu.

3. Il-Bank għandu, fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-Artikolu, jaġixxi bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti jew mal-bank ċentrali nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat.

ARTIKOLU 22

1. Fond ta' riżerva sa 10% tal-kapital sottoskritt għandu jiġi maħluq progressivament. Il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi li jwarrab riżervi addizzjonali, jekk ir-responsabbiltajiet tal-Bank jiġġustifikaw dan. Sakemm il-fond tar-riżerva jiġi maħluq kompletament, għandhom jidħlu fih:

a) l-imgħax fuq self mogħti mill-Bank minn somom li jridu jitħallsu mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5;

b) l-imgħax fuq self mogħti mill-Bank minn fondi ġejjin mill-ħlas lura tas-self previst f'(a),

dan sakemm dan l-introjtu mhux meħtieġ biex jaqdi l-obbligi tal-bank jew biex ikopri l-ispejjeż tiegħu.

2. Ir-riżorsi tal-fond tar-riserva għandhom jiġu investiti b'mod li jkunu dejjem disponibbli biex jaqdu l-għan tal-fond.

ARTIKOLU 23

1. Il-Bank għandu jkun dejjem intitolat li jittrasferixxi l-assi tiegħu fil-munita ta' Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro biex iwettaq operazzjonijiet finanzjarji li jaqblu mal-kompitu previst fl-Artikolu III-394 tal-Kostituzzjoni, waqt li jieħu in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 ta' dan l-Istatut. Il-Bank għandu, sa fejn possibbli, jevita li jagħmel dawn it-trasferimenti jekk jippossjedi flus jew assi likwidi fil-munita meħtieġa.

2. Il-Bank ma jistax jikkonverti l-assi tiegħu fil-munita ta' Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro għall-munita ta' pajjiż terz mingħajr il-kunsens ta' l-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-Bank jista' jiddisponi liberament minn dik il-parti tal-kapital tiegħu li tkun imħallsa u minn kull munita li jkun issellef fis-swieq barra mill-Unjoni.

4. L-Istati Membri jintrabtu li jqiegħdu għad-disposizzjoni tad-debituri tal-Bank il-munita meħtieġa biex iħallsu lura l-kapital u jħallsu l-imgħax fuq self jew kummissjoni fuq garanziji mogħtija mill-Bank għal investiment li għandu jsir fit-territorju tagħhom.

ARTIKOLU 24

Jekk Stat Membru jonqos milli jaqdi l-obbligi tas-sħubija li jinħolqu minn dan l-Istatut, speċjalment l-obbligu li jħallas sehmu tal-kapital sottoskritt, li jagħti self speċjali jew li jagħmel il-pagamenti fuq is-self tiegħu, l-għoti ta' self jew garanziji lill-dak l-Istat Membru jew liċ-ċittadini tiegħu jista' jiġi sospiż b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Din id-deċiżjoni ma teħles la lil dak l-Istat Membru u lanqas liċ-ċittadini tiegħu mill-obbligi tagħhom lejn il-Bank.

ARTIKOLU 25

1. Jekk il-Bord tal-Gvernaturi jiddeċiedi li jissospendi l-operazzjonijiet tal-Bank, l-attivitajiet tiegħu għandhom jieqfu minnufih, minbarra dawk meħtieġa biex jassiguraw li l-assi tiegħu jintużaw, u jkunu protetti u preservati u li d-djun jiġu mħallsa kif meħtieġ.

2. F'każ ta' stralċ, l-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar l-istralċjarji u jagħtihom istruzzjonijiet biex iwettqu l-istralċ. Għandu jassigura li d-drittijiet ta' l-impjegati jiġu mħarsa.

ARTIKOLU 26

1. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Bank għandu jgawdi l-kapaċita ġuridika l-iktar estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tiegħu. Jista', b'mod partikolari, jakkwista jew jiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u jista' jkun parti fi proċedimenti legali.

2. Il-proprjetà tal-Bank ma tistax tkun sottomessa għal xi forma ta' rekwisizzjoni jew esproprjazzjoni.

ARTIKOLU 27

1. Kwistjonijiet bejn il-Bank min-naħa l-waħda, u l-kredituri jew id-debituri tiegħu jew kull persuna oħra min-naħa l-oħra, għandhom ikunu deċiżi mill-qrati nazzjonali kompetenti, salv meta l-ġurisdizzjoni tkun ġiet mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Bank jista' jipprovdi għall-arbitraġġ fi kwalunkwe kuntratt.

2. Il-Bank għandu jkollu indirizz uffiċjali f'kull Stat Membru. Madankollu, jista' jispeċifika indirizz partikolari tas-servizz fi kwalunkwe kuntratt.

3. Il-proprjetà u l-assi tal-Bank ma jistgħux jiġu ssekwestrati jew jinqabdu bħala riżultat ta' eżekuzzjoni furzata ħlief b'deċiżjoni ta' qorti.

ARTIKOLU 28

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista', b'mod unanimu, jiddeċiedi li jistabbilixxi sussidjarji jew entitajiet oħra li għandu jkollhom personalità ġuridika u awtonomija finanzjarja.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi, b'mod unanimu, għandu jistabbilixxi l-istatuti tal-korpi previsti fil-paragrafu 1, u jiddefinixxi b'mod partikolari, l-għanijiet, l-istruttura, l-kapital, is-sħubija, s-sit tas-sede tagħhom, ir-riżorsi finanzjarji, l-mezzi ta' arranġamenti għall-intervent u l-kontroll, kif ukoll ir-relazzjoni tagħhom ma' l-organi tal-Bank.

3. Il-Bank jista' jieħu sehem fit-tmexxija ta' dawn il-korpi u jikkontribwixxi għall-kapital sottoskritt tagħhom sa ammont determinat mill-Bord tal-Gvernaturi, li jaġixxi b'mod unanimu.

4. Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea għandu japplika għall-korpi previsti fil-paragrafu 1 sakemm dawn ikunu inkorporati taħt il-liġi ta' l-Unjoni, għall-membri ta' l-organi tagħhom fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom bħala tali u għall-impjegati tagħhom bil-modalitajiet u kondizzjonijiet identiċi għal dawk li japplikaw għall-Bank.

Dawk id-dividendi, l-qligħ kapitali jew forom oħra ta' dħul li jiġu minn dawn il-korpi li għalihom il-membri, minbarra l-Unjoni Ewropea u l-Bank, huma ntitolati, għandhom madankollu jibqgħu suġġetti għad-disposizzjonijiet fiskali tal-leġislazzjoni applikabbli.

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tisma', fil-limiti stabbiliti hawn taħt, kwistjonijiet dwar miżuri adottati minn organi ta' xi korp inkorporat taħt id-dritt ta' l-Unjoni. Proċedimenti kontra dawn il-miżuri jistgħu jiġu istitwiti minn kull membru ta' korp tali fil-kapacità tiegħu bħala tali jew minn Stati Membri taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365 tal-Kostituzzjoni.

6. Il-Bord tal-Gvernaturi jista', b'mod unanimu, jiddeċiedi li jdaħħal l-impjegati ta' korpi inkorporati taħt il-liġi ta' l-Unjoni fi skemi mal-Bank, skond il-proċeduri interni li għandhom x'jaqsmu magħhom.

# 6. PROTOKOLL
# DWAR IS-SITI TAS-SEDI TA' L-ISTITUZZJONIJIET U TA' ĊERTI KORPI, AĠENZIJI U DIPARTIMENTI TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-Artikolu III-432 tal-Kostituzzjoni,

FILWAQT LI JFAKKRU U JIKKONFERMAW id-Deċiżjoni tat-8 ta' April 1965, u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw is-sedi ta' l-istituzzjonijiet, tal-korpi, ta' l-aġenziji u tad-dipartimenti futuri,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

## ARTIKOLU UNIKU

1. Il-Parlament Ewropew għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strasburgu fejn it-12-il perjodu ta' sessjonijiet plenarji kull xahar, inkluża s-sessjoni dwar il-*budget*, għandhom jinżammu. Il-perjodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali għandhom jinżammu fi Brussel. Il-kumitati tal-Parlament Ewropew għandhom jiltaqgħu fi Brussel. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew u d-dipartimenti tiegħu għandhom jibqgħu fil-Lussemburgu.

2. Il-Kunsill għandu jkollu s-sede tiegħu fi Brussel. Matul ix-xhur ta' April, Ġunju u Ottubru, l-Kunsill għandu jżomm il-laqgħat tiegħu fil-Lussemburgu.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-sede tagħha fi Brussel. Id-dipartimenti previsti fl-Artikoli 7, 8 u 9 tad-Deċiżjoni tat-8 ta' April 1965 għandhom ikunu stabbiliti fil-Lussemburgu.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollha s-sede tagħha fil-Lussemburgu.

5. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu s-sede tiegħu fi Frankfurt.

6. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkollha s-sede tagħha fil-Lussemburgu.

7. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkollu s-sede tiegħu fi Brussel.

8. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jkollu s-sede tiegħu fi Brussel.

9. Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jkollu s-sede tiegħu fil-Lussemburgu.

10. Il-Europol għandu jkollu s-sede tiegħu fl-Aja.

# 7. PROTOKOLL

# DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

WARA LI KKUNSIDRAW li, skond l-Artikolu III-434 tal-Kostituzzjoni, l-Unjoni tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tagħha,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

## KAPITOLU I

## PROPRJETÀ, FONDI, ASSI U OPERAZZJONIJIET TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU 1

L-istabbilimenti u l-bini ta' l-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli. Ma jistgħux ikunu sottomessi għal tfittxija, rekwisizzjoni, konfiska jew esproprjazzjoni. Il-proprjetà u l-assi ta' l-Unjoni m'għandhomx ikunu s-suġġetti għal xi miżura amministrattiva jew legali li jirrestrinġu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### ARTIKOLU 2

L-arkivji ta' l-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli.

ARTIKOLU 3

L-Unjoni, l-assi, d-dħul u proprjetà oħra tagħha għandhom ikunu eżenti mit-taxxi diretti kollha.

Il-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom, fejn hu possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa biex jittrasferixxu jew jirrimborsaw l-ammont ta' taxxa indiretta jew taxxa fuq il-bejgħ inkluża fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Unjoni tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xiri sostanzjali ta' oġġetti li l-prezz tagħhom jkun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta. B'danakollu dawn id-disposizzjonijiet m'għandhomx ikollhom l-effett li jikkaġunaw distorsjoni tal-kompetizzjoni fl-Unjoni.

L-ebda eżenzjoni ma għandha tingħata fir-rigward ta' taxxi u pagamenti oħra li jkunu dovuti bħala ħlas biss għal servizzi pubbliċi.

ARTIKOLU 4

L-Unjoni għandha tkun eżenti minn kull dazju doganali, projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni fir-rigward ta' oġġetti li jkunu maħsuba għall-użu uffiċjali tagħha. Oġġetti li jkunu ġew importati b'dan il-mod ma jistgħux jiġu trasferiti, kemm jekk għal ħlas u anki jekk le, fit-territorju ta' l-Istat fejn ikunu ġew importati, ħlief taħt kondizzjonijiet li jkunu approvati mill-gvern ta' dak l-Istat.

L-Unjoni għandha wkoll tkun eżenti minn kull dazju doganali u kull projbizzjoni u restrizzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħha.

## KAPITOLU II

## KOMUNIKAZZJONIJIET U *LAISSEZ-PASSER*

### ARTIKOLU 5

Għall-komunikazzjoni u t-trasmissjoni uffiċjali tad-dokumenti tagħhom kollha, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom igawdu fit-territorju ta' kull Stat Membru t-trattament mogħti minn dak l-Istat lill-missjonijiet diplomatiċi.

Il-korrispondenza uffiċjali u komunikazzjonijiet uffiċjali oħra ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni ma għandhomx ikunu sottomessi għal ċensura.

### ARTIKOLU 6

*Laissez-passer* f'forma li tiġi preskritta b'regolament Ewropew tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, u li għandhom ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti ta' l-ivvjaġġar validi mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, jistgħu jinħarġu lill-membri u l-impjegati ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni mill-Presidenti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dawn il-*laissez-passer* għandhom jinħarġu lil uffiċjali u impjegati oħra taħt kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Agenti l-oħra ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehim sabiex dawn il-*laissez-passer* ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti ta' l-ivvjaġġar validi ġewwa t-territorju ta' Stati terzi.

# KAPITOLU III

# MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## ARTIKOLU 7

L-ebda restrizzjoni amministrattiva jew ta' natura oħra ma għandha tiġi mposta fuq il-moviment liberu tal-membri tal-Parlament Ewropew li jivvjaġġaw lejn jew mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

Il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom, fir-rigward tad-dwana u tal-kontroll tal-kambju, jingħataw:

a) mill-gvern tagħhom stess, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali għolja li jivvjaġġaw barra mill-pajjiż fuq missjonijiet uffiċjali temporanji;

b) mill-gvern ta' Stati Membri oħra, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil rappreżentanti ta' gvernijiet barranin fuq missjonijiet uffiċjali temporanji.

## ARTIKOLU 8

Il-membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali fir-rigward ta' opinjonijiet jew voti espressi minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

ARTIKOLU 9

Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu għandhom:

a) igawdu fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;

b) jiġu meqjusa immuni kemm mid-detenzjoni u kemm mill-proċeduri legali kontra tagħhom fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor.

L-immunità għandha tapplika bl-istess mod għall-membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tiġi invokata la meta membru jinqabad fil-fatt li jwettaq reat u lanqas ma żżomm lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-membri tiegħu.

## KAPITOLU IV

## RAPPREŻENTANTI TA' STATI MEMBRI LI JIEĦDU SEHEM FIX-XOGĦOL TA' L-ISTITUZZJONIJIET TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU 10

Ir-rappreżentanti ta' Stati Membri li jieħdu sehem fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, l-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fil-qadi ta' dmirijiethom u waqt li jivvjaġġaw lejn u mill-post tal-laqgħa, jgawdu mill-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet skond il-konswetudini.

Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-membri tal-korpi konsultattivi ta' l-Unjoni.

## KAPITOLU V

## UFFIĊJALI U IMPJEGATI OĦRA
## TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU 11

Fit-territorju ta' kull Stat Membru u tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra ta' l-Unjoni:

a) bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li għandhom x'jaqsmu, min-naħa l-waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' l-uffiċjali u impjegati oħra lejn l-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea f'kwistjonijiet bejn l-Unjoni u l-uffiċjali tagħha u impjegati oħra, għandhom igawdu l-immunità minn proċedimenti legali rigward l-atti li jkunu wettqu fil-kariga uffiċjali tagħhom, inklużi l-kliem u l-kitba tagħhom. Huma jibqgħu jgawdu din l-immunità wara li jkunu spiċċaw mill-kariga;

b) mhumiex soġġetti għad-disposizzjonijiet li jirrestrinġu l-immigrazzjoni u għall-formalitajiet għar-reġistrazzjoni tal-barranin. L-istess japplika għall-konjuġi u għall-membri dipendenti tal-familji tagħhom;

ċ) fir-rigward tar-regolamenti dwar il-munita jew il-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet li b'konswetudini jingħataw lill-uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

d) igawdu d-dritt li jimportaw mingħajr dazju l-għamara u l-effetti personali tagħhom meta jassumu l-funzjoni tagħhom għall-ewwel darba fl-Istat kkonċernat, u d-dritt li jerġgħu jesportaw bla ma jħallsu dazju l-għamara u l-affarijiet tagħhom, meta jispiċċaw jaqdu dmirijiethom f'dak l-Istat, bla ħsara fi kwalunkwe każ għall-kondizzjonijiet li l-gvern ta' dak l-Istat fejn dan id-dritt jiġi eżerċitat, jikkunsidra neċessarji;

e) ikollhom id-dritt li jimportaw mingħajr dazju karozza għall-użu personali tagħhom, li tkun inxtrat jew fl-Istat fejn kienu qed jirresjedu l-aħħar, jew fl-Istat li tiegħu huma ċittadini, skond il-kondizzjonijiet tas-suq intern li jkunu jseħħu f'dak l-Istat, u li jerġgħu jesportawha bla ma jħallsu dazju, bla preġudizzju, fi kwalunkwe każ, għall-kondizzjonijiet li l-gvern tal-pajjiż ikkonċernat jikkunsidra neċessarji.

ARTIKOLU 12

L-uffiċjali u l-impjegati l-oħra ta' l-Unjoni għandhom iħallsu taxxa, għall-benefiċċju ta' l-Unjoni, fuq is-salarji, l-pagi u l-emolumenti li jkunu irċevew mill-Unjoni, skond il-kondizzjonijiet u l-proċedura stabbiliti b'liġi Ewropea. Dik l-liġi għandha tigi adottata wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ikkonċernati.

L-uffiċjali u l-impjegati l-oħra ta' l-Unjoni għandhom ikunu eżenti mit-taxxi nazzjonali fuq is-salarji, l-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-Unjoni.

ARTIKOLU 13

Fl-applikazzjoni tat-taxxa fuq l-*income*, fuq il-patrimonju u tas-suċċessjoni u fl-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar il-ħelsien mit-taxxa doppja konklużi bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni, uffiċjali u impjegati oħra ta' l-Unjoni li, purament minħabba t-twettiq ta' dmirijiethom fis-servizz ta' l-Unjoni jistabbilixxu r-residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat ta' domiċilju tagħhom għal skopijiet ta' taxxa meta jkunu bdew jaħdmu ma' l-Unjoni, għandhom ikunu kkunsidrati, sew fl-Istat fejn ikunu qed jirresjedu attwalment kif ukoll fl-Istat ta' domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bħallikieku żammew id-domiċilju tagħhom fl-Istat ta' l-aħħar basta li dan ikun membru ta' l-Unjoni. Din id-disposizzjoni għandha tapplika wkoll għall-konjuġi, sakemm dan jew din ta' l-aħħar ma jkunx jew ma tkunx qed jagħmel/tagħmel xogħol bi qligħ, u għal tfal dipendenti u taħt il-ħarsien tal-persuni previsti f'dan l-Artikolu.

Proprjetà mobbli li tkun tappartjeni lil persuni previsti fl-ewwel paragrafu u li tkun fit-territorju ta' l-Istat fejn ikunu qed joqgħodu għandha tkunu eżenti mit-taxxa tas-suċċessjoni f'dak l-Istat. Din il-proprjetà għandha, sabiex tiġi stmata din it-taxxa, tkun ikkunsidrata bħallikieku qiegħda fl-Istat ta' domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bla ħsara għad-drittijiet ta' Stati terzi u għall-possibiltà li jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar it-taxxa doppja.

Kull domiċilju li jkun akkwistat purament minħabba t-twettiq ta' dmirijiet fis-servizz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ma għandux ikun kkunsidrat meta jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 14

L-iskema dwar il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u l-impjegati oħra ta' l-Unjoni għandha tiġi stabbilita permezz ta' liġi Ewropea. Dik il-liġi għandha tigi adottata wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ikkonċernati.

## Artikolu 15

Il-kategoriji ta' l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra ta' l-Unjoni li għalihom għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet fl-Artikolu 11, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 12, u l-Artikolu 13, għal kollox jew parzjalment, għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' liġi Ewropea. Din għandha tigi adottata wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ikkonċernati.

L-ismijiet, il-gradi u l-indirizzi ta' l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra inklużi f'dawn il-kategoriji għandhom jiġu kkomunikati perjodikament lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

# KAPITOLU VI

# PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET TAL-MISSJONIJIET TA' PAJJIŻI TERZI AKKREDITATI GĦALL-UNJONI

## ARTIKOLU 16

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-Unjoni għandha s-sede tagħha għandu jagħti l-privileġġi u l-immunitajiet diplomatiċi skond il-konswetudini lil missjonijiet fi Stati terzi akkreditati għall-Unjoni.

# KAPITOLU VII

# DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

## ARTIKOLU 17

Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet għandhom jiġu akkordati lill-uffiċjali u l-impjegati oħra ta' l-Unjoni unikament fl-interessi ta' l-Unjoni.

Kull istituzzjoni ta' l-Unjoni għandha l-obbligu li tneħħi din l-immunità mogħtija, lil uffiċjal jew lil impjegat ieħor, kull meta dik l-istituzzjoni tikkunsidra li t-tneħħija ta' din l-immunità ma tmurx kontra l-interessi ta' l-Unjoni.

## ARTIKOLU 18

L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom, għall-iskop li jiġi applikat dan il-Protokoll, jikkoperaw ma' l-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istati Membri kkonċernati.

## ARTIKOLU 19

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-membri tal-Kummissjoni.

ARTIKOLU 20

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali, r-Reġistraturi u l-Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' immunità minn proċedimenti legali ta' l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali.

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw wkoll għall-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri.

ARTIKOLU 21

Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri ta' l-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, barra minn hekk, ikun eżentat minn kull għamla ta' tassazzjoni jew imposizzjoni ta' xorta simili f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' dan, fl-Istat fejn il-Bank ikollu s-sede tiegħu. L-attivitajiet tal-Bank u ta' l-organi tiegħu mwettqa skond l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi taxxa fuq it-*turnover*.

ARTIKOLU 22

Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ewropew ta' l-Investiment, għall-membri ta' l-organi tiegħu, għall-persunal tiegħu u għar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Protokoll fuq l-Istatut tal-Bank.

Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu, barra minn hekk, ikun eżentat minn kull għamla ta' tassazzjoni jew imposizzjoni ta' xorta simili f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' dan fl-Istat fejn il-Bank ikollu s-sede tiegħu. Bl-istess mod, ix-xoljiment jew l-istralċ tiegħu m'għandhom jagħtu lok għal ebda imposizzjoni. Finalment, l-attivitajiet tal-Bank u ta' l-organi tiegħu mwettqa skond l-Istatut tiegħu m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi taxxa fuq *it-turnover*.

# 8. PROTOKOLL

# DWAR IT-TRATTATI U L-ATTI TA' ADEŻJONI TAR-RENJU TAD-DANIMARKA, L-IRLANDA U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA, TAR-RENJU TA' SPANJA U R-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,U TAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA, R-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA U R-RENJU TA' L-ISVEZJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU li r-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ingħaqdu mal-Komunitajiet Ewropej fl-1 ta' Jannar 1973; li r-Repubblika Ellenika ingħaqdet mal-Komunitajiet Ewropej fl-1 ta' Jannar 1981; li r-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża ingħaqdu mal-Komunitajiet Ewropej fl-1 ta' Jannar 1986; li r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja ingħaqdu fl-1 ta' Jannar 1995 mal-Komunitajiet Ewropej u ma' l-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

WARA LI KKUNSIDRAW LI l-Artikolu IV-437(2) tal-Kostituzzjoni jipprevedi li t-Trattati dwar l-adeżjonijiet previsti hawn fuq għandhom jiġu mħassra;

WARA LI KKUNSIDRAW LI ċerti disposizzjonijiet li jidhru f'dawk it-Trattati ta' Adeżjoni u fl-Atti annessi magħhom jibqgħu rilevanti; u li l-Artikolu IV-437(2) tal-Kostituzzjoni jipprevedi li disposizzjonijiet bħal dawn iridu jiġu stabbiliti jew previsti fi Protokoll, sabiex jibqgħu fis-seħħ u biex l-effetti legali tagħhom jiġu ppreservati;

BILLI dawn id-disposizzjonijiet jeħtieġu l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa biex jiġu allinjati mal-Kostituzzjoni mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħhom;

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

# TITOLU I

# DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

## ARTIKOLU 1

Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mit-Trattati ta' Adeżjoni previsti fl-Artikolu IV-437(2)(a) sa (d) tal-Kostituzzjoni ġew fis-seħħ, taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati, fid-dati li ġejjin:

a) L-1 ta' Jannar 1973, għat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq;

b) L-1 ta' Jannar 1981, għat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika;

ċ) L-1 ta' Jannar 1986, għat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża;

d) L-1 ta' Jannar 1995, għat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja.

ARTIKOLU 2

1. L-Istati aderenti previsti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu obbligati li jaderixxu mal-ftehim jew konvenzjonijiet konklużi qabel l-adeżjonijiet rispettivi tagħhom, sakemm dawn il-ftehim jew il-konvenzjonijiet għadhom fis-seħħ:

a) ftehim jew konvenzjonijiet konklużi bejn l-Istati Membri l-oħra li huma bbażati fuq it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jew it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew li ma jistgħux jinfirdu mill-kisba tal-miri ta' dawn it-Trattati, jew li għandhom x'jaqsmu mal-funzjonament tal-Komunitajiet jew ta' l-Unjoni jew li huma konnessi ma' l-attivitajiet tagħhom;

b) ftehim jew konvenzjonijiet magħmulin mill-Istati Membri l-oħra, konġuntement mal-Komunitajiet Ewropej, ma' Stat jew Stati terzi jew ma' organizzazzjoni internazzjonali, u l-ftehim li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-ftehim jew konvenzjonijiet. L-Unjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jgħinu lill-Istati aderenti msemmija fl-Artikolu 1 f'dan ir-rigward.

2. L-Istati aderenti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, fejn meħtieġ, biex jaġġustaw il-posizzjoni tagħhom fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u fir-rigward ta' dawk il-ftehim internazzjonali li tagħhom l-Unjoni jew il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jew Stati Membri oħra huma wkoll parti, u fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi li jinħolqu bl-adeżjoni tagħhom.

## ARTIKOLU 3

Id-disposizzjonijiet ta' l-Atti ta' Adeżjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u l-Qorti Ġenerali, li l-iskop jew l-effett tagħhom hu li jħassar jew jemenda, ħlief b'titolu transitorju, atti adottati mill-istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandhom jibqgħu fis-seħħ, bla ħsara għat-tieni paragrafu.

Id-disposizzjonijiet msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jkollhom l-istess *status* ġuridiku bħall-atti li jħassru jew jemendaw u għandhom ikunu suġġetti għall-istess regoli bħal dawk l-atti.

## ARTIKOLU 4

It-testi ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' l-Unjoni Ewropea stabbiliti bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li ġew adottati qabel l-adeżjonijiet previsti fl-Artikolu 1 u li wara kienu stabbiliti mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fil-lingwi Ingliża u Daniża, fil-lingwa Griega, fil-lingwi Spanjola u Portugiża, fil-lingwi Finlandiża u Svediża, għandhom ikunu awtentiċi mid-data ta' l-adeżjonijiet rispettivi previsti fl-Artikolu 1, bl-istess kondizzjonijiet bħat-testi stabbiliti u awtentiċi fil-lingwi l-oħrajn.

ARTIKOLU 5

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tħassar d-disposizzjonijiet transitorji stabbiliti f'dan il-Protokoll, meta ma jibqgħux iżjed applikabbli. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

TITOLU II

DISPOSIZZJONIJIET MEĦUDA MILL-ATT DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' L-ADEŻJONI TAR-RENJU TAD-DANIMARKA, L-IRLANDA U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Sezzjoni 1
Disposizzjonijiet dwar Ġibiltà

ARTIKOLU 6

1. Atti ta' l-istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti fl-Anness I tal-Kostituzzjoni u l-prodotti li, meta jiġu mpurtati fl-Unjoni, huma suġġetti għal regoli speċifiċi bħala riżultat ta' l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni, kif ukoll l-atti dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq it-*turnover*, m'għandhomx japplikaw għall-Ġibiltà ħlief jekk il-Kunsill jadotta deċiżjoni Ewropea li tipprovdi mod ieħor. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu, fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Is-sitwazzjoni ta' Ġibiltà kif definita fil-punt VI ta' l-Anness II [1] ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandha tinżamm.

Sezzjoni 2

Disposizzjonijiet dwar il-Gżejjer Faroe

ARTIKOLU 7

Ċittadini Daniżi residenti fil-Gżejjer Faroe għandhom jiġu kkunsidrati bħala ċittadini ta' Stat Membru fit-tifsira tal-Kostituzzjoni biss mid-data meta l-Kostituzzjoni ssir applikabbli għal dawk il-gżejjer.

Sezzjoni 3

Disposizzjonijiet dwar iċ-*Channel Islands* u l-*Isle of Man*

ARTIKOLU 8

1. Ir-regoli ta' l-Unjoni dwar materji doganali u restrizzjonijiet kwantitattivi, speċjalment dazji, piżijiet li għandhom effett ekwivalenti u t-Tariffa Doganali Komuni, għandhom japplikaw għaċ-*Channel Islands* u l-*Isle of Man* bl-istess kondizzjonijiet kif japplikaw għar-Renju Unit.

---

[1] ĠU L 73, 27.3.1972, p. 47.

2. Fir-rigward ta' prodotti agrikoli u prodotti proċessati minnhom, li huma suġġetti għal xi reġim kummerċjali speċjali, jiġu applikati għal pajjiżi terzi, t-taxxi u miżuri oħra ta' importazzjoni stipulati fir-regoli ta' l-Unjoni u applikabbli mir-Renju Unit.

Dawk id-disposizzjonijiet fir-regoli ta' l-Unjoni li huma meħtieġa biex jippermettu l-moviment liberu u l-osservanza tal-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni u l-kummerċ ta' dawn il-prodotti, għandhom japplikaw ukoll.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li taħthom id-disposizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni subparagrafu għandhom japplikaw għal dawn it-territorji.

ARTIKOLU 9

Id-drittijiet li jgawdu ċ-ċittadini taċ-*Channel Islands* jew ta' l-*Isle of Man* fir-Renju Unit m'għandhomx jiġu milquta mid-dritt ta' l-Unjoni. Madankollu, dawn il-persuni m'għandhomx igawdu mid-disposizzjonijiet tal-liġi Ewropea li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' persuni u ta' servizzi.

ARTIKOLU 10

Id-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika applikabbli għal persuni jew impriżi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 196 ta' dak it-Trattat għandhom japplikaw għal dawk il-persuni jew impriżi meta jkunu stabbiliti fuq it-territorji previsti fl-Artikolu 8 ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 11

L-awtoritajiet tat-territorji previsti fl-Artikolu 8 għandhom jagħtu l-istess trattament lil persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU 12

Jekk, waqt l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti definiti f'din is-Sezzjoni, jinqalgħu xi diffikultajiet fuq naħa jew oħra fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u t-territorji previsti fl-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha, bla dewmien, tipproponi lill-Kunsill dawk il-miżuri ta' salvagwardja li jidhrilha meħtieġa, u għandha tispeċifika l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill għandu jadotta r-regolamenti jew d-deċiżjonijiet Ewropej xierqa fi żmien xahar.

ARTIKOLU 13

F'din is-Sezzjoni, ċittadin taċ-*Channel Islands* u ta' l-*Isle of Man* għandu jfisser kull ċittadin Britanniku li għandu dik iċ-ċittadinanza minħabba li hu, wieħed mill-ġenituri jew min-nanniet tiegħu twieled, ġie adottat, naturalizzat jew reġistrat fil-gżejjer in kwistjoni. Madankollu, għal dan l-iskop, persuna bhal din m'għandhiex tkun meqjusa bħala ċittadin taċ-*Channel Islands* u ta' l-*Isle of Man* jekk hi, jew wieħed mill-ġenituri jew min-nanniet tagħha, twieldet, ġiet adottata, naturalizzata jew reġistrata fir-Renju Unit. L-anqas m'għandha tkun hekk meqjusa jekk hi għal xi żmien kienet b'mod ordinarju residenti fir-Renju Unit għall-ħames snin.

L-arranġamenti amministrattivi meħtieġa biex jidentifikaw dawn il-persuni jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

## Sezzjoni 4
## Disposizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' industrijalizzazzjoni u żvilupp ekonomiku fl-Irlanda

### ARTIKOLU 14

L-Istati Membri jieħdu nota tal-fatt li l-Gvern ta' l-Irlanda beda l-implimentazzjoni ta' politika ta' industrijalizzazzjoni u żvilupp ekonomiku intiża biex il-livelli ta' l-għixien fl-Irlanda jiġu allinjati ma' dawk l-Istati Membri l-oħra u biex jiġi eliminat in-nuqqas ta' impjieg filwaqt li d-differenzi reġjonali fil-livelli ta' żvilupp jitnaqqsu progressivament.

Huma jirrikonoxxu li jkun fl-interess komuni tagħhom li l-għanijiet ta' din il-politika jintlaħqu u jaqblu li jirrakkomandaw għal dan il-għan li l-istituzzjonijiet jimplimentaw il-mezzi u l-proċeduri kollha stabbiliti bil-Kostituzzjoni, b'mod partikolari billi jsir użu xieraq tar-riżorsi ta' l-Unjoni destinati biex jinkisbu l-miri tagħha.

L-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod partikolari li fl-applikazzjoni ta' l-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni, jkun meħtieġ li jitqiesu l-miri ta' espansjoni ekonomika u żieda fil-livell ta' l-għixien tal-popolazzjoni.

## Sezzjoni 5
## Disposizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni mad-Danimarka fil-qasam ta' l-enerġija nukleari

### ARTIKOLU 15

1. Mill-1 ta' Jannar 1973, dik l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri, persuni jew impriżi, skond l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, għandha titqiegħed għad-disposizzjoni tad-Danimarka, li għandha tiddistribwiha b'mod limitat fit-territorju tagħha skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 1973, id-Danimarka għandha tqiegħed għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika volum ekwivalenti ta' informazzjoni fis-setturi speċifikati fil-paragrafu 3. Din l-informazzjoni għandha titniżżel b'mod dettaljat f'dokument li jintbagħat lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-impriżi tal-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

3. Is-setturi li dwarhom id-Danimarka għandha tqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika huma dawn li ġejjin:

a) reattur DOR moderat bl-ilma tqil u mkessaħ b'likwidu organiku;
b) reatturi DT - 350, DK - 400 bl-ilma tqil b'vaska ta' pressjoni;
ċ) ċirkuwitu ta' gass b'temperatura għolja;
d) sistemi ta' strumenti u tagħmir elettroniku speċjali;
e) affidabbiltà;
f) fiżika tar-reatturi, dinamika tar-reatturi u skambju ta' sħana;
g) ittestjar fil-pila ta' materjali u tagħmir.

4. Id-Danimarka għandha tintrabat li tipprovdi lill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika b'kull informazzjoni komplimentari għar-rapporti li tikkomunika, b'mod partikolari waqt żjajjar mill-persunal tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jew persunal mill-Istati Membri fiċ-Ċentru Risö, taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti bi qbil bejniethom f'kull każ.

ARTIKOLU 16

1. F'dawk is-setturi li dwarhom id-Danimarka tqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, meta mitluba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu liċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità meta għandhom drittijiet esklużivi fuq privattivi reġistrati fi Stati Membri, u sakemm m'għandhom l-ebda obbligu jew impenn fir-rigward ta' terzi biex jagħtu jew joffru liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva għad-drittijiet fuq dawn il-privattivi.

2. Fejn tkun ingħatat liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, d-Danimarka għandha tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-għoti ta' sottoliċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità minn dawk li għandhom dawn il-liċenzi.

Dawn il-liċenzi esklużivi jew parzjalment esklużivi għandhom jingħataw fuq bażi kummerċjali normali.

Sezzjoni 6

Disposizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' l-Irlanda fil-qasam ta' l-enerġija nukleari

ARTIKOLU 17

1. Mill-1 ta' Jannar 1973, dik l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri, lil persuni u lil impriżi, skond l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, għandha titqiegħed għad-disposizzjoni ta' l-Irlanda, li għandha tiddistribwiha b'mod limitat fit-territorju tagħha skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 1973, l-Irlanda għandha tqiegħed għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika informazzjoni miksuba fil-qasam nukleari fl-Irlanda, li tinxtered b'mod ristrett, sakemm ma jkunux involuti applikazzjonijiet strettament kummerċjali. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-intrapriżi tal-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

3. L-informazzjoni prevista fil-paragrafi (1) u (2) għandha tikkonċerna prinċipalment studji għall-iżvilupp ta' reattur għall-enerġija u xogħol fuq radioisotopi u l-applikazzjoni tagħhom fil-mediċina, inklużi l-problemi ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

ARTIKOLU 18

1. F'dawk is-setturi li dwarhom l-Irlanda tqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, meta mitluba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu liċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità meta għandhom drittijiet esklużivi fuq privattivi reġistrati fi Stati Membri, u sakemm m'għandhom l-ebda obbligu jew impenn fir-rigward ta' terzi biex jagħtu jew joffru liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, għad-drittijiet fuq dawk il-privattivi.

2. Meta tkun ingħatat liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, l-Irlanda għandha tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-għoti ta' sottoliċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità minn dawk li għandhom dawn il-liċenzi.

Dawn il-liċenzi esklużivi jew parzjalment esklużivi għandhom jingħataw fuq bażi kummerċjali normali.

Sezzjoni 7

Disposizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni mar-Renju Unit fil-qasam ta' l-enerġija nukleari

ARTIKOLU 19

1. Mill-1 ta' Jannar 1973, dik l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri, lil persuni jew impriżi, skond l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, għandha titqiegħed għad-disposizzjoni tar-Renju Unit, li għandu jiddistribwiha b'mod limitat fit-territorju tiegħu taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 1973, ir-Renju Unit għandu jqiegħed għad-dispozizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika volum ekwivalenti ta' informazzjoni fis-setturi speċifikati fil-lista li tinsab fl-Anness [1] għall-Protokoll Nru. 28 ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq . Din l-informazzjoni għandha titniżżel b'mod dettaljat f'dokument li jintbagħat lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-impriżi tal-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

[1] ĠU L 73, 27.3.1972, p. 84.

3. Minħabba l-ikbar interess tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika f'ċerti setturi, r-Renju Unit għandu jagħmel enfasi speċjali fuq it-trasmissjoni ta' informazzjoni fis-setturi li ġejjin:

a) riċerka u żvilupp fir-rigward ta' reatturi veloċi (u inkluża s-sigurtà);
b) riċerka fundamentali (applikabbli għal tipi ta' reatturi);
ċ) sigurtà tar-reatturi (minbarra dik tar-reatturi veloċi);
d) metallurġija, azzar, legi taż-żirkonju u konkrit;
e) kompatibilità ta' materjali strutturali;
f) fabrikazzjoni sperimentali ta' karburant;
g) termoidrodinamika;
h) strumentazzjoni.

Artikolu 20

1. F'dawk is-setturi li dwarhom ir-Renju Unit iqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, meta mitluba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu liċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità meta għandhom drittijiet esklużivi ta' privattivi reġistrati fi Stati Membri tal-Komunità, u sakemm m'għandhom l-ebda obbligu jew impenn fir-rigward ta' terzi li jagħtu jew joffru liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva għad-drittijiet f'dawn il-privattivi.

2. Fejn tkun ingħatat liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, r-Renju Unit għandu jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-għoti ta' sottoliċenzi fuq bażi kummerċjali lill-Istati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità minn dawk li għandhom liċenzi bħal dawn.

Dawn il-liċenzi esklużivi jew parzjalment esklużivi għandhom jingħataw fuq bażi kummerċjali normali.

## TITOLU III

## DISPOSIZZJONIJIET MEĦUDA MILL-ATT DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA

### Sezzjoni 1
### Disposizzjonijiet dwar l-għoti mill-Greċja ta' eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni ta' ċerta merkanzija

### ARTIKOLU 21

L-Artikolu III-151 tal-Kostituzzjoni m'għandux ikun ostaklu għar-Repubblika Ellenika li żżomm fis-seħħ miżuri ta' eżenzjoni mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 1979 skond:

a) Il-Liġi Nru. 4171/61 (Miżuri ġenerali biex jgħinu l-iżvilupp ta' l-ekonomija tal-pajjiż),

b) Id-Digriet Nru. 2687/53 (Investiment u protezzjoni ta' kapital barrani);

ċ) Il-Liġi Nru. 289/76 (Inċentivi għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' reġjuni fil-fruntieri u li jirregolaw il-kwistjonijiet kollha rilevanti),

sa l-iskadenza tal-ftehim konkluż mill-Gvern tar-Repubblika Ellenika ma' dawk il-persuni li qed jibbenefikaw minn dawk il-miżuri.

Sezzjoni 2

Disposizzjonijiet dwar it-tassazzjoni

ARTIKOLU 22

L-atti elenkati fil-punt II.2 ta' l-Anness VIII [1] ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika għandhom japplikaw fir-rigward tar-Repubblika Ellenika taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness, bl-eċċezzjoni tar-referenzi għall-punti 9 u 18(b) tiegħu.

Sezzjoni 3

Disposizzjonijiet dwar il-qoton

ARTIKOLU 23

1. Din is-Sezzjoni tikkonċerna l-qoton, li mhux imqardax jew mimxut, li jiġi taħt is-sub-inċiż Nru. 520 100 tan-Nomenklatura Maqgħuda.

[1] ĠU L 291, 19.11.1979, p. 163.

2. Għandha tiġi introdotta sistema fl-Unjoni partikolarment biex:

a) issostni l-produzzjoni tal-qoton f'reġjuni ta' l-Unjoni fejn hi mportanti għall-ekonomija agrikola;

b) tippermetti l-produtturi kkonċernati dħul ġust;

ċ) tistabbilizza s-suq permezz ta' titjib strutturali fil-livell ta' domanda u *marketing*.

3. Is-sistema prevista fil-paragrafu 2 għandha tinkludi l-għoti ta' għajnuna għall-produzzjoni.

4. Sabiex il-produtturi tal-qoton jistgħu jikkonċentraw l-offerta u jadattaw il-produzzjoni għall-ħtiġijiet tas-suq, għandha tiġi introdotta sistema biex tinkoraġġixxi l-formazzjoni ta' gruppi ta' produtturi u federazzjonijiet ta' dawn il-gruppi.

Din is-sistema għandha tipprovdi għall-għoti ta' għajnuniet biex tipprovdi inċentivi għall-formazzjoni ta' gruppi ta' produtturi, u għall-għajnuna fil-funzjonament tagħhom.

Dawn il-gruppi li ġejjin biss jistgħu jibbenefikaw minn din is-sistema:

a) dawk li jiġu ffurmati fuq l-inizjattiva tal-produtturi nnifishom;

b) dawk li joffru garanzija suffiċjenti għat-tul u l-effettività ta' l-azzjoni tagħhom;

ċ) dawk li jkunu rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Is-sistema kummerċjali ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi m'għandiex tiġi milquta. F'dan ir-rigward, b'mod partikolari, ma tista' tiġi stipulata l-ebda miżura li tirrestrinġi l-importazzjoni.

6. Liġi Ewropea tal-Kunsill, għandha tistabbilixxi l-aġġustamenti meħtieġa fis-sistema introdotta skond din is-Sezzjoni.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu r-regoli ġenerali meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni.

Il-Kunsill għandu jaġixxi, wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

## Sezzjoni 4
## Disposizzjonijiet dwar l-iżvilupp ekonomiku u industrijali tal-Greċja

### Artikolu 24

L-Istati Membri jieħdu nota tal-fatt li l-Gvern tar-Repubblika Ellenika beda l-implimentazzjoni ta' politika ta' industrijalizzazzjoni u żvilupp ekonomiku intiża biex il-livelli ta' l-għixien fil-Greċja jiġu allinjati ma' dawk ta' l-Istati Membri l-oħra u biex telimina n-nuqqas ta' impjieg filwaqt li d-differenzi reġjonali fil-livelli ta' żvilupp jitnaqqsu progressivament.

Huma jirrikonoxxu li hu fl-interess komuni tagħhom li l-miri ta' din il-politika jintlaħqu b'dan il-mod.

Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw il-mezzi u l-proċeduri kollha stipulati mill-Kostituzzjoni, b'mod partikolari billi jsir użu xieraq tar-riżorsi ta' l-Unjoni intiżi biex jinkisbu il-miri tagħha.

B'mod partikolari, fejn japplikaw l-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni, jkun meħtieġ li jitqiesu l-miri ta' espansjoni ekonomika u ż-żieda fil-livell ta' l-għixien tal-popolazzjoni.

Sezzjoni 5

Disposizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-Greċja fil-qasam ta' l-enerġija nukleari

ARTIKOLU 25

1. Mill-1 ta' Jannar 1981, dik l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri, persuni jew impriżi, skond l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, għandha titqiegħed għad-disposizzjoni tar-Repubblika Ellenika, li għandha tiddistribwiha b'mod limitat fit-territorju tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 1981, ir-Repubblika Ellenika għandha tqiegħed għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika informazzjoni miksuba fil-qasam nukleari fil-Greċja, li tiġi distribwita b'mod limitat, sakemm ma jkunux involuti applikazzjonijiet strettament kummerċjali. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-impriżi tal-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

3. L-informazzjoni prevista fil-paragrafi (1) u (2) għandha tikkonċerna l-aktar:

a) studji dwar l-applikazzjoni ta' radioisotopi fl-oqsma li ġejjin: mediċina, agrikoltura, entomoloġija u protezzjoni ta' l-ambjent;

b) l-applikazzjoni tat-teknoloġija nukleari għall-arkeometrija;

ċ) l-iżvilupp ta' tagħmir elettroniku mediku;

d) l-iżvilupp ta' metodi ta' esplorazzjoni għal minerali radjoattivi.

ARTIKOLU 26

1. F'dawk is-setturi li dwarhom ir-Repubblika Ellenika tqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, l-awtoritajiet kompetenti, meta jirċievu talbiet, għandhom joħorġu liċenzi fuq bażi kummerċjali lill-Istati Membri. Persuni u impriżi tal-Komunità meta għandhom drittijiet esklużivi ta' privattivi reġistrati fi Stati Membri tal-Komunità u sakemm m'għandhom l-ebda obbligu jew impenn fir-rigward ta' terzi li jagħtu jew joffru li jagħtu liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva għad-drittijiet f'dawn il-privattivi.

2. Fejn tkun ingħatat liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, r-Repubblika Ellenika għandha tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-għoti ta' sottoliċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika minn dawk li għandhom liċenzi bħal dawn.

Dawn il-liċenzi esklużivi jew parzjalment esklużivi għandhom jingħataw fuq bażi kummerċjali normali.

# TITOLU IV

# DISPOSIZZJONIJIET MEĦUDA MILL-ATT DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' L-ADEŻJONI TAR-RENJU TA' SPANJA U R-REPUBBLIKA PORTUGIŻA

## Sezzjoni 1
## Disposizzjonijiet finanzjarji

### ARTIKOLU 27

Ir-riżorsi proprji provduti mit-taxxa fuq il-valur miżjud għandhom jiġu kkalkolati u vverifikati bħallikieku l-Gżejjer Kanarji u Ċeuta u Melilla kienu nklużi fil-kamp ta' l-applikazzjoni territorjali tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw taxxi fuq it-*turnover* - sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima.

## Sezzjoni 2

## Disposizzjonijiet dwar privattivi

### ARTIKOLU 28

Id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali Spanjola li għandhom x'jaqsmu mal-piż tal-prova, li kienu ġew adottati taħt il-paragrafu 2 tal-Protokoll Nru. 8 għall-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, m'għandhomx japplikaw jekk il-proċeduri ta' ksur mibdija jkunu kontra d-detentur ta' privattiva oħra għall-manifattura ta' prodott identiku għal dak miksub bħala r-riżultat tal-proċess bil-privattiva ta' min iressaq l-ilment, jekk il-privattiva l-oħra kienet ġiet mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 1986.

F'każijiet fejn l-ispostament tal-piż tal-prova ma japplikax, ir-Renju ta' Spanja għandu jibqa' jesiġi li min għandu l-privattiva jġib prova ta' ksur. F'dawn il-każijiet kollha, r-Renju ta' Spanja għandu japplika proċedura ġudizzjarja magħrufa bħala "deskrizzjoni-sekwestru".

"Deskrizzjoni-sekwestru" tfisser proċedura, li tagħmel parti mis-sistema msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi li biha kull persuna ntitolata li tressaq azzjoni għal ksur tista', b'deċiżjoni tal-qorti, mogħtija fuq talba tagħha, iġġiegħel li ssir, fl-istabbiliment ta' dak li allegatament hu ħati tal-ksur, minn uffiċjal tal-qorti mgħejjun minn esperti, deskrizzjoni dettaljata tal-proċessi in kwistjoni, b'mod partikolari bil-fotokopji ta' dokumenti tekniċi, flimkien ma' sekwestru jew mingħajru. Din id-deċiżjoni tal-qorti tista' tordna kawzjoni biex tikkumpensa għad-danni u l-interessi lil dak li hu allegatament ħati, jekk tiġi kkaġunata lilu ħsara mid-"deskrizzjoni-sekwestru".

ARTIKOLU 29

Id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali Portugiża li għandhom x'jaqsmu mal-piż tal-prova, li kienu ġew adottati taħt il-paragrafu 2 tal-Protokoll Nru. 19 għall-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, m'għandhomx japplikaw jekk il-proċeduri ta' ksur mibdija jkunu kontra d-detentur ta' privattiva oħra għall-manifattura ta' prodott identiku għal dak miksub bħala r-riżultat tal-proċess bil-privattiva ta' min iressaq l-ilment, jekk il-privattiva l-oħra kienet ġiet mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 1986.

F'każijiet fejn l-ispostament tal-piż tal-prova ma japplikax, ir-Repubblika Portugiża għandha tibqa' tesiġi li min għandu l-privattiva jġib prova ta' ksur. F'dawn il-każijiet kollha, r-Repubblika Portugiża għandha tapplika proċedura ġudizzjarja magħrufa bħala "deskrizzjoni-sekwestru".

"Deskrizzjoni-sekwestru" tfisser proċedura, li tagħmel parti mis-sistema msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi li biha kull persuna ntitolata li tressaq azzjoni għal ksur tista', b'deċiżjoni tal-qorti, mogħtija fuq talba tagħha, iġġiegħel li ssir, fl-istabbiliment ta' dak li allegatament hu ħati tal-ksur, minn uffiċjal tal-qorti mgħejjun minn esperti, deskrizzjoni dettaljata tal-proċessi in kwistjoni, b'mod partikolari bil-fotokopji ta' dokumenti tekniċi, flimkien ma' sekwestru jew mingħajru. Din id-deċiżjoni tal-qorti tista' tordna kawzjoni biex tikkumpensa għad-danni u l-interessi lil dak li hu allegatament ħati, jekk tiġi kkaġunata lilu ħsara mid-"deskrizzjoni-sekwestru".

## Sezzjoni 3
## Disposizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu għal responsabbiltajiet addizzjonali fil-qafas tal-ftehim tas-sajd konkluż bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi

### ARTIKOLU 30

1. B'dan qed tiġi stabbilita sistema speċifika għall-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet imwettqa biex jikkomplementaw l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti li jtellgħu l-bandiera ta' Stat Membru f'ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz fil-qafas ta' rensposabbiltajiet maħluqa taħt ftehim dwar is-sajd konluż mill-Unjoni mal-pajjiżi terzi in kwistjoni.

2. Operazzjonijiet meqjusa li jistgħu jsiru bħala żieda għall-attivitajiet tas-sajd bla ħsara għall-kondizzjonijiet u fil-limiti previsti fil-punti 3 u 4 għandhom x'jaqsmu ma':

a) l-ipproċessar, fit-territorju tal-pajjiż terz kkonċernat, ta' prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtellgħu l-bandiera ta' Stat Membru fl-ibħra ta' dak il-pajjiż terz waqt attivitajiet tas-sajd li jsiru permezz ta' ftehim dwar is-sajd, bl-għan li dawk il-prodotti jitqiegħdu fis-suq ta' l-Unjoni taħt intestaturi ta' tariffi li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 tat-Tariffa Doganali Komuni;

b) it-tagħbija jew it-trasbord fuq bastiment li jtella' il-bandiera ta' Stat Membru li jsir fil-qafas ta' attivitajiet previsti f'dan il-ftehim dwar is-sajd, ta' prodotti tas-sajd li jaqgħu taħt il-Kapitolu 03 tat-Tariffa Doganali Komuni bl-għan li jiġu trasportati u kull proċessar bil-għan li jitqiegħed fis-suq ta' l-Unjoni.

3. L-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti li kienu s-suġġett ta' l-operazzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 għandha ssir soġġetta għas-sospensjoni, parzjalment jew għal kollox, tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jew soġġetta għal sistema speċjali ta' piżijiet, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti ta' żieda ffissata kull sena fir-rigward tal-volum ta' possibiltajiet ta' sajd li joħorġu mill-ftehim in kwistjoni u mir-regoli dettaljati li jakkumpanjawhom.

4. Il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistipula r-regoli ġenerali ta' applikazzjoni ta' din is-sistema, u b'mod partikolari l-kriterji biex jiġu ffissati u mqassma l-kwantitajiet kkonċernati

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din is-sistema u l-kwantitajiet kkonċernati għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru. 104/2000.

Sezzjoni 4

Disposizzjonijiet dwar Ċeuta u Melilla

Subsezzjoni 1

Disposizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 31

1. Il-Kostituzzjoni u l-atti ta' l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw għal Ċeuta u għal Melilla, bla ħsara għad-derogi previsti fil-paragrafi 2 u 3 u għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din is-Sezzjoni.

2. Il-kondizzjonijiet li taħthom id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-moviment liberu ta' merkanzija, u l-atti ta' l-istituzzjonijiet li jikkonċernaw leġislazzjoni doganali u politika kummerċjali għandhom japplikaw għal Ċeuta u għal Melilla huma stabbiliti fis-Subsezzjoni 3 ta' din is-Sezzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet partikolari ta' l-Artikolu 32 l-atti ta' l-istituzzjonijiet dwar il-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd m'għandhomx japplikaw għal Ċeuta jew għal Melilla.

4. Fuq talba tar-Renju ta' Spanja, liġi Ewropea jew liġi kwadru tal-Kunsill tista':

a) tinkludi lil Ċeuta u lil Melilla fit-territorju doganali ta' l-Unjoni;

b) tiddefinixxi l-miżuri xierqa mmirati biex jestendu għal Ċeuta u għal Melilla d-disposizzjonijiet tad-dritt ta' l-Unjoni li jkunu fis-seħħ.

Fuq proposta mill-Kummissjoni, li taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq talba ta' Stat Membru, l-Kunsill, jista' jadotta liġi jew liġi kwadru Ewropea li taġġusta l-arranġamenti applikabbli għal Ċeuta u għal Melilla, jekk ikun neċessarju.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

## Subsezzjoni 2
## Disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Politika Komuni tas-Sajd

### ARTIKOLU 32

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 u bla preġudizzju għas-Subsezzjoni 3, il-politika komuni tas-sajd ma tapplikax għal Ċeuta jew għal Melilla.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-liġijiet, liġijiet kwadru jew deċiżjonijiet Ewropej li:

a) għandhom jistabbilixxu l-miżuri strutturali li jistgħu jiġu adottati favur Ċeuta u Melilla;

b) għandhom jistabbilixxu l-proċeduri xierqa biex iqisu l-interessi kollha jew parti mill-interessi ta' Ċeuta u Melilla meta jadotta atti, każ b'każ, fir-rigward tan-negozjati mill-Unjoni mmirati biex jitkomplew jew jiġu konklużi ftehim dwar is-sajd ma' pajjiżi terzi u fir-rigward ta' l-interessi speċifiċi ta' Ċeuta u Melilla fil-kwadru ta' konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sajd, li tagħhom l-Unjoni hija parti kontraenti.

3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta liġijiet, liġijiet kwadru jew deċiżjonijiet Ewropej li għandhom jistabbilixxu, fejn xieraq, il-possibiltajiet u l-kondizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għaż-żoni tas-sajd rispettivi u għar-riżorsi tagħhom. Għandu jaġixxi b'mod unanimu.

4. Il-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej previsti fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

## Subsezzjoni 3
## Disposizzjonijiet dwar il-moviment liberu ta' merkanzija, leġislazzjoni doganali u politika kummerċjali

## ARTIKOLU 33

1. Prodotti li joriġinaw f'Ċeuta jew f'Melilla, u prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi, li jiġu impurtati f'Ċeuta jew f'Melilla skond l-arranġamenti li japplikaw għalihom hemmhekk, meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju doganali ta' l-Unjoni, m'għandhomx jitqiesu bħala merkanzija li tissoddisfa l-kondizzjonijiet tal-Artikolu III-151(1), (2) u (3) tal-Kostituzzjoni.

2. It-territorju doganali ta' l-Unjoni m'għandux jinkludi lil Ċeuta u Melilla.

3. Ħlief fejn previst mod ieħor f'din is-Subsezzjoni, l-atti ta' l-istituzzjonijiet dwar il-leġislazzjoni doganali għall-kummerċ esteru għandhom japplikaw taħt l-istess kondizzjonijiet għall-kummerċ bejn it-territorju doganali ta' l-Unjoni, min-naħa l-waħda, u Ċeuta u Melilla, min-naħa l-oħra.

4. Ħlief meta din is-Subsezzjoni tipprovdi mod ieħor, l-atti ta' l-istituzzjonijiet li jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni, sew jekk ikunu awtonomi sew jekk magħmula bi ftehim, li huma marbuta direttament ma' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija, m'għandhomx japplikaw għal Ċeuta jew għal Melilla.

5. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan it-Titolu, fil-kummerċ tagħha ma' Ċeuta u Melilla, għal prodotti li jaqgħu taħt l-Anness I tal-Kostituzzjoni, l-Unjoni għandha tapplika l-arranġamenti ġenerali li hi tapplika fil-kummerċ esteru tagħha.

ARTIKOLU 34

Bla preġudizzju għall-Artikolu 35, dazji doganali ta' l-importazzjoni fit-territorju doganali ta' l-Unjoni fuq prodotti li joriġinaw f'Ċeuta jew f'Melilla għandhom jiġu aboliti.

ARTIKOLU 35

1. Prodotti tas-sajd li jaqgħu taħt l-intestaturi Nri. 03.01, 03.02, 03.03, 16.04, 16.05 u s-sottointestaturi 05.11.91 u 23.01.20 tat-Tariffa Doganali Komuni u li joriġinaw f'Ċeuta jew f'Melilla, għandhom, fil-limiti ta' kwoti tariffari kkalkolati skond il-prodott u skond il-kwantitajiet medji effettivament stabbiliti fl-1982, 1983 u 1984, jikkwalifikaw għal eżenzjoni mid-dazji doganali fit-territorju doganali kollu ta' l-Unjoni.

Ir-rilaxx ta' prodotti importati fit-territorju doganali ta' l-Unjoni għaċ-ċirkolazzjoni libera, taħt dawn il-kwoti tariffari, għandu jkun suġġett għall-osservanza tar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq u b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' prezzijiet ta' referenza.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta kull sena regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jiftħu u jallokaw kwoti ta' tariffi skond ir-regoli dettaljati stipulati fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 36

1. Meta l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 34 tista' twassal għal żieda sostanzjali fl-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'Ċeuta jew f'Melilla b'mod li jista' jippreġudika lill-produtturi ta' l-Unjoni, l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej biex jimponi kondizzjonijiet speċjali fuq l-aċċess ta' dawn il-prodotti għat-territorju doganali ta l-Unjoni.

2. Jekk, minħabba li l-Politika Kummerċjali Komuni u t-Tariffa Doganali Komuni mhumiex applikati għall-importazzjoni ta' materja prima jew prodotti intermedji f'Ċeuta jew f'Melilla, l-importazzjoni ta' prodott li joriġina f'Ċeuta jew f'Melilla jikkawża, jew jista' jikkawża, ħsara serja lil xi attività ta' produzzjoni eżerċitata fi Stat Membru wieħed jew iżjed, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, tista' tieħu l-miżuri xierqa.

## ARTIKOLU 37

Id-dazji doganali fuq l-importazzjoni f'Ċeuta u f'Melilla ta' prodotti li joriġinaw mit-territorju doganali ta' l-Unjoni, u piżijiet li għandhom effett ekwivalenti, għandhom jiġu aboliti.

## ARTIKOLU 38

Id-dazji doganali u l-piżijiet li għandhom effett ekwivalenti għal dawn id-dazji u l-arranġamenti kummerċjali applikati għall-importazzjoni f'Ċeuta u f'Melilla ta' merkanzija li toriġina minn pajjiż terz ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk applikabbli mill-Unjoni skond l-impenji internazzjonali tagħha jew l-arranġamenti preferenzjali tagħha fir-rigward ta' dan il-pajjiż terz, sakemm dak l-istess pajjiż terz jagħti l-istess trattament lill-importazzjoni minn Ċeuta jew minn Melilla bħal dak li jagħti lill-Unjoni. Madankollu, l-arranġamenti applikati għall-importazzjoni f'Ċeuta u f'Melilla fir-rigward ta' merkanzija li tiġi minn dak il-pajjiż terz ma jistgħux ikunu iżjed favorevoli minn dawk applikati fir-rigward ta' importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mit-territorju doganali ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU 39

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu r-regoli għall-applikazzjoni ta' din is-Subsezzjoni, u b'mod partikolari r-regoli dwar l-oriġini applikabbli għall-kummerċ, kif previst fl-Artikoli 34, 35 u 37, inklużi d-disposizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni ta' prodotti oriġinarji u l-kontroll ta' l-oriġini.

Ir-regoli jkunu jinkludu, b'mod partikolari, disposizzjonijiet dwar il-marki u/jew it-tikkettjar ta' prodotti, dwar il-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti, dwar l-applikazzjoni tar-regola dwar oriġini mħallta għall-prodotti tas-sajd, u wkoll disposizzjonijiet li bihom tista' tiġi determinata l-oriġini tal-prodotti.

Sezzjoni 5

Disposizzjonijiet dwar l-iżvilupp reġjonali ta' Spanja

ARTIKOLU 40

L-Istati Membri jieħdu nota tal-fatt li l-Gvern Spanjol beda l-implimentazzjoni ta' politika ta' żvilupp reġjonali intiża b'mod partikolari biex tistimola tkabbir ekonomiku fir-reġjuni u żoni inqas żviluppati ta' Spanja.

Huma jirrikonoxxu li hu fl-interess komuni tagħhom li l-miri ta' din il-politika jintlaħqu.

Sabiex jgħinu lill-Gvern Spanjol iwettaq dan ix-xogħol, huma jaqblu, li jirrakkomandaw li l-istituzzjonijiet jimplimentaw il-mezzi u l-proċeduri kollha stabbiliti mill-Kostituzzjoni, partikolarment billi jużaw b'mod xieraq ir-riżorsi ta' l-Unjoni intiżi biex jinkisbu il-miri tagħha.

L-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod partikolari illi fejn japplikaw l-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni, jkun meħtieġ li jqisu l-miri ta' espansjoni ekonomika u żieda fil-livell ta' l-għixien tal-popolazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni inqas żviluppati ta' Spanja.

## Sezzjoni 6
## Disposizzjonijiet dwar l-iżvilupp ekonomiku u industrijali tal-Portugall

### ARTIKOLU 41

L-Istati Membri jieħdu nota tal-fatt li l-Gvern Portugiż beda l-implimentazzjoni ta' politika ta' industrijalizzazzjoni u żvilupp ekonomiku intiża biex il-livelli ta' l-għixien fil-Portugall jkunu allinjati ma' dawk ta' l-Istati Membri l-oħra u biex telimina n-nuqqas ta' impjieg filwaqt li d-differenzi reġjonali fil-livelli ta' żvilupp jitnaqqsu progressivament.

Huma jirrikonoxxu li hu fl-interess komuni tagħhom li l-miri ta' din il-politika jinkisbu.

Huma jaqblu li jirrakkomandaw għal dan il-għan li l-istituzzjonijiet jimplimentaw il-mezzi u l-proċeduri kollha stabbiliti mill-Kostituzzjoni, partikolarment billi jużaw b'mod xieraq ir-riżorsi ta' l-Unjoni intiżi għall-kisba tal-miri ta' din ta' l-aħħar.

L-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod partikolari illi fejn japplikaw l-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni, jkun meħtieġ li jqisu l-miri ta' espansjoni ekonomika u żieda fil-livell ta' l-għixien tal-popolazzjoni.

Sezzjoni 7

Disposizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni mar-Renju ta' Spanja fil-qasam ta' l-enerġija nukleari

ARTIKOLU 42

1. Mill-1 ta' Jannar 1986, dik l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri, persuni jew impriżi, skond l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, għandha titqiegħed għad-disposizzjoni tar-Renju ta' Spanja, li għandu jiddistribwiha b'mod limitat fit-territorju tiegħu skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 1986, ir-Renju ta' Spanja għandu jqiegħed għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika l-informazzjoni miksuba fil-qasam nukleari fi Spanja, li tiġi distribwita b'mod limitat, sakemm ma jkunux involuti applikazzjonijiet strettament kummerċjali. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-impriżi tal-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

3. L-informazzjoni prevista fil-paragrafi (1) u (2) għandha tikkonċerna l-aktar:

a) fiżika nukleari (ta' enerġija baxxa u għolja);

b) protezzjoni mir-radjazzjoni;

ċ) applikazzjonijiet isotopi, b'mod partikolari dawk ta' l-isotopi stabbli;

d) reatturi għar-riċerka u karburanti meħtieġa għalihom;

e) riċerka fil-qasam taċ-ċiklu tal-karburant (u b'mod iżjed partikolari tħaffir għall-minerali ta' l-uranju ta' grad baxx u l-ipproċessar tagħhom; l-ottimizzazzjoni ta' elementi tal-karburant għal reatturi li jiġġeneraw l-enerġija).

ARTIKOLU 43

1. F'dawk is-setturi li dwarhom ir-Renju ta' Spanja jqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, meta mitluba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu liċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità meta għandhom drittijiet esklużivi ta' privattivi reġistrati fi Stati Membri, u sakemm m'għandhom l-ebda obbligu jew impenn fir-rigward ta' terzi biex jagħtu jew joffru li jagħtu liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva tad-drittijiet f'dawn il-privattivi.

2. Fejn tkun ingħatat liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, r-Renju ta' Spanja għandu jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-għoti ta' sottoliċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità minn dawk li għandhom dawn il-liċenzi.

Dawn il-liċenzi esklużivi jew parzjalment esklużivi għandhom jingħataw fuq bażi kummerċjali normali.

Sezzjoni 8

Disposizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni mar-Repubblika Portugiża fil-qasam ta' l-enerġija nukleari

ARTIKOLU 44

1. Mill-1 ta' Jannar 1986, dik l-informazzjoni li tkun ġiet ikkomunikata lill-Istati Membri, persuni jew impriżi, skond l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, għandha titqiegħed għad-disposizzjoni tar-Repubblika Portugiża, li għandha tiddistribwiha b'mod limitat fit-territorju tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 1986, ir-Repubblika tal-Portugall għandha tqiegħed għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika l-informazzjoni miksuba fil-qasam nukleari fil-Portugall, li tiġi distribwita b'mod limitat, sakemm ma jkunux involuti applikazzjonijiet strettament kummerċjali. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-impriżi tal-Komunità taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

3. L-informazzjoni prevista fil-paragrafi (1) u (2) għandha tikkonċerna l-aktar:

a) id-dinamika tar-reatturi;

b) il-protezzjoni mir-radjazzjoni;

ċ) l-applikazzjoni ta' teknika għall-miżurazzjoni nukleari (fl-oqsma industrijali, agrikoli, arkeoloġiċi u ġeoloġiċi);

d) fiżika atomika (miżurazzjoni effettiva ta' sezzjoni trasversali, teknika ta' l-inkanalament);

e) metallurġija estrattiva ta' l-uranju.

ARTIKOLU 45

1. F'dawk is-setturi li dwarhom ir-Repubblika Portugiża tqiegħed informazzjoni għad-disposizzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, meta mitluba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu liċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità meta għandhom drittijiet esklużivi ta' privattivi reġistrati fi Stati Membri, u sakemm m'għandhom l-ebda obbligu jew impenn fir-rigward ta' terzi biex jagħtu jew joffru li jagħtu liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva tad-drittijiet f'dawn il-privattivi.

2. Fejn tkun ingħatat liċenza esklużiva jew parzjalment esklużiva, r-Repubblika Portugiża għandha tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-għoti ta' sottoliċenzi fuq bażi kummerċjali lil Stati Membri, persuni u impriżi tal-Komunità minn dawk li għandhom dawn il-liċenzi.

Dawn il-liċenzi esklużivi jew parzjalment esklużivi għandhom jingħataw fuq bażi kummerċjali normali.

# TITOLU V

# DISPOSIZZJONIJIET MEĦUDA MILL-ATT DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA, R-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA U R-RENJU TA' L-ISVEZJA

## Sezzjoni 1
## Disposizzjonijiet finanzjarji

### ARTIKOLU 46

Ir-riżorsi proprji provduti mit-taxxa fuq il-valur miżjud għandhom jiġu kkalkolati u vverifikati bħallikieku l-Gżejjer Åland kienu inklużi fil-qasam territorjali tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw taxxi fuq it-*turnover* - is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima.

Sezzjoni 2

Disposizzjonijiet dwar l-agrikoltura

ARTIKOLU 47

Jekk ikun hemm diffikultajiet serji minħabba l-adeżjoni li jippersistu wara l-użu sħiħ ta' l-Artikolu 48 u tal-miżuri l-oħra li jirriżultaw mir-regoli eżistenti fl-Unjoni, l-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza lill-Finlandja li tagħti għajnuna nazzjonali lil produtturi sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fil-politika agrikola komuni.

ARTIKOLU 48

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet Ewropej li jawtorizzaw lill-Finlandja u lill-Isvezja li jagħtu għajnuna nazzjonali għal żmien twil bil-għan li jassiguraw li l-attività agrikola tinżamm f'reġjuni speċifiċi. Dawn ir-reġjuni għandhom ikopru ż-żoni agrikoli li jinstabu fit-tramuntana tat-62 Parallell u xi żoni fil-qrib li jinsabu fin-nofs in-nhar ta' dak il-parallell u li għandhom kondizzjonijiet paragunabbli ta' klima li jagħmlu l-attività agrikola partikolarment diffiċli.

2. Ir-reġjuni previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni, li tqis b'mod partikolari:

a) id-densità baxxa tal-popolazzjoni;

b) il-porzjon ta' art agrikola fil-firxa sħiħa ta' art;

ċ) il-porzjon ta' art agrikola użata għall-kultivazzjoni ta' uċuħ intiżi għall-konsum tal-bniedem, fil-firxa sħiħa ta' art agrikola użata.

3. L-għajnuniet nazzjonali previsti fl-Artikolu 1 jistgħu jkunu relatati ma' fatturi fiżiċi ta' produzzjoni, bħal l-ettari ta' art agrikola jew in-numru ta' bhejjem kont meħud tal-limiti rilevanti stipulati fl-organizzazzjonijiet tas-swieq, kif ukoll l-iskedi storiċi ta' produzzjoni ta' kull razzett, iżda ma jistgħux:

a) ikunu marbuta ma' produzzjoni futura;

b) jew iwasslu għal żieda fil-produzzjoni jew fil-livell ta' għajnuna globali reġistrata matul perjodu ta' referenza qabel l-1 ta' Jannar 1995, li jrid jiġi detereminat mill-Kummissjoni.

Dawn l-għajnuniet jistgħu jkunu differenti minn reġjun għal ieħor.

Dawn l-għajnuniet għandhom jingħataw b'mod partikolari biex:

a) jinżammu l-produzzjoni primarja u l-ipproċessar tradizzjonali li jaqblu b'mod naturali mal-kondizzjonijiet tal-klima tar-reġjuni kkonċernati;

b) jitjiebu l-istrutturi għall-produzzjoni, l-*marketing* u l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;

ċ) jiġi ffaċilitat l-bejgħ tal-prodotti previsti;

d) jiġi assigurat li l-ambjent ikun protett u l-pajżaġġ ikun ippreservat.

ARTIKOLU 49

1. L-għajnuniet previsti fl-Artikoli 47 u 48 u kwalunkwe għajnuna nazzjonali oħra soġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni taħt dan it-Titolu għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni. Ma jistgħux jiġu applikati qabel ma tinkiseb din l-awtorizzazzjoni.

2. Fir-rigward ta' l-għajnuniet stipulati fl-Artikolu 48, kull ħames snin mill-1 ta' Jannar 1996 il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport dwar:

a) l-awtorizzazzjonijiet mogħtija;

b) ir-riżultati ta' l-għajnuna mogħtija taħt dawn l-awtorizzazzjonijiet.

Bħala tħejjija għat-tfassil ta' dawn ir-rapporti, l-Istati Membri li jirċievu dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom, fi żmien utli, jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-effetti ta' l-għajnuniet mogħtija, u jiddiskrivu l-iżvilupp osservat fl-ekonomija agrikola tar-reġjuni in kwistjoni.

ARTIKOLU 50

Fl-oqsma ta' l-għajnuniet stipulati fl-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni:

a) fost l-għajnuniet applikati fl-Awstrija, fil-Finlandja u fl-Isvezja qabel l-1 ta' Jannar 1995, dawk biss li ġew notifikati lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 1995 jiġu meqjusa bħala għajnuniet eżistenti skond it-tifsira ta' l-Artikolu III-168(1) tal-Kostituzzjoni;

b) għajnuniet eżistenti u pjanijiet intiżi biex jingħataw jew jinbidlu għajnuniet, li ġew notifikati lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 1995, jitqiesu li jkunu ġew notifikati f'dik id-data.

ARTIKOLU 51

1. Sakemm ma jkunx ġie stipulat mod ieħor f'każijiet speċifiċi, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa biex tiġi implimentata din is-Sezzjoni.

2. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tagħmel l-adattamenti għad-disposizzjonijiet li jidhru f'din is-Sezzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa bħala riżultat ta' modifika fid-dritt ta' l-Unjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU 52

1. Jekk ikunu meħtieġa miżuri transitorji biex jiffaċilitaw it-transizzjoni mis-sistema eżistenti fl-Awstrija, fil-Finlandja u fl-Isvezja għal dik li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru. 136/66/KEE jew, kif approprjat, fl-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. Dawn il-miżuri jistgħu jittieħdu matul perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 1997 u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun limitata għal dik id-data.

2. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' ttawwal il-perjodu previst fil-paragrafu 1. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

Artikolu 53

L-Artikoli 51 u 52 għandhom ikunu applikabbli għall-prodotti tas-sajd.

Sezzjoni 3

Disposizzjonijiet dwar miżuri transitorji

ARTIKOLU 54

L-Atti elenkati fil-punti VII.B.I, VII.D.1, VII.D.2.ċ, IX.2.b, ċ, f, g, h, i, j, l, m, n, x, y, z u aa, u X.a, b, u ċ ta' l-Anness XV [1] għall-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Fir-rigward tal-punt IX.2.x ta' l-Anness XV previst fl-ewwel paragrafu, r-referenza għad-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari għall-Artikoli 90 u 91 tiegħu, jridu jinftehmu bħala li qed jirreferu għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari għall-Artikolu III-170 (1) u (2) tagħha.

1 ĠU C 241, 29.8.1994, p. 322.

Sezzjoni 4

Disposizzjonijiet dwar l-applikabbilità ta' ċerti atti

ARTIKOLU 55

1. Kull deċiżjoni individwali dwar eżenzjoni meħuda u kull deċiżjoni ta' attestazzjoni negattiva meħuda qabel l-1 ta' Jannar 1995 taħt l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew l-Artikolu 1 tal-Protokoll 25 għal dak il-Ftehim, kemm jekk mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA), kemm jekk mill-Kummissjoni, u li jikkonċernaw każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat li jistabbilixi l-Komunità Ewropea bħala riżultat ta' l-adeżjoni għandhom jibqgħu validi għall-iskopijiet ta' l-Artikolu III-161 tal-Kostituzzjoni sakemm il-limitu ta' żmien speċifikat hemmhekk jispiċċa jew sakemm il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni Ewropea kuntrarja, motivata kif dovut, skond id-dritt ta' l-Unjoni.

2. Id-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA qabel l-1 ta' Jannar 1995 skond l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE u li jikkonċernaw każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea bħala riżultat ta' adeżjoni għandhom jibqgħu validi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Artikolu III-167 tal-Kostituzzjoni ħlief jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni Ewropea kuntrarja skond l-Artikolu III-168 tal-Kostituzzjoni. Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal deċiżjonijiet li huma suġġetti għall-proċeduri previsti fl-Artikolu 64 tal-Ftehim ŻEE.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, id-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 1995, sakemm il-Kummissjoni ma tieħux deċiżjoni kuntrarja, motivata kif dovut, skond id-dritt ta' l-Unjoni.

## Sezzjoni 5
## Disposizzjonijiet dwar il-Gżejjer Åland

### ARTIKOLU 56

Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni m'għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet eżistenti li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994 dwar il-Gżejjer Åland rigward:

a) restrizzjonijiet, fuq bażi non-diskriminatorja, għad-dritt ta' persuni fiżiċi li ma jgawdux hembygdsrätt/kotiseutuoikeus (ċittadinanza reġjonali) f'Åland, u għal persuni legali, biex jakkwistaw u jippossjedu proprjetà immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland;

b) restrizzjonijiet, fuq bażi non-diskriminatorja, għad-dritt ta' stabbiliment u d-dritt tal-provvista ta' servizzi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux "hembygdsrätt/kotiseutuoikeus" (ċittadinanza reġjonali) f'Åland, jew minn persuni legali mingħajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

### ARTIKOLU 57

1. It-territorju tal-Gżejjer Åland - li hu kkunsidrat bħala territorju terz, kif definit fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE , u bħala territorju nazzjonali barra mill-kamp ta' l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-armonizzazzjoni tad-dazji tas-sisa kif definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE - għandu jiġi eskluż mill-applikazzjoni territorjali tad-dritt ta' l-Unjoni fl-oqsma ta' l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq it-*turnover* u d-dazji tas-sisa u forom oħra ta' taxxa indiretta.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għad-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE li għandha x'taqsam ma' dazju fuq il-kapital.

2. Id-deroga prevista fil-paragrafu 1 hi mmirata biex tinżamm ekonomija lokali vijabbli fil-gżejjer u m'għandux ikollha effetti negattivi fuq l-interessi ta' l-Unjoni u lanqas fuq il-politika komuni tagħha. Jekk il-Kummissjoni jidhrilha li d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għadhomx ġustifikati, b'mod partikolari f'termini ta' kompetizzjoni ġusta jew riżorsi proprji, għandha tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill, li għandu jadotta l-atti meħtieġa skond l-Artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 58

Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tassigura li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha ta' l-Istati Membri jgawdu mill-istess trattament fil-gżejjer Åland.

ARTIKOLU 59

Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni għandhom japplikaw fid-dawl tad-Dikjarazzjoni dwar il-gżejjer Åland, li tħaddan, mingħajr ma tbiddel l-effett legali tagħhom, l-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 2 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

## Sezzjoni 6
## Disposizzjonijiet dwar il-poplu Sami

### ARTIKOLU 60

Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, drittijiet esklużivi għat-trobbija tar-renni f'oqsma tradizzjonalment Sami jistgħu jingħataw lill-poplu Sami.

### ARTIKOLU 61

Din is-Sezzjoni tista' tiġi estiża biex tieħu in konsiderazzjoni kwalunkwe żvilupp ieħor ta' drittijiet Sami esklużivi marbuta mal-mezzi ta' għixien tradizzjonali tagħhom. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tagħmel l-emendi meħtieġa għal din is-Sezzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni.

### ARTIKOLU 62

Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni għandhom japplikaw fid-dawl tad-Dikjarazzjoni dwar il-poplu Sami, li tħaddan, mingħajr ma tbiddel l-effett legali tagħhom, l-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja.

## Sezzjoni 7
## Disposizzjonijiet speċjali fil-qafas tal-Fondi Strutturali fil-Finlandja u l-Isvezja

### ARTIKOLU 63

Bħala prinċipju, r-reġjuni interessati mill-mira li tikkonsisti fil-promozzjoni ta' l-iżvilupp u l-aġġustament strutturali tar-reġjuni b'densità baxxa ħafna ta' popolazzjoni għandhom jirrappreżentaw jew jappartjenu għar-reġjuni fuq il-livell II tan-NUTS b'densità ta' popolazzjoni ta' 8 persuni jew inqas għal kull kilometru kwadru. Salv il-ħtieġa tad-densità l-għajnuna ta' l-Unjoni tista' tiġi estiża wkoll għal żoni iżgħar li huma qrib u kontigwi, li jissodisfaw l-istess kriterju ta' densità tal-popolazzjoni. Ir-reġjuni u ż-żoni previsti f'dan l-Artikolu huma elenkati fl-Anness 1[1] għall-Protokoll Nru. 6 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

---

[1] ĠU C 241, 29.8.1994. p. 355.

Sezzjoni 8

Disposizzjonijiet dwar it-trasport bil-ferrovija u t-trasport konġunt fl-Awstrija

ARTIKOLU 64

1. Għall-iskopijiet ta' din is-Sezzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) "vettura kbira għat-trasport ta' merkanzija" għandha tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur ta' piż massimu awtorizzat ta' iżjed minn 7,5 tunnellati metriċi reġistrata fi Stat Membru u maħsuba biex iġġorr merkanzija jew tiġbed karrijiet, inklużi unitajiet ta' trazzjoni ta' semi-karrijiet, u karrijiet ta' piż massimu awtorizzat ta' iżjed minn 7,5 tunnellati metriċi u miġbuda minn vettura bil-mutur, ta' piż massimu awtorizzat ta' 7,5 tunnellati metriċi jew inqas, reġistrata fi Stat Membru;

b) "trasport ikkombinat" għandu jfisser it-trasport ta' merkanzija minn vettura kbira għat-trasport ta' merkanzija jew unitajiet ta' tagħbija li jagħmlu parti mill-vjaġġ tagħhom bil-ferrovija u jew jibdew jew jispiċċaw il-vjaġġ bit-triq, filwaqt li huwa mifhum li t-traffiku li jkun għaddej ma jista' f'ebda ċirkostanza jaqsam territorju Awstrijak meta jkun sejjer jew ġej minn stazzjon tal-ferrovija bit-triq biss.

2. L-Artikoli 65 sa 71 għandhom japplikaw għal miżuri li għandhom x'jaqsmu mad-disposizzjoni dwar trasport bil-ferrovija u trasport ikkombinat li jkun qed jaqsam it-territorju ta' l-Awstrija.

ARTIKOLU 65

L-Unjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jadottaw u jikkordinaw mill-qrib miżuri għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' trasport bil-ferrovija u trasport ikkombinat għat-trasport ta' merkanzija trans-Alpin.

ARTIKOLU 66

Meta tistabbilixxi l-linji gwida previsti fl-Artikolu III-247 tal-Kostituzzjoni, l-Unjoni għandha tassigura li l-assi definiti fl-Anness 1 [1] tal-Protokoll Nru. 9 ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja jagħmlu parti mir-rettikolati trans-Ewropej għat-trasport bil-ferrovija u t-trasport ikkombinat u li, barra dan, ikunu identifikati bħala proġetti ta' interess komuni.

ARTIKOLU 67

L-Unjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jimplimentaw il-miżuri elenkati fl-Anness 2 [2] għall-Protokoll Nru. 9 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

ARTIKOLU 68

L-Unjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jiżviluppaw u jużaw il-kapaċità addizzjonali tal-ferrovija prevista fl-Anness 3 [3]għall-Protokoll Nru. 9 ta' l-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja.

---

1. ĠU C 241, 29.8.1994, p. 364.
2 ĠU C 241, 29.8.1994, p. 365.
3 ĠU C 241, 29.8.1994, p. 367.

ARTIKOLU 69

L-Unjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu miżuri biex itejjbu l-provvista ta' trasport bil-ferrovija u trasport ikkombinat. Fejn xieraq, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mill-qrib mal-kumpaniji tal-ferroviji u ma' oħrajn li jipprovdu servizzi bil-ferrovija. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri stabbiliti fid-disposizzjonijiet tad-dritt ta' l-Unjoni dwar ferroviji u trasport ikkombinat. Meta jkunu qed jiġu implimentati xi miżuri, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kompetittività, l-effikaċja u t-trasparenza tal-prezzijiet ta' trasport bil-ferrovija u trasport ikkombinat. B'mod partikolari, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippruvaw jieħdu miżuri biex jassiguraw li l-prezzijiet ta' trasport ikkombinat jikkompetu sew ma' dawk ta' modi oħra ta' trasport. Kull għajnuna mogħtija għal dawn l-għanijiet għandha tħares id-dritt ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU 70

L-Unjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, f'każ ta' disturbi serji fit-trasport bil-ferrovija, bħal disastru naturali, jieħdu l-azzjoni kollha li jistgħu flimkien biex it-traffiku jibqa' għaddej. Għandha tingħata prijorità lil tagħbijiet sensittivi, bħal ikel li jitħassar.

ARTIKOLU 71

Il-Kummissjoni, li taġixxi skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 73(2), għandha tirrevedi l-operat ta' din is-Sezzjoni.

ARTIKOLU 72

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għat-trasport ta' merkanzija bit-triq fi vjaġġi magħmula fit-territorju tal-Komunità.

2. Għal vjaġġi li jinvolvu transitu ta' merkanzija bit-triq fl-Awstrija, r-reġim stabbilit għal vjaġġi magħmula kemm fl-interess proprju kif ukoll fl-interess ta' ħadd ieħor taħt l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1962 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 881/92 għandu japplika, suġġett għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

3. Sa l-1 ta' Jannar 1998, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin:

a) l-ammont totali ta' l-emissjonijiet NOx minn vetturi kbar għat-trasport tal-merkanzija li jaqsmu in transitu t-territorju Awstrijak għandu jiġi mnaqqas bis-60% matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1992 u l-31 ta' Diċembru 2003, skond it-tabella fl-Anness 4;

b) it-tnaqqis fl-emissjonijiet totali ta' NOx minn vetturi kbar għat-trasport tal-merkanzija għandhom jiġu amministrati skond sistema ta' "ekopunti". Taħt dik is-sistema kwalunkwe vettura kbira għat-trasport tal-merkanzija li taqsam l-Awstrija in transitu għandha tirrikjedi numru ta' ekopunti ekwivalenti għall-emissjonijiet ta' NOx (awtorizzati taħt il-valur tal-Konformità ta' Produzzjoni *(COP)* jew il-valur ta' l-approvazzjoni tat-tip). Il-metodu tal-kalkolu u ta' l-amministrazzjoni ta' tali punti huwa deskritt fl-Anness 5;

ċ) jekk in-numru ta' vjaġġi in transitu fi kwalunkwe sena jaqbeż il-figura ta' referenza stabbilita għall-1991 b'aktar minn 8 %, il-Kummissjoni, li għandha taġixxi skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 16, għandha tadotta l-miżuri xierqa skond il-paragrafu 3 ta' l-Anness 5;

d) ir-Repubblika ta' l-Awstrija għandha tippubblika u tagħmel disponibbli fi żmien xieraq it-tesseri ta' l-ekopunti għall-amministrazzjoni tas-sistema ta' l-ekopunti, skond l-Anness 5, għall-vetturi kbar għat-trasport tal-merkanzija li jaqsmu l-Awstrija in transitu;

e) l-ekopunti għandhom jiġu distribwiti mill-Kummissjoni fost l-Istati Membri skond id-disposizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti skond il-paragrafu 7.

4. Qabel l-1 ta' Jannar 1998, il-Kunsill, abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni, għandu jirrevedi l-operat tad-disposizzjonijiet li jirrigwardaw it-transitu ta' merkanzija bit-triq fl-Awstrija. Ir-reviżjoni għandha ssir skond il-prinċipji bażiċi tal-liġi Komunitarja, bħall-funzjonament xieraq tas-suq intern, partikolarment il-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà fil-provvista ta' servizzi, l-ħarsien ta' l-ambjent fl-interess tal-Komunità bħala entità waħda, u s-sigurtà fit-traffiku. Jekk il-Kunsill, li għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, ma jiddeċiedix xort'oħra, l-perjodu transitorju għandu jiġi estiż sa l-1 ta' Jannar 2001, u matulu għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3.

5. Qabel l-1 ta' Jannar 2001, il-Kummissjoni, b'koperazzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, għandha tagħmel studju xjentifiku dwar kemm intlaħqu l-miri ta' tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja kif stabbilit fil-paragrafu 3(a). Jekk il-Kummisjoni tikkonkludi li dawn il-miri ntlaħqu fuq bażi sostenibbli, d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ma jkunux iktar applikabbli mill-1 ta' Jannar 2001. Jekk il-Kummisjoni tikkonkludi li dawn il-miri ma ntlaħqux fuq bażi sostenibbli l-Kunsill, li jaġixxi skond l-Artikolu III-240 tal-Kostituzzjoni, jista' jadotta miżuri, fil-qafas Komunitarju, li jiżguraw ħarsien ekwivalenti ta' l-ambjent, b'mod partikulari t-tnaqqis ta' 60% tat-tniġġis. Jekk il-Kunsill ma' japplikax dan it-tip ta' miżuri, l-perjodu transitorju għandu jiġi estiż awtomatikament għal perjodu finali ta' tlett snin, li matulu għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3.

6. Fl-aħħar tal-perjodu transitorju, l-*'acquis'* tal-Kommunità fl-intier tiegħu għandu jiġi applikat kollu.

7. Il-Kummissjoni, li għandha taġixxi skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 16, għandha tadotta miżuri dettaljati li jirrigwardaw il-proċeduri dwar is-sistema ta' l-ekopunti, d-distribuzzjoni ta' l-ekopunti u l-kwistjonijiet tekniċi li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

Il-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu għandhom jiżguraw li tinżamm is-sitwazzjoni fattwali għall-Istati Membri preżenti li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3637/92 u ta' l-Arranġament Amministrattiv, iffirmat fit-23 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxu d-data tad-dħul fis-seħħ u l-proċeduri għall-introduzzjoni tas-sistema ta' l-ekopunti previsti fil-Ftehim dwar Transitu. Għandhom isiru l-isforzi kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-parti ta' ekopunti allokata lill-Greċja tieħu konsiderazzjoni suffiċjenti tal-bżonnijiet ta' dan il-pajjiż f'dan il-kuntest.

ARTIKOLU 73

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. F'każijiet fejn hemm referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

## Sezzjoni 9
## Disposizzjonijiet dwar l-użu ta' termini Awstrijaċi speċifiċi tal-lingwa Ġermaniża fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea

### ARTIKOLU 74

1. It-termini Awstrijaċi speċifiċi fil-lingwa Ġermaniża li hemm fl-ordni ġuridiku Awstrijak u li huma elenkati fl-Anness[1] għall-Protokoll Nru. 10 ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja għandu jkollhom l-istess *status* u jistgħu jintużaw bl-istess effett ġuridiku bħat-termini korrispondenti użati fil-Ġermanja u li huma elenkati f'dak l-Anness.

2. Fil-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża ta' atti ġuridiċi ġodda, t-termini speċifiċi Awstrijaċi previsti fl-Anness tal-Protokoll Nru. 10 ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja għandhom jiġu miżjuda fil-forma xierqa mat-termini korrispondenti użati fil-Ġermanja.

---

[1] ĠU C 241, 29 ta' Awwissu 1994, p. 370.

# 9. PROTOKOLL DWAR IT-TRATTAT U L-ATT TA' L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA, R-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, R-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA, R-REPUBBLIKA TA' MALTA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, R-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA U R-REPUBBLIKA SLOVAKKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU li r-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, ingħaqdu mal-Komunitajiet Ewropej u ma' l-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004;

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Artikolu IV-437(2)(e) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li t-Trattat tas-16 ta' April 2003 li jikkonċerna l-adeżjonijiet hawn fuq previsti għandu jiġi imħassar;

WARA LI KKUNSIDRAW li ħafna mid-disposizzjonijiet ta' l-Att anness ma' dak it-Trattat ta' Adeżjoni jibqgħu rilevanti; li l-Artikolu IV-437(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li dawk id-disposizzjonijiet iridu jiġu stabbiliti jew previsti fi Protokoll, sabiex jibqgħu fis-seħħ u biex l-effetti legali tagħhom ikunu ippreservati;

WARA LI KKUNSIDRAW li xi disposizzjonijiet in kwistjoni jeħtieġu l-aġġustamenti tekniċi neċessarji biex jiġu allinjati mal-Kostituzzjoni mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħhom,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

# L-EWWEL PARTI

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-ATT TA' L-ADEŻJONI TAS-16 TA' APRIL 2003

## TITOLU I

## PRINĊIPJI

### ARTIKOLU 1

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

a) il-frażi "Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003" tfisser l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi bbażata l-Unjoni Ewropea;

b) il-frażijiet "Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea" ("Trattat tal-KE") u "Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika ("Trattat tal-KEEA"), ifissru dawk it-Trattati kif issupplementati jew emendati bi trattati jew b'atti oħra li daħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004;

ċ) il-frażi it-"Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("Trattat dwar l-UE"), tfisser dak it-Trattat kif issupplimentat jew emendat bi trattati jew atti oħra li daħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004;

d) il-frażi "il-Komunità" tfisser, skond il-każ, waħda mill-Komunitajiet previsti f'(b) jew it-tnejn li huma;

e) il-frażi "Stati Membri attwali" tfisser l-Istati Membri li ġejjin: ir-Renju tal-Belġju, r-Renju tad-Danimarka, r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, r-Repubblika Ellenika, r-Renju ta' Spanja, r-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, r-Repubblika Taljana, l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, r-Renju ta' l-Olanda, r-Repubblika Awstrijaka, r-Repubblika Portugiża, r-Repubblika tal-Finlandja, r-Renju ta' l-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq;

f) il-frażi "Stati Membri l-ġodda" tfisser l-Istati Membri li ġejjin: ir-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka.

ARTIKOLU 2

Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, previsti fl-Artikolu IV-437(2)(e) tal-Kostituzzjoni, daħlu fis-seħħ, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, mill-1 ta' Mejju 2004.

ARTIKOLU 3

1. Id-disposizzjoni ta' l-*acquis* Schengen integrati fil-qafas ta' l-Unjoni permezz tal-Protokoll anness mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala l-"Protokoll ta' Schengen") u l-atti li jibnu fuqu jew li b'xi mod għandhom x'jaqsmu miegħu, elenkati fl-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, kif ukoll atti oħra bħal dawn adottati qabel l-1 ta' Mejju 2004, għandhom jorbtu u jkunu applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda mill-1 ta' Mejju 2004.

2. Dawk id-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li ġew integrati fil-qafas ta' l-Unjoni u l-atti li jibnu fuqu jew li għandhom x'jaqsmu miegħu li m'hemmx referenza għalihom fil-paragrafu 1, waqt li jorbtu lill-Istati Membri l-ġodda mill-1 ta' Mejju 2004, għandhom japplikaw fi Stat Membru ġdid biss wara deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill, li tkun ivverifikat skond il-proċeduri ta' valutazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha ta' l-*acquis* kkonċernat kienu sodisfatti f'dak l-Istat Membru l-ġdid.

Il-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu, wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, billi jaġixxi bl-unanimità tal-membri tiegħu li jirrappreżentaw il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li fir-rigward tagħhom id-disposizzjonijiet previsti f'dan il-paragrafu diġà daħlu fis-seħħ u tar-rappreżentant tal-Gvern ta' l-Istat Membru li fir-rigward tiegħu dawk id-disposizzjonijiet għad iridu jiddaħħlu fis-seħħ. Il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw il-Gvernijiet ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom jieħdu sehem f'din id-deċiżjoni sakemm din tirrigwarda id-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-atti li jibnu fuqu jew li għandhom x'jaqsmu miegħu b'xi mod ieħor li fih jipparteċipaw dawn l-Istati Membri.

3. Kull Ftehim milħuq mill-Kunsill taħt l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Schengen għandu jorbot l-Istati Membri l-ġodda mill-1 ta' Mejju 2004.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mal-konvenzjonijiet jew l-istrumenti fil-qasam tal-ġustizzja u affarijiet interni li huma inseparabbli mill-kisba tal-miri tat-Trattat ta' l-UE, l-Istat Membri ġodda huma marbuta:

a) li jaderixxu ma' dawk li, fl-1 ta' Mejju 2004, jkunu ġew miftuħa għall-firma mill-Istati Membri attwali, u ma' dawk li kienu abbozzati mill-Kunsill skond it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE u rrakkomandati lill-Istati Membri għall-adozzjoni;

b) li jintroduċu arranġamenti amministrattivi u oħrajn, bħal dawk adottati sa l-1 ta' Mejju 2004 mill-Istati Membri attwali jew mill-Kunsill, biex jiffaċilitaw koperazzjoni prattika bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jaħdmu fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern.

ARTIKOLU 4

Kull wieħed mill-Istati membri l-ġodda għandu jipparteċipa fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja mill-1 ta' Mejju 2004 bħala Stat Membru b'deroga fis-sens ta' l-Artikolu III-197 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 5

1. L-Istati Membri l-ġodda, li ngħaqdu bl-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 mad-deċiżjonijiet u l-ftehim adottati mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, għandhom ikunu meħtieġa li jaderixxu ma' kull ftehim ieħor konkluż mill-Istati Membri attwali dwar il-funzjonament ta' l-Unjoni jew li huma konnessi ma' l-attivitajiet tagħha.

2. L-Istati Membri l-ġodda għandhom ikun meħtieġa li jaderixxu għall-konvenzjonijiet previsti mill-Artikolu 293 tat-Trattat tal-KE u għal dawk li huma inseparabbli mill-kisba ta' l-għanijiet tat-Trattat tal-KE, jekk ikunu għadhom fis-seħħ, u wkoll mal-protokolli dwar l-interpretazzjoni ta' dawk il-konvenzjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmati mill-Istati Membri attwali, u għal dan l-iskop huma għandhom ikunu marbuta li jidħlu f'negozjati ma' l-Istati Membri attwali biex jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa għalihom.

ARTIKOLU 6

1. L-Istati Membri l-ġodda għandhom ikunu obbligati li jaderixxu, bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, mal-ftehim jew il-konvenzjonijiet konklużi jew applikati b'mod provviżorju mill-Istati Membri attwali li jaġixxu konġuntement ma' l-Unjoni jew il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, , u għal kull ftehim konkluż minn dawk l-Istati li huma marbuta ma' dawk il-ftehim jew il-konvenzjonijiet.

L-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda għal kull ftehim jew konvenzjoni previsti fil-paragrafu 4 hawn taħt, kif ukoll għall-Ftehim mal-Belarus, iċ-Ċina, ċ-Ċile, il-Mercosur u l-Isvizzera, li ġew konklużi jew iffirmati mill-Komunità u l-Istati Membri attwali tagħha flimkien, għandha tkun approvata permezz ta' konklużjoni ta' protokoll għal dawn il-ftehim jew il-konvenzjonijiet bejn il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu għan-nom ta' l-Istati Membri, u l-pajjiż jew il-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjoni internazzjonali, kkonċernati. Din il-proċedura hija bla ħsara għall-kompetenzi ta' l-Unjoni u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u ma tolqotx l-allokazzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehim bħal dan fil-futur jew kwalunkwe emenda oħra li ma għandhiex x'taqsam ma' l-adeżjoni. Il-Kummissjoni għandha tinnegozja dawn il-protokolli għan-nom ta' l-Istati Membri abbażi ta' direttivi dwar in-negozjati approvati mill-Kunsill, li jaġixxi bl-unanimità, u wara konsultazzjoni ma' kumitat magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Għandha tissottometti abbozzi tal-protokolli lill-Kunsill sabiex jiġu konklużi.

2. Hekk kif jaderixxu mal-ftehim u l-konvenzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jiksbu l-istess drittijiet u obbligi taħt dawk il-ftehim u l-konvenzjonijiet bħall-Istati Membri attwali.

3. L-Istati Membri l-ġodda għandhom ikunu obbligati li jaderixxu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1] skond l-Artikolu 128 tiegħu.

4. Mill-1 ta' Mejju 2004, u, jekk ikun il-każ, sakemm jiġu konklużi l-protokolli meħtieġa previsti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri l-ġodda għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Ftehim konklużi mill-Istati Membri attwali, u, konġuntament, mal-Komunità, ma' l-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bulgarija, l-Kroazja, l-Eġittu, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Kazakstan, il-Kirgiżistan, il-Libanu, l-Messiku, l-Moldova, l-Marokk, ir-Rumanija, l-Federazzjoni Russa, San Marino, l-Afrika t'Isfel, il-Koreja t'Isfel, is-Sirja, t-Tuniżija, t-Turkija, t-Turkmenistan, l-Ukraina u l-Użbekistan kif ukoll d-disposizzjonijiet ta' kull ftehim ieħor konkluż mill-Istati Membri attwali u l-Komunità flimkien qabel l-1 ta' Mejju 2004.

Kwalunkwe aġġustament għal dawn il-Ftehim għandu jsir permezz ta' protokolli mal-pajjiżi ko-kontraenti skond it-tieni sottoparagrafu tal-paragrafu 1. Jekk il-Protokolli ma jkunux ġew konklużi sa l-1 ta' Mejju 2004**,** l-Unjoni, l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri għandhom jieħdu, fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-miżuri meħtieġa biex jittrattaw dik is-sitwazzjoni.

5. Mill-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri l-ġodda għandhom japplikaw il-ftehim u l-arranġamenti bilaterali dwar it-tessuti konklużi mill-Komunità ma' pajjiżi terzi.

---

[1] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Unjoni fuq l-importazzjoni tat-tessuti u l-prodotti tal-ħwejjeġ għandhom jiġu aġġustati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda.

Jekk l-emendi għall-ftehim u l-arranġamenti bilaterali dwar it-tessuti ma jkunux daħlu fis-seħħ sa l-1 ta' Mejju 2004, l-Unjoni għandha tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għar-regoli tagħha dwar l-importazzjoni ta' tessuti u ta' prodotti tal-ħwejjeġ ta' lbies minn pajjiżi terzi biex jieħdu in konsiderazzjoni l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda.

6. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' l-azzar u prodotti ta' l-azzar għandhom jiġu aġġustati abbażi ta' l-importazzjoni mill-Istati Membri l-ġodda matul is-snin li jiġu eżatt qabel l-iffirmar tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' prodotti ta' l-azzar li joriġinaw mill-pajjiżi fornituri kkonċernati.

7. Ftehim dwar is-sajd konklużi qabel l-1 ta' Mejju 2004 mill-Istati Membri l-ġodda ma' pajjiżi terzi għandhom jiġu amministrati mill-Unjoni.

Id-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri l-ġodda li jirriżultaw minn dawk il-ftehim ma għandhomx ikunu milquta matul il-perijodu li fih id-disposizzjonijiet ta' dawk il-ftehim ikunu fis-seħħ b'mod provviżorju.

Kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ qabel l-iskadenza tal-ftehim previsti fl-ewwel subparagrafu, l-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej xierqa għall-kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' sajd li jirriżultaw minn dawk il-ftehim, inkluża l-possibiltà li jiġu estiżi ċerti ftehim għal perijodi ta' mhux aktar minn sena.

8. B'effett mill-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jirtiraw minn kwalunkwe ftehim ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi, inkluż il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali.

Sa fejn ftehim bejn Stat Membru wieħed ġdid jew iktar min-naħa l-waħda, u pajjiż terz wieħed jew iżjed min-naħa l-oħra, ma jkunux kompatibbli ma' l-obbligi li jinħolqu mill-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari minn dan il-Protokoll, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jeliminaw l-inkompatibilitajiet eżistenti. Jekk Stat Membru ġdid jiltaqa' ma' diffikultajiet biex jadatta ftehim konkluż ma' pajjiż terz jew iżjed qabel l-adeżjoni, għandu, skond it-termini ta' dan il-ftehim, jirtira minn dak il-ftehim.

9. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jaġġustaw, fejn meħtieġ, il-posizzjoni tagħhom fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, u ta' dawk il-ftehim internazzjonali li huma parti minnhom l-Unjoni jew il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jew Stati Membri oħra, għad-drittijiet u l-obbligi li jinħolqu bl-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni.

B'mod partikolari, għandhom jirtiraw fl-1 ta' Mejju 2004**,** jew kemm jista' jkun malajr wara din id-data, minn ftehim internazzjonali dwar organizzazzjonijiet tas-sajd anke minn dawk li tagħhom l-Unjoni wkoll hija parti, sakemm is-sħubija tagħhom f'dawn il-ftehim u organizzazzjonijiet ma tirrigwardax materji oħra barra s-sajd.

ARTIKOLU 7

Atti adottati mill-istituzzjonijiet li għalihom jirreferu d-disposizzjonijiet transitorji stabbiliti minn dan il-Protokoll għandhom iżommu l-*istatus* ġuridiku tagħhom; b'mod partikolari, l-proċeduri biex jiġu emendati dawk l-atti għandhom jibqgħu japplikaw.

ARTIKOLU 8

Disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u l-Qorti Ġenerali, li l-iskop jew l-effett tagħhom hu li jħassar jew jemenda, b'miżura li ma tkunx transitorja, atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-aġenziji tal-Komunità Ewropea jew ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandhom jibqgħu fis-seħħ bla preġudizzju għall-applikazzjoni tat-tieni paragrafu.

Dawn id-disposizzjonijiet għandu jkollhom l-istess natura ġuridika bħall-atti li jħassru jew jemendaw, u għandhom ikunu suġġetti għall-istess regoli bħal dawk l-atti.

ARTIKOLU 9

It-testi ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Komunità jew ta' l-Unjoni Ewropea stabbiliti bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-testi ta' l-atti tal-Bank Ċentrali Ewropew li ġew adottati qabel l-1 ta' Mejju 2004**,** u li kienu mfassla bil-lingwa Ċeka, Estona, Latvjana, Litwana, Ungeriża, Maltija, Pollakka, Slovena u Slovakka għandhom ikunu awtentiċi minn dik id-data , bl-istess kondizzjonijiet bħat-testi stabbiliti u awtentiċi fil-lingwi l-oħra.

ARTIKOLU 10

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tħassar d-disposizzjonijiet transitorji stabbiliti f'dan il-Protokoll, meta ma jibqgħux iżjed applikabbli. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU 11

L-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni u ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet għandhom, bħala miżura transitorja, jkunu soġġetti għad-derogi kif provdut f'dan il-Protokoll.

TITOLU II

DISPOSIZZJONIJIET PERMANENTI

ARTIKOLU 12

L-aġġustamenti għall-atti elenkati fl-Anness III ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, li jsiru meħtieġa bl-adeżjoni għandhom jitfasslu skond il-linji gwida stipulati f'dak l-Anness u skond il-proċedura u l-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 36.

ARTIKOLU 13

Il-miżuri elenkati fil-lista li tinstab fl-Anness IV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għandhom jiġu applikati skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

ARTIKOLU 14

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tagħmel l-aġġustamenti li jistgħu jkunu meħtieġa minħabba f'xi tibdil fid-dritt ta' l-Unjoni, għad-disposizzjonjiet ta' dan il-Protokoll, f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika agrikola komuni . Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

# TITOLU III

# DISPOSIZZJONIJIET TEMPORANJI

## ARTIKOLU 15

Il-miżuri elenkati fil-lista li tinstab fl-Annessi V, VI, VII, VIII, IX, X, XI, XII, XIII u XIV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-Istati Membri l-ġodda taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dawk l-Annessi.

## ARTIKOLU 16

1. Id-dħul msemmi "dazji tat-Tariffa Doganali Komuni u dazji oħra" previst fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej [1], jew id-disposizzjoni korrispondenti f'xi Deċiżjoni li tissostitwiha, għandu jinkludi d-dazji doganali kkalkulati abbażi tar-rati li jirriżultaw mit-Tariffa Doganali Komuni u kwalunkwe konċessjoni ta' tariffa li għandha x'taqsam magħha applikata mill-Unjoni fil-kummerċ ta' l-Istati Membri l-ġodda ma' pajjiżi terzi.

2. Għas-sena 2004, il-bażi ta' stima armonizzata tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-bażi tad-dħul gross nazzjonali (GNI – *gross national income*) ta' kull Stat Membru ġdid, previst fl-Artikolu 2(1)(ċ) u (d) tad-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom għandhom ikunu daqs żewġ terzi tal-bażi annwali. Il-bażi tal-GNI ta' kull Stat Membru ġdid li għandha tiġi kkunsidrata għall-kalkolu tal-finanzjament tal-korrezzjoni fir-rigward ta' żbilanċi fil-*budget* konċessa lir-Renju Unit, previst fl-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom għandha bl-istess mod tkun ekwivalenti għal żewġ terzi tal-bażi annwali.

---

[1] ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42.

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rata ffriżata għall-2004 skond l-Artikolu 2(4)(b) tad-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom il-bażi kkappjata tat-taxxa fuq il-valur miżjud ta' l-Istati Membri l-ġodda għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' żewġ terzi tal-bażi mhux ikkappjata tat-taxxa fuq il-valur miżjud tagħhom u ta' żewġ terzi tal-GNI tagħhom.

ARTIKOLU 17

1. Il-*budget* ta' l-Unjoni għas-sena finanzjarja 2004 ġie adattat permezz ta' *budget* rettifikatorju li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004 sabiex jieħu in konsiderazzjoni l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda.

2. It-tnax-il dodiċesimu mensili ta' riżorsi bbażati fuq il-VAT u l-GNI li għandu jitħallas mill-Istati Membri l-ġodda taħt il-*budget* rettifikatorju previst fil-paragrafu 1, kif ukoll l-aġġustament retroattiv tad-dodiċesimu mensili għal perjodu minn Jannar sa April 2004 li japplikaw biss għall-Istati Membri attwali, għandhom jinbidlu f'ottavi li jitħallsu waqt il-perijodu bejn Mejju u Diċembru 2004. Bl-istess mod, l-aġġustamenti retroattivi li jirriżultaw minn xi *budget* rettifikatorju sussegwenti adottat fl-2004, għandhom bl-istess mod jinbidlu f'partijiet indaqs li jitħallsu matul il-bqija tas-sena.

ARTIKOLU 18

Fl-ewwel jum utli ta' kull xahar l-Unjoni għandha tħallas lir-Repubblika Ċeka, lil Ċipru, lil Malta u lis-Slovenja, bħala parti min-nefqa taħt il-*budget* ta' l-Unjoni, ottav fl-2004, mill-1 ta' Mejju 2004, u dodiċesimu fl-2005 u l-2006 ta' l-ammonti ta' kumpens temporanju tal-*budget* li ġejjin:

| | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|
| | (miljuni ta' euro, prezzijiet ta' l-1999) | | |
| ir-Repubblika Ċeka | 125,4 | 178,0 | 85,1 |
| Ċipru | 68,9 | 119,2 | 112,3 |
| Malta | 37,8 | 65,6 | 62,9 |
| is-Slovenja | 29,5 | 66,4 | 35,5 |

ARTIKOLU 19

Fl-ewwel jum utli ta' kull xahar l-Unjoni għandha tħallas lir-Repubblika Ċeka, lill-Estonja, lil Ċipru, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Ungerija, lill-Malta, lill-Polonja, lis-Slovenja u lis-Slovakkja, bħala parti min-nefqa taħt il-*budget* ta' l-Unjoni, ottav fl-2004, mill-1 ta' Mejju 2004, u dodiċesimu fl-2005 u l-2006 ta' l-ammonti li ġejjin f'somma definita bħala faċilità speċjali għal-likwidità:

| | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|
| | (miljuni ta' euro, prezzijiet ta' l-1999) | | |
| ir-Repubblika Ċeka | 174,7 | 91,55 | 91,55 |
| l-Estonja | 15,8 | 2,90 | 2,90 |
| Ċipru | 27,7 | 5,05 | 5,05 |
| il-Latvja | 19,5 | 3,40 | 3,40 |
| il-Litwanja | 34,8 | 6,30 | 6,30 |
| l-Ungerija | 155,3 | 27,95 | 27,95 |
| Malta | 12,2 | 27,15 | 27,15 |
| il-Polonja | 442,8 | 550,00 | 450,00 |
| is-Slovenja | 65,4 | 17,85 | 17,85 |
| is-Slovakkja | 63,2 | 11,35 | 11,35 |

1000 miljun euro għall-Polonja u 100 miljun euro għar-Repubblika Ċeka, inklużi fis-somma waħda definita ta' faċilità speċjali għal-likwidità, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni f'kull kalkolu tar-ripartizzjoni tal-Fondi Strutturali għas-snin 2004, 2005 u 2006.

ARTIKOLU 20

1. L-Istati Membri l-ġodda elenkati hawn taħt għandhom iħallsu l-ammonti li ġejjin lill-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar previst fid-Deċiżjoni 2002/234/KEFA tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tas-27 ta' Frar 2002 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tat-tmiem tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond għar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar [1]:

(miljuni ta' euro, prezzijiet attwali)

| | |
|---|---|
| ir-Repubblika Ċeka | 39,88 |
| l-Estonja | 2,50 |
| il-Latvja | 2,69 |
| l-Ungerija | 9,93 |
| il-Polonja | 92,46 |
| is-Slovenja | 2,36 |
| is-Slovakkja | 20,11 |

[1] ĠU L 79, 22.3.2002, p. 42.

2. Il-kontribuzzjonijiet għall-Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar għandhom isiru f'erba' pagamenti li jibdew fl-2006 u jitħallsu kif ġej, f'kull każ fl-ewwel jum utli ta' l-ewwel xahar ta' kull sena:

| | |
|---|---|
| 2006: | 15% |
| 2007: | 20% |
| 2008: | 30% |
| 2009: | 35%. |

ARTIKOLU 21

1. Ħlief fejn previst xort'oħra f'dan il-Protokoll, l-ebda impenn finanzjaru ma għandu jsir taħt il-programm Phare [1], il-programm Phare ta' Koperazzjoni Transkonfinali [2], il-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal Ċipru u Malta [3], il-programm ISPA [4] u l-programm SAPARD [5] favur l-Istati Membri l-ġodda wara l-31 ta' Diċembru 2003. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jirċievu l-istess trattament bħall-Istati Membri attwali rigward in-nefqa taħt l-ewwel tliet intestaturi tal-Perspettiva Finanzjarja, kif imfissra fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 [6], mill-1 ta' Jannar 2004, soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u eċċezzjonijiet individwali ta' hawn taħt jew kif previst b'mod ieħor f'dan il-Protokoll. L-approprjazzjonijiet addizzjonali massimi għall-intestaturi 1, 2, 3 u 5 tal-Perspettiva Finanzjarja li għandhom x'jaqsmu mat-tkabbir huma mniżżla fl-Anness XV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003. Madanakollu, qabel ma tkun seħħet l-adeżjoni ta' l-Istat Membru l-ġdid rilevanti ma jista' jittieħed l-ebda impenn finanzjarju taħt l-estimi ta' l-2004 għal kwalunkwe programm jew aġenzija in kwistjoni.

---

1 Regolament (KEE) Nru. 3906/89 (ĠU L 375 du 23.12.1989, p. 11).
2 Regolament (KE) Nru. 2760/98 (ĠU L 345, 19.12.1998, p. 49).
3 Regolament (KE) Nru. 555/2000 (ĠU L 68, 16.3.2000, p. 3).
4 Regolament (KE) Nru. 1267/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).
5 Regolament (KE) Nru. 1268/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).
6 Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina fil-*budget* u t-titjib fil-proċedura tal-*budget* (ĠU Ċ 172, 18.6.1999, p. 1).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għan-nefqa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanziji, Sezzjoni Garanzija, skond l-Artikoli 2(1), 2(2) u 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], li ser tkun eliġibbli għall-fondi Komunitarji biss mill-1 ta' Mejju 2004, skond l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll.

Madankollu, l-paragrafu 1 għandu japplika għal infiq għal żvilupp rurali taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanziji, Sezzjoni Garanzija, skond l-Artikolu 47a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanziji*(EAGGF)* u li jemenda u jħassar ċerti regolamenti [2], bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-emenda ta' dak ir-Regolament, li jinsab fl-Anness II għall-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

3. Bla ħsara għall-aħħar sentenza tal-paragrafu 1, mill-1 ta' Jannar 2004, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jipparteċipaw fil-programmi u l-aġenziji ta' l-Unjoni skond l-istess kondizzjonijiet bħall-Istati Membri attwali b'fondi mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni.

4. Jekk ikunu meħtieġa xi miżuri biex jiffaċilitaw it-transizzjoni mir-reġim ta' qabel l-adeżjoni għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa.

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.
[2] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.

ARTIKOLU 22

1. Mill-1 ta' Mejju 2004, it-tnedija għal offerti, l-kuntratti, l-implimentazzjoni u l-pagamenti ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni taħt il-programm ta' Phare, il-programm ta' koperazzjoni transkonfinali fil-kwadru tal-programm Phare u l-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal Ċipru u Malta għandhom jiġu amministrati minn aġenziji ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda.

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet Ewropej biex tneħħi l-kontroll *ex-ante* mill-Kummissjoni fuq it-tnedija għal offerti u l-kuntratti wara valutazzjoni posittiva tas-Sistema ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata u Estiża (EDIS) skond il-kriterji u l-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kordinazzjoni ta' l-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-kwadru ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru. 3906/89 [1].

Jekk dawn id-deċiżjonijiet biex jitneħħa l-kontroll *ex-ante* ma jkunux ġew adottati qabel l-1 ta' Mejju 2004, kull kuntratt iffirmat bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data li fiha jittieħdu d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni m'għandux ikun eliġibbli għall-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni.

Madanakollu, eċċezzjonalment, jekk id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jneħħu l-kontroll *ex-ante* ikunu posposti sa wara l-1 ta' Mejju 2004 għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ġdid, il-Kummissjoni tista' taċċetta, f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-eliġibilità għall-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni ta' kuntratti ffirmati bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data ta' l-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet, u l-kontinwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għal perjodu limitat, bla ħsara għall-kontroll *ex-ante* mill-Kummissjoni fuq it-tnedija għal offerti u l-kuntratti.

---

[1] ĠU L 232, 2.9.1999, p. 34.

2. L-impenji globali fuq il-*budget* li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 taħt l-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni previsti fil-paragrafu 1, inklużi l-konkluzjoni u r-reġistrazzjoni ta' impenji u pagamenti legali individwali sussegwenti li jsiru wara l-1 ta' Mejju 2004, għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regoli u regolamenti ta' l-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni u jitħallsu mill-kapitoli korrispondenti tal-*budget* sa l-għeluq tal-programmi u l-proġetti in kwistjoni. Madankollu, l-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku li nbdew wara l-1 ta' Mejju 2004 għandhom jitwettqu skond l-atti rilevanti ta' l-Unjoni.

3. L-aħħar eżerċizzju ta' programmazzjoni ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni previst fil-paragrafu 1 għandu jseħħ fl-aħħar sena kalendarja sħiħa qabel l-1 ta' Mejju 2004. Azzjonijiet taħt dawn il-programmi jridu jiġu kuntrattati matul is-sentejn ta' wara u pagamenti għandhom jiġu magħmula kif provdut fil-Memorandum tal-Finanzjament [1], normalment sat-tmiem tat-tielet sena wara l-impenn. Ma tista' tingħata l-ebda estensjoni għall-perijodu kontrattwali. Eċċezzjonalment u f'każijiet ġustifikati kif xieraq, jistgħu jingħataw estensjonijiet limitati tat-terminu għall-ħlas.

4. Biex tkun żgurata s-soppressjoni progressiva neċessarja ta' strumenti finanzjari ta' qabel l-adeżjoni previsti fil-paragrafu 1 kif ukoll il-programm ISPA, u transizzjoni bla xkiel mir-regoli applikabbli qabel l-1 ta' Mejju 2004 għal dawk applikabbli wara dik id-data, l-Kummissjoni tista' tieħu kull miżura xierqa biex tiżgura li l-persunal statutorju meħtieġ jkun miżmum fl-Istati Membri l-ġodda għal massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-1 ta' Mejju 2004. Matul dan il-perijodu, uffiċjali assenjati għal postijiet fl-Istati

---

[1] Kif stipulat fil-Linji Gwida tal-Phare (SEC (1999) 1596, aġġornat fis-6.9.2002 minn Ċ 3303/02).

Membri l-ġodda qabel l-1 ta' Mejju 2004 u li huma meħtieġa li jibqgħu fis-servizz f'dawk l-Istati wara l-1 ta' Mejju 2004 għandhom jibbenefikaw, bħala eċċezzjoni, mill-istess kondizzjonijiet finanzjarji u materjali li kienu applikati mill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Mejju 2004 skond l-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Agenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej stipulati fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 259/68[1]. In-nefqa amministrattiva, inklużi s-salarji ta' persunal ieħor, meħtieġa għall-amministrazzjoni ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi koperta, għas-sena 2004 kollha u sa l-aħħar ta' Lulju ta' l-2005, taħt l-intestatura "nefqa għas-sostenn ta' operazzjonijiet" (li qabel kienet il-parti B tal-*budget*) jew intestaturi ekwivalenti għall-istrumenti finanzjarji previsti fil-paragrafu 1 kif ukoll il-programm ta' l-ISPA, ta' l-*budgets* kollha rilevanti ta' qabel l-adeżjoni.

5. Meta xi proġetti li ġew approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru. 1258/1999 ma jistgħux jibqgħu jiġu ffinanzjati taħt dak l-istrument, dawn jistgħu jiġu ntegrati fil-programmazzjoni għall-iżvilupp rurali u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanziji. Jekk f'dan ir-rigward ikunu meħtieġa xi miżuri transitorji speċifiċi, dawn għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali tal-Fondi Strutturali [2].

## ARTIKOLU 23

1. Bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-aħħar ta' l-2006, l-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna finanzjarja temporanja, minn hawn 'il quddiem imsejjħa "il-Faċilità għat-Transizzjoni", lill-Istati Membri l-ġodda sabiex jiżviluppaw u jsaħħu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimplimentaw u jinforzaw id-dritt ta' l-Unjoni u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u sabiex jippromwovu l-iskambju ta' l-aħjar prattika *inter pares*.

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
[2] ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1.

2. L-għajnuna għandha tittratta l-ħtieġa kontinwa għat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali f'ċerti oqsma permezz ta' azzjoni li ma tistax tiġi ffinanzjata mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

a) ġustizzja u intern (tisħiħ tas-sistema ġudizzjarja, kontrolli fuq il-fruntieri esterni, strateġija kontra l-korruzzjoni, tisħiħ tal-kapaċità għar-rinfurzar tal-miżuri repressivi);

b) kontroll finanzjarju;

ċ) protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-ġlieda kontra l-frodi;

d) suq intern, inkluża l-unjoni doganali;

e) ambjent;

f) servizzi veterinarji u tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva li għandha x'taqsam mas-sigurtà ta' l-ikel;

g) strutturi amministrattivi u ta' kontroll għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inkluża s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS);

h) sigurtà nukleari (tisħiħ ta' l-effettività u l-kompetenza ta' l-awtoritajiet tas-sigurtà nukleari u l-organizzazzjonijiet ta' sostenn tekniku tagħhom kif ukoll l-aġenziji pubbliċi għall-amministrazzjoni ta' l-iskart radjuattiv);

i) statistika;

j) tisħiħ ta' l-amministrazzjoni pubblika skond il-ħtiġijiet identifikati fir-rapport ta' monitoraġġ komprensiv tal-Kummissjoni u li mhumiex koperti mill-Fondi Strutturali.

3. Għajnuna taħt il-Faċilità għat-Transizzjoni għandha tiġi deċiża skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant [1].

4. Il-programm għandu jiġi mplimentat skond l-Artikolu 53(1)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2] jew skond il-liġi li tissostiwih. Għal proġetti ta' ġemellaġġ bejn amministrazzjonijiet pubbliċi sabiex jirrinfurzaw l-istituzzjonijiet, il-proċedura għas-sejħa għal proposti permezz ta' rettikolat ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri għandha tibqa' tapplika, kif stabbilit fil-Ftehim Kwadru ma' l-Istati Membri attwali għall-finijiet ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni.

L-approprjazzjonijiet ta' flus impenjati għall-Faċilità għat-Transizzjoni, skond il-prezzijiet ta' l-1999, għandhom ikunu ta' 200 miljun euro fl-2004, 120 miljun euro fl-2005 u 60 miljun euro fl-2006. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-*budget* sal-limiti tal-perspettiva finanzjarja kif imfisser bil-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999.

---

1 ĠU L 375, 31.12.1989, p. 11.
2 Regolament (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 ( ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

ARTIKOLU 24

1. Qed tinħoloq hawnhekk Faċilità ta' Schengen bħala strument temporanju biex jgħin lill-Istati Membri benefiċjarji bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-aħħar ta' l-2006 fil-finanzjament ta' azzjonijiet mal-fruntieri esterni ġodda ta' l-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

Sabiex jiġu trattati n-nuqqasijiet identifikati fil-preparazzjoni għall-parteċipazzjoni f'Schengen, huma eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Faċilità ta' Schengen it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

a) investiment fil-bini, restawr jew titjib ta' l-infrastruttura għall-qsim tal-fruntieri u bini konness;

b) investiment f'kull tip ta' tagħmir għal operazzjonijiet (p.e. tagħmir tal-laboratorju, għodda għall-investigazzjoni, Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - *hardware* u *software* tas-SIS II, mezzi tat-trasport);

ċ) taħriġ ta' gwardji tal-fruntieri;

d) sostenn fl-ispejjeż għal-loġistika u l-operazzjonijiet.

2. L-ammonti li ġejjin għandhom ikunu disponibbli taħt il-Faċilità ta' Schengen fl-għamla ta' pagament ta' għotja f'somma waħda mill-1 ta' Mejju 2004 lill-Istati Membri benefiċjarji elenkati hawn taħt:

| | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|
| | (miljuni ta' euro, prezzijiet ta' l-1999) | | |
| l-Estonja | 22,90 | 22,90 | 22,90 |
| il-Latvja | 23,70 | 23,70 | 23,70 |
| il-Litwanja | 44,78 | 61,07 | 29,85 |
| l-Ungerija | 49,30 | 49,30 | 49,30 |
| il-Polonja | 93,34 | 93,33 | 93,33 |
| is-Slovenja | 35,64 | 35,63 | 35,63 |
| is-Slovakkja | 15,94 | 15,93 | 15,93 |

3. L-Istati Membri benefiċjarji għandhom ikunu responsabbli għall-għażla u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet individwali skond dan l-Artikolu. Huma għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-kordinazzjoni ta' l-użu tal-Faċilità ta' Schengen b'għajnuna minn strumenti oħra ta' l-Unjoni, sabiex jiżguraw il-kompatibilità ma' kull politika u miżura ta' l-Unjoni u l-ħarsien tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew mal-liġi Ewropea li tissostitwih.

Il-pagamenti ta' għotja f'somma waħda ta' flus għandhom jintużaw fi żmien tliet snin mill-ewwel pagament u l-fondi kollha li ma jintużawx jew li jintnefqu b'mod mhux ġustifikabbli għandhom jiġu rkuprati mill-Kummissjoni. L-Istati Membri benefiċjarji għandhom jissottomettu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet snin, rapport komprensiv dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pagamenti ta' għotja f'somma waħda b'rendikont li jiġġustifika n-nefqa.

L-Istat Membru benefiċjarju għandu jeżerċita din ir-responsabbiltà mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-*budget* ta' l-Unjoni u skond id-disposizzjonijiet fl-imsemmi Regolament Finanzjarju, jew skond il-liġi Ewropea li tissostitwih, applikabbli għall-amministrazzjoni deċentralizzata.

4. Il-Kummissjoni żżomm id-dritt tal-verifika, permezz ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF). Il-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu wkoll jagħmlu kontrolli fuq il-post skond il-proċeduri xierqa.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta kull disposizzjoni teknika meħtieġa għat-tħaddim ta' din il-Faċilità ta' Schengen.

ARTIKOLU 25

L-ammonti previsti fl-Artikoli 18, 19, 23, u 24 għandhom jiġu aġġustati kull sena, bħala parti mill-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999.

ARTIKOLU 26

1. Jekk, sa l-aħħar ta' perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin mill-1 ta' Mejju 2004 jinqalgħu diffikultajiet serji u li x'aktarx jippersistu f'xi settur ta' l-ekonomija jew li jistgħu jikkawżaw xi deterjorazzjoni serja fis-sitwazzjoni ekonomika ta' xi żona partikolari, Stat Membru ġdid jista' japplika għall-awtorizzazzjoni biex jieħu miżuri protettivi sabiex jirranġa s-sitwazzjoni u jaġġusta s-settur kkonċernat għall-ekonomija tas-suq intern.

Fl-istess ċirkostanzi, kull Stat Membru attwali jista' japplika biex jiġi awtorizzat jieħu miżuri protettivi fir-rigward ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-ġodda.

2. Fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha, bi proċedura ta' emerġenża, tadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri protettivi li jidhrilha meħtieġa, u għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li taħthom għandhom jidħlu fis-seħħ dawn il-miżuri.

F'każ ta' diffikultajiet ekonomiċi serji u fuq talba diretta mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha taġixxi fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta taslilha t-talba li għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti meħtieġa. Il-miżuri li dwarhom tkun ittieħdet deċiżjoni għandhom ikunu applikabbli immedjatament, għandhom jikkunsidraw l-interessi tal-partijiet kkonċernati kollha u ma għandhomx jinvolvu kontrolli fuq il-fruntieri.

3. Il-miżuri awtorizzati permezz tal-paragrafu 2 jistgħu jinvolvu derogi mir-regoli tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari minn dan il-Protokoll, safejn u għal dawk il-perjodi li huma strettament meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri li l-inqas ifixklu l-funzjonament tas-suq intern.

## ARTIKOLU 27

Jekk Stat Membru ġdid ikun naqas milli jimplimenta l-impenji meħuda fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni, inkluż kull impenn f'kull politika settorjali li tikkonċerna attivitajiet ekonomiċi b'effett transkonfinali, u b'dan jikkawża disfunzjoni serja tas-suq intern, jew riskju imminenti ta' dan id-disfunzjoni, l-Kummissjoni tista', sa l-aħħar tal-perijodu ta' mhux akar minn tliet snin wara l-1 ta' Mejju 2004, fuq it-talba motivata minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu miżuri xierqa.

Il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati u għandha tingħata prijorità lil miżuri li l-inqas jiddisturbaw il-funzjonament tas-suq intern u, fejn xieraq, lill-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' salvagwardja settorjali eżistenti. Dawn il-miżuri ta' salvagwardja ma għandhomx jiġu nvokati bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni mmaskrata fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Dawn il-miżuri ma għandhomx jinżammu għal iktar żmien milli huwa strettament meħtieġ, u, f'kull każ, għandhom jitneħħew meta l-impenn rilevanti jiġi mplimentat. Madanakollu jistgħu jiġu applikati wara l-perijodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm l-impenji rilevanti ma jkunux ġew imwettqa. Il-Kummissjoni tista' taddatta l-miżuri li jkun hemm bżonn skond kif l-Istat Membru l-ġdid ikun wettaq l-impenji tiegħu,. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien utli qabel ma' tħassar r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri ta' salvagwardja, u għandha tikkunsidra kif xieraq kull osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

ARTIKOLU 28

Jekk ikun hemm nuqqasijiet serji jew perikli imminenti ta' tali nuqqasijiet fi Stat Membru ġdid fit-trasposizzjoni, l-istat ta' implimentazzjoni jew l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet kwadru jew ta' kull impenn rilevanti ieħor, ta' l-istrumenti ta' koperazzjoni u tad-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-liġi kriminali adottati skond it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-UE, tad-Direttivi u tar-Regolamenti li għandhom x'jaqsmu mar-rikonoxximent reċiproku fi kwistjonijiet ċivili adottati skond it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, u tal-liġijiet u tal-liġijiet kwadru Ewropej adottati abbażi tal-Parti III, t-Titolu III, l-Kapitolu IV, is-Sezzjonijiet 3 u 4 tal-Kostituzzjoni, l-Kummissjoni tista', sa l-aħħar tal-perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-1 ta' Mejju 2004, fuq it-talba motivata minn Stat Membru, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, u wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu miżuri xierqa u jispeċifikaw il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li taħthom dawn il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ.

Dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' sospensjoni temporanja ta' l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet u deċiżjonijiet rilevanti fir-rigward ta' relazzjonijiet bejn Stat Membru ġdid u Stat Membru jew Stati Membri oħra, bla ħsara għat-tkomplija ta' koperazzjoni ġudizzjarja mill-qrib. Dawn il-miżuri ma għandhomx jinżammu għal iktar żmien milli huwa strettament meħtieġ, u, f'kull każ, għandhom jitneħħew meta n-nuqqasijiet jissewwew. Madanakollu jistgħu jkomplu jiġu applikati wara l-perijodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm dawn in-nuqqasijiet jippersistu. Wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, l-Kummissjoni tista' taddatta l-miżuri li jkun hemm bżonn skond kif l-Istat Membru l-ġdid ikun irrettifika n-nuqqasijiet identifikati. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien utli qabel ma' tħassar il-miżuri ta' salvagwardja, u għandha tikkunsidra kif xieraq kull osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

## ARTIKOLU 29

Sabiex ma jiġix imxekkel il-funzjonament kif suppost tas-suq intern, l-implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' l-Istati Membri l-ġodda matul il-perijodi transitorji previsti fl-Annessi V sa XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 ma għandhomx iwasslu għal kontrolli fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri.

ARTIKOLU 30

Jekk ikunu meħtieġa miżuri transitorji sabiex jiffaċilitaw it-transizzjoni mir-reġim eżistenti fl-Istati Membri l-ġodda għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-politika agrikola komuni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], jew jekk ikun il-każ, fl-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli jew il-liġijiet Ewropej li jissostitwuhom jew skond il-proċedura rilevanti kif stabbilita fil-leġislazzjoni applikabbli. Il-miżuri transitorji previsti f'dan l-Artikolu jistgħu jittieħdu matul perijodu ta' tliet snin wara l-1 ta' Mejju 2004 u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun limitata għal dak il-perjodu. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' testendi dan il-perjodu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU 31

Jekk ikunu meħtieġa miżuri transitorji sabiex jiffaċilitaw it-transizzjoni mir-reġim eżistenti fl-Istati Membri l-ġodda għal dak li jirriżulta mill-implimentazzjoni tar-regoli veterinarji u fitosanitarji tal-Unjoni, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura rilevanti kif stabbilita mil-leġislazzjoni applikabbli. Dawn il-miżuri għandhom jittieħdu matul perijodu ta' tliet snin wara l-1 ta' Mejju 2004 u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun limitata għal dak il-perijodu.

ARTIKOLU 32

1. Il-mandat tal-membri l-ġodda tal-Kumitati, gruppi u korpi oħra elenkati fl-Anness XVI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għandu jiskadi fl-istess ħin bħal dak tal-membri in kariga fl-1 ta' Mejju 2004.

---

[1] ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1.

2. Il-mandat tal-membri l-ġodda tal-Kumitati u tal-gruppi maħluqa mill-Kummissjoni elenkati fl-Anness XVII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, għandu jiskadi fl-istess żmien bħal dak tal-membri in kariga fl-1 ta' Mejju 2004.

TITOLU IV

APPLIKABILITÀ TA' L-ATTI TA' L-ISTITUZZJONIJIET

ARTIKOLU 33

Mill-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jitqiesu bħala destinatarji tad-direttivi u tad-deċiżjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE u ta' l-Artikolu 161 tat-Trattat tal-KEEA, meta dawk id-direttivi u d-deċiżjonijiet ikunu ġew indirizzati lill-Istati Membri attwali kollha. Ħlief f'dak li għandu x'jaqsam mad-direttivi u d-deċiżjonijiet li jidħlu fis-seħħ bis-saħħa ta' l-Artikolu 254 (1) u (2) tat-Trattat tal-KE, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jitqiesu li jkunu rċevew notifika ta' dawk id-direttivi u d-deċiżjonijiet fl-1 ta' Mejju 2004.

ARTIKOLU 34

L-Istati Membri l-ġodda għandhom idaħħlu fis-seħħ dawk il-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jħarsu, mill-1 ta' Mejju 2004, dawk id-disposizzjonijiet ta' direttivi u deċiżjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE u ta' l-Artikolu 161 tat-Trattat tal-KEEA, sakemm terminu ta' żmien ieħor ma jkunx ipprovdut għal fl-Annessi previsti fl-Artikolu 15 jew f'xi disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 35

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa biex jimplimenta d-disposizzjonijiet li hemm fl-Annessi III u IV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 previsti fl-Artikoli 12 u 13 ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 36

1. Meta atti ta' l-istituzzjonijiet adottati qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandhom bżonn ta' adattamenti minħabba l-adeżjoni, u ma hemmx provvediment għall-adattamenti meħtieġa minn dan il-Protokoll, dawk l-adattamenti għandhom isiru skond il-proċedura stabbilita bil-paragrafu 2. Dawk l-adattamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jew il-Kummissjoni, skond liema minn dawn iż-żewg istituzzjonijiet tkun adottat l-atti orġinali, għandhom għal dan l-iskop jadottaw l-atti meħtieġa.

ARTIKOLU 37

Id-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva li jkollhom l-iskop li jħarsu s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali fit-territorju ta' l-Istati Membri l-ġodda kontra l-perikli li jinħolqu minn radjazzjoni jonizzanti għandhom, skond l-Artikolu 33 tat-Trattat tal-KEEA, jiġu notifikati minn dawk l-Istati lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-1 ta' Mejju 2004.

# IT-TIENI PARTI

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR IL-PROTOKOLLI ANNESSI MA' L-ATT TA' L-ADEŻJONI TAS-16 TA' APRIL 2003

## TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI DWAR IL-BANK EWROPEW TA' L-INVESTIMENT

### ARTIKOLU 38

Ir-Renju ta' Spanja għandu jħallas l-ammont ta' 309 686 775 euro bħala s-sehem tiegħu tal-kapital mħallas għaż-żieda fil-kapital sottoskritt. Din il-kontribuzzjoni għandha titħallas fi tmien pagamenti indaqs li għandhom isiru fit-30 ta' Settembru 2004, it-30 ta' Settembru 2005, it-30 ta' Settembru 2006, il-31 ta' Marzu 2007, it-30 ta' Settembru 2007, il-31 ta' Marzu 2008, it-30 ta' Settembru 2008 u l-31 ta' Marzu 2009.

Ir-Renju ta' Spanja għandu jikkontribwixxi, fi tmien pagamenti ndaqs li għandhom isiru f'dawk id-dati, għar-riservi u l-provvisti li huma ekwivalenti għal riservi, kif ukoll għall-ammont li għad irid ikun approprjat għar-riservi u l-provvisti, li jinkludu l-bilanċ tal-kont tal-qligħ u t-telf, stabbilit fl-aħħar ta' April 2004, kif imniżżel fil-karta tal-bilanċ tal-Bank, f'ammonti li jikkorrispondu għal 4,1292 % tar-riservi u l-provvisti.

## ARTIKOLU 39

Mill-1 ta' Mejju 2004, l-Istati Membri l-ġodda għandhom iħallsu l-ammonti li ġejjin li jikkorrispondu mas-sehem tagħhom tal-kapital imħallas għall-kapital sottoskritt kif definit fl-Artikolu 4 ta' l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment:

| | |
|---|---|
| il-Polonja | 170 563 175 euro |
| ir-Repubblika Ċeka | 62 939 275 euro |
| l-Ungerija | 59 543 425 euro |
| is-Slovakkja | 21 424 525 euro |
| is-Slovenja | 19 890 750 euro |
| il-Litwanja | 12 480 875 euro |
| Ċipru | 9 169 100 euro |
| il-Latvja | 7 616 750 euro |
| l-Estonja | 5 882 000 euro |
| Malta | 3 490 200 euro |

Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu fi tmien pagamenti ndaqs li għandhom isiru fit-30 ta' Settembru 2004, it-30 ta' Settembru 2005, it-30 ta' Settembru 2006, il-31 ta' Marzu 2007, it-30 ta' Settembru 2007, il-31 ta' Marzu 2008, it-30 ta' Settembru 2008 u l-31 ta' Marzu 2009.

## ARTIKOLU 40

L-Istati Membri l-ġodda għandhom jikkontribwixxu, fi tmien pagamenti ndaqs li għandhom isiru fid-dati msemmija fl-Artikolu 39, għar-riservi u l-provvisti ekwivalenti għal riservi, kif ukoll għall-ammont li għad irid ikun approprjat għar-riservi u l-provvisti, li jinkludu l-bilanċ tal-kont tal-qligħ u t-telf, stabbilit fl-aħħar ta' April 2004, kif imniżżel fil-karta tal-bilanċ tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, f'ammonti li jikkorrispondu għall-perċentwali li ġejjin tar-riservi u l-provvisti:

| | |
|---|---|
| il-Polonja | 2.2742% |
| ir-Repubblika Ċeka | 0.8392% |
| l-Ungerija | 0.7939% |
| is-Slovakkja | 0.2857% |
| is-Slovenja | 0.2652% |
| il-Litwanja | 0.1664% |
| Ċipru | 0.1223% |
| il-Latvja | 0.1016% |
| l-Estonja | 0.0784% |
| Malta | 0.0465% |

## ARTIKOLU 41

Il-kapital u l-pagamenti previsti fl-Artikoli 38, 39 u 40 għandhom jitħallsu mir-Renju ta' Spanja u mill-Istati Membri l-ġodda f'euro, ħlief jekk ikun hemm xi deroga deċiża b'mod unanimu mill-Bord tal-Gvernaturi.

# TITOLU II

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR IR-RISTRUTTURAR TA' L-INDUSTRIJA ĊEKA TA' L-AZZAR

## ARTIKOLU 42

1. Minkejja l-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni, għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Ċeka għal finijiet ta' ristrutturar ta' partijiet speċifiċi ta' l-industrija ta' l-azzar Ċeka mill-1997 sal-2003 għandha tkun meqjusa bħala kompatibbli mas-suq intern sakemm:

a) il-perjodu previst fl-Artikolu 8(4) tal-Protokoll Nru. 2 dwar prodotti koperti mit-Trattat tal-KEFA anness mal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Ċeka, min-naħa l-oħra [1], ġie mtawwal sa l-1 ta' Mejju 2004,

b) it-termini stipulati fil-pjan tar-ristrutturar li abbazi tagħhom ġie mtawwal il-Protokoll previst hawn fuq jitħarsu matul il-perijodu 2002-2006,

ċ) il-kondizzjonijiet stipulati f'dan it-Titolu jiġu sodisfatti, u

d) l-ebda għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar ma titħallas lill-industrija Ċeka ta' l-azzar wara l-1 ta' Mejju 2004.

---

1 ĠU L 360, 31.12.1994, p. 2.

2. Ir-ristrutturar tas-settur Ċek ta' l-azzar, kif imfisser fil-pjanijiet ta' negozju individwali tal-kumpanniji elenkati fl-Anness 1 għall-Protokoll Nru. 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 (minn issa 'l quddiem imsejjħa "kumpanniji benefiċjarji"), u skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dan it-Titolu, għandu jitlesta mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar").

3. Il-kumpanniji benefiċjarji biss għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna mill-Istat fil-qafas tal-programm Ċek tar-ristrutturar ta' l-azzar.

4. Kumpannija benefiċjarja ma tistax:

a) fil-każ ta' fużjoni ma' kumpannija li mhijiex fl-Anness 1 għall-Protokoll Nru. 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, tgħaddi lill-kumpannija benefiċjarja l-benefiċċju ta' l-għajnuna mogħtija lilha;

b) tieħu pussess ta' l-assi ta' kwalunkwe kumpannija li mhijiex fl-Anness 1 għall-Protokoll Nru.2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 li tkun ġiet dikjarata bħala falluta fil-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2006.

5. Kwalunkwe privatizzazzjoni sussegwenti ta' kwalunkwe kumpannija benefiċjarja għandha tirrispetta l-kondizzjonijiet u l-prinċipji dwar il-vijabilità, għajnuniet mill-Istat u tnaqqis tal-kapaċità kif imfisser f'dan it-Titolu.

6. L-għajnuna totali għar-ristrutturar li għandha tingħata lill-kumpanniji benefiċjarji għandha tiġi deteminata abbażi tal-ġustifikazzjonijiet stipulati fil-pjan Ċek għar-ristrutturar ta' l-azzar u pjanijiet ta' negozju individwali kif approvati mill-Kunsill. Iżda fi kwalunkwe każ, l-għajnuna mħallsa fil-perijodu 1997-2003 hi limitata għal ammont massimu ta' 14 147 425 201 CZK. Minn din iċ-ċifra totali Novà Huť tirċievi massimu ta' 5 700 075 201 CZK, Vítkovice Steel tirċievi massimu ta' 8 155 350 000 CZK u Vàlcovny Plechu Frýdek Místek tirċievi massimu ta' 292 000 000 CZK skond il-ħtiġijiet kif stipulati fil-pjan approvat ta' ristrutturar. L-għajnuna għandha tingħata darba biss. L-ebda għajnuna oħra mill-Istat m'għandha tingħata mir-Repubblika Ċeka għal għanijiet ta' ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar Ċeka.

7. It-tnaqqis fil-kapaċità netta li għandu jintlaħaq mir-Repubblika Ċeka għal prodotti lesti waqt il-perijodu 1997-2006 għandu jkun ta' 590 000 tunnellati metriċi.

It-tnaqqis fil-kapaċità għandu jitkejjel biss abbażi ta' l-għeluq permanenti tal-faċilitajiet ta' produzzjoni permezz ta' distruzzjoni fiżika tali li l-faċilitajiet ma jkunux jistgħu jerġgħu jitħaddmu. Dikjarazzjoni ta' falliment ta' kumpannija ta' l-azzar ma tikkwalifikax bħala tnaqqis fil-kapaċità.

Il-livell previst hawn fuq ta' tnaqqis nett fil-kapaċità, flimkien ma' kwalunkwe tnaqqis ieħor ta' kapaċità identifikat bħala meħtieġ fil-programmi tar-ristrutturar, għandu jintlaħaq skond l-iskeda fl-Anness 2 għall-Protokoll Nru. 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003

8. Ir-Repubblika Ċeka għandha tneħħi x-xkiel għall-kummerċ fis-suq tal-faħam, skond l-*acquis* sa l-adeżjoni, u b'hekk il-kumpanniji ta' l-azzar Ċeki jkollhom aċċess għall-faħam bil-prezzijiet tas-suq internazzjonali.

9. Il-pjan ta' negozju għall-kumpannija benefiċjarja Novà Huť għandu jiġi mplimentat. B'mod partikolari:

a) l-impjant Vysoké Pece Ostrava (VPO) għandu jiddaħħal fil-qafas organizzazzjonali ta' Novà Huť bl-akkwist tal-proprjetà sħiħa. Għandha tiġi stabbilita data għal din il-fużjoni, inkluż ta' min hi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tagħha;

b) l-isforzi tar-ristrutturar għandhom jikkonċentraw fuq li ġej:

i) l-evoluzzjoni ta' Novà Hut' minn waħda orjentata fuq il-produzzjoni għal waħda orjentata fuq il-*marketing* u t-titjib ta' l-effiċjenza u l-effettività fit-tmexxija tan-negozju, inkluża trasparenza ikbar dwar l-ispejjeż;

ii) Novà Huť għandha tirrivedi il-firxa tal-prodotti tagħha u u ddur lejn swieq b'valur aġġunt ogħla;

iii) Novà Huť tagħmel l-investiment meħtieġ biex tilħaq kwalità ogħla tal-prodott lest fi żmien qasir wara l-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni;

ċ) għandu jiġi implimentat ir-ristrutturar ta' l-impjiegi; sal-31 ta' Diċembru 2006, għandhom jintlaħqu livelli ta' produttività li jistgħu jitqabblu ma' dawk miksuba mill-gruppi ta' prodotti ta' l-industrija ta' l-azzar ta' l-Unjoni , abbażi tal-figuri konsolidati tal-kumpanniji benefiċjarji kkonċernati;

d) ħarsien ta' l-*acquis* rilevanti tal-Komunità fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent għandha tintlaħaq sa l-1 ta' Mejju 2004 inklużi l-investimenti meħtieġa indirizzati fil-pjan ta' negozju. Skond il-pjan ta' negozju għandu jsir ukoll l-investiment futur u meħtieġ li għandu x'jaqsam ma' l-IPPC, biex jassigura ħarsien tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis [1] sa l-1 ta' Novembru 2007.

10. Il-pjan ta' negozju għall-kumpannija benefiċjarja Vítkovice Steel għandu jiġi mplimentat. B'mod partikolari:

a) id-Duo Mill għandha tingħalaq għal kollox mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006. Jekk il-kumpannija tinxtara minn investitur strateġiku, l-kuntratt tax-xiri għandu jsir bil-kondizzjoni li din tingħalaq sa din id-data;

b) l-isforzi tar-ristrutturar għandhom jikkonċentraw fuq li ġej:

i) żieda f'bejgħ dirett u fokus akbar fuq tnaqqis ta' spejjeż, billi dan huwa meħtieġ għal amministrazzjoni iżjed effiċjenti tan-negozju;

ii) l-adattament għat-talba tas-suq u bidla għal prodotti ta' valur miżjud ogħla;

iii) l-avvanz l-investiment propost fil-proċess sekondarju tal-manufattura ta' l-azzar mill-2004 għall-2003, sabiex il-kumpannija tkun tista' tikkompeti abbażi ta' kwalità minflok ta' prezz;

---

[1] ĠU L 257, 31.12.1994, p. 26.

ċ) konformità ma' l-*acquis* rilevanti tal-Komunità fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent għandha tintlaħaq sa l-1 ta' Mejju 2004. L-investimenti meħtieġa għal dan l-iskop għandhom ikunu inklużi fil-pjan ta' investiment bħal dawk meħtieġa għall-pjanijiet ta' l-investiment futur f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-IPPC.

11. Il-pjan ta' negozju għall-kumpannija benefiċjarja Vàlcovny Plechu Frýdek Místek (VPFM) għandu jiġi mplimentat. B'mod partikolari:

a) il-*Hot Rolling Mills* Nru. 1 u 2 għandhom jingħalqu għal kollox fl-aħħar tal-2004;

b) l-isforzi tar-ristrutturar għandhom jikkonċentraw fuq li ġej:

i) għandu jsir l-investiment meħtieġ biex tintlaħaq kwalità ogħla tal-prodott lest fi żmien qasir wara l-iffirmar tat-Trattat ta' l-Adeżjoni;

ii) għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni ta' opportunitajiet identifikati u importanti għat-titjib fil-profitt (inkluż ristrutturar ta' l-impjiegi, tnaqqis ta' l-ispejjeż, titjib tal-qligħ u orjentazzjoni ġdida tad-distribuzzjoni).

12. Kull tibdil sussegwenti fil-pjan ġenerali ta' ristrutturar u l-pjanijiet individwali jrid jiġi miftiehem mal-Kummissjoni u, fejn xieraq, mal-Kunsill.

13. L-implimentazzjoni tar-ristrutturar għandha ssir taħt kondizzjonijiet ta' trasparenza sħiħa u abbażi ta' prinċipji sodi ta' l-ekonomija tas-suq.

14. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isegwu mill-qrib l-implimentazzjoni tar-ristrutturar u l-adempjiment tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Titolu dwar il-vijabilità, l-għajnuna mill-Istat u t-tnaqqis fil-kapaċità qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004 sat-tmiem tal-perijodu ta' ristrutturar, skond il-paragrafi 15 sa 18. Għal dan l-effett il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill.

15. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jikkontrollaw il-punti ta' referenza għall-istrutturar stabbiliti fl-Anness 3 tal-Protokoll Nru.2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003. Ir-referenzi f'dak l-Anness għall-paragrafu 16 ta' l-imsemmi Protokoll, għandhom jinftehmu li huma għall-paragrafu 16 ta' dan l-Artikolu.

16. Il-kontrolli għandhom jinkludu valutazzjoni indipendenti li trid issir fl-2003, 2004, 2005 u 2006. It-test tal-Kummissjoni dwar il-vijabilità għandu jkun element importanti biex jassigura li l-vijabilità tinkiseb.

17. Ir-Repubblika Ċeka għandha tikkopera bis-sħiħ ma' l-arranġamenti għall-kontrolli. B'mod partikolari:

a) ir-Repubblika Ċeka għandha tipprovdi lill-Kummissjoni rapport ta' kull sitt xhur dwar ir-ristrutturar tal-kumpanniji benefiċjarji, u dan mhux iktar tard mill-15 ta' Marzu u l-15 ta' Settembru ta' kull sena sat-tmiem tal-perijodu ta' ristrutturar;

b) l-ewwel rapport għandu jasal għand il-Kummissjoni sal-15 ta' Marzu 2003 u l-aħħar rapport sal-15 ta' Marzu 2007, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċiedix mod ieħor;

ċ) ir-rapporti għandu jkun fihom it-tagħrif kollu meħtieġ għall-kontroll tal-proċess tar-ristrutturar u t-tnaqqis u l-użu tal-kapaċità, u għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni finanzjarja biex tkun tista' ssir valutazzjoni dwar jekk il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet li hawn f'dan it-Titolu jkunux ġew sodisfatti. Ir-rapporti għandu jkun fihom għall-inqas it-tagħrif stabbilit fl-Anness 4 tal-Protokoll Nru. 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, li l-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tbiddel skond l-esperjenzi tagħha waqt il-proċess ta' kontroll. Minbarra r-rapporti individwali dwar in-negozju tal-kumpanniji benefiċjarji, għandu jkun hemm ukoll rapport dwar is-sitwazzjoni ġenerali tas-settur ta' l-azzar Ċek, inklużi żviluppi makro-ekonomiċi reċenti;

d) ir-Repubblika Ċeka għandha tobbliga lill-kumpanniji benefiċjarji biex jipppubblikaw it-tagħrif rilevanti kollu li jista', taħt ċirkostanzi oħra, jkun ikkunsidrat bħala konfidenzjali. Fir-rapporti tagħha lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tassigura li t-tagħrif konfidenzjali speċifiku għal xi kumpannija ma jinkixifx.

18. F'kull ħin il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti mandat lil konsulent indipendenti biex jivvaluta r-riżultati tal-kontroll, jagħmel kwalunkwe riċerka meħtieġa u jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

19. Jekk il-Kummissjoni tistabbilixxi, abbażi tar-rapporti previsti fil-paragrafu 17, li saru devjazzjonijiet sostanzjali mid-*data* finanzjarja li fuqha tkun saret l-istima tal-vijabilità, tista' teħtieġ lir-Repubblika Ċeka tieħu l-miżuri neċċessarji biex issaħħaħ il-miżuri tar-ristrutturar tal-kumpanniji benefiċjarji kkonċernati.

20. Jekk il-kontroll juri li:

a) l-kondizzjonijiet għall-arranġamenti transitorji li jinsabu f'dan it-Titolu ma jkunux twettqu, jew li

b) l-impenji magħmula fil-qafas ta' l-estensjoni tal-perijodu li matulu ir-Repubblika Ċeka tista' b'mod eċċezzjonali tagħti għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar tagħha taħt il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Ċeka, min-naħa l-oħra [1], ma ġewx imwettqa, jew li

ċ) waqt il-perijodu ta' ristrutturar ir-Repubblika Ċeka tat għajnuna oħra mill-Istat, li hija inkompatibbli, lill-industrija ta' l-azzar u lill-kumpanniji benefiċjarji b'mod partikolari,

l-arranġamenti transitorji li jinsabu f'dan it-Titolu jkunu bla effett.

Il-Kummissjoni għandha tieħu passi meħtieġa biex tesiġi li kwalunkwe kumpannija kkonċernata trodd lura kull għajnuna mogħtija bi ksur tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Titolu.

---

1 ĠU L 360, 31.12.1994, p. 2.

## TITOLU III

## DISPOSIZZJONIJIET DWAR IŻ-ŻONI TA' BAŻI SOVRANA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ F'ĊIPRU

### ARTIKOLU 43

1. Iż-żoni ta' Bażi Sovrana għandhom jiġu inklużi fit-territorju doganali ta' l-Unjoni u, għal dan il-għan, l-atti dwar id-dwana u l-politika komuni kummerċjali ta' l-Unjoni elenkati fl-Ewwel Parti ta' l-Anness tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għandhom japplikaw għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana bl-emendi stabbiliti f'dak l-Anness. F'dak l-Anness, referenza għal "dan il-Protokoll" għandha tinftiehem li qed tirreferi għal dan it-Titolu.

2. L-atti ta' l-Unjoni dwar it-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ, id-dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta elenkati fit-Tieni Parti ta' l-Anness tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għandhom japplikaw għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana bl-emendi stabbiliti f'dak l-Anness kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti li japplikaw għal Ċipru kif stabbiliti f'dan il-Protokoll.

3. L-atti ta' l-Unjoni elenkati fit-Tielet Parti ta' l-Anness tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għandhom jiġu emendati kif stabbilit f'dak l-Anness biex ir-Renju Unit ikun jista' jżomm il-ħelsien u l-eżenzjonijiet minn dazji u taxxi fuq provvisti għall-forzi u l-persunal assoċjat tiegħu li huma mogħtija mit-Trattat dwar l-Istabbiliment tar-Repubblika ta' Ċipru (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Trattat ta' l-Istabbiliment").

## ARTIKOLU 44

L-Artikoli III-225 sa III-232 tal-Kostituzzjoni flimkien mad-disposizzjonijiet adottati fuq dik il-bażi, u d-disposizzjonijiet adottati skond l-Artikolu III-278 (4)(b) tal-Kostituzzjoni għandhom japplikaw għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana.

## ARTIKOLU 45

Persuni residenti jew impjegati fit-territorju taż-Żoni ta' Bażi Sovrana li, skond arranġamenti magħmula skond it-Trattat ta' l-Istabbiliment u l-Iskambju ta' Noti assoċjati bid-data tas-16 ta' Awwissu 1960, huma suġġetti għal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tar-Repubblika ta' Ċipru għandhom jiġu trattati, għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni mpjegati, persuni li jaħdmu għal rashom u membri tal-familji tagħhom li jispostaw rwieħhom fil-Komunità [1], daqs li kieku kienu residenti jew impjegati fit-territorju tar-Repubblika ta' Ċipru.

## ARTIKOLU 46

1. Ir-Repubblika ta' Ċipru m'għandhiex tkun meħtieġa tagħmel kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri ta' l-art u ta' l-baħar tagħha maż-Żoni ta' Bażi Sovrana u l-ebda restrizzjoni ta' l-Unjoni dwar il-qsim tal-fruntieri esterni ma għandha tapplika fir-rigward ta' dawn il-persuni.

2. Ir-Renju Unit għandu jagħmel kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni taż-Żoni ta' Bażi Sovrana skond l-impenji stabbiliti fir-Raba' Parti ta' l-Anness tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

---

[1] ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2.

## ARTIKOLU 47

Biex jassigura l-implimentazzjoni effettiva ta' l-għanijiet ta' dan it-Titolu, l-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta deċiżjoni Ewropea li temenda l-Artikoli 43 sa 46, inkluż l-Anness għall-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, jew li tapplika għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana disposizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni u atti ta' l-Unjoni, jekk ikun il-każ, bil-kondizzjonijiet li jista' jispeċifika. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lir-Renju Unit u r-Repubblika ta' Ċipru qabel ma tissottometti xi proposta.

## ARTIKOLU 48

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana. B'mod partikolari:

a) ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' l-Unjoni speċifikati f'dan it-Titolu fl-oqsma doganali, ta' tassazzjoni indiretta u tal-politika kummerċjali komuni fir-rigward ta' prodotti li jidħlu jew joħorġu mill-gżira ta' Ċipru minn port jew ajruport fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana;

b) kontrolli doganali fuq prodotti importati fil-, jew esportati, mill-gżira ta' Ċipru mill-forzi tar-Renju Unit minn port jew ajruport fir-Repubblika ta' Ċipru jistgħu jsiru fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana;

ċ) ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli biex joħroġ liċenzi, awtorizzazzjonijiet jew ċertifikati li jistgħu jkunu meħtieġa taħt kwalunkwe miżura applikabbli ta' l-Unjoni fir-rigward ta' prodotti importati fil-, jew esportati mill-gżira ta' Ċipru mill-forzi tar-Renju Unit.

2. Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tkun responsabbli għall-amministrazzjoni u l-ħlas tal-fondi kollha ta' l-Unjoni li għalih jistgħu jkunu intitolati persuni fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana skond l-applikazzjoni tal-politika agrikola komuni fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana taħt l-Artikolu 44, u r-Repubblika ta' Ċipru għandha tkun responsabbli quddiem il-Kummissjoni għal tali spiża.

3. Bla preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, ir-Renju Unit jista' jiddelega lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru, skond arranġamenti magħmula skond it-Trattat ta' l-Istabbiliment, it-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni imposta fuq Stat Membru minn jew taħt xi disposizzjoni prevista fl-Artikoli 43 sa 46.

4. Ir-Renju Unit u r-Repubblika ta' Ċipru għandhom jikkoperaw biex jassiguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dan it-Titolu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana u, fejn xieraq, għandhom jikkonkludu iktar arranġamenti dwar id-delega ta' l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe disposizzjoni msemmija fl-Artikoli 43 sa 46. Kopja ta' dawn larranġamenti għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni.

ARTIKOLU 49

L-arranġamenti previsti f'dan it-Titolu għandu jkollhom l-għan uniku li jirregolaw is-sitwazzjoni partikolari taż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit f'Ċipru u ma jistgħux japplikaw għal kwalunkwe territorju ieħor ta' l-Unjoni, u lanqas iservu bħala preċedent, b'mod sħiħ jew f'parti minnhom, għal kwalunkwe arranġamenti speċjali oħra li jew digà jeżistu jew li jistgħu jiġu stabbiliti f'territorju Ewropew ieħor previst fl-Artikolu IV-440 tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 50

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull ħames snin mill-1 ta' Mejju 2004 dwar l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

ARTIKOLU 51

Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw fid-dawl tad-Dikjarazzjoni dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru, li tinkludi, mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħha, l-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

# TITOLU IV

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-IMPJANT TA' ENERĠIJA NUKLEARI TA' IGNALINA FIL-LITWANJA

## ARTIKOLU 52

Waqt li tirrikonoxxi li l-Unjoni lesta tipprovdi iżjed għajnuna xierqa lill-isforzi tal-Litwanja għad-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina u waqt li tenfasizza din l-espressjoni ta' solidarjetà, il-Litwanja intrabtet li tagħlaq l-Unità 1 ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina qabel l-2005 u l-Unità 2 ta' dan l-impjant mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009 u li sussegwentement tipproċedi għad-diżattivazzjoni ta' dawn l-unitajiet.

## ARTIKOLU 53

1. Waqt il-perijodu 2004-2006, l-Unjoni għandha tipprovdi lil-Litwanja għajnuna finanzjarja addizzjonali biex issostni l-isforzi tagħha għad-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina, u biex tindirizza l-konsegwenzi ta' l-għeluq u d-diżattivazzjoni ta' dan l-impjant ta' (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Programm ta' Ignalina").

2. Miżuri taħt il-Programm ta' Ignalina għandhom jiġu deċiżi u implimentati skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant [1].

---

[1] ĠU L 375, 23.12.1989, p. 11.

3. Il-Programm ta' Ignalina għandu jkopri, fost affarijiet oħra: miżuri li jsostnu d-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina; miżuri għat-titjib ambjentali skond l-*acquis* u miżuri biex tiġi modernizzata l-kapaċità ta' produzzjoni konvenzjonali biex tieħu post il-kapaċità ta' produzzjoni taż-żewġ reatturi ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina; u miżuri oħra li jkunu meħtieġa bħala konsegwenza għad-deċiżjoni li dan l-impjant jingħalaq u jkun diżattivat u li jikkontribwixxu għar-ristrutturar, titjib ambjentali u modernizzar meħtieġa fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasmissjoni u tad-distribuzzjoni ta' l-enerġija fil-Litwanja kif ukoll li jsaħħu s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-Litwanja.

4. Il-Programm ta' Ignalina għandu jinkludi miżuri biex isostnu l-persunal ta' l-impjant biex iżomm livell għoli ta' sigurtà fit-tħaddim ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina fil-perijodi qabel l-għeluq u matul id-diżattivazzjoni ta' l-unitajiet previsti tar-reattur.

5. Għall-perijodu 2004-2006 il-Programm ta' Ignalina għandu jammonta għal 285 miljun euro f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li jinħarġu f'partijiet annwali indaqs.

6. Il-kontribuzzjoni taħt il-Programm ta' Ignalina tista', għal ċerti miżuri, tammonta għal sa 100% ta' l-ispiża totali. Għandu jsir kull sforz biex titkompla l-prattika ta' ko-finanzjar stabbilita taħt l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni biex tgħin l-isforz tal-Litwanja għad-diżattivazzjoni ta' l-impjant kif ukoll biex tiġbed lejha ko-finanzjar minn għejjun oħra, kif xieraq.

7. L-għajnuna taħt il-Programm ta' Ignalina, jew partijiet minnha, tista' tkun disponibbli bħala kontribuzzjoni ta' l-Unjoni għall-Fond Internazzjonali ta' Għajnuna għad-Diżattivazzjoni ta' l-Ignalina, amministrat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp.

8. Għajnuna pubblika minn għejjun nazzjonali, ta' l-Unjoni u internazzjonali:

a) għal titjib ambjentali skond l-*acquis* u miżuri ta' modernizzar ta' l-Impjant ta' Enerġija Termika tal-Litwanja f'Elektrenai bħala s-sostitut prinċipali għall-kapaċità ta' produzzjoni taż-żewġ reatturi ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina, u

b) għad-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina

għandha tkun kompatibbli mas-suq intern kif mfisser fil-Kostituzzjoni.

9. Għajnuna pubblika minn għejjun nazzjonali, ta' l-Unjoni u internazzjonali b'sostenn għall-isforzi tal-Litwanja biex titratta l-konsegwenzi ta' l-għeluq u tad-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina tista', skond il-każ, tkun meqjusa kompatibbli - taħt il-Kostituzzjoni - mas-suq intern, b'mod partikolari l-għajnuna pubblika moghtija biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija.

ARTIKOLU 54

1. Filwaqt li tirrikonoxxi li d-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' l-Enerġija Nukleari ta' Ignalina hija ta' natura li tieħu fit-tul u tfisser għal-Litwanja piż finanzjarju eċċezzjonali li ma jikkorrispondix mad-daqs u l-kapaċita ekonomika tagħha, l-Unjoni, b'solidarjetà mal-Litwanja, għandha tipprovdi għajnuna addizzjonali adegwata għall-isforzi ta' diżattivazzjoni li jkomplu wara l-2006.

2. Għal dan l-iskop, il-Programm ta' Ignalina għandu, jitkompla bla xkiel u jkun estiż sa wara l-2006. Id-disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Programm ta' Ignalina estiż għandhom jsiru skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 35 ta' dan il-Protokoll u għandhom jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard mid-data ta' l-iskadenza tal-Perspettiva Finanzjarja kif imfissra fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999.

3. Il-Programm ta' Ignalina, kif estiż, skond id-disposizzjoni tal-paragrafu 2, għandu jkun ibbażat fuq l-istess elementi u prinċipji deskritti fl-Artikolu 53.

4. Għall-perijodu tal-Perspettiva Finanzjarja sussegwenti, l-approprjazzjonijiet medji globali taħt il-Programm ta' Ignalina estiż għandu jkun kif jixraq. L-ipprogrammar ta' dawn ir-riżorsi għandu jkun ibbażat fuq il-bżonn ta' finanzjament u l-kapaċitajiet reali li jkunu assorbiti.

## ARTIKOLU 55

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 52, il-klawżola ta' salvagwardja ġenerali prevista fl-Artikolu 26 għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012 jekk il-provvista ta' l-enerġija fil-Litwanja titħarbat.

## ARTIKOLU 56

Dan it-Titolu għandu japplika fid-dawl tad-Dikjarazzjoni dwar l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja li tinkludi, mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħhom, il-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

# TITOLU V

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR IT-TRANSITU BL-ART TA' PERSUNI BEJN IR-REĠJUN TA' KALININGRAD U PARTIJIET OĦRA TAL-FEDERAZZJONI RUSSA

## ARTIKOLU 57

Ir-regoli u l-arranġamenti ta' l-Unjoni dwar it-transitu bl-art ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa, u b'mod partikulari ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 693/2003 ta' l-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi speċifikament Dokument għal Transitu Faċilitat (FTD), Dokument għal Transitu bil-Ferrovija Faċilitat (FRTD) u li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni [1], ma għandhomx fihom infushom idewwmu jew jipprevjenu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Litwanja fl-*acquis* ta' Schengen, inkluża t-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

## ARTIKOLU 58

L-Unjoni għandha tgħin lil-Litwanja biex timplimenta r-regoli u l-arranġamenti għat-transitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u l-partijiet l-oħra tal-Federazzjoni Russa biex titwettaq malajr kemm jista' jkun il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Litwanja fiż-Żona ta' Schengen.

L-Unjoni għandha tgħin lil-Litwanja fl-amministrazzjoni tat-transitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u l-partijiet l-oħra tal-Federazzjoni Russa u għandha, speċjalment, tkun responsabbli għal spiża addizzjonali li tinħoloq bl-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet speċifiċi ta' l-*acquis* previsti għal dan it-transitu.

[1] ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8.

ARTIKOLU 59

Bla ħsara għad-drittijiet sovrana tal-Litwanja, kwalunkwe att ieħor dwar it-transitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa għandu jiġi adottat mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu.

ARTIKOLU 60

Dan it-Titolu għandu japplika fid-dawl tad-Dikjarazzjoni dwar it-transitu bl-art ta' persuni bejn ir-reġjun tal-Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa, li tinkludi, mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħhom, il-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 5 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

# TITOLU VI

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-AKKWIST TA' RESIDENZI SEKONDARJI F'MALTA

## ARTIKOLU 61

Tenut kont tan-numru limitat ħafna ta' residenzi f'Malta u l-art limitata ħafna li tista' tintuża għal skopijiet ta' kostruzzjoni, u li dawn jistgħu biss ikopru l-ħtiġiet bażiċi kkreati mill-iżvilupp demografiku tar-residenti preżenti, Malta tista' fuq bażi mhux diskriminatorja żżomm fis-seħħ ir-regoli dwar l-akkwist u l-pussess ta' proprjetà immobbli għal skopijiet ta' residenzi sekondarji minn ċittadini ta' xi Stat Membru li ma jkunux ilhom residenti f'Malta skond il-liġi għal mill-anqas ħames snin, kif stabbilit fl-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kapitolu 246).

Malta għandha tapplika proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-akkwist ta' proprjetà immobbli għal skopijiet ta' residenzi sekondarji f'Malta bbażati fuq kriterji ppubblikati, oġġettivi, stabbli u trasparenti. Dawn il-kriterji għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u ma għandhomx jagħmlu differenza bejn ċittadini Maltin u dawk ta' Stati Membri oħra. Malta għandha tiżgura li fl-ebda każ ma għandu ċittadin ta' xi Stat Membru jiġi ttrattat b'mod aktar restrittiv minn ċittadin ta' xi pajjiz terz.

F'każ illi l-valur ta' proprjetà waħda bħal dik mixtrija minn ċittadin ta' xi Stat Membru jkun jaqbeż il-limiti stipulati fil-liġi Maltija, jiġifieri 30 000 lira Maltija għall-appartamenti u 50 000 lira Maltija għal kull tip ta' proprjetà minbarra appartamenti u proprjetà ta' importanza storika, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata. Malta tista' tirrevedi l-limiti stabbiliti b'din il-leġislazzjoni biex jirriflettu l-bidliet fil-prezzijet fis-suq tal-proprjetà f'Malta.

## TITOLU VII

## DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-ABORT F'MALTA

### ARTIKOLU 62

Xejn fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jew fit-Trattati u l-Atti li jemendaw jew jissupplimentaw dawk it-Trattati, ma għandu jaffettwa l-applikazzjoni fit-territorju ta' Malta tal-leġislazzjoni nazzjonali li għandha x'taqsam ma' l-abort.

## TITOLU VIII

## DISPOSIZZJONIJIET DWAR IR-RISTRUTTURAR TA' L-INDUSTRIJA POLLAKKA TA' L-AZZAR

### ARTIKOLU 63

1. Minkejja l-Artikoli III-167 u III-168 tal-Kostituzzjoni, għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Polonja għal finijiet ta' ristrutturar ta' partijiet speċifiċi ta' l-industrija Pollakka ta' l-azzar għandha titqies li hi kompatibbli mas-suq intern sakemm:

a) il-perijodu previst fl-Artikolu 8(4) tal-Protokoll 2 dwar prodotti tal-KEFA għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Polonja, min-naħa l-oħra[1], kien ġie estiż sa l-1 ta' Mejju 2004;

[1] ĠU L 348, 31.12.1993, p. 2.

b) it-termini stipulati fil-pjan tar-ristrutturar li abbażi tagħhom ġie mtawwal il-Protokoll previst hawn fuq jitħarsu matul il-perijodu 2002-2006;

ċ) il-kondizzjonijiet stipulati f'dan it-Titolu jiġu sodisfatti, u

d) l-ebda għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar ma titħallas lill-industrija Pollakka ta' l-azzar wara l-1 ta' Mejju 2004.

2. Ir-ristrutturar tas-settur Pollakk ta' l-azzar, kif imfisser fil-pjanijiet ta' negozju individwali tal-kumpanniji elenkati fl-Anness I għall-Protokoll Nru. 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 (minn issa 'l quddiem imsejjħa l-"kumpanniji benefiċjarji"), u skond il-kondizzjonijiet stipulati f'dan it-Titolu, għandu jitlesta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-tmiem tal-perijodu ta' ristrutturar").

3. Il-kumpanniji benefiċjarji biss għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna mill-Istat fil-qafas tal-programm Pollakk tar-ristrutturar ta' l-azzar.

4. Kumpannija benefiċjarja ma tistax:

a) fil-każ ta' fużjoni ma' kumpannija li mhijiex fl-Anness 1 għall-Protokoll Nru. 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, titrasferixxi l-benefiċċju ta' l-għajnuna mogħtija lill-kumpannija benefiċjarja;

b) tieħu pussess ta' l-assi ta' kwalunkwe kumpannija li mhijiex fl-Anness 1 għall-Protokoll Nru. 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 li tkun ġiet dikjarata bħala falluta fil-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2006.

5. Kwalunkwe privatizzazzjoni sussegwenti ta' kwalunkwe kumpannija benefiċjarja għandha ssir b'rispett għall-ħtieġa ta' trasparenza u għandha tirrispetta l-kondizzjonijiet u l-prinċipji dwar il-vijabilità, għajnuniet mill-Istat u tnaqqis tal-kapaċità kif imfisser f'dan it-Titolu. L-ebda għajnuna mill-Istati l-oħra ma għandha tingħata bħala parti mill-bejgħ ta' kwalunkwe kumpannija jew assi individwali.

6. L-għajnuna għar-ristrutturar mogħtija lill-kumpanniji benefiċjarji għandha tiġi deteminata mill-ġustifikazzjonijiet stipulati fil-pjan Pollakk approvat għar-ristrutturar ta' l-azzar u pjanijiet ta' negozju individwali mill-Kunsill. Iżda, fi kwalunkwe każ, it-total ta' l-ammont ta' l-għajnuna mħallsa fil-perijodu 1997-2003 huwa limitat għal ammont totali ta' mhux aktar minn PLN 3 387 070 000.

Minn din il-figura totali:

a) fil-każ ta' Polskie Huty Stali (minn issa 'l quddiem imsejjħa "PHS"), l-għajnuna għar-ristrutturar diġà mogħtija jew li għandha tingħata mill-1997 sa l-aħħar tal-2003 ma għandhiex tkun iżjed minn PLN 3 140 360 000. PHS diġà rċeviet PLN 62 360 000 ta' l-għajnuna għar-ristrutturar fil-perijodu 1997-2001. Hi għandha tirċievi iżjed għajnuna għar-ristrutturar ta' mhux aktar minn PLN 3 078 000 000 fl-2002 u l-2003 u dan ikun jiddependi fuq il-ħtiġiet stabbiliti fil-pjan approvat għar-ristrutturar (li għandhom jitħallsu kollha fl-2002 jekk l-estensjoni tal-perijodu ta' grazzja taħt il-Protokoll 2 tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Polonja, min-naħa l-oħra, tingħatax sa l-aħħar tal-2002, jew fin-nuqqas fl-2003);

b) fil-każ ta' Huta Andrzej S.A., Huta Bankowa Sp. z o.o., Huta Batory S.A., Huta Buczek S.A., Huta L.W. Sp. z o.o., Huta Łabędy S.A., u Huta Pokój S.A. (minn issa 'l quddiem imsejjħa "il-kumpanniji benefiċjarji l-oħra"), l-għajnuna għar-ristrutturar ta' industrija ta' l-azzar diġà mogħtija jew li għandha tingħata mill-1997 sa l-aħħar tal-2003 m'għandhiex tkun iżjed minn PLN 246 710 000. Dawn il-kumpanniji diġà rċevew PLN 37 160 000 f'għajnuna għar-ristrutturar fil-perijodu 1997-2001. Huma għandhom jirċievu iżjed għajnuna għar-ristrutturar ta' mhux aktar minn PLN 210 210 000 u dan ikun jiddependi fuq il-ħtiġiet stabbiliti fil-pjan approvat għar-ristrutturar (li minnhom PLN 182 170 000 fl-2002 u PLN 27 380 000 fl-2003 jekk l-estensjoni tal-perijodu ta' grazzja taħt il-Protokoll 2 tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Polonja, min-naħa l-oħra, tingħata sa l-aħħar tal-2002, jew fin-nuqqas PLN 210 210 000 fl-2003);

M'għandha tingħata l-ebda għajnuna oħra Statali mill-Polonja għall-iskop ta' ristrutturar ta' l-industrija Pollakka ta' l-azzar.

7. It-tnaqqis nett fil-kapaċità li għandu jintlaħaq mill-Polonja għal prodotti lesti waqt il-perijodu 1997-2006 għandu jkun ta' mill-inqas 1.231.000 tunnellati metriċi. Dan l-ammont totali jinkludi tnaqqis nett fil-kapaċità ta' mill-inqas 715 000 tunnellata fis-sena fi prodotti rrumblati bis-sħana u 716 000 tunnellata fis-sena fi prodotti rrumblati bil-kesħa, kif ukoll żieda ta' mhux aktar minn 200 000 tunnellata fis-sena ta' prodotti lesti oħra.

It-tnaqqis fil-kapaċità għandu jitkejjel biss abbażi ta' l-għeluq permanenti tal-faċilitajiet ta' produzzjoni permezz ta' qerda fiżika tali li l-faċilitajiet ma jkunux jistgħu jerġgħu jitħaddmu. Dikjarazzjoni ta' falliment ta' kumpannija ta' l-azzar ma tikkwalifikax bħala tnaqqis fil-kapaċità.

It-tnaqqis nett fil-kapaċità kif jidher fl-Anness 2 għall-Protokoll Nru. 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 huwa l-inqas ammont u t-tnaqqis nett fil-kapaċità li għandu jinkiseb fir-realtà u l-iskeda ta' żmien biex isir dan għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-programm finali għar-ristrutturar tal-Polonja u tal-pjanijiet individwali ta' negozju taħt il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Polonja, min-naħa l-oħra, tenut kont ta' l-għan li tkun żgurata l-vijabilità tal-kumpanniji benefiċjarji sal-31 ta' Diċembru 2006.

8. Il-pjan ta' negozju għall-kumpannija benefiċjarja PHS għandu jiġi implimentat. B'mod partikolari:

a) l-isforzi tar-ristrutturar għandhom jikkonċentraw fuq li ġej:

   i) l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' PHS abbażi tal-prodott u li tkun żgurata organizzazzjoni orizzontali skond il-funzjoni (xiri, produzzjoni, bejgħ);

   ii) l-istabbilment f'PHS ta' struttura tat-tmexxija unifikata li tagħmel possibili l-kisba kompleta ta' sinerġiji fil-konsolidazzjoni;

   iii) l-evoluzzjoni tal-mira strateġika ta' PHS minn waħda orjentata fuq il-produzzjoni għal waħda orjentata fuq il-*marketing*;

   iv) it-titjib ta' l-effiċjenza u l-effettività ta' l-amministrazzjoni tan-negozju ta' PHS kif ukoll l-assigurazzjoni ta' kontroll aħjar tal-bejgħ dirett;

   v) li PHS tirrevedi, abbażi ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi sodi, l-istrateġija ta' kumpanniji li joħorġu minnha u, fejn ikun il-każ, l-integrazzjoni mill-ġdid ta' servizzi fil-kumpannija prinċipali;

vi) ir-reviżjoni minn PHS tat-taħlita ta' prodotti tagħha, biex titnaqqas il-kapaċità żejda ta' prodotti nofshom maħduma u b'mod ġenerali tidħol fis-suq tal-prodotti b'valur miżjud ogħla;

vii) l-investiment min-naħa tal-PHS bl-iskop li tilħaq kwalità ogħla ta' prodotti lesti; għandha tingħata attenzjoni speċjali biex sa d-data stabbilita fl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-programm tar-ristrutturar tal-PHS u mhux iktar tard mit-tmiem tal-2006 jintlaħaq il-livell ta' kwalità ta' produzzjoni 3-Sigma fis-sit tal-PHS fi Kraków;

b) għandu jiżdied it-trażżin ta' l-ispejjeż fil-PHS matul il-perijodu ta' ristrutturar permezz ta' żieda fl-effiċjenza ta' l-enerġija, titjib fix-xiri, u li jkun żgurat rendiment ta' produzzjoni komparabbli mal-livelli ta' l-Unjoni;

ċ) għandu jiġi mplimentat ir-ristrutturar ta' l-impjiegi; il-livelli ta' produttività li jistgħu jitqabblu ma' dawk miksuba mill-gruppi ta' prodotti ta' l-industrija ta' l-azzar ta' l-Unjoni għandhom jintlaħqu sal-31 ta' Diċembru 2006, abbażi tal-figuri konsolidati inklużi l-impjiegi indiretti fil-kumpanniji ta' servizz li huma ta' proprjetà sħiħa tal-kumpanniji benefiċjarji;

d) kull privatizzazzjoni għandha tirrispetta l-ħtieġa għat-trasparenza u tirrispetta bis-sħiħ il-valur kummerċjali ta' PHS. L-ebda għajnuna mill-Istat oħra ma għandha tingħata bħala parti mill-bejgħ.

9. Il-pjan ta' negozju għall-kumpanniji benefiċjarji l-oħra għandu jiġi implimentat. B'mod partikolari:

a) għall-kumpanniji benefiċjarji kollha l-oħra, l-isforzi tar-ristrutturar għandhom jikkonċentraw fuq li ġej:

i) l-evoluzzjoni tal-mira strateġika minn waħda orjentata fuq il-produzzjoni għal waħda orjentata lejn il-*marketing;*

ii) it-titjib ta' l-effiċjenza u l-effettività ta' l-amministrazzjoni tan-negozju tal-kumpanniji kif ukoll jiġi żgurat kontroll aħjar tal-bejgħ dirett;

iii) ir-reviżjoni, abbażi ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi sodi, ta' l-istrateġija ta' kumpanniji li joħorġu minnha u, fejn ikun il-każ, l-integrazzjoni mill-ġdid ta' servizzi fil-kumpannija prinċipali;

b) fil-każ ta' Huta Bankowa, l-implimentazzjoni tal-programm ta' tnaqqis tal-kost;

ċ) fil-każ ta' Huta Buczek, il-ksib tas-sostenn finanzjarju meħtieġ mingħand il-kredituri u l-istituzzjonijiet finanzjarji lokali u l-implimentazzjoni tal-programm ta' tnaqqis fil-kost, inkluż tnaqqis fil-kost ta' l-investiment billi jiġu adattati l-faċilitajiet eżistenti ta' produzzjoni;

d) fil-każ ta' Huta Łabędy, l-implimentazzjoni tal-programm ta' tnaqqis fil-kost u tnaqqis tad-dipendenza fuq l-industrija tal-minjieri;

e) fil-każ ta' Huta Pokój, il-ksib ta' *standards* ta' produttività internazzjonali fil-kumpanniji sussidjarji, l-implimentazzjoni ta' tnaqqis fil-konsum ta' l-energija u l-kanċellament ta' l-investiment propost fid-dipartiment ta' l-ipproċessar u l-kostruzzjoni;

f) fil-każ ta' Huta Batory, il-ksib ta' ftehim ma' kredituri u ma' istituzzjonijiet finanzjarji dwar l-iskedar mill-ġdid tad-djun u tas-self għall-investiment. Il-kumpannija għandha wkoll tiżgura tnaqqis sostanzjali addizzjonali fil-kost li għandu x'jaqsam mar-ristrutturar ta' l-impjiegi u rendimenti aħjar;

g) fil-każ ta' Huta Andrzej, il-kisba ta' bażi finanzjarja stabbli għall-iżvilupp tagħha billi jkun innegozjat ftehim bejn dawk li attwalment qed jisilfu lill-kumpannija, l-kredituri fit-tul, il-kredituri tan-negozju u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Iridu jseħħu investimenti addizzjonali fil-funderija li tipproduċi tubi bis-sħana kif ukoll l-implimentazzjoni ta' programm għat-tnaqqis ta' l-impjegati;

h) fil-każ ta' Huta L.W., it-twettiq ta' l-investimenti fir-rigward tal-proġett tal-funderiji li jirrumblaw bis-sħana, tagħmir ta' l-irfigħ, u fis-sensibilizzazzjoni għall-kwistjonijiet dwar l-ambjent. Din il-kumpannija għandha wkoll tilħaq livelli ogħla ta' produttività, permezz tar-ristrutturar ta' l-impjegati u t-tnaqqis fil-kost għal servizzi esterni.

10. Kull bidla sussegwenti fil-pjan globali tar-ristrutturar u l-pjanijiet individwali għandu jkollha l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, u fejn ikun il-każ, tal-Kunsill.

11. L-implimentazzjoni tar-ristrutturar għandha sseħħ taħt kondizzjonijiet ta' trasparenza sħiħa u abbażi ta' prinċipji sodi ta' l-ekonomija tas-suq.

12. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jikkontrollaw mill-qrib l-implimentazzjoni tar-ristrutturar u l-adempjiment tal-kondizzjonijiet imniżżla f'dan it-Titolu rigward il-vijabilità, l-għajnuna mill-Istat u t-tnaqqis fil-kapaċità qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004, sa' l-aħħar tal-perijodu ta' ristrutturar, skond il-paragrafi 13 sa 18. Għal dan il-fini, l-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Kunsill.

13. Flimkien mal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jissorveljaw il-*benchmarks* tar-ristrutturar stipulati fl-Anness 3 tal-Protokoll Nru 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003. Referenzi f'dak l-Anness għall-paragrafu 14 tal-Protokoll għandhom jinftehmu bħala li huma għall-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu.

14. Il-kontrolli għandhom jinkludu valutazzjoni independenti li għandha ssir fl-2003, 2004, 2005 u 2006. It-test tal-vijabiltà tal-Kummissjoni għandu jkun applikat u l-produttività għandha titkejjel bħala parti mill-valutazzjoni.

15. Il-Polonja għandha tikkopera bis-sħiħ ma' l-arranġamenti kollha tal-kontroll. B'mod partikolari:

a) Il-Polonja għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti kull sitt xhur rigward ir-ristrutturar tal-kumpanniji benefiċjarji, mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu u mill-15 ta' Settembru ta' kull sena sa l-aħħar tal-perijodu ta' ristrutturar;

b) l-ewwel rapport għandu jasal għand il-Kummissjoni sal-15 ta' Marzu 2003 u l-aħħar rapport sal-15 ta' Marzu 2007, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix xort'oħra;

ċ) ir-rapporti għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kontroll tal-proċess ta' ristrutturar, ta' l-għajnuna mill-Istat, tat-tnaqqis u l-użu tal-kapaċità u għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni finanzjarja sabiex tkun tista' ssir stima ta' jekk ġewx imwettqa l-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet ta' dan it-Titolu. Ir-rapporti għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni stipulata fl-Anness 4 tal-Protokoll Nru 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, li l-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tbiddel skond dak li tiltaqa' miegħu matul il-proċess ta' kontroll. Fl-Anness 4 tal-Protokoll Nru 8 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 ir-referenza għall-paragrafu 14 tal-Protokoll għandha tinftiehem bħala li hi għall-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu. Flimkien mar-rapporti individwali tan-negozju tal-kumpanniji mniżżla fl-Anness 1, għandu jkun hemm ukoll rapport dwar is-sitwazzjoni globali tas-settur ta' l-azzar tal-Polonja, inklużi l-iżviluppi makroekonomiċi reċenti;

d) barra minn hekk kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-valutazzjoni indipendenti kif stipulat fil-paragrafu 14 għandha tkun ipprovduta mill-Polonja;

e) Il-Polonja għandha tobbliga lill-kumpanniji benefiċjarji biex jikxfu d-data rilevanti kollha li tista', taħt ċirkostanzi oħra, tiġi kkunsidrata bħala konfidenzjali. Fir-rapporti tagħha lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tassigura li t-tagħrif konfidenzjali speċifiku għall-kumpanniji ma jinkixifx.

16. Fi kwalunkwe ħin il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti mandat lil konsulent indipendenti biex jivvaluta r-riżultati tal-kontrolli, jagħmel kwalunkwe riċerka meħtieġa u jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

17. Jekk il-Kummissjoni tistabbilixxi, abbażi tal-kontrolli, li kien hemm devjazzjonijiet sostanzjali mid-data finanzjarja li fuqha tkun saret l-istima tal-vijabilità, tista' ġġiegħel lill-Polonja tieħu l-miżuri xierqa biex issaħħaħ jew timmodifika l-miżuri tar-ristrutturar tal-kumpanniji benefiċjarji kkonċernati.

18. Jekk il-kontroll juri li:

a) l-kondizzjonijiet għall-arranġamenti transitorji li hemm f'dan it-Titolu ma jkunux twettqu, jew:

b) l-impenji magħmula fil-qafas ta' l-estensjoni tal-perijodu li fih il-Polonja tista' b'mod eċċezzjonali tagħti għajnuna mill-Istat għar-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar tagħha taħt il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Polonja, min-naħa l-oħra, ma ġewx imwettqa, jew

ċ) waqt il-perijodu ta' ristrutturar il-Polonja tat għajnuna oħra mill-Istat li hija inkompatibbli, lill-industrija ta' l-azzar u lill-kumpanniji benefiċjarji b'mod partikolari,

l-arranġamenti transitorji li jinsabu f'dan it-Titolu m'għandux ikollhom effett.

Il-Kummissjoni għandha tieħu passi xierqa biex tesiġi li kwalunkwe kumpannija kkonċernata trodd lura kwalunkwe għajnuna mogħtija bi ksur tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Titolu.

## TITOLU IX

## DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-UNITAJIET 1 U 2 TA' L-IMPJANT TA' ENERĠIJA NUKLEARI TA' BOHUNICE V1 FIS-SLOVAKKJA

### ARTIKOLU 64

Is-Slovakkja intrabtet li tagħlaq l-Unità 1 ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Bohunice V1 sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006 u l-Unità 2 ta' dan l-impjant sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 u, sussegwentement, tiddiżattiva dawn l-unitajiet.

### ARTIKOLU 65

1. Matul il-perijodu 2004-2006, l-Unjoni għandha tipprovdi lis-Slovakkja b'għajnuna finanzjarja biex issostni l-isforzi tagħha għad-diżattivazzjoni u biex tindirizza l-konsegwenzi ta' l-għeluq u d-diżattivazzjoni ta' l-Unitajiet 1 u 2 ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Bohunice V1 (minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-Għajnuna").

2. L-Għajnuna għandħa tiġi deċiża u implimentata skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant[1].

3. Għall-perijodu 2004-2006, l-Għajnuna għandha tammonta għal 90 miljun euro f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li jkunu impenjati f'partijiet annwali ugwali.

4. L-Għajnuna jew partijiet minnha jistgħu jkunu disponibbli bħala kontribuzzjoni ta' l-Unjoni għall-Fond Internazzjonali ta' Għajnuna għad-Diżattivazzjoni ta' Bohunice, amministrat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp.

ARTIKOLU 66

L-Unjoni tirrikonoxxi li d-diżattivazzjoni ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Bohunice V1 irid ikompli wara l-Perspettiva Finanzjarja, kif imfissra fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999, u li dan l-isforz jirrappreżenta għall-Islovakkja piż finanzjarju sinifikanti. Id-deċiżjonijiet li ser jittieħdu dwar it-tkomplija ta' l-għajnuna mill-Unjoni f'dan il-qasam wara l-2006 għandhom iqisu s-sitwazzjoni.

ARTIKOLU 67

Dan it-Titolu għandu japplika fid-dawl tad-Dikjarazzjoni dwar l-Unità 1 u l-Unità 2 ta' l-Impjant ta' Enerġija Nukleari ta' Bohunice V1 fl-Islovakkja li tinkludi, mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħhom, il-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 9 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

---

1 ĠU L 375, 23.12.1989, p. 11.

TITOLU X

DISPOSIZZJONIJIET DWAR ĊIPRU

ARTIKOLU 68

1. L-applikazzjoni ta' l-*acquis* tal-Komunità u ta' l-Unjoni għandha tiġi sospiża f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

2. Il-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar it-tneħħija tas-sospensjoni prevista fil-paragrafu 1. Għandu jaġixxi b'mod unanimu.

ARTIKOLU 69

1. Il-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddefinixxi l-kondizzjonijiet li taħthom id-disposizzjonijiet tad-dritt ta' l-Unjoni għandhom japplikaw fir-rigward tal-linja li taqsam dawk iż-żoni previsti fl-Artikolu 68 u ż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu.

2. Il-konfini bejn iż-Żona ta' Bażi Sovrana tal-Lvant u ż-żoni previsti fl-Artikolu 68 għandu jkunu trattat bħala parti mill-konfini esterni taż-Żoni ta' Bażi Sovrana għall-iskop tal-Parti Erbgħa ta' l-Anness tal-Protokoll Nru. 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru pendenti ż-żmien tas-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-*acquis* tal-Komunità u l-Unjoni skond l-Artikolu 68.

ARTIKOLU 70

1. Xejn f'dan it-Titolu ma għandu jipprekludi l-adozzjoni ta' miżuri maħsuba biex jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni previsti fl-Artikolu 68.

2. Dawn il-miżuri ma għandhomx jolqtu l-applikazzjoni ta' l-acquis tal-Komunità u ta' l-Unjoni taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Protokoll f'kull parti oħra tar-Repubblika ta' Ċipru.

ARTIKOLU 71

F'każ ta' ftehim dwar il-problema ta' Ċipru, l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar l-adattamenti għall-kondizzjonijiet li jikkonċernaw l-adeżjoni ta' Ċipru ma' l-Unjoni Ewropea, li jkun jaqbel li jsiru biex tingħata konsiderazzjoni lill-Komunità Ċiprijotta-Torka. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu.

ARTIKOLU 72

Dan it-Titolu għandu japplika fid-dawl tad-dikjarazzjoni dwar Ċipru li tinkludi, mingħajr ma jinbidel l-effett legali tagħhom, il-kliem użat fil-preambolu tal-Protokoll Nru. 10 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

# IT-TIELET PARTI

# DISPOSIZZJONIJIET DWAR L-ANNESSI TA' L-ATT TA' L-ADEŻJONI TAS-16 TA' APRIL 2003

## ARTIKOLU 73

L-Anness I u l-Annessi III sa XVII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, l-appendiċi tagħhom, u l-Annessi tal-Protokolli 2, 3 u 8 tal l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003[1] huma parti integrali ta' dan il-Protokoll.

## ARTIKOLU 74

1. Ir-referenzi għat-"Trattat ta' Adeżjoni" magħmula fl-Annessi previsti fl-Artikolu 73 ta' dan il-Protokoll għandhom jinftehmu li huma għat-Trattat previst fl-Artikolu IV-437(2)(e) tal-Kostituzzjoni, u dawk magħmula għad-data jew il-ħin ta' l-iffirmar ta' dak it-Trattat għandhom jinftehmu li huma għas-16 ta' April 2003 u dawk magħmula għad-data ta' l-adeżjoni għandhom jinfthiemu li huma għall-1 ta' Mejju 2004.

2. Bla ħsara għat-tieni subparagrafu, r-referenzi għal "dan l-Att" magħmula fl-Annessi previsti fl-Artikolu 73 ta' dan il-Protokoll għandhom jinftehmu li huma magħmula għall-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

[1] ĠU L 236, 23.9.200 3, p. 33.

Ir-referenzi magħmula għad-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 fl-Annessi previsti fl-Artikolu 73 ta' dan il-Protokoll għandhom jinftehmu li huma magħmula għal dan il-Protokoll, skond it-tabella ta' ekwivalenza li ġejja:

| L-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 | Protokoll |
|---|---|
| Artikolu 21 | Artikolu 12 |
| Artikolu 22 | Artikolu 13 |
| Artikolu 24 | Artikolu 15 |
| Artikolu 32 | Artikolu 21 |
| Artikolu 37 | Artikolu 26 |
| Artikolu 52 | Artikolu 32 |

3. L-espressjonijiet, li jidhru fl-Annessi msemmija fl-Artikolu 73, għandhom jinftehmu li għandhom it-tifsira moghtija lilhom fit-tabella ta' ekwivalenza li ġejja, sakemm ma jirreferux esklużivament għal sitwazzjonijiet legali li jippreċedu d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

| L-espressjonijiet użati fl-Annessi previsti fl-Artikolu 73 | Tifsira |
|---|---|
| It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea | Kostituzzjoni |
| Trattat dwar l-Unjoni Ewropea | Kostituzzjoni |
| Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea | Kostituzzjoni |
| Komunità Ewropea | Unjoni |
| Komunità Mkabbra | Unjoni |
| Komunità | Unjoni |
| UE | Unjoni |
| Unjoni Mkabbra jew UE Mkabbra | Unjoni |

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, t-tifsira tal-frażi "Komunitarja" fejn hi użata biex tikkwalifika it-termini "preferenzi" u "sajd" m'għandhiex tinbidel.

4. Ir-referenzi magħmula għal partijiet jew għal disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea magħmula fl-Annessi previsti fl-Artikolu 73 ta' dan il-Protokoll għandhom jinftehmu li huma magħmula għal partijiet jew għal disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, skond it-tabella ta' ekwivalenza li ġejja.

| Trattat tal-KE | Kostituzzjoni |
|---|---|
| Parti III, Titolu I | Parti III, Titolu III, Kapitolu I, Sezzjoni 3 |
| Parti III, Titolu I, Kapitolu 1 | Parti III, Titolu III, Kapitolu I, Sezzjoni 3, sotto-sezzjoni 1 |
| Parti III, Titolu II | Parti III, Titolu III, Kapitolu III, Sezzjoni 4 |
| Parti III, Titolu III | Parti III, Titolu III, Kapitolu I, Sezzjonijiet 2 u 4 |
| Parti III, Titolu VI, Kapitolu 1 | Parti III, Titolu III, Kapitolu I, Sezzjoni 5 |
| Artikolu 31 | Artikolu III-155 |
| Artikolu 39 | Artikolu III-133 |
| Artikolu 49 | Artikolu III-144 |
| Artikolu 58 | Artikolu III-158 |
| Artikolu 87 | Artikolu III-167 |
| Artikolu 88 | Artikolu III-168 |
| Artikolu 226 | Artikolu III-360 |
| Anness I | Anness I |

5. Fejn l-Annessi msemmija fl-Artikolu 73 ta' dan il-Protokoll jipprevedu li l-Kunsill jew il-Kummissjoni għandhom jadottaw atti legali, dawk l-atti għandhom jieħdu l-forma ta' regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej.

# 10. PROTOKOLL
# DWAR IL-PROĊEDURA
# DWAR ID-DEFICIT EĊĊESSIV

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura dwar id-*deficit* eċċessiv prevista fl-Artikolu III-184 tal-Kostituzzjoni,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Il-valuri ta' referenza previsti fl-Artikolu III-184(2) tal Kostituzzjoni huma:

a) 3% għall-proporzjon bejn id-*deficit* pubbliku ippjanat jew attwali u l-prodott gross domestiku bil-prezzijiet tas-suq;

b) 60% għall-proporzjon bejn id-dejn pubbliku u l-prodott gross domestiku bil-prezzijiet tas-suq.

ARTIKOLU 2

Għall-finijiet ta' l-Artikolu III-184 tal-Kostituzzjoni u ta' dan il-Protokoll:

a) "gvern" tfisser il-gvern in ġenerali, jiġifieri l-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali u l-fondi ta' sigurtà soċjali, minbarra l-attivitajiet kummerċjali, kif definiti fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet Ekonomiċi Integrati;

b) "*deficit*" tfisser bżonn nett ta' finanzjament kif definit fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet Ekonomiċi Integrati;

ċ) "investiment" tfisser formazzjoni komplessiva ta' kapital fiss kif definit fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet Ekonomiċi Integrati;

d) "dejn" tfisser dejn gross totali f'valur nominali pendenti fl-aħħar tas-sena u kkonsolidat bejn u fis-setturi tal-gvern in ġenerali hekk kif definit fil-punt (a).

ARTIKOLU 3

Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-proċedura dwar id-*deficit* eċċessivi, l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli taħt din il-proċedura għad-*deficit* tal-gvern in ġenerali kif definit fil-punt (a) ta' l-Artikolu 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri nazzjonali fil-qasam tal-*budget* jippermettulhom li jonoraw l-obbligi tagħhom f'dan ir-rigward kif jirriżultaw mill-Kostituzzjoni. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw fil-pront u regolarment lill-Kummissjoni dwar id-*deficit* ippjanat u attwali u l-livell ta' dejn tagħhom.

ARTIKOLU 4

L-informazzjoni statistika li għandha tintuża għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tingħata mill-Kummissjoni.

# 11. PROTOKOLL
# DWAR IL-KRITERJI TA' KONVERĠENZA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jistabbilixxu d-dettalji dwar il-kriterji ta' konverġenza li ser imexxu l-Unjoni fid-deċiżjonijiet previsti fl-Artikolu III-198 tal-Kostituzzjoni li jittieħdu biex jintemmu d-derogi ta' dawk l-Istati Membri b'deroga msemmija fl-Artikolu III-198 tal-Kostituzzjoni,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## ARTIKOLU 1

Il-kriterju ta' l-istabbilità tal-prezzijiet previst fl-Artikolu III-198(1)(a) tal-Kostituzzjoni għandu jfisser li l-Istat Membru involut jkollu grad ta' stabbilità tal-prezzijiet li jkun sostenibbli u rata medja ta' inflazzjoni, osservata fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, li ma teċċedix b'aktar minn 1.5%, dik ta' l-aħjar tliet Stati Membri f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet. L-inflazzjoni għandha tiġi mkejla permezz ta' indiċi ta' prezzijiet tal-konsumatur fuq bażi paragunabbli, meħud kont tad-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali.

## ARTIKOLU 2

Il-kriterju tas-sitwazzjoni dwar il-finanzi tal-gvern kif previst fl-Artikolu III-198(1)(b) tal-Kostituzzjoni għandu jfisser li fil-waqt ta' l-eżami, l-Istat Membru involut ma jkunx is-suġġett ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill taħt l-Artikolu III-184(6) tal-Kostituzzjoni dwar l-eżistenza ta' *deficit* eċċessiv.

ARTIKOLU 3

Il-kriterju dwar il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea kif previst fl-Artikolu III-198(1)(ċ) tal-Kostituzzjoni għandu jfisser li l-Istat Membru involut ikun irrispetta l-marġni normali ta' varjazzjoni previsti mill-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju tas-Sistema Monetarju Ewropea mingħajr tensjonijiet qawwija għal mill-inqas l-aħħar sentejn qabel l-eżami. Partikolarment, l-Istat Membru ma għandux ikun żvaluta r-rata bilaterali ċentrali tal-munita tiegħu kontra l-euro fuq inizjattiva tiegħu stess matul l-istess perjodu.

ARTIKOLU 4

Il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati ta' l-imgħax previst fl-Artikolu III-198(1)(d) tal-Kostituzzjoni għandu jfisser li, osservat fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, l-Istat Membru involut kellu rata ta' l-imgħax medja nominali b'terminu twil li ma taqbiżx b'aktar minn żewġ punti perċentwali, dik ta' l-aħjar tliet Stati Membri f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet. Ir-rati ta' l- imgħax għandhom jitkejlu abbażi ta' *bonds* tal-gvern b'terminu twil jew titoli paragunabbli, kont meħud tad-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali.

ARTIKOLU 5

L-informazzjoni statistika li għandha tintuża għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tkun mogħtija mill-Kummissjoni.

ARTIKOLU 6

Il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, previst fl-Artikolu III-192 tal-Kostituzzjoni, għandu jadotta disposizzjonijiet approprjati biex jistabbilixxi d-dettalji tal-kriterji ta' konverġenza previsti fl-Artikolu III-198 tal-Kostituzzjoni, li għandhom imbagħad jieħdu post dan il-Protokoll.

# 12. PROTOKOLL
# DWAR IL-GRUPP TAL-EURO

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jippromwovu kondizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku iktar b'saħħtu fl-Unjoni Ewropea u, għal dak il-għan, li jiżviluppaw kordinazzjoni dejjem iktar mill-qrib tal-politika ekonomika fiż-żona tal-euro;

FILWAQT li huma konxji mill-bżonn li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet speċjali għal djalogu msaħħaħ bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro, sa ma l-euro tkun saret il-munita ta' l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat li jistabblixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Il-Ministri ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiltaqgħu informalment. Dawn il-laqgħat għandhom iseħħu, meta meħtieġ, biex ikunu diskussi kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi li huma jaqsmu fejn tidħol il-munita unika. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem fil-laqgħat. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun mistieden jieħu sehem f'dawn il-laqgħat, li għandhom ikunu ppreparati mir-rappreżentanti tal-Ministri responsabbli għall-finanzi ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro u tal-Kummissjoni.

ARTIKOLU 2

Il-Ministri ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro għandhom jeleġġu president għal sentejn u nofs, bil-maġġoranza ta' dawk l-Istati Membri.

# 13. PROTOKOLL
# DWAR ĊERTI DISPOSIZZJONIJIET
# RIGWARD IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ
# FIR-RIGWARD TA' L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li r-Renju Unit ma hux obbligat jew marbut li jadotta l-euro mingħajr deċiżjoni separata biex jagħmel hekk mill-gvern u l-Parlament tiegħu;

BILLI li fis-16 ta' Ottubru 1996 u t-30 ta' Ottubru 1997 il-gvern tar-Renju Unit innotifika lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li ma jipparteċipax fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, taħt il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Protokoll dwar ċerti disposizzjonijiet fir-rigward tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

FILWAQT LI JINNOTAW l-prattika tal-gvern tar-Renju Unit li jiffinanzja s-self tiegħu permezz tal-bejgħ tat-titoli ta' kreditu lis-settur privat;

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## ARTIKOLU 1

Kemm-il darba r-Renju Unit ma jinnotifikax lill-Kunsill bl-intenzjoni li jadotta l-euro, ma għandu ebda obbligu li jagħmel dan.

## ARTIKOLU 2

Minħabba n-notifika mogħtija lill-Kunsill mill-gvern tiegħu fis-16 ta' Ottubru 1996 u fit-30 ta' Ottubru 1997, l-Artikoli 3 sa 8 u 10 għandhom japplikaw għar-Renju Unit.

ARTIKOLU 3

Ir-Renju Unit għandu jżomm il-poteri tiegħu fil-qasam tal-politika monetarja skond il-liġi nazzjonali.

ARTIKOLU 4

L-Artikolu I-30(2), bl-eċċezzjoni ta' l-ewwel u l-aħħar sentenzi tiegħu, l-Artikolu I-30(5), l-Artikolu III-177(2), l-Artikolu III-184(1), (9) u (10), l-Artikolu III-185(1) sa (5), l-Artikolu III-186, l-Artikoli III-188, III-189, III-190 u III-191, l-Artikolu III-196, l-Artikolu III-198(3), l-Artikoli III-326 u III-382 tal-Kostituzzjoni ma għandhomx japplikaw għar-Renju Unit. Bl-istess mod l-Artikolu III-179(2) ma għandux japplika għar-Renju Unit fir-rigward ta' l-adozzjoni tal-partijiet tal-linji gwida ġenerali ta' politika ekonomika li jikkonċernaw iż-żona tal-euro b'mod ġenerali.

Fid-disposizzjonijiet previsti fl-ewwel paragrafu, kull referenza għall-Unjoni jew għall-Istati Membri m' għandhiex tinkludi lir-Renju Unit u referenzi għall-banek ċentrali nazzjonali m'għandhomx jinkludu l-*Bank of England*.

ARTIKOLU 5

Ir-Renju Unit għandu jagħmel ħiltu biex jevita *deficit* eċċessiv min-naħa tal-gvern.

L-Artikoli III-192(4) u III-200 tal-Kostituzzjoni għandhom japplikaw għar-Renju Unit daqs li kieku kellu deroga. L-Artikoli III-201 u III-202 tal-Kostituzzjoni għandhom jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit.

ARTIKOLU 6

Id-drittijiet tal-vot tar-Renju Unit għandhom jiġu sospiżi għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri previsti fl-Artikoli elenkati fl-Artikolu 4 u fil-każijiet previsti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu III-197(4) tal-Kostituzzjoni. Għal dan l-iskop it-tieni u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu III-91 (4) tal-Kostituzzjoni għandhom japplikaw.

Ir-Renju Unit m' għandux lanqas id-dritt jipparteċipa fil-ħatra tal-President, tal-Viċi President u tal-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew previsti fit-tieni, t-tielet u r-raba' paragrafi ta' l-Artikolu III-382(2) tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 7

L-Artikoli 3, 4, 6, u 7, l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(1), (2) u (3), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 12(1), l-Artikoli 14, 16, 18, 19, 20, 22, 23, 26, 27, 30, 31, 32, 33, 34 u 50 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ("l-Istatut") m'għandhomx japplikaw għar-Renju Unit.

F'dawk l-Artikoli, referenzi għall-Unjoni jew l-Istati Membri m'għandhomx jinkludu r-Renju Unit u referenzi għal banek ċentrali nazzjonali jew azzjonisti m'għandhomx jinkludu l-*Bank of England.*

Ir-referenzi fl-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30(2) ta' l-Istatut għal "kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew" m'għandhomx jinkludu kapital sottoskritt mill-*Bank of England*.

ARTIKOLU 8

L-Artikolu III-199 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 43 sa 47 ta' l-Istatut huma applikabbli, sew jekk Stat Membru jkollu u kemm jekk ma jkollux deroga, bla ħsara għall-emendi li ġejjin:

a) Referenzi fl-Artikolu 43 ta' l-Istatut għall-kompiti tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-Istitut Monetarju Ewropew għandhom jinkludu dawk il-kompiti li jkunu għad iridu jsiru wara l-introduzzjoni tal-euro bħala riżultat tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li ma jadottax l-euro.

b) B'żieda mal-kompiti previsti fl-Artikolu 46 ta' l-Istatut, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu wkoll jagħti parir u jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' kull Regolament Ewropew jew kull deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill fir-rigward tar-Renju Unit meħuda skond l-Artikolu 9(a) u 9(ċ) ta' dan il-Protokoll.

ċ) Il-*Bank of England* għandu jħallas il-kontribuzzjoni tiegħu għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż operazzjonali fuq l-istess bażi bħall-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri b'deroga.

ARTIKOLU 9

Ir-Renju Unit jista' jinnotifika lill-Kunsill f'kull ħin bl-intenzjoni tiegħu li jadotta l-euro. F'dak il-każ:

a) Ir-Renju Unit għandu jkollu d-dritt li jadotta l-euro jekk jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biss. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq talba tar-Renju Unit u taħt il-kondizzjonijiet u skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-198(1) u (2) tal-Kostituzzjoni, għandu jiddeċiedi jekk ir-Renju Unit jissodisfax il-kondizzjonijiet meħtieġa;

b) Il-*Bank of England* għandu jħallas il-kapital sottoskritt tiegħu, jittrasferixxi lill-Bank Ċentrali Ewropew l-assi ta' riservi barranin u jikkontribwixxi għar-riservi tiegħu fuq l-istess bażi bħall-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet abrogata;

ċ) Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq il-kondizzjonijiet u skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-198(3) tal-Kostituzzjoni, għandu jieħu d-deċiżjonijiet l-oħra kollha meħtieġa biex ir-Renju Unit ikun jista' jadotta l-euro.

Jekk ir-Renju Unit jadotta l-euro skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 3 sa 8 m'għandhomx jibqgħu fis-seħħ.

ARTIKOLU 10

Minkejja l-Artikoli III-181 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 21(1) ta' l-Istatut, il-Gvern tar-Renju Unit jista' jibqa' jżomm il-faċilità tiegħu ta' "*ways and means*" mal-*Bank of England* jekk u sakemm ir-Renju Unit ma jadottax l-euro.

# 14. PROTOKOLL

# DWAR ĊERTI DISPOSIZZJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAD-DANIMARKA FIR-RIGWARD TA' L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BILLI fil-Kostituzzjoni tad-Danimarka hemm disposizzjonijiet li jistgħu jimplikaw li jsir referendum fid-Danimarka qabel ma dan l-Istat jirrinunzja għad-deroga tiegħu;

BILLI fit-3 ta' Novembru 1993 il-Gvern tad-Danimarka innotifika lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li ma kienx ser jipparteċipa fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, taħt il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Protokoll dwar ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Danimarka anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Minħabba n-notifika mogħtija lill-Kunsill mill-Gvern Daniż fit-3 ta' Novembru 1993, id-Danimarka għandu jkollha deroga. L-effett ta' l-eżenzjoni għandu jkun li d-disposizzjonijiet kollha tal-Kostituzzjoni u ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew li jirreferu għal deroga għandhom ikunu applikabbli għad-Danimarka.

ARTIKOLU 2

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-abrogazzjoni tad-deroga, l-proċedura prevista fl-Artikolu III-198 tal-Kostituzzjoni għandha tinbeda biss fuq it-talba tad-Danimarka.

ARTIKOLU 3

Fil-każ li din id-deroga tintemm, dan il-Protokoll m'għandux ikompi japplika.

# 15. PROTOKOLL
# DWAR ĊERTI KOMPITI
# TAL-BANK NAZZJONALI TAD-DANIMARKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jsolvu ċertu problemi partikolari li jirrigwardaw id-Danimarka,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## ARTIKOLU UNIKU

L-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ma jolqotx id-dritt tal-Bank Nazzjonali tad-Danimarka li jwettaq il-kompiti eżistenti tiegħu rigward dawk it-territorji tad-Danimarka li mhumiex parti mill-Unjoni.

# 16. PROTOKOLL

# DWAR IS-SISTEMA TAL-FRANC TAL-KOMUNITÀ FINANZJARJA TAL-PAĊIFIKU

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jieħdu in konsiderazzjoni punt partikulari li għandu x'jaqsam ma' Franza,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## ARTIKOLU UNIKU

Franza tista' żżomm il-privileġġ ta' emissjoni ta' munita fil-Kaledonja l-Ġdida, fil-Polineżja Franċiża u Wallis u Futuna taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali tagħha u hija waħedha intitolata li tiddetermina l-parità tal-franc tal-Komunità Finanzjarja tal-Paċifiku.

# 17. PROTOKOLL
# DWAR L-ACQUIS TA' SCHENGEN INTEGRAT FIL-KWADRU TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU li d-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li jikkonsistu fi Ftehim dwar t-tneħħija gradwali ta' kontrolli fuq fruntieri komuni iffirmati minn xi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 u fid-19 ta' Ġunju 1990, kif ukoll il-ftehim u r-regoli li għandhom x'jaqsmu adottati fuq il-bażi ta' dawk il-ftehim, ġew integrati fil-kwadru ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' Protokoll anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

BIX-XEWQA li jippreservaw l-*acquis* ta' Schengen, kif żviluppat minn meta daħal fis-seħħ dan il-Protokoll, fil-qafas tal-Kostituzzjoni, u li jiżviluppaw dan l-*acquis* sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-mira li jiġi offert liċ-ċittadini ta' l-Unjoni spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-posizzjoni speċjali tad-Danimarka;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-fatt li l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ma jipparteċipawx fid-disposizzjonijiet kollha ta' l-*acquis* ta' Schengen; madankollu għandha tiġi prevista l-possibiltà li dawk l-Istati Membri jitħallew jaċċettaw disposizzjonijiet oħrajn ta' dan l-*acquis*, parzjalment jew fl-intier;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li, bħala konsegwenza, huwa meħtieġ li jsir użu mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jikkonċernaw koperazzjoni msaħħa bejn xi Stati Membri;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-bżonn li tinżamm relazzjoni speċjali mar-Repubblika ta' l-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja,billi dawn iż-żewġ Stati huma marbuta bid-disposizzjonijiet ta' l-unjoni Nordika tal-passaport , kif ukoll l-Istati Nordiċi li huma membri ta' l-Unjoni Ewropea,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Ir-Renju tal-Belġju, r-Repubblika Ċeka, r-Renju tad-Danimarka, r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika Ellenika, r-Renju ta' Spanja, r-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, r-Repubblika Taljana, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Renju ta' l-Olanda, r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika Portugiża, r-Repubblika tas-Slovenja, r-Repubblika Slovakka, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja għandhom ikunu awtorizzati li jimplementaw bejniethom koperazzjoni msaħħa f'oqsma koperti b'disposizzjonijiet definiti mill-Kunsill u li jikkostitwixxu l-*acquis* ta' Schengen. Din il-koperazzjoni ghandha titmexxa fi ħdan il-qafas istituzzjonali u legali ta' l-Unjoni u b'rispett lejn id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni.

ARTIKOLU 2

L-*acquis* ta' Schengen għandu japplika għall-Istati Membri previsti fl-Artikolu 1, bla preġudizzju għall-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka. Il-Kunsill għandu jissostitwixxi l-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-ftehim ta' Schengen.

ARTIKOLU 3

Il-parteċipazzjoni tad-Danimarka fl-adozzjoni ta' miżuri li jikkostitwixxu żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri u l-applikazzjoni tagħhom għad-Danimarka, għandhom ikunu ggvernati mid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka.

ARTIKOLU 4

L-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, jistgħu f'kull ħin jitolbu li jipparteċipaw fid-disposizzjonijiet kollha jew f'xi disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen.

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea dwar din it-talba. Għandu jaġixxi bl-unanimità tal-membri previsti fl-Artikolu 1 u tal-membru li jirrappreżenta l-Gvern ta' l-Istat Membru kkonċernat.

ARTIKOLU 5

Il-proposti u l-inizjattivi bbażati fuq l-*acquis* ta' Schengen għandhom ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni.

F'dan il-kwadru, fejn jew l-Irlanda jew ir-Renju Unit jew t-tnejn li huma, ma jkunux innotifikaw lill-President tal-Kunsill bil-miktub fi żmien raġjonevoli li huma jixtiequ jipparteċipaw, l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu III-419(1) tal-Kostituzzjoni għandha titqies li tkun ġiet mogħtija lill-Istati Membri previsti fl-Artikolu 1 u lill-Irlanda jew lir-Renju Unit meta xi wieħed minnhom ikun jixtieq jipparteċipa fl-oqsma ta' koperazzjoni previsti.

ARTIKOLU 6

Ir-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja għandhom ikunu assoċjati ma' l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-iżvilupp ulterjuri tiegħu. Għandu jsir ftehim dwar il-proċeduri xierqa għal dan l-iskop fi Ftehim li jkun konkluż ma' dawk l-Istati mill-Kunsill, li għandu jaġixxi bl-unanimità tal-membri tiegħu prevista fl-Artikolu 1. Dak il-Ftehim għandu jinkludi disposizzjonijiet dwar il-kontribut ta' l-Islanda u tan-Norveġja għal kull konsegwenza finanzjarja li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

Ftehim separat għandu jiġi konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu, ma' l-Islanda u n-Norveġja għall-istabbiliment ta' drittijiet u obbligi bejn l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq min-naħa l-waħda, u l-Islanda u n-Norveġja min-naħa l-oħra, fl-oqsma ta' l-*acquis* ta' Schengen li japplikaw għal dawk l-Istati.

ARTIKOLU 7

Għall-finijiet tan-negozjati għall-adeżjoni ta' Stati membri ġodda għall-Unjoni Ewropea, l-*acquis* ta' Schengen u miżuri ulterjuri adottati mill-istituzzjonijiet fl-ambitu tiegħu għandhom jitqiesu bħala *acquis* li għandu jkun aċċettat għal kollox mill-Istati kollha li huma kandidati għall-adeżjoni.

# 18. PROTOKOLL
# DWAR L-APPLIKAZZJONI TA' ĊERTI ASPETTI TA' L-ARTIKOLU III-130 TAL-KOSTITUZZJONI GĦAR-RENJU UNIT U GĦALL-IRLANDA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jirregolaw ċerti kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-Renju Unit u l-Irlanda;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-eżistenza għal ħafna snin ta' arranġamenti speċjali ta' l-ivvjaġġar bejn ir-Renju Unit u l-Irlanda,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

ARTIKOLU 1

Ir-Renju Unit għandu jkun intitolat, minkejja l-Artikoli III-130 u III-265 tal-Kostituzzjoni, kull disposizzjoni oħra tagħha, kull miżura adottata taħtha, jew kull ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma' xi Stat terz wieħed jew iżjed, li jeżerċita fuq il-fruntieri tiegħu ma' Stati Membri oħrajn dawk il-kontrolli fuq persuni li jfittxu li jidħlu fir-Renju Unit li huwa jikkunsidra meħtieġa għall-iskop:

a) li jivverifika d-dritt tad-dħul fir-Renju Unit ta' ċittadini ta' Stati Membri u tad-dipendenti tagħhom li jkunu qegħdin jeżerċitaw drittijiet mogħtija mid-dritt ta' l-Unjoni, kif ukoll ta' ċittadini ta' Stati oħrajn li kienu mogħtija dawn id-drittijiet permezz ta' ftehim li jorbot ir-Renju Unit; u

b) li jiddetermina hu jekk jagħtix jew le lil persuni oħrajn il-permess li jidħlu fir-Renju Unit.

Xejn fl-Artikoli III-130 u III-265 tal-Kostituzzjoni jew f'kull disposizzjoni oħra ta' dik il-Kostituzzjoni jew f'kull miżura adottata taħtha m'għandu jippreġudika d-dritt tar-Renju Unit li jadotta jew jeżerċita dawn il-kontrolli. Referenzi għar-Renju Unit f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu territorji li r-responsabbiltà għar-relazzjonijiet esterni tagħhom hija tar-Renju Unit.

ARTIKOLU 2

Ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jkomplu jagħmlu arranġamenti bejniethom rigward il-moviment ta' persuni bejn it-territorji tagħhom (il-"*Common Travel Area*"), fil-waqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet ta' persuni previsti fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, l-punt (a). Konsegwentement, sakemm huma jżommu dawn l-arranġamenti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 għandhom japplikaw għall-Irlanda bl-istess modalitajiet u kondizzjonijiet applikabbli għar-Renju Unit. Xejn fl-Artikoli III-130 u III-265 tal-Kostituzzjoni, f'kull disposizzjoni oħra tagħha jew f'kull miżura adottata taħtha ma għandu jolqot dawn l-arranġamenti.

ARTIKOLU 3

L-Istati Membri l-oħrajn għandhom ikunu intitolati li jeżerċitaw fuq il-fruntieri tagħhom jew fuq kull post ta' dħul fit-territorju tagħhom dawn il-kontrolli fuq persuni li jfittxu jidħlu fit-territorju tagħhom mir-Renju Unit jew minn kull territorju li r-responsabbiltà għar-relazzjonijiet esterni tiegħu hija tar-Renju Unit għall-istess għanijiet previsti fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, jew mill-Irlanda sakemm id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 japplikaw għal dak l-Istat.

Xejn fl-Artikoli III-130 u III-265 tal-Kostituzzjoni jew f'kull disposizzjoni oħra tagħha jew f'kull miżura adottata taħtha m'għandu jippreġudika d-dritt ta' Stati Membri oħrajn li jadottaw jew jeżerċitaw xi wħud inn dawn il-kontrolli.

## ARTIKOLU 4

Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għal atti li jibqgħu fis-seħħ permezz ta' l-Artikolu IV-438 tal-Kostituzzjoni.

# 19. PROTOKOLL
# DWAR IL-POSIZZJONI TAR-RENJU UNIT U TA' L-IRLANDA DWAR POLITIKA RIGWARD IL-KONTROLLI FUQ IL-FRUNTIERI, L-ASIL U L-IMMIGRAZZJONI U RIGWARD IL-KOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI ĊIVILI U L-KOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jirregolaw ċerti kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-Renju Unit u l-Irlanda;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-Protokoll dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti ta' l-Artikolu III-14 tal-Kostituzzjoni għar-Renju Unit u l-Irlanda,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Bla ħsara għall-Artikolu 3, ir-Renju Unit u l-Irlanda m'għandhomx jieħdu sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri proposti skond is-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III, tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu III-260 tagħha, sakemm dan l-Artikolu jirrigwarda l-oqsma koperti minn dawk is-Sezzjonijiet jew l-Artikolu III-263 jew mill-Artikolu III-275(2)(a) tal-Kostituzzjoni. Għandha tkun meħtieġa l-unanimità tal-membri tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tar-Renju Unit u l-Irlanda, għal dawk l-atti tal-Kunsill li għandhom jiġu adottati b'mod unanimu.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-Membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

B'deroga mit-tieni u t-tielet subparagrafi, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jew fuq proposta tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-maġġoranza kwalifikata rekwiżita għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw l-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

## ARTIKOLU 2

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 u bla ħsara għall-Artikoli 3, 4 u 6, l-ebda waħda mid-disposizzjonijiet tas-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III, tal-Kostituzzjonijew ta' l-Artikolu III-260 tagħha, sakemm dawn l-Artikoli jirrigwardaw l-oqsma koperti minn dawk is-Sezzjonijiet, jew ta' l-Artikolu III-263 jew ta' l-Artikolu III-275(2)(a) tal-Kostituzzjoni, l-ebda miżura adottata skond dawk is-Sezzjonijiet jew Artikoli, l-ebda disposizzjoni ta' kull ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni Ewropea skond dawk is-Sezzjonijiet jew l-Artikoli, u l-ebda sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea li tinterpreta xi disposizzjoni jew miżura minn dawn m'għandha tkun ta' rabta jew tkun applikabbli għar-Renju Unit jew għall-Irlanda; u l-ebda disposizzjoni, miżura jew deċiżjoni ma għandha fi kwalunkwe mod tolqot l-kompetenzi, d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk l-Istati; u l-ebda disposizzjoni, miżura jew deċiżjoni ma għandha bi kwalunkwe mod tolqot l-*acquis communautaire* jew l-*acquis* ta' l-Unjoni jew tagħmel parti mid-dritt ta' l-Unjoni kif dawn japplikaw għar-Renju Unit jew għall-Irlanda.

ARTIKOLU 3

1. Ir-Renju Unit jew l-Irlanda jistgħu jinnotifikaw lill-Kunsill bil-miktub, fi żmien tliet xhur wara li tkun preżentata proposta għal miżura lill-Kunsill skond is-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III, tal-Kostituzzjoni, jew wara proposta jew inizjattiva tkun preżentata lill-Kunsill skond l-Artikolu III-263 jew l-Artikolu III-275(2)(a) tagħha, li huma jixtiequ jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' xi miżura bħal din proposta, meta mbagħad dak l-Istat għandu jkun intitolat jagħmel dan. Għandha tkun meħtieġa l-unanimità tal-membri tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni ta' membru li ma jkunx għamel din in-notifika, għal dawk id-deċiżjonijiet tal-Kunsill li għandhom jiġu adottati b'mod unanimu. Miżura adottata taħt dan il-paragrafu għandha torbot l-Istati Membri kollha li jkunu pparteċipaw fl-adozzjoni tagħha. Ir-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej adottati skond l-Artikolu III-260 tal-Kostituzzjoni għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda fil-valutazzjonijiet li jikkonċernaw l-oqsma koperti mill-Parti III, t-Titolu III, l-Kapitolu IV, is-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kostituzzjoni.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-Membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

B'deroga mit-tieni u t-tielet subparagrafi, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jew fuq proposta tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-maġġoranza kwalifikata rekwiżita għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw l-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

2. Jekk, fi żmien raġonevoli, miżura prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tiġi adottata bil-parteċipazzjoni tar-Renju Unit jew l-Irlanda, l-Kunsill jista' jadotta din il-miżura skond l-Artikolu 1 mingħajr il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit jew l-Irlanda. F'dak il-każ, għandu japplika l-Artikolu 2.

ARTIKOLU 4

Ir-Renju Unit jew l-Irlanda jistgħu f'kull żmien wara l-adozzjoni ta' miżura skond is-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III, tal-Kostituzzjoni, skond l-Artikolu III-263 jew l-Artikolu III-275(2)(a) tal-Kostituzzjoni, jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jixtiequ jaċċettaw dik il-miżura. F'dak il-każ, il-proċedura stipulata fl-Artikolu III-420(1) tal-Kostituzzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis.*

ARTIKOLU 5

Membru Stat li mhuwiex marbut b'miżura adottata skond is-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III tal-Kostituzzjoni, skond l-Artikolu III-263 jew l-Artikolu III-275(2)(a), m'għandu jbati l-ebda konsegwenza finanzjarja ta' dik il-miżura ħlief l-ispejjeż amministrattivi li jkollhom jagħmlu l-istituzzjonijiet, sakemm il-membri kollha tal-Kunsill, li għandhom jaġixxu b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, ma jiddeċiedux mod ieħor.

ARTIKOLU 6

Fejn, fil-każijiet previsti f'dan il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta b'miżura adottata skond is-Sezzjonijiet 2 jew 3 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III, tal-Kostituzzjoni, skond l-Artikolu III-260 tagħha, sakemm dan l-Artikolu jirrigwarda l-oqsma koperti minn dawk is-Sezzjonijiet jew l-Artikolu III-263 jew l-Artikolu III-275(2)(a) tal-Kostituzzjoni, d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni għandhom japplikaw għal dak l-Istat għar-rigward ta' dik il-miżura.

ARTIKOLU 7

L-Artikoli 3 u 4 m'għandhomx jippreġudikaw il-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-kwadru ta' l-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 8

L-Irlanda tista' tinnotifika lill-Kunsill bil-kitba li hija ma tridx iżjed tkun koperta mit-termini ta' dan il-Protokoll. F'dak il-każ, dan il-Protokoll ma jibqax japplika għall-Irlanda.

# 20. PROTOKOLL
# DWAR IL-POSIZZJONI TAD-DANIMARKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JIFTAKKRU d-deċiżjoni tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu fit-12 ta' Diċembru 1992, dwar ċerti problemi mqajjma mid-Danimarka fuq it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JINNUTAW il-posizzjoni tad-Danimarka fir-rigward taċ-ċittadinanza, l-unjoni ekonomika u monetarja, l-politika tad-difiża, u l-ġustizzja u intern kif stipulati fid-deċiżjoni ta' Edinburgu;

KONXJI mill-fatt illi kontinwazzjoni taħt il-Kostituzzjoni tas-sistema legali li oriġinat fid-deċiżjoni ta' Edinburgu ser tillimita b'mod sinifikattiv il-parteċipazzjoni tad-Danimarka f'oqsma importanti ta' koperazzjoni ta' l-Unjoni, u li jkun fl-aħjar interess ta' l-Unjoni li tiġi żgurata l-integrità ta' l-*acquis* fl-oqsma tal-libertà, sigurtà u ġustizzja;

BIX-XEWQA għaldaqstant li jistabilixxu qafas legali li joffri lid-Danimarka l-possibiltà li tipparteċipa fl-adozzjoni ta' miżuri proposti msejsa fuq il-Parti III, t-Titolu III, l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u jilqgħu l-intenzjoni tad-Danimarka li tagħmel użu minn din il-possibiltà meta jkun possibbli skond ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħha;

FILWAQT LI JINNUTAW illi d-Danimarka mhix ser iżomm lill-Istati Membri l-oħra milli jkomplu jiżviluppaw il-koperazzjoni ta' bejniethom fir-rigward ta' miżuri li ma jorbtux lid-Danimarka;

FILWAQT LI JIFTAKKRU l-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen integratfil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea;

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mal-Kostituzzjoni:

PARTI I

ARTIKOLU 1

Id-Danimarka m'għandhiex tipparteċipa fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri proposti skond il-Kapitolu IV tat-Titolu tal-Parti III tal-Kostituzzjoni. L-unanimità tal-membri tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tar-rappreżentant tal-gvern Daniż, għandha tkun meħtieġa għall-atti tal-Kunsill li jridu jiġu adottati b'mod unanimu.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

B'deroga mit-tieni u t-tielet subparagrafi, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jew mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-maġġoranza kwalifikata rekwiżita għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw l-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

ARTIKOLU 2

L-ebda mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV tat-Titolu tal-Parti III tal-Kostituzzjoni, l-ebda miżura adottata skond dak il-Kapitolu, l-ebda disposizzjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skond dak il-Kapitolu, u l-ebda deċiżjoni tal-Qorti ta' Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea li tinterpreta kwalunkwe disposizzjoni jew miżura ta' din ix-xorta ma għandha torbot jew tapplika għad-Danimarka; u l-ebda disposizzjoni, miżura jew deċiżjoni ta' din ix-xorta ma għandha b'xi mod tolqot il-kompetenzi, d-drittijiet u l-obbligi tad-Danimarka; u l-ebda disposizzjoni, miżura jew deċiżjoni ta' din ix-xorta ma għandha b'xi mod tolqot l-*acquis* tal-Komunità u lanqas dak ta' l-Unjoni u lanqas tagħmel parti mid-dritt ta' l-Unjoni kif japplikaw għad-Danimarka.

ARTIKOLU 3

Id-Danimarka m'għandha ssofri l-ebda konsegwenzi finanzjarji tal-miżuri previsti fl-Artikolu 1, ħlief għall-ispejjeż amministrattivi involuti għall-istituzzjonijiet.

ARTIKOLU 4

1. Id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' miżura tal-Kunsill li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen koperta mill-Parti I, jekk tkunx se timplimenta din il-miżura fil-liġi nazzjonali tagħha. Jekk tiddeċiedi li tagħmel hekk, din il-miżura toħloq obbligu skond id-dritt internazzjonali bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħra li jkunu marbuta bil-miżura.

Jekk id-Danimarka tiddeċiedi li ma timplimentax din il-miżura, l-Istati Membri marbuta b'dik il-miżura u d-Danimarka għandhom jikkunsidraw x'miżuri approprjati għandhom jittieħdu.

2. Id-Danimarka għandha żżomm id-drittijiet u l-obbligi eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa fir-rigward tal-*acquis* ta' Schengen.

PARTI II

ARTIKOLU 5

Fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Kunsill skond l-Artikoli I-41, III-295(1) u l-Artikoli III-309 sa III-313 tal-Kostituzzjoni, d-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet fil-qasam tad-difiża. Għaldaqstant id-Danimarka m'għandhiex tipparteċipa fl-adozzjoni tagħhom. Id-Danimarka m'għandhiex iżżomm lill-Istati Membri l-oħra milli jiżviluppaw iżjed il-koperazzjoni ta' bejniethom f'dan il-qasam. Id-Danimarka ma għandhiex tiġi obbligata tikkontribwixxi għall-iffinanzjar ta' l-ispiża operattiva li tinħoloq minn dawn il-miżuri, u lanqas li tagħmel il-kapaċitajiet militari tagħha disponibbli lill-Unjoni.

L-unanimità tal-membri tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tar-rappreżentant tal-gvern tar-Renju tad-Danimarka, għandha tkun meħtieġa għall-atti tal-Kunsill li jridu jiġu adottati b'mod unanimu.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-Membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

B'deroga mit-tielet u r-raba' subparagrafi, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, l-maġġoranza kwalifikata rekwiżita għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

PARTI III

ARTIKOLU 6

Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għall-miżuri li jibqgħu fis-seħħ permezz ta' l-Artikolu IV-438 tal-Kostituzzjoni, li kienu koperti, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropea, mill-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

ARTIKOLU 7

L-Artikoli 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal miżuri li jistabbilixxu l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri, jew għal miżuri dwar il-format uniformi għall-viża.

PARTI IV

ARTIKOLU 8

Fi kwalunkwe żmien id-Danimarka tista', skond ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħha, tinforma l-Istati Membri l-oħrajn li ma tixtieqx aktar tibbenefika minn parti jew mill-intier ta' dan il-Protokoll. F'dak il-każ, id-Danimarka tapplika bis-sħiħ il-miżuri kollha rilevanti li jkunu fis-seħħ u li ttieħdu fil-qafas ta' l-Unjoni.

ARTIKOLU 9

1. Fi kwalunkwe ħin u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, id-Danimarka tista', skond ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħha, tinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li b'effett mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara n-notifika, l-Parti I għandha tkun magħmula mid-disposizzjonijiet ta' l-Anness. F'dan il-każ u b'konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 5 sa 9 jingħataw numri ġodda.

2. Sitt xhur wara d-data li fiha tidħol fis-seħħ in-notifika prevista fil-pragrafu 1 l-*acquis* kollu ta' Schengen kif ukoll il-miżuri adottati sabiex jibnu fuq dan l-*acquis*, li sa dak iż-żmien kienu jorbtu lid-Danimarka bħala obbligi taħt id-dritt internazzjonali, għandhom jorbtu lid-Danimarka bħala liġi ta' l-Unjoni.

ANNESS

ARTIKOLU 1

Bla ħsara għall-Artikolu 3, id-Danimarka ma għandhiex tieħu sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri proposti skond il-Kapitolu IV tat-Titolu tal-Parti III tal-Kostituzzjoni. L-unanimità tal-membri tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tar-rappreżentant tal-gvern Daniż, għandha tkun meħtieġa għall-atti tal-Kunsill li jridu jiġu adottati b'mod unanimu.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-Membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.

B'deroga mit-tieni u t-tielet subparagrafi, meta l-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, l-maġġoranza kwalifikata rekwiżita għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw l-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.

ARTIKOLU 2

B'konsegwenza ta' l-Artikolu 1 u bla ħsara għall-Artikoli 3, 4 u 6 l-ebda waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV tat-Titolu tal-Parti III tal-Kostituzzjoni, l-ebda miżura adottata skond dak il-Kapitolu, l-ebda disposizzjoni ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skond dak il-Kapitolu, u l-ebda deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea li tinterpreta kwalunkwe deċiżjoni jew miżura ta' din ix-xorta ma għandha torbot jew tapplika għad-Danimarka; u l-ebda disposizzjoni, miżura jew deċiżjoni ta' din ix-xorta ma għandha b'kwalunkwe mod tolqot il-kompetenzi, d-drittijiet u l-obbligi tad-Danimarka; u l-ebda disposizzjoni, miżura jew deċiżjoni ta' din ix-xorta ma għandha b'xi mod tolqot l-*acquis communautaire* u ta' l-Unjoni u lanqas tagħmel parti mid-dritt ta' l-Unjoni, kif japplikaw għad-Danimarka.

ARTIKOLU 3

1. Id-Danimarka tista' tinnotifika lill-President tal-Kunsill bil-miktub, fi żmien tliet xhur wara li proposta jew inizjattiva tkun ġiet preżentata lill-Kunsill skond il-Kapitolu IV tat-Titolu tal-Parti III tal-Kostituzzjoni, li tixtieq tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe tali miżura proposta, u minn dak il-ħin id-Danimarka ikollha d-dritt li tagħmel hekk.

2. Jekk, fi żmien raġonevoli, miżura prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tiġi adottata bil-parteċipazzjoni tad-Danimarka, l-Kunsill jista' jadotta l-miżura prevista fil-paragrafu 1 skond l-Artikolu 1, mingħajr il-parteċipazzjoni tad-Danimarka. F'dak il-każ, għandu japplika l-Artikolu 2.

ARTIKOLU 4

Id-Danimarka tista' fi kwalunkwe ħin wara l-adozzjoni ta' miżura skond il-Parti III, t-Titolu III, l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni tinnotifika lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li taċċetta dik il-miżura. F'dak il-każ, il-proċedura prevista fl-Artikolu III-420(1) tal-Kostituzzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis.*

ARTIKOLU 5

1. Notifika skond l-Artikolu 4 għandha tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 6 xhur wara l-adozzjoni finali ta' miżura jekk din il-miżura tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen.

Fil-każ li d-Danimarka ma tissottomettix notifika skond l-Artikoli 3 u 4 dwar miżura li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, l-Istati Membri marbuta minnha u d-Danimarka għandhom jikkunsidraw il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu.

2. Notifika skond l-Artikoli 3 fir-rigward ta' miżuri li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen għandha tiġi kkunsidrata irrevokabbilment bħala notifika skond l-Artikolu 3 fir-rigward ta' kwalunkwe proposta jew inizjattiva ulterjuri li timmira biex tibni fuq dik il-miżura, sakemm tali proposta jew inizjattiva tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen.

ARTIKOLU 6

Fejn, f'każijiet previsti f'din il-Parti, d-Danimarka hi marbuta b'miżura adottata mill-Kunsill skond Kapitolu IV tat-Titolu tal-Parti III tal-Kostituzzjoni, d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni għandhom japplikaw għad-Danimarka fir-rigward ta' dik il-miżura.

ARTIKOLU 7

Fejn id-Danimarka mhix marbuta b'miżura adottata skond il-Parti III, t-Titolu III, l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma għandha ssofri l-ebda konsegwenzi finanzjari ta' dik il-miżura ħlief għall-ispejjeż amministrattivi involuti għall-istituzzjonijiet sakemm il-Kunsill b'mod unanimu, wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew ma jiddeċiedix mod ieħor.

# 21. PROTOKOLL
# DWAR IR-RELAZZJONIJIET ESTERNI TA' L-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-QSIM TA' FRUNTIERI ESTERNI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-bżonn ta' l-Istati Membri li jiżguraw kontrolli effikaċi mal-fruntieri esterni tagħhom, bil-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi meta jkun l-każ,

FTEHMU fuq id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

Id-disposizzjonijiet fir-rigward tal-miżuri dwar il-qsim tal-fruntieri esterni inklużi fl-Artikolu III-265(2)(b) tal-Kostituzzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw jew jikkonkludu ftehim ma' pajjiżi terzi sakemm dawn jirrispettaw id-dritt ta' l-Unjoni u ftehim internazzjonali pertinenti.

# 22. PROTOKOLL
# DWAR L-ASIL
# GĦAL ĊITTADINI TA' STATI MEMBRI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BILLI, skond l-Artikolu I-9(1) tal-Kostituzzjoni, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali;

BILLI skond l-Artikolu I-9(3) tal-Kostituzzjoni d-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jikkostitwixxu parti mid-dritt ta' l-Unjoni bħala prinċipji ġenerali;

BILLI l-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza biex tiżgura li l-liġi tkun osservata mill-Unjoni fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-9(1) u (3) tal-Kostituzzjoni;

BILLI skond l-Artikolu I-58 tal-Kostituzzjoni kull Stat Ewropew, meta japplika biex isir Membru ta' l-Unjoni, għandu jirrispetta l-valuri previsti fl-Artikolu I-2 tal-Kostituzzjoni;

KONXJI li l-Artikolu I-59 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi mekkaniżmu għas-sospensjoni ta' ċerti drittijiet f'każ ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru ta' dawk il-valuri;

FILWAQT LI JFAKKRU illi kull ċittadin ta' Stat Membru, bħala ċittadin ta' l-Unjoni, jgawdi minn *status* u protezzjoni speċjali li għandhom ikunu garantiti mill-Istati Membri skond id-disposizzjonijiet tal-Parti I, t-Titolu II u tal-Parti III, t-Titolu II tal-tal-Kostituzzjoni;

KONXJI LI l-Kostituzzjoni tistabbilixxi żona mingħajr fruntieri interni u tagħti lil kull ċittadin ta' l-Unjoni d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri;

BIX-XEWQA li jevitaw li wieħed jirrikorri għall-istituzzjoni dwar l-asil għal skopijiet ulterjuri minn dawk li għalihom din hi intiża;

BILLI dan il-Protokoll jirrispetta l-finalità u l-miri tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 li jirrigwardaw l-*istatus* ta' refuġjati,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

Minħabba l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jiġu meqjusa li jikkostitwixxu pajjiżi ta' oriġini siguri fir-rispett ta' xulxin għall-iskopijiet kollha legali u prattiċi fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-asil. Għal dan l-iskop, kull applikazzjoni għall-asil magħmula minn ċittadin ta' Stat Membru tista' tiġi kkunsidrata jew iddikjarata ammissibbli biex tiġi pproċessata minn Stat Membru ieħor fil-każijiet li ġejjin biss:

a) jekk Stat Membru li tiegħu l-applikant ikun ċittadin, waqt li jirrikorri għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jieħu miżuri fit-territorju tiegħu li jidderogaw mill-obbligi tiegħu taħt dik il-Konvenzjoni;

b) jekk il-proċedura prevista fl-Artikolu I-59(1) jew (2) tal-Kostituzzjoni tkun inbdiet, u sakemm il-Kunsill, jew, jekk ikun il-każ, il-Kunsill Ewropew, jadotta deċiżjoni Ewropea dwarha fir-rigward ta' l-Istat Membru li tiegħu l-applikant ikun ċittadin;

ċ) jekk il-Kunsill ikun adotta deċiżjoni Ewropea skond l-Artikolu I-59(1) tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' l-Istat Membru li tiegħu l-applikant ikun ċittadin jew jekk il-Kunsill Ewropew ikun adotta deċiżjoni Ewropea skond l-Artikolu I-59(2) tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' l-Istat Membru li tiegħu l-applikant ikun ċittadin;

d) jekk Stat Membru jiddeċiedi hekk unilateralment fir-rigward ta' l-applikazzjoni minn ċittadin ta' Stat Membru ieħor; f'dak il-każ il-Kunsill għandu jiġi infurmat minnufih; l-applikazzjoni għandha tiġi trattata fuq il-bażi tal-preżunzjoni li tkun evidentement bla bażi mingħajr ma tolqot bl-ebda mod, ikunu x'ikunu l-każijiet, il-poter deċiżjonali ta' l-Istat Membru.

# 23. PROTOKOLL
# DWAR IL-KOPERAZZJONI STRUTTURATA PERMANENTI
# STABBILITA BL-ARTIKOLU I-41(6)
# U BL-ARTIKOLU III-312 TAL-KOSTITUZZJONI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

WARA li kkunsidraw l-Artikoli I-41(6) u III-312 tal-Kostituzzjoni,

FILWAQT LI JFAKKRU li l-Unjoni qed tfittex politika estera u ta' sigurtà komuni msejsa fuq il-kisba ta' konverġenza dejjem akbar ta' azzjoni mill-Istati Membri;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-politika ta' sigurta u difiża komuni hi parti integra mill-politika estera u ta' sigurtà komuni; li tipprovdi l-Unjoni b'kapaċità operazzjonali li tieħu mill-assi ċivili u militari; li l-Unjoni tista' tuża' dawn l-assi fil-kompiti previsti fl-Artikolu III-309 tal-Kostituzzjoni barra l-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni tal-kunflitt u għat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; li t-twettiq ta' dawn il-kompiti jsir billi jintużaw l-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri skond il-prinċipju ta' "ġabra waħda ta' forzi";

FILWAQT LI JFAKKRU li l-politika ta' sigurtà u difiża komuni ta' l-Unjoni ma tippreġudikax il-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-politika ta' sigurtà u difiża komuni ta' l-Unjoni tirrispetta l-obbligi taħt it-Trattat tan-Nord Atlantiku ta' dawk l-Istati Membri, li jqisu d-difiża komuni tagħhom mwettqa fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, li tibqa' s-sisien tad-difiża kollettiva tal-membri tagħha, u hija kompatibbli mal-politika ta' sigurtà u difiża komuni stabbilita f'dak il-qafas;

KONVINTI li rwol aktar assertiv ta' l-Unjoni fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża ser jikkontribwixxi għall-vitalità ta' Alleanza Atlantika mġedda, skond l-arranġamenti tal-"Berlin Plus".

DETERMINATI li jassiguraw li l-Unjoni tkun kapaċi tassumi b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet tagħha fi ħdan il-komunità internazzjonali;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tista' titlob l-għajnuna ta' l-Unjoni għall-implimentazzjoni urġenti ta' missjonijiet mibdija skond il-Kapitoli VI u VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li sabiex tissaħħaħ il-politika ta' sigurtà u difiza hemm bżonn sforzi mill-Istati Membri fil-qasam tal-kapaċitajiet;

KONXJI li sabiex jgħaddu għal stadju ġdid fl-iżvilupp tal-politika tas-sigurtà u d-difiża Ewropea hemm bżonn ta' sforz determinat mill-Istati Membri kkonċernati;

FILWAQT LI JFAKKRU l-importanza li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jkun involut b'mod sħiħ fil-proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' koperazzjoni strutturata permanenti,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

L-istruttura permanenti ta' koperazzjoni prevista fl-Artikolu I-41(6) tal-Kostituzzjoni għandha tkun miftuħa għal kull Stat Membru li jobbliga ruħu, mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, li:

a) jipproċedi b'mod aktar intensiv sabiex jiżviluppa l-kapaċitajiet tad-difiża tiegħu, permezz ta' l-iżvilupp tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali u l-parteċipazzjoni tiegħu, fejn xieraq, fil-forzi multinazzjonali, fil-programmi prinċipali Ewropej tat-tagħmir, u fl-attività ta' l-aġenzija Ewropea fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża, tar-riċerka, ta' l-akkwist u ta' l-armamenti ("L-Aġenzija tad-Difiża Ewropea"), u

b) jkollu l-kapaċità li jforni sa mhux aktar tard mill-2007, jew f'livell nazzjonali jew bħala parti minn forza multinazzjonali gruppi, unitajiet tal-ġlied immirati għall-missjonijiet ippjanati, strutturati fuq il-livell tattiku bħala gruppi ta' ġlied, b'elementi ta' support bħal trasport u loġistika, kapaċi li jwettqu l-kompiti previsti fl-Artikolu III-309 f'perijodu ta' minn 5 sa 30 jum, b'mod partikolari b'risposta għal talbiet mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, u li jkunu jistgħu jiġu sostenuti għal perijodu inizjali ta' 30 jum li jkun jista' jiġi mtawwal għal ta' l-inqas 120 jum.

ARTICLE 2

Sabiex jinkisbu l-miri stipulati fl-Artikolu 1, l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-koperazzjoni strutturata permanenti għandhom jobbligaw ruħhom li:

a) jikkoperaw, sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, bl-iskop li jinkisbu l-miri approvati dwar il-livell ta' spiża għall-investiment f'tagħmir ta' difiża, u jirrivedu dawn il-miri regolarment fid-dawl ta' l-ambjent ta' sigurtà u tar-responsabbiltajiet internazzjonali ta' l-Unjoni;

b) kemm jista' jkun jallinjaw l-apparat tad-difiża tagħhom ma' xulxin, b'mod partikolari billi jarmonizzaw l-identifikazzjoni tal-ħtiġiet militari tagħhom, billi jiġbru flimkien u, fejn xieraq, jispeċjalizzaw il-mezzi u l-kapaċitajiet tad-difiża tagħhom, u billi jinkoraġġixxu l-koperazzjoni fl-oqsma tat-taħriġ u l-loġistika;

ċ) jieħdu miżuri konkreti sabiex itejbu d-disponibbiltà, l-interoperabbiltà, il-flessibiltà u l-kapaċita tagħhom fit-tħejjija tal-forzi tagħhom, b'mod partikolari billi jidentifikaw il-miri komuni fl-impenn ta' forzi, inkluż possibilment reviżjoni tal-proċeduri deċiżjonali nazzjonali tagħhom;

d) jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw li huma jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu tajjeb, inkluż permezz ta' approċċi multinazzjonali, u mingħajr preġudizzju għall-impenji f'dan ir-rigward fi ħdan l-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, għan-nuqqasijiet perċepiti fil-qafas tal-"Mekkaniżmu ta' l-Iżvilupp tal-Kapaċità";

e) jieħdu sehem, fejn xieraq, fl-iżvilupp ta' programmi kbar konġunti jew Ewropej dwar tagħmir fil-qafas ta' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea.

ARTIKOLU 3

L-Aġenzija tad-Difiża Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-istima regolari tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri parteċipanti fir-rigward tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari kontribuzzjonijiet magħmula skond il-kriterji li jridu jiġu stabbiliti fost affarijiet oħra abbażi ta' l-Artikolu 2, u għandha tirrapporta dwarhom ta' l-inqas darba fis-sena. L-istima għandha sservi bħala bażi għal rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet Ewropej tal-Kunsill adottati skond l-Artikolu III-312 tal-Kostituzzjoni.

# 24. PROTOKOLL
# DWAR L-ARTIKOLU I-41(2), TAL-KOSTITUZZJONI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

KONXJI tal-bżonn li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu I-41(2) tal-Kostituzzjoni jiġu mplimentati bis-sħiħ;

KONXJI li l-politika ta' l-Unjoni skond l-Artikolu I-41(2) tal-Kostituzzjoni m'għandhiex tippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u għandha tirrispetta l-obbligi ta' ċerti Stati Membri, li jaraw id-difiża komuni tagħhom mwettqa fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, taħt it-Trattat tan-Nord Atlantiku u għandha tkun kompatibbli mal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni stabbilita f'dak il-kwadru,

FTEHMU dwar id-disposizzjoni li ġejja, li hija annessa mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

L-Unjoni għandha tfassal, flimkien ma' l-Unjoni Ewropea tal-Punent, arranġamenti li jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom.

# 25. PROTOKOLL
# DWAR IMPORTAZZJONIJIET FL-UNJONI EWROPEA
# TA' PRODOTTI TAŻ-ŻEJT RAFFINATI
# FL-ANTILLES OLANDIŻI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jagħtu aktar dettalji dwar is-sistema tal-kummerċ applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Dan il-Protokoll japplika għall-prodotti taż-żejt li jaqgħu taħt in-Nomenklatura Maqgħuda numri 27.10, 27.11, 27.12 (xama' tal-pitrolju u xama' taż-żejt), ex 27.13 (fdal tal-pitrolju) u 27.14 (xama' tal-ġebla sedimentari), impurtati għall-użu fl-Istati Membri.

ARTIKOLU 2

L-Istati Membri għandhom jintrabtu li jagħtu lill-prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi t-tariffi preferenzjali li jirriżultaw mill-Assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar ma' l-Unjoni, bil-kondizzjonijiet previsti minn dan il-Protokoll. Dawn id-disposizzjonijiet jorbtu jkunu x'ikunu r-regoli ta' l-oriġini applikati mill-Istati Membri.

ARTIKOLU 3

1. Meta l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, tistabbilixxi li l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi taħt is-sistema prevista fl-Artikolu 2 qed toħloq diffikultajiet veri fis-suq ta' Stat Membru jew Stati Membri, hija għandha tadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi li d-dazji doganali fuq dawn il-prodotti impurtati għandhom jiġu introdotti, miżjuda jew introdotti mill-ġdid mill-Istati Membri in kwistjoni, safejn u għal perjodu li jista' jkun meħtieġ biex jilqgħu għal dik is-sitwazzjoni. Ir-rati tad-dazji doganali hekk introdotti, miżjuda jew introdotti mill-ġdid ma jistgħux jeċċedu d-dazji doganali applikabbli għal pajjiżi terzi għal dawn l-istess prodotti.

2. Fi kwalunkwe każ id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jistgħu jkunu applikabbli meta l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi tilħaq iż-żewġ miljuni tunnellati metriċi fis-sena.

3. Il-Kunsill għandu jiġi infurmat dwar deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kummissjoni skond il-paragrafi 1 u 2, inklużi dawk li jirrifjutaw it-talba ta' Stat Membru. Il-Kunsill għandu, fuq talba ta' kwalunkwe Stat Membru, jassumi r-responsabbiltà għall-materja u jista' fi kwalunkwe żmien jadotta deċiżjoni Ewropea biex jemenda jew iħassar dawn id-deċiżjonijiet.

ARTIKOLU 4

1. Jekk Stat Membru jikkunsidra li l-importazzjoni ta' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi, magħmula direttament jew permezz ta' Stat Membru ieħor taħt is-sistema prevista fl-Artikolu 2, qed toħloq diffikultajiet veri fis-suq tiegħu u li teħtieġ azzjoni immedjata biex tilqgħalhom, jista' fuq inizjattiva tiegħu stess japplika dazji doganali, li r-rata tagħhom ma tistax teċċedi dik ta' dazji doganali applikabbli għal pajjiżi terzi fuq l-istess prodotti, fuq dawn il-prodotti impurtati. Għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu, u l-Kummissjoni għandha, fi żmien xahar tadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi jekk il-miżuri meħuda mill-Istat għandhomx jinżammu jew jiġu emendati jew jiġu imħassra. L-Artikolu 3(3) għandu japplika għal din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

2. Meta l-kwantitajiet tal-prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi impurtati direttament jew permezz ta' Stat Membru ieħor, taħt is-sistema prevista fl-Artikolu 2, fi Stat Membru jew Stati Membri jaqbżu matul sena kalendarja l-ammont ta' tunnellati metriċi mogħtija fl-Anness għal dan il-Protokoll, il-miżuri meħuda skond il-paragrafu 1 minn dak jew dawk l-Istati Membri għas-sena kurrenti jkunu meqjusa ġustifikati. Il-Kummissjoni għandha, wara li tassigura li l-ammont stabbilit ta' tunnellati metriċi intlaħaq, tirreġistra formalment il-miżuri meħuda. F'dan il-każ l-Istati Membri l-oħra m'għandhomx iressqu l-materja formalment quddiem il-Kunsill.

ARTIKOLU 5

Jekk l-Unjoni tiddeċiedi li tapplika restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-prodotti taż-żejt, tkun xi tkun il-provenjenza tagħhom, dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw għal prodotti simili impurtati mill-Antilles Olandiżi. F'dan il-każ trattament preferenzjali għandu jingħata lill-Antilles Olandiżi meta mqabbla ma' pajjiżi terzi.

ARTIKOLU 6

1. L-Artikoli 2 sa 5 jistgħu jiġu riveduti mill-Kunsill, b'deċiżjoni unanima, wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, meta tiġi adottata definizzjoni komuni ta' oriġini għal prodotti taż-żejt minn pajjiżi terzi u pajjiżi Assoċjati, jew meta jittieħdu deċiżjonijiet fil-qafas ta' politika kummerċjali komuni għall-prodotti in kwistjoni jew meta tiġi stabbilita politika komuni dwar l-enerġija.

2. Madankollu, meta ssir din ir-reviżjoni, preferenzi ekwivalenti għandhom f'kull każ jinżammu favur l-Antilles Olandiżi f'forma xierqa u għal kwantità minima ta' żewġ miljuni u nofs tunnellati metriċi ta' prodotti taż-żejt.

3. L-impenji ta' l-Unjoni għar-rigward ta' preferenzi ekwivalenti kif previsti fil-paragrafu 2 jistgħu, jekk meħtieġ, jiġu mqassma Stat Stat waqt li jitqies l-ammont tat-tunnellati metriċi indikat fl-Anness għal dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 7

Biex timplimenta dan il-Protokoll, il-Kummissjoni hija responsabbli li ssewgi l-iżvilupp ta' l-importazzjoni fl-Istati Membri ta' prodotti taż-żejt raffinati fl-Antilles Olandiżi. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni utli għal dak il-għan skond il-kondizzjonijiet amministrattivi rakkomandati mill-Kummissjoni, li għandha tassigura li din l-informazzjoni tiġi ċirkolata.

# ANNESS

Għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 4(2), il-Partijiet Kontraenti Għolja ddeċidew li l-kwantità ta' 2 miljuni tunnellati metriċi ta' prodotti taż-żejt mill-Antilles għandhom jiġu allokati bejn l-Istati Membri li ġejjin kif ġej:

| | |
|---|---|
| il-Ġermanja……………………………………………….….. | 625 000 tunnellati metriċi |
| l-Unjoni Ekonomika tal-Belġju u l-Lussemburgu……….… | 200 000 tunnellati metriċi |
| Franza……….…..…………..…………..……….…....….. | 75 000 tunnellati metriċi |
| l-Italja…………..…………..…………..……….…....….. | 100 000 tunnellati metriċi |
| l-Olanda…………..…………..…………..……….…...... | 1 000 000 tunnellati metriċi |

# 26. PROTOKOLL
# DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ
# FID-DANIMARKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jsolvu ċertu problemi partikolari li għandhom x'jaqsmu mad-Danimarka,

FTEHMU dwar id-disposizzjoni li ġejja, li għandha tiġi annessa mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, d-Danimarka tista' żżomm il-leġislazzjoni eżistenti dwar l-akkwist ta' residenzi sekondarji.

# 27. PROTOKOLL
# DWAR IS-SISTEMA TAX-XANDIR PUBBLIKU
# FL-ISTATI MEMBRI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li s-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri hi direttament relatata mal-bżonnijiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà u mal-bżonn biex jiġi ppreservat il-pluraliżmu fil-medja,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet interpretattivi li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni għandhom ikunu bla preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprovdu għall-finanzjament tas-servizz pubbliku tax-xandir safejn dan il-finanzjament jingħata lil organizzazzjonijiet tax-xandir għat-twettiq tal-mandat tas-servizz pubbliku kif konferit, definit u organizzat minn kull Stat Membru, u safejn dan il-finanzjament ma jolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni tant li jkollu effett kuntrarju għall-interess komuni, filwaqt li t-twettiq tal-mandat ta' dak is-servizz pubbliku għandu jittieħed in konsiderazzjoni.

# 28. PROTOKOLL
# DWAR L-ARTIKOLU III-214 TAL-KOSTITUZZJONI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FTEHMU dwar id-disposizzjoni li ġejja, li għandha tiġi annessa mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

## ARTIKOLU UNIKU

Għall-fini ta' l-Artikolu III-214 tal-Kostituzzjoni, l-benefiċċji taħt skemi ta' sigurtà soċjali in konnessjoni max-xogħol, ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala remunerazzjoni jekk u sakemm jistgħu jiġu attribwiti għal perijodi ta' xogħol li ġew qabel is-17 ta' Mejju 1990, ħlief fil-każ ta' ħaddiema jew ta' dawk li jagħmlu talba taħthom u li qabel dik id-data jkunu bdew proċeduri legali jew introduċew talba ekwivalenti taħt il-liġi nazzjonali li tkun tapplika.

# 29. PROTOKOLL
# DWAR IL-KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU illi l-Artikolu I-3 tal-Kostituzzjoni jinkludi l-mira li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri jkunu promossi u li din il-koeżjoni tidher fost l-oqsma ta' kompetenza kondiviża ta' l-Unjoni elenkati fl-Artikolu I-14(2)(ċ) tal-Kostituzzjoni;

FILWAQT LI JFAKKRU li d-disposizzjonijiet tas-Sezzjoni 3, il-Parti III, t-Titolu III, l-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni, dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali meħuda flimkien jipprovdu l-bażi ġuridika għall-konsolidizzazjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni f'dan il-qasam, u b'mod partikolari l-ħolqien ta' fond;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-Artikolu III-223 tal-Kostituzzjoni jipprevedi l-istabbiliment ta' Fond ta' Koeżjoni;

FILWAQT LI JINNOTAW illi l-Bank ta' l-Investiment Ewropew qiegħed jislef ammonti kbar u li dejjem qed jiżdiedu, għall-ġid ta' l-ifqar reġjuni;

FILWAQT LI JINNOTAW ix-xewqa għal aktar flessibilità fl-arranġamenti għall-allokazzjonijiet mill-Fondi Strutturali;

FILWAQT LI JINNOTAW ix-xewqa għall-modulazzjoni tal-livelli ta' parteċipazzjoni ta' l-Unjoni fi programmi u proġetti f'ċerti Stati Membri;

FILWAQT LI JINNOTAW il-proposta li tittieħed aktar konsiderazzjoni tal-prosperità relattiva ta' l-Istati Membri fis-sistema tar-riżorsi proprji,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabblixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

1. L-Istati Membri jaffermaw mill-ġdid li l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hija vitali għall-iżvilupp sħiħ u s-suċċess dejjiemi ta' l-Unjoni.

2. L-Istati Membri jaffermaw mill-ġdid il-konvinzjoni tagħhom illi l-Fondi Strutturali għandhom ikomplu jkollhom parti konsiderevoli biex jintlaħqu l-miri ta' l-Unjoni fil-qasam tal-koeżjoni.

3. L-Istati Membri jaffermaw mill-ġdid il-konvinzjoni tagħhom illi l-Bank ta' l-Investiment Ewropew għandu jkompli jiddedika l-maġġoranza tar-riżorsi tiegħu għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jiddikjaraw li huma disposta li jirrevedu l-bżonnijiet kapitali tal-Bank ta' l-Investiment Ewropew malli dan ikun neċessarju għal dak l-iskop.

4. L-Istati Membri jaqblu li l-Fond ta' Koeżjoni għandu jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-Unjoni għal proġetti fil-qasam tal-ambjent u r-rettikolati trans-Ewropej fl-Istati Membri b'PGN per capita ta' anqas minn 90% tal-medja ta' l-Unjoni u li għandhom programm li jwassal għat-twettiq tal-kondizzjoniet ta' konverġenza ekonomika kif stabbiliti fl-Artikolu III-184 tal-Kostituzzjoni.

5. L-Istati Membri jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jħallu marġni ta' flessibilità akbar fl-allokazzjoni ta' finanzi mill-Fondi Strutturali għall-bżonnijiet speċifici mhux koperti mir-regolomenti tal-Fondi Strutturali viġenti.

6. L-Istati Membri jiddikjaraw li huma disposti li jimmodulaw il-livelli ta' parteċipazzjoni ta' l-Unjoni fil-kuntest ta' programmi u proġetti tal-Fondi Strutturali, bil-ħsieb li jevitaw żidiet eċċessivi fin-nefqa tal-*budget* fl-Istati Membri l-anqas sinjuri.

7. L-Istati Membri jirrikonoxxu l-bżonn li l-progress lejn il-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali jiġi segwit regolarment, u jiddikjaraw id-disponibilità tagħhom li jeżaminaw il-miżuri kollha neċessarji f'dan ir-rigward.

8. L-Istati Membri jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jagħtu aktar każ tal-kapaċità kontributtiva ta' l-Istati Membri individwali fis-sistema tar-riżorsi proprji u li jeżaminaw mezzi biex jikkoreġu, għall-Istati Memebri l-inqas sinjuri, l-elementi rigressivi li jeżistu fis-sistema preżenti tar-riżorsi proprji;

# 30. PROTOKOLL

# DWAR ARRANĠAMENTI SPEĊJALI GĦALL-GROENLANDJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU UNIKU

1. It-trattament ta' prodotti impurtati fl-Unjoni u li huma soġġetti għall-organizzazzjoni komuni tas-suq tas-sajd u li jiġu mill-Groenlandja, għandu, waqt li jħares il-mekkaniżmi tal-organizzazzjoni tas-suq komuni, jinvolvi eżenzjoni mid-dazji doganali u piżijiet li għandhom effett ekwivalenti u n-nuqqas ta' restrizzjonijiet kwantitativi jew ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti jekk il-possibilitajiet għall-aċċess għal żoni tas-sajd tal-Groenlandja moghtija lill-Unjoni skond ftehim bejn l-Unjoni u l-awtorità responsabbli għall-Groenlandja jissodisfaw lill-Unjoni.

2. Il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-arranġamenti ta' importazzjoni tal-prodotti previsti fil-paragrafu (1) għandhom jiġu adottati skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu III-231 tal-Kostituzzjoni.

# 31. PROTOKOLL

# DWAR L-ARTIKOLU 40.3.3 TAL-KOSTITUZZJONI TA' L-IRLANDA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA

FTEHMU dwar id-disposizzjoni li ġejja, li għandha tkun annessa mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

## ARTIKOLU UNIKU

Xejn fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, jew fit-Trattati jew l-Atti li jimmodifikawh jew jissupplementawh m'għandu jolqot l-applikazzjoni fl-Irlanda ta' l-Artikolu 40.3.3 tal-Kostituzzjoni ta' l-Irlanda.

# 32. PROTOKOLL

# RIGWARD L-ARTIKOLU I-9 (2) TAL-KOSTITUZZJONI

# DWAR L-ADEŻJONI TA' L-UNJONI GĦAL-KONVENZJONI EWROPEA GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U TAL-LIBERTAJIET FUNDAMENTALI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GHOLJA,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

Il-ftehim dwar l-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni Ewropea"), prevista fl-Artikolu I-9(2) tal-Kostituzzjoni, għandu jirrifletti n-neċessità li jiġu preservati l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-Unjoni u tad-dritt ta' l-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta':

a) l-arranġamenti speċifiċi għall-parteċipazzjoni possibbli ta' l-Unjoni fil-korpi ta' kontroll tal-Konvenzjoni Ewropea;

b) il-mekkaniżmi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-proċedimenti minn Stati mhux Membri u applikazzjonijiet individwali jkunu ndirizzati lil Stati Membri u/jew l-Unjoni skond il-każ.

ARTIKOLU 2

Il-ftehim previst fl-Artikolu 1 għandu jiżgura li l-adeżjoni ta' l-Unjoni ma għandhiex tolqot il-kompetenzi tagħha u l-poteri ta' l-istituzzonijiet tagħha. Għandu jiżgura li xejn fih ma jolqot s-sitwazzjoni partikolari ta' Stati Membri fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea, b'mod partikulari fir-rigward tal-Protokolli tagħha, miżuri meħuda minn Stati Membri li jidderogaw mill-Konvenzjoni Ewropea, skond l-Artikolu 15 tagħha u r-riservi għall-Konvenzjoni Ewropea magħmula minn Stati Membri skond l-Artikolu 57 tagħha.

# ARTIKOLU 3

Xejn fil-ftehim previst fl-Artikolu 1 ma għandu jolqot l-Artikolu III-375(2) tal-Kostituzzjoni.

# 33. PROTOKOLL

# DWAR L-ATTI U T-TRATTATI LI SSUPPLIMENTAW JEW EMENDAW IT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EWROPEA U T-TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BILLI l-Artikolu IV-437(1) tal-Kostituzzjoni jħassar t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-atti u t-trattati li ssupplimentawhom jew emendawhom;

BILLI għandha tiġi mħejjija lista ta' l-atti u t-trattati previsti fl-Artikolu IV-437(1);

BILLI s-sustanza ta' l-Artikolu 9(7) tat-Trattat ta' Amsterdam għandha tiġi inkorporata;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni ta' rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali għandu jibqa' fis-seħħ,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

ARTIKOLU 1

1. L-Atti u t-Trattati li ġejjin li ssupplimentaw jew emendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea huma hawnhekk imħassra:

a) il-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda (ĠU L 152, 13.7.1967, p. 13);

b) it-Trattat tat-22 ta' April 1970 li jemenda ċerti disposizzjonijiet dwar il-*budget* tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 2, 2.1.1971, p. 1);

ċ) it-Trattat tat-22 ta' Lulju 1975 li jemenda ċerti disposizzjonijiet finanzjarji tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 359, 31.12.1977, p. 4);

d) it-Trattat ta' l-10 ta' Lulju 1975 li jemenda ċerti disposizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment (ĠU L 91, 6.4.1978, p. 1);

e) it-Trattat tat-13 ta' Marzu 1984 li jemenda, fir-rigward tal-Groenlandja, t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 29, 1.2.1985, p. 1);

f) l-Att Uniku Ewropew tas-17 ta' Frar 1986 u tat-28 ta' Frar 1986 (ĠU L 169, 29.6.1987, p. 1);

g) l-Att tal-25 ta' Marzu 1993 li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, li jagħti s-setgħa lill-Bord tal-Gvernaturi li jistabbilixxi Fond Ewropew ta' l-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p.14);

h) id-Deċiżjoni 2003/223/KE tal-Kunsill, f'laqgħa ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-21 ta' Marzu 2003 dwar emenda għall-Artikolu 10.2 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 83, 1.4.2003, p.66).

2. It-Trattat ta' Amsterdam tat-2 ta' Ottubru 1997 li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti li għandhom x'jaqsmu, qed jiġi b'dan imħassar (ĠU C 340, 10.11.1997, p.1).

3. It-Trattat ta' Nizza tas-26 ta' Frar 2001 li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u ċerti atti li għandhom x'jaqsmu qed jiġi b'dan imħassar (ĠU C 80, 10.3.2001, p.1).

ARTIKOLU 2

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-432 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 189 tat-Trattat li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, r-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom, bi ftehim komuni, jadottaw id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jittrattaw ċerti problemi li huma partikolari għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu u derivanti mill-ħolqien ta' Kunsill Uniku u Kummissjoni Unika tal-Komunitajiet Ewropej.

2. L-Att dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1), kif ikun meta jidħol fis-seħħ it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandu jibqa' fis-seħħ. Sabiex jiġi allinjat mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, dan l-Att qed jiġi b'dan emendat kif ġej:

a) L-Artikolu 1(3) għandu jitħassar;

b) Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5(1), il-kelmiet "id-disposizzjonijiet" għandhom jiġu mħassra;

ċ) Fl-Artikolu 6(2), il-kelmiet "tat-8 ta' April 1965" għandhom jiġu mħassra; u l-kelmiet "Komunitajiet Ewropej" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "Unjoni Ewropea";

d) Fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-kelmiet "Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "Kummissjoni Ewropea";

e) Fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-frażi "Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-Qorti ta' Prim' Istanza" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea";

f) Fil-ħames inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-kelmiet "Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "Qorti ta' l-Awdituri";

g) Fis-sitt inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-kelmiet "Ombudsman tal-Komunitajiet Ewropej" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "Ombudsman Ewropew";

h) Fis-seba' inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-frażi "tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "ta' l-Unjoni Ewropea";

i) Fid-disa' inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-frażi "skond it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika" għandha tiġi sostitwita bil-frażi "skond it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika"; u l-kelmiet "tal-Komunitajiet" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "ta' l-Unjoni";

j) Fil-ħdax-il inċiż ta' l-Artikolu 7(1), il-frażi "istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-korpi speċjalizzati annessi magħhom jew tal-Bank Ċentrali Ewropew" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni Ewropea";

k) L-inċiżi ta' l-Artikolu 7(1) għandhom isiru l-punti (a) sa (k) rispettivament;

l) L-inċiżi tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(2) għandhom isiru l-punti (a) u (b) rispettivament;

m) Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(2), il-kelma "Komunità" għandha tiġi sostitwita bi "Unjoni"; il-kelma "jiddetermina" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina"; u l-kelmiet "subparagrafu preċedenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "l-ewwel subparagrafu";

n) Fl-Artikolu 11(3), il-kelmiet "mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 139 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-336 tal-Kostituzzjoni";

o) Fl-Artikolu 14, il-kelma "proposta" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "inizjattiva"; u l-frażi "jadotta tali miżuri" għandha tiġi sostitwita bil-frażi "jadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa".

# 34. PROTOKOLL
# DWAR ID-DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI RIGWARD L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI TA' L-UNJONI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BILLI, sabiex tiġi organizzata t-transizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa li hija s-suċċessur tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet transitorji li għandhom japplikaw qabel id-disposizzjonijiet kollha tal-Kostituzzjoni u l-istrumenti meħtieġa għall-implementazzjoni tagħhom ikollhom effett sħiħ,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

## TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-PARLAMENT EWROPEW

### ARTIKOLU 1

1. Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu I-20(2) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill Ewropew għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina l-komposizzjoni tal-Parlament Ewropew minn żmien kmieni biżżejjed qabel l-elezzjonijiet parlamentari Ewropej ta' l-2009.

2. Matul il-leġislatura parlamentari 2004-2009, il-komposizzjoni u n-numru ta' rappreżentanti eletti fil-Parlament Ewropew f'kull Stat Membru għandhom jibqgħu l-istess kif ikunu fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, bin-numru ta' rappreżentanti jkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| il-Belġju | 24 |
| ir-Repubblika Ċeka | 24 |
| id-Danimarka | 14 |
| il-Ġermanja | 99 |
| l-Estonja | 6 |
| il-Greċja | 24 |
| Spanja | 54 |
| Franza | 78 |
| l-Irlanda | 13 |
| l-Italja | 78 |
| Ċipru | 6 |
| il-Latvja | 9 |
| il-Litwanja | 13 |
| il-Lussemburgu | 6 |
| l-Ungerija | 24 |
| Malta | 5 |
| l-Olanda | 27 |
| l-Awstrija | 18 |
| il-Polonja | 54 |
| il-Portugall | 24 |
| is-Slovenja | 7 |
| is-Slovakkja | 14 |
| il-Finlandja | 14 |
| l-Isvezja | 19 |
| ir-Renju Unit | 78 |

# TITOLU II

# DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

## ARTIKOLU 2

1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu I-25(1)(2) u (3) tal-Kostituzzjoni dwar id-definizzjoni tal-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandu jkollhom effett mill-1 ta' Novembru 2009, wara li l-elezzjonijiet ta' l-2009 tal-Parlament Ewropew isiru skond l-Artikolu I-20(2) tal-Kostituzzjoni.

2. Id-disposizzjonijiet li ġejjin jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Ottubru 2009, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-25(4) tal-Kostituzzjoni.

Fejn il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jaġixxu b'maġġoranza kwalifikata, l-voti tal-membri għandhom jitqiesu li għandhom piż skond kif ġej:

| | |
|---|---|
| il-Belġju | 12 |
| ir-Repubblika Ċeka | 12 |
| id-Danimarka | 7 |
| il-Ġermanja | 29 |
| l-Estonja | 4 |
| il-Greċja | 12 |
| Spanja | 27 |
| Franza | 29 |
| l-Irlanda | 7 |
| l-Italja | 29 |
| Ċipru | 4 |
| il-Latvja | 4 |
| il-Litwanja | 7 |
| Lussemburgu | 4 |
| l-Ungerija | 12 |
| Malta | 3 |
| l-Olanda | 13 |
| l-Awstrija | 10 |
| il-Polonja | 27 |
| il-Portugall | 12 |
| is-Slovenja | 4 |
| is-Slovakkja | 7 |
| il-Finlandja | 7 |
| l-Isvezja | 10 |
| ir-Renju Unit | 29 |

L-atti għandhom jiġu adottati jekk ikun hemm mill-inqas 232 voti favur li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-membri meta, skond il-Kostituzzjoni, għandhom jiġu adottati fuq proposta tal-Kummissjoni. F'każijiet oħra d-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati jekk ikun hemm mill-inqas 232 voti favur li jirrappreżentaw mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri.

Membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill jista' jitlob li, fejn att huwa adottat mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, issir verifika jekk l-Istati Membri li jiffurmaw din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentawx mill-inqas 62% tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni. Jekk jinstab li dan ma jkunx il-każ, l-att m'għandux ikun adottat.

3. F'kull adeżjoni suċċessiva, l-livell previst fil-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkolat b'mod illi l-livell tal-maġġoranza kwalifikata espress f'voti ma jeċċedix dak li jirriżulta mit-tabella li tidher fid-Dikjarazzjoni dwar it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-Att Finali tal-Konferenza li adottat it-Trattat ta' Nizza.

4. Id-disposizzjonijiet li ġejjin rigward id-definizzjoni tal-maġġoranza kwalifikata għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2009:

- l-Artikolu I-44(3), it-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu I-59(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu I-60(4), it-tieni subparagrafu, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-179(4), it-tielet u r-raba' subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-184(6), it-tielet u r-raba subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-184(7), it-tielet u r-raba subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-194(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-196(3), it-tieni u t-tielet subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-197(4), it-tieni u t-tielet subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-198(2), it-tielet subparagrafu, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-312(3), it-tielet u r-raba' subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu III-312(4), it-tielet u r-raba' subparagrafi, tal-Kostituzzjoni;

- l-Artikolu 1, it-tieni, t-tielet u raba' subparagrafi, u l-Artikolu 3(1), it-tieni, t-tielet u r-raba' subparagrafi, tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda dwar politika rigward kontrolli fuq fruntieri, asil u immigrazzjoni u rigward koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u l-koperazzjoni tal-pulizija;

- l-Artikolu 1, it-tieni, t-tielet u r-raba' subparagrafi, u l-Artikolu 5, it-tielet, r-raba' u l-ħames subparagrafi tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka.

Sa l-31 ta' Ottubru 2009, f'każijiet fejn mhux il-membri kollha tal-Kunsill jipparteċipaw fil-vot, jiġifieri fil-każijiet previsti fl-Artikoli indikati fl-ewwel subparagrafu, l-maġġoranza kwalifikata għandha tkun imfissra bħala li hija l-istess proporzjoni tal-voti peżati u l-istess proporzjoni tan-numru tal-membri tal-Kunsill u, jekk ikun xieraq, l-istess perċentwali tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri kkonċernati kif stipulat fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 3

Sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni Ewropea prevista fl-Artikolu I-24(4) tal-Kostituzzjoni, l-Kunsill jista' jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet stipulati fl-Artikolu I-24(2) u (3), u fil-konfigurazzjonijiet l-oħrajn fuq il-lista stabbilita b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali, b'maġġoranza sempliċi.

TITOLU III

DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IL-KUMMISSJONI
INKLUŻ IL-MINISTRU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN TA' L-UNJONI

ARTIKOLU 4

Il-Membri tal-Kummissjoni fil-kariga fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandhom jibqgħu fil-kariga sat-tmiem tal-mandat tagħhom. Madankollu, fil-jum tal-ħatra tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, l-mandat tal-membru li jkollu l-istess nazzjonalità bħall-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jintemm.

# TITOLU IV

# DISPOSIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IS-SEGRETARJU-ĠENERALI TAL-KUNSILL, RAPPREŻENTANT GĦOLI GĦALL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI U D-DEPUTAT SEGRETARJU-ĠENERALI TAL-KUNSILL

## ARTIKOLU 5

Il-mandati tas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, Rappreżentant Għoli għall-politika estera u ta' sigurtà komuni u d-Deputat Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill għandhom jintemmu fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. Il-Kunsill għandu jaħtar Segretarju-Ġenerali skond l-Artikolu III-344(2) tal-Kostituzzjoni.

TITOLU V

DISPOSIZZJONIJIET DWAR KORPI KONSULTATTIVI

ARTIKOLU 6

Sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni Ewropea prevista fl-Artikolu III-386 tal-Kostituzzjoni, l-allokazzjoni tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għandha tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| il-Belġju | 12 |
| ir-Repubblika Ċeka | 12 |
| id-Danimarka | 9 |
| il-Ġermanja | 24 |
| l-Estonja | 7 |
| il-Greċja | 12 |
| Spanja | 21 |
| Franza | 24 |
| l-Irlanda | 9 |
| l-Italja | 24 |
| Ċipru | 6 |
| il-Latvja | 7 |
| il-Litwanja | 9 |
| Lussemburgu | 6 |
| l-Ungerija | 12 |
| Malta | 5 |
| l-Olanda | 12 |
| l-Awstrija | 12 |

| | |
|---|---|
| il-Polonja | 21 |
| il-Portugall | 12 |
| is-Slovenja | 7 |
| is-Slovakkja | 9 |
| il-Finlandja | 9 |
| l-Isvezja | 12 |
| ir-Renju Unit | 24 |

ARTIKOLU 7

Sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni Ewropea prevista fl-Artikolu III-389 tal-Kostituzzjoni, l-allokazzjoni tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandha tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| il-Belġju | 12 |
| ir-Repubblika Ċeka | 12 |
| id-Danimarka | 9 |
| il-Ġermanja | 24 |
| l-Estonja | 7 |
| il-Greċja | 12 |
| Spanja | 21 |
| Franza | 24 |
| l-Irlanda | 9 |
| l-Italja | 24 |
| Ċipru | 6 |
| il-Latvja | 7 |
| il-Litwanja | 9 |

| | |
|---|---|
| Lussemburgu | 6 |
| l-Ungerija | 12 |
| Malta | 5 |
| l-Olanda | 12 |
| l-Awstrija | 12 |
| il-Polonja | 21 |
| il-Portugall | 12 |
| is-Slovenja | 7 |
| is-Slovakkja | 9 |
| il-Finlandja | 9 |
| l-Isvezja | 12 |
| ir-Renju Unit | 24 |

# 35. PROTOKOLL
# DWAR IL-KONSEGWENZI FINANZJARJI TA' L-ISKADENZA TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR U DWAR IL-FOND GĦAR-RIĊERKA DWAR il-FAĦAM U L-AZZAR

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU illi l-attiv u l-passiv kollu tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kif kien jeżisti fit-23 ta' Lulju 2002, kien ingħadda lill-Komunità Ewropea fl-24 ta' Lulju 2002;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW x-xewqa li jużaw dawn il-fondi għar-riċerka f'setturi li għandhom x'jaqsmu ma' l-industrija tal-faħam u l-azzar u, għalhekk, il-ħtieġa li jipprovdu ċerti regoli speċifiċi f'dan ir-rigward,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

ARTIKOLU 1

1. Il-valur nett ta' l-attiv u l-passiv tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, kif jidher fil-*balance sheet* tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar tat-23 ta' Lulju 2002, suġġetti għal kull awment jew tnaqqis konsegwenti għall-operazzjoni ta' stralċ, għandu jkun kunsidrat bħala patrimonju ta' l-Unjoni destinat għar-riċerka fis-setturi konnessi ma' l-industrija tal-faħam u l-azzar, imsejjħa "l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fi stralċ". Meta jintemm l-istralċ il-patrimonju għandu jissejjaħ "Patrimonju tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar".

2. Id-dħul minn dan il-patrimonju msejjaħ "Fond għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar", għandu jiġi utilizzat esklużivament għar-riċerka f'setturi konnessi ma' l-industrija tal-faħam u ta' l-azzar 'il barra mill-programm kwadru ta' riċerka, skond dan il-Protokoll u l-atti adottati abbażi tiegħu.

ARTIKOLU 2

1. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, inklużi l-prinċipji essenzjali. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu linji gwida finanzjarji pluriannwali għall-amministrazzjoni tal-patrimonju tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u linji gwida tekniċi għall-programm ta' riċerka tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU 3

Ħlief kif provdut mod ieħor f'dan il-Protokoll u fl-atti adottati skond dan, għandha tapplika l-Kostituzzjoni.

# 36. PROTOKOLL
# LI JEMENDA T-TRATTAT LI JISTABBILIXXI
# L-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JFAKKRU l-ħtieġa li d-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika għandhom ikomplu jkollhom effett ġuridiku sħiħ;

BIX-XEWQA li jaddattaw dak it-Trattat għar-regoli ġodda stabbiliti bit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, b'mod partikolari fl-oqsma istituzzjonali u finanzjarji,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u li jemendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika kif ġej:

## ARTIKOLU 1

Dan il-Protokoll għandu jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat tal-KEEA"), fil-verżjoni tiegħu li jkun fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Minkejja l-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu IV-437 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll, l-effetti ġuridiċi ta' l-emendi magħmula lit-Trattat tal-KEEA mit-trattati u l-atti imħassra skond l-Artikolu IV-437 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għal Ewropa, u l-effetti ġuridiċi ta' l-atti li huma fis-seħħ adottati fuq il-bażi tat-Trattat tal-KEEA, m'għandhomx ikunu milquta.

ARTIKOLU 2

L-intestatura tat-Titolu III "Disposizzjonijiet Istituzzjonali" tat-Trattat tal-KEEA għandha tiġi sostitwita bi: "Disposizzjonijiet istituzzjonali u finanzjarji".

ARTIKOLU 3

Il-kapitolu ġdid li ġej għandu jiddaħħal fil-bidu tat-Titolu III tat-Trattat tal-KEEA:

"KAPITOLU 1

APPLIKAZZJONI TA' ĊERTI DISPOSIZZJONIJIET TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA

ARTIKOLU 106a

1. L-Artikoli I-19 sa I-29, l-Artikoli I-31 sa I-39, l-Artikoli I-49 u I-50, l-Artikoli I-53 sa I-56, l-Artikoli I-58 u I-60, l-Artikoli III-330 sa III-372, l-Artikoli III-374 u III-375, l-Artikoli III-378 sa III-381, l-Artikoli III-384 u III-385, l-Artikoli III-389 sa III-392, l-Artikoli III-395 sa III-410, l-Artikoli III-412 sa III-415 u l-Artikoli III-427, III-433, IV-439 u IV-443 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandhom japplikaw għal dan it-Trattat.

2. Fil-kwadru ta' dan it-Trattat, ir-referenzi għall-Unjoni u għall-Kostituzzjoni fid-disposizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 u dawk fil-protokolli annessi kemm mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u ma' dan it-Trattat għandhom jiġu kkunsidrati, rispettivament, bħala referenzi għall-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u għal dan it-Trattat.

3. Id-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa m'għandhomx jidderogaw mid-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat."

ARTIKOLU 4

Il-Kapitoli I, II u III ta' Titolu III tat-Trattat tal-KEEA għandhom isiru II, III u IV.

ARTIKOLU 5

1. L-Artikolu 3, l-Artikoli 107 sa 132, l-Artikoli 136 sa 143, l-Artikoli 146 sa 156, l-Artikoli 158 sa 163, l-Artikoli 165 sa 170, l-Artikoli 173, 173A u 175, l-Artikoli 177 sa 179a, u l-Artikoli 180b u 181, l-Artikoli 183, 183A, 190 u 204 tat-Trattat tal-KEEA huma mħassra.

2. Il-Protokolli li qabel kienu annessi mat-Trattat tal-KEEA huma mħassra.

ARTIKOLU 6

L-intestatura tat-Titolu IV tat-Trattat tal-KEEA "Disposizzjonijiet Finanzjarji" għandha tiġi sostitwita bl-intestatwa, "Disposizzjonijiet finanzjarji speċifiċi".

## ARTIKOLU 7

1. Fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 38 u fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KEEA ir-referenzi għall-Artikoli 141 u 142 għandhom jiġu sostitwiti rispettivament b'dawk għall-Artikoli III-360 u III-361 rispettivament tal-Kostituzzjoni.

2. Fl-Artikolu 171(2) u fl-Artikolu 176(3) tat-Trattat tal-KEEA ir-referenza għall-Artikolu 183 għandha tiġi sostitwita b'dik għall-Artikolu III-412 tal-Kostituzzjoni.

3. Fl-Artikolu 172(4) tat-Trattat tal-KEEA ir-referenza għall-Artikolu 177(5) għandha tiġi sostitwita b'dik għall-Artikolu III-404 tal-Kostituzzjoni.

4. Fl-Artikoli 38, 82, 96 u 98 tat-Trattat tal-KEEA l-kelma "direttiva" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "Regolament Ewropew".

5. Fit-Trattat tal-KEEA l-kelma "deċiżjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "deċiżjoni Ewropea", minbarra fl-Artikoli 18, 20 u 23, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 53, kif ukoll fil-każ fejn id-deċiżjoni hija meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.

6. Fit-Trattat tal-KEEA, l-kelmiet "Qorti tal-Ġustizzja" għandha tiġi sostitwita bil-kelmiet "Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea".

ARTIKOLU 8

L-Artikolu 191 tat-Trattat tal-KEEA għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 191

Il-Komunità għandha tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tagħha, taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fil-Protokoll dwar il-privileġgi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea".

ARTIKOLU 9

L-Artikolu 198 tat-Trattat tal-KEEA għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"ARTIKOLU 198

Ħlief kif provdut xort'oħra, d-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat għandhom japplikaw għat-territorji Ewropej ta' l-Istati Membri u għat-territorji mhux Ewropej taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

Għandhom japplikaw ukoll għat-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru.

Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat għandhom japplikaw għall-Gżejjer Åland bid-derogi li kienu stabbiliti oriġinarjament fit-Trattat li hemm referenza għalih fl-Artikolu IV-437(2)(d) tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u li kienu inkorporati fil-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja.

Minkejja l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi:

a) dan it-Trattat m'għandu japplika la għall-Gżejjer Faroe u lanqas għall-Groenlandja;

b) dan it-Trattat m'għandux japplika għaż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru;

ċ) Dan it-Trattat m'għandux japplika għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq li ma jissemmewx fil-lista fl-Anness II tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għal Ewropa;

d) Dan it-Trattat għandu japplika għaċ-*Channel Islands* u l-*Isle of Man* biss safejn hu meħtieġ biex jiżgura l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għal dawk il-gżejjer oriġinarjament stabbiliti fit-Trattat previst fl-Artikolu IV-437(2)(a) tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u li kien inkorporat fil-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Repubblika ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja."

ARTIKOLU 10

L-Artikolu 206 tat-Trattat tal-KEEA għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"ARTIKOLU 206

Il-Komunità tista' tikkonkludi ma' Stat wieħed jew iktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali ftehim li jistabbilixxu assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproki, azzjoni komuni u proċeduri speċjali.

Dawn il-ftehim għandhom ikunu konklużi mill-Kunsill , li jaġixxi unaniment wara konsultazzjoni mall-Parlament Ewropew.

Fejn tali ftehim jirrikjedu emendi għal dan it-Trattat, dawn l-emendi għandhom l-ewwel ikunu adottati skond il-proċedura imniżżla fl-Artikolu IV-443 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għal-Ewropa."

ARTIKOLU 11

Fl-Artikolu 225 tat-Trattat tal-KEEA, t-tieni paragrafu għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"Il-verżjonijiet tat-Trattat bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, u Svediża għandhom ikunu wkoll awtentiċi."

ARTIKOLU 12

Id-dħul u l-ispiża tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, bl-eċċezzjoni ta' dawk ta' l-Aġenzija Fornitriċi u l-impriżi konġunti, għandhom jiddaħħlu fil-*budget* ta' l-Unjoni."

# ANNESSI
# GħAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI
# KOSTITUZZJONI GHALL-EWROPA

# ANNESS I

## LISTA PREVISTA
## FL-ARTIKOLU III-226 TAL-KOSTITUZZJONI

| – 1 –<br>Numru skond<br>in-nomenklatura maqgħuda | – 2 –<br>Deskrizzjoni tal-Prodotti |
|---|---|
| KAPITOLU 1 | Annimali ħajjin |
| KAPITOLU 2 | Laħam u skart tal-laħam tajjeb għall-ikel |
| KAPITOLU 3 | Ħut, krustaċej u molluski |
| KAPITOLU 4 | Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali |
| KAPITOLU 5 | |
| 05.04 | Imsaren, bżieżaq ta' l-awrina u stonkijiet ta' annimali (apparti ħut), sħaħ u biċċiet minnhom |
| 05.15 | Prodotti minn annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejta tal-Kapitolu 1 jew tal-Kapitolu 3, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem |

| – 1 –<br>Numru skond<br>in-nomenklatura<br>maqgħuda | – 2 –<br>Deskrizzjoni tal-Prodotti |
|---|---|
| KAPITOLU 6 | Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u simili; fjuri maqtugħa u weraq ornamentali |
| KAPITOLU 7 | Ħxejjex u ċerti għeruq u tuberi ta' l-ikel |
| KAPITOLU 8 | Frott u ġewż ta' l-ikel; qxur tal-bettieħ jew ta' frott taċ-ċitru |
| KAPITOLU 9 | Kafé, té u ħwawar, apparti *mat*é (intestatura Nru 09.03) |
| KAPITOLU 10 | Ċereali |
| KAPITOLU 11 | Prodotti ta' l-industrija tat-titħin; xgħir u lamti; glutena; inulina |
| KAPITOLU 12 | Żrieragħ u frott żejtnin; qmuħ mixxellanji, żrieragħ u frott; pjanti industrijali u mediċinali; tiben u għalf |
| KAPITOLU 13 | |
| ex 13.03 | Pektin |

| – 1 –<br>Numru skond<br>in-nomenklatura<br>maqgħuda | – 2 –<br>Deskrizzjoni tal-Prodotti |
|---|---|
| KAPITOLU 15 | |
| 15.01 | Xaħam proċessat u xaħam proċessat ieħor estratt mill-majjal; xaħam proċessat estratt tat-tjur |
| 15.02 | Xaħam tal-baqar, nagħaġ u mogħoż mhux estratt bi proċess; *tallow* (inkluż *premier jus*) prodott minn dawk ix-xaħmijiet |
| 15.03 | *Lard stearin, oleostarin* u *tallow stearin*; żejt tax-xaħam, *oleo-oil* u *tallow oil*, mhux emulsjonat jew imħallat jew preparat bi kwalunkwe mod |
| 15.04 | Xaħmijiet u żjut, ta' ħut u mammiferi tal-baħar, kemm jekk raffinati jew le |
| 15.07 | Żjut veġetali fissi, fluidi jew solidi, nejjin, raffinati jew purifikati |
| 15.12 | Xaħmijiet jew żjut ta' annimali u ħxejjex, *hydrogenated*, kemm jekk raffinati jew mhux raffinati, iżda mhux preparati aktar |
| 15.13 | Marġerina, imitazzjonijiet ta' xaħam u grassi ta' l-ikel oħrajn |
| 15.17 | Residwi ta' trattamenti ta' sustanzi mxaħħmin jew xama' prodotta minn annimali jew ħxejjex |

| – 1 –<br>Numru skond in-nomenklatura maqgħuda | – 2 –<br>Deskrizzjoni tal-Prodotti |
|---|---|
| KAPITOLU 16 | Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut, ta' krustaċej jew molluski |
| KAPITOLU 17 | |
| 17.01 | Zokkor tal-pitravi u zokkor tal-kannamieli, solidu |
| 17.02 | Tipi oħrajn ta' zokkor; xiroppi taz-zokkor; għasel artifiċjali (kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kemm jekk le); karamell |
| 17.03 | Melassa (għasel iswed), kemm jekk dekolorat u anki jekk le |
| 17.05 (*) | Zokkor, xiroppi u melassa (għasel iswed) aromatizzati jew kolorati, iżda mhux inklużi sugi ta' frott li fihom zokkor miżjud fi kwalunkwe proporzjon |
| KAPITOLU 18 | |
| 18.01 | Żerriegħa tal-kawkaw, sħiħ jew imfarrak, nej jew inkaljat |
| 18.02 | Qxur, fosdoq, ħliefa u skart tal-kawkaw |

| – 1 –<br>Numru skond in-nomenklatura maqgħuda | – 2 –<br>Deskrizzjoni tal-Prodotti |
|---|---|
| KAPITOLU 20 | Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott jew partijiet oħra ta' pjanti |
| KAPITOLU 22 | |
| 22.04 | Most ta' l-għeneb, fi stat ta' fermentazzjoni jew bil-fermentazzjoni mwaqqfa b'mezz ieħor milli biż-żieda ta' l-alkoħol |
| 22.05 | Inbid ta' l-għenba; most ta' l-għeneb bil-fermentazzjoni mwaqqfa biż-żieda ta' l-alkoħol |
| 22.07 | Xorb ieħor iffermentat (per eżempju, sidru, *perry* u *mead)* |
| ex 22.08 (*)<br>ex 22.09 (*) | Alkoħol ethyl jew spiriti newtrali, kemm jekk żnaturati jew le, ta' kwalunkwe qawwa, miskub minn prodotti agrikol elenkati f'dan l-Anness, minbarra likori u xorb spirituż ieħor u preparazzjonijiet alkoħoliċi komposti (magħrufa bħala 'estratti kkoncentrati') għall-manifattura ta' xorb |
| ex 22.10 (*) | Ħall u sostituti għal ħall |

| – 1 –<br>Numru skond in-nomenklatura maqgħuda | – 2 –<br>Deskrizzjoni tal-Prodotti |
|---|---|
| KAPITOLU 23 | Residwi u skart mill-industrija ta' l-ikel; għalf preparat għall-annimali |
| KAPITOLU 24 | |
| 24.01 | Tabakk mhux maħdum; skart tat-tabakk |
| KAPITOLU 45 | |
| 45.01 | Sufra naturali, mhux maħduma, imfarrka, granulata jew mitħuna; skart ta' sufra |
| KAPITOLU 54 | |
| 54.01 | *Flax*, nej jew proċessat iżda mhux maħdum; tilqit u skart ta' *flax* (inklużi biċċiet imġebbda |
| KAPITOLU 57 | |
| 57.01 | Qanneb *(Cannabis sativa)*, nej jew proċessat iżda mhux maħdum; fibri mwarrba u skart (inklużi biċċiet imġebbda jew ħbula) |

---

(*) Intestatura miżjuda bl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru. 7a tal-Kunsill tal-Komunità Ekonomika Ewropea tas-18 ta' Diċembru 1959 (ĠU 7, 30.1.1962, p. 71/61).

ANNESS II

# PAJJIZI U TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ
# LI GHALIHOM JAPPLIKA
# T-TITOLU IV TAL-PARTI III TAL-KOSTITUZZJONI

- Il-Groenlandja,
- Il-Kaledonja l-Ġdida u d-Dipendenzi tagħha,
- Il-Polineżja Franċiża,
- It-Territorji Franċiżi tan-Nofs-in-Nhar u Antartiċi,
- Il-Gżejjer Wallis u Futuna,
- Mayotte,
- Saint Pierre u Miquelon,
- Aruba,
- L-Antilles Olandiżi:
  - Bonaire,
  - Curacao,
  - Saba,
  - Sint-Eustasius,
  - Sint-Maarten,
- L-Anguilla,
- Il-Gżejjer Kajman,
- Il-Gżejjer Falkland,
- Il-Gżejjer ta' Ġeorġja ta' Nofs-in-Nhar u Sandwich ta' Nofs-in-Nhar,
- Montserrat,
- Pitcairn,
- Sant' Elena u d-Dipendenzi,
- It-Territorju Brittanniku ta' l-Antartiku,

– It-Territorju Britanniku ta' l-Oċean Indjan,
– Il-Gżejjer Turks u Caicos,
– Il-Gżejjer Verġni Britanniċi,
– Il-Bermuda.